HENRY FRENDO twieled fl-1948 u sar personalità magħrufa bħala mexxej ewlieni tal-korp studentesk fl-1968.
Fl-1969 il-moviment immexxi minn Frendo nieda l-kampanja 'Djar għall-Maltin'. Fl-1970 huwa nħatar Editur tal-*Ħajja* u rnexxielhu jistabbilih bħala ġurnal ewlieni billi fi żmien sena irdoppja l-bejgħ tiegħu. Il-pubblikazzjoni tiegħu maħruġa mill-Klabb Kotba Maltin fl-1971 dwar Manwel Dimech qanqlet kontroversja sħiħa.
Dr Frendo għandu tlett gradi universitarji mill-Universita l-Qadima ta' Malta fejn inħatar għalliem tal-Istorja fl-1972. Fl-1976 huwa ippreżenta teżi dwar in-Nazzjonaliżmu u l-Iżvilupp tal-Partiti Politiċi Maltin fl-Università ta' Oxford wara li inagħta l-Commonwealth Academic Staff Scholarship: din it-teżi ġiet ippubblikata ftit żmien wara f'forma ta' ktieb taħt l-isem 'Party Politics in a Fortress Colony' li wkoll serva bħala bażi għal dan l-istudju dwar il-PN.
Henry Frendo illum jinsab Ginevra mal-UN, fejn qiegħed iwettaq ħidma fost rifuġjati mill-pajjiżi tat-Tielet Dinja.



Ir-rieda għall-Ħelsien 1880-1905
FRENDO

# Ir-rieda għall-Ħelsien
# 1880-1905

P. N.

HENRY FRENDO



Pubblikazzjoni
AŻAD

IR-RIEDA GĦALL-ĦELSIEN

1880-1905

minn HENRY FRENDO

Dritt tal-Pubblikazzjoni (C):
AŻAD PUBLICATIONS
Tagliaferro Centre
Third Floor No. 5
High Street
Sliema
Malta
Tel. 38372

Pubblikat għall-ewwel darba: Malta, Diċembru 1980

Pubblikat mill-AŻAD Publications

Editur Ġenerali: Richard Muscat

Disinn tal-Qoxra: Tandem Ltd

Stampat fl-Istamperija Indipendenza, Pietà, Malta

# IR-RIEDA GĦALL-ĦELSIEN
## 1880-1905

STORJA KRITIKA TAL-PARTIT NAZZJONALISTA
MATUL IL-KOLONJALIŻMU INGLIŻ

**HENRY FRENDO**
**B.A., B.A.(Hons.), M.A., D.Phil. (Oxon.)**

MAIN LIBRARY

TRADUZZJONI U ADATTAMENT TAL-PARTI L-KBIRA
TA' DAN IL-VOLUM:

**SYLVANA CRISTINA B.A.**

AŻAD Publications

Lill-Poplu Malti li,

meta kien determinat,

irnexxielu jillibera ruħu

mill-ħakkiema li heddewlu drittijietu

## NOTA TA' L-EDITUR

Ilu madwar tliet snin li l-Akkademja għal Żvilupp ta' Ambjent Demokratiku (AŻAD) kienet ħadet l-inizjattiva u ħajret lill Dr. Henry Frendo biex ihejji bil-Malti storja kritika dwar il-Partit Nazzjonalista. Dan infatti kien xogħol li ifforma parti minn proġett ta' għotja ta' "grants" għal studju ta' riċerka.

Nieħdu gost li fl-aħħar dan ix-xogħol qed jara d-dawl tal-pubblikazzjoni f'sena li għall-partiti politiċi Maltin in ġenerali u għall-Partit Nazzjonalista b'mod partikulari għandha sinifikat storiku speċjali, għax hi dik li fiha dan il-partit jagħlaq mitt sena mit-twaqqif tiegħu.

Nittamaw li f'dan il-volum, IR-RIEDA GĦALL-ĦELSIEN (1880-1905), li jeħodna mit-twaqqif tal-partit fl-1880 sal-mewt ta' Fortunat Mizzi fl-1905, tingħata idea kemm jista' jkun ċara u oġġettiva, ta' kif beda u trawwem dan il-partit fil-konfront, u kultant anke f'koperazzjoni ma' partiti oħrajn, kif ukoll fid-dawl ta' l-ambjent soċjali, kulturali, reliġjuż u politiku, fl-ibliet u rħula tal-gżejjer Maltin. Għadna qed inħossu vojt kbir professjonali fil-pajjiż fil-qasam storiku soċjo-politiku. Huwa dmir ta' kull awtorità responsabbli, mhux anqas ta' kull gvern li jmexxi 'l pajjiżna, li jinkoraġġixxi lill-Maltin li mhux biss jitgħallmu ġrajjiethom, iżda wkoll li jiktbuha bl-aktar mod serju u dettaljat. Kitbiet tal-ġrajja ta' movimenti anti-kolonjalistiċi bħal dak tal-Partit Nazzjonalista qatt ma sabu inkoraġġiment mill-awtoritajiet ta' żmien il-kolonjaliżmu.

Nittamaw li dan il-vojt jimtela xi ftit permezz ta' dan ix-xogħol li ma nippretendux li hu perfett jew komplet. Nittamaw għalhekk li jservi wkoll ta' bażi għal iżjed tiftix fuq episodji u personalitajiet, konflitti u strutturi, b'mod li l-ġenerazzjonijiet li telgħin, kif ukoll dawk li kienu indirettament involuti jew influwenzati dwar ċerti avvenimenti, jiċċaraw il-veduti tagħhom u jersqu iżjed lejn il-fatti kif ġraw, lejn il-verità — sa fejn hu possibli li din ssir tafha tassew, u b'mod għal kollox sħiħ. Min-naħa ta' l-AŻAD, bħala l-pubblikaturi ta' dan ix-xogħol, napprezzaw dik il-kritika kostrut-

tiva u kull tagħrif addizzjonali li għad jista' joħroġ dwar dan il-perijodu. Konvint illi hawn qed nesprimu wkoll il-fehma ta' l-awtur Frendo.

Minbarra l-inizjattiva ta' l-AŻAD u l-kontenut letterarju ta' Dr. Frendo, din il-pubblikazzjoni taf ukoll il-kontribut speċjali ta' Sylvana Cristina, B.A., li għamlet it-traduzzjoni u l-adattament tal-biċċa l-kbira ta' dan il-volum sew minn materjal diġà ppubblikat kif ukoll minn tagħrif ieħor miġbur fl-arkivji ta' l-istess Frendo, u li llum jinsabu fiċ-Ċentru ta' Dokumentazzjoni ta' l-Akkademja. Hajr ukoll lil Oliver Friggieri, Ph.D., li għen f'dik li hi ortografija, u lil ħbieb oħrajn li b'xi mod taw sehemhom biex isseħħ din il-pubblikazzjoni.

RICHARD MUSCAT

Sliema,

Diċembru 1980.

## WERREJ


**INTRODUZZJONI** Paġ.
In-Nazzjonalist: Min Kien u X'Ried? ... ... ... .. 11

**Taqsima 1:** IT-TWAQQIF TAL-P.N. FL-1880 ... ... 18
(i) Il-Gazzetta u l-Kandidati tal-Partit
(ii) L-Ewwel Programmi u Rebħiet tal-Partit

**Taqsima 2:** IL-ĠLIEDA GĦAL GVERN RAPPREŻENTATTIV ... ... ... ... ... ... 34
(i) Ir-Riformi fl-Edukazzjoni
(ii) L-Istrateġija Elettorali Nazzjonalista
(iii) Il-Vittorja Elettorali ta' l-1833
(iv) Id-Dimostrazzjoni ta' l-4 ta' Ġunju
(v) Ir-Rikors għall-Elezzjonijiet Infami
(vi) It-Taqbida għal Kostituzzjoni Rappreżentattiva
(vii) Ir-Rebħa Elettorali ta' l-1888
(viii) L-Iskandlu Simiana

**Taqsima 3:** IL-PARTITI POLITIĊI TAĦT KOSTITUZZJONI RAPPREŻENTATTIVA ... ... 77
(vi) Il-Ħatra ta' Strickland bħala Segretarju Prinċipali
(ii) Ir-Riżenja ta' Mizzi u x-Xiżma fil-P.N.
(iii) It-Twelid tal-Partito Unionista

**Taqsima 4:** IL-KWISTJONI TAR-RELIĠJON ... ... 91
(i) Il-Protokol Simmons-Rampolla
(ii) Il-Kwistjoni taż-Żwiġijiet
(iii) Il-Politika tar-Reliġjon
(iv) Il-Partito Popolare u l-Għajta għal Gvern Responsabbli

**Taqsima 5:** IT-TAQBIDA TAN-NAZZJONALISTI TAĦT L-AMMINISTRAZZJONI TA' STRICKLAND ... 115
(i) 'Il Fejn Kienet Ixxaqleb l-Opinjoni Pubblika?

**Taqsima 6:** IL-KWISTJONI TAL-LINGWA ... ... ... ... 124
(i) Il-Pari Passu vs il-Free Choice
(ii) Il-Kampanja tal-Partit Nazzjonalista
(iii) Il-Meetings f'Ta' Braxia
(iv) L-Anglicizzazzjoni tal-Qrati u l-Każ ta' Hewson
(v) Nazzjonaliżmu jew Interess ta' Klassi?
(vi) Appoġġ minn Barra
(vii) L-iskemi ta' modernizzazzjoni ta' Strickland
(viii) Tintemm l-Amministrazzjoni ta' Strickland
(ix) It-Twaqqif ta' l-Associazione Politica Maltese

"Illum ġod-drydocks filwaqt li jargumentaw mod, meta jiġu għall-fatti jagħmlu l-kontra. Dan għaliex il-biża' saret tiddetta lir-raġuni. Kul-ħadd għandu x'jitlef: kemm min jixtieq isib impieg lit-tifel jew tifla, u jħoss li aħjar jaqbel magħhom; kemm min jibża' li jitlef l-overtime'; hemm dawk li jixtiequ jakkwistaw xi 'scholarship' għal uliedhom; hemm min mhux kapaċi fuq xogħlu u jibża' li jaqbdu mieghu; hemm min jagħmel xi abbużi u ma jridx jesprimi ruħu; hemm min għandu liċenza ta' ħanut barra t-tarzna; hemm min qed jistenna xi 'promotion'; hemm min għandu bżonn jibdel ix-xogħol; hemm min hu marid, u hemm min sempliċiment ma jimpurtahx.

Però hemm nukleju żgħir ta' nies li jridu jaħsbu b'moħħhom, li jridu jkunu jafu x'inhu jiġri, li jridu jpoġġu l-argumenti favur u kontra fuq il-kefef ta' miżien qabel jiddeċiedu, li ma jħallux lil min ibeżżagħhom u lil min jintimidahom; hemm nies li moħħhom ħieles mit-toqol tal-biża', nies li huma ta' fibra soda u li jridu li min qed imexxihom jistmahom ta' bnedmin intelliġenti u maturi.

Dawk il-ħaddiema tat-Tarzna li għażlu li ma jaċċettawx l-alternattivi u jinsistu li għalissa ma jsirx tibdil fil-pensjoni sabiex ikunu jafu x'se tkun l-alternattiva huma dawk li moħħhom għadhom ma rrikattawhx u jien nawguralhom biex il-maturità mentali li jgawdu tkompli titkattar għax huma appuntu dawn in-nies li jistgħu jsibu soluzzjonijiet differenti ma' dawk ta' missirijiethom għal problemi li jinħolqu u f'nies bħal dawn hija t-tama ta' progress, għax dejjem jistaqsu kif u għaliex ħalli jkunu jistgħu jħaddmu moħħhom biex janalizzaw is-sitwazzjoni.

Dawn huma nies li meta tgħidilhom MUR trid tgħidilhom FEJN qabel ma jmorru. Lil dawn il-ħaddiema ngħidilhom: "prosit, u komplu uruna t-triq ta' l-irġulija."

Sfortunatament jien m'għandix daqshekk kuraġġ imma qed inħares lejn dawn il-ħaddiema biex niġi spirat, forsi qabel immut ikolli l-fortuna ngħajjat: "jien ħieles, moħħi huwa tiegħi." U nkun nista' naqta' l-ktajjen li ilhom jorbtuni u lill-poplu Malti, bħala konsegwenza ta' mijiet ta' snin inseftru lil ħaddieħor."

Silta minn ittra ta' ħaddiema tat-tarzna dwar 'L-Iskema tal-Pensjoni fit-Tarzna', **In-Nazzjon Tagħna,** 3 ta' Ottubru 1978, p. 5.

# Introduzzjoni

# IN-NAZZJONALIST: MIN KIEN U X'RIED

'Nazzjonalisti!' — l-għajta tradizzjonali tal-Partit Nazzjonalista Malti tiftaħ kull laqgħa kbira u tħeġġeġ il-folla li twieġeb 'hawn' b'turija ta' solidarjetà. Din il-għajta hija sejħa: sejħa lill-partitarji li tħeġġeġ il-qlub. Imma xi tfisser tassew fil-milja tagħha, din il-għajta 'Nazzjonalisti'; x'ifisser li wieħed igħid li hu nazzjonalist? Illum, meta xi ħadd igħid 'jien Nazzjonalist', kif hawn ħafna li jgħidu, dan ifisser li hu (jew hi) jappoġġja l-politika tal-P.N. Fil-bidu tal-partit, però, madwar seklu ilu, il-kelma 'nazzjonalist' u wisq iżjed is-sejħa 'nazzjonalisti!' kellha sinifikat inqas partiġġjan, iżjed miftuħ, għalkemm mhux inqas 'perikoluż' mill-lum. In-nazzjonalist kien fuq kollox dak li jħares b'mod kritiku lejn l-Imperjaliżmu.

In-nazzjonaliżmu u l-imperjaliżmu huma żewġ filosofiji opposti għal xulxin, bħal kelb u qattus. Min iħaddan waħda ma jistax iħaddan l-oħra. X'jirrappreżentaw dawn?

Nibdew bl-imperjaliżmu, għaliex in-nazzjonaliżmu qam prinċipalment bħala reazzjoni kontrieh.

Dari kont tisma' 'l min jiftaħar li hu 'imperjalist': jiġifieri ammiratur ta' l-imperu Ingliż fil-majestà tiegħu kollha. Kien impressjonanti l-imperu Ingliż, speċjalment għal min jimpressjona ruħu bil-miti tal-kobor. Kien imperu — hekk kienu jemmnu l-imperjalisti — li fuqu x-xemx ma tnin qatt. Ix-xemx titla' għall-ewwel darba mat-tlugħ tal-'union jack', u ma tinżel qatt. Il-Majestà Tagħha Vittorja (jew Vitor, kif kien hawn min isejħilha b'disprezz) kienet l-akbar simbolu ta' qawwa navali u militari, ta' superjorità kulturali u razzjali, ta' avvanz industrjali, u teknoloġiku, ta' sigurtà u ta' permanenza. Jekk tħares lejn mappa tad-dinja stampata qabel

l-aħħar gwerra u tara daqsxejn l-inħawi kollha miksija bl-aħmar — mill-Indja fl-Asja għat-Transvaal fl-Afrika t'Isfel u n-Niġerja u l-Kenja fuq kull naħa ta' l-Afrika, sal-Kanada (u qabel l-1776 it-territorji li saru l-Istati Uniti) fl-Amerika għall-Eġittu fil-Mediterran — malajr tieħu idea tal-vastità ta' dan id-dominju tal-gżejjer brittaniċi. Il-fus tiegħu kienet Londra. Illum ngħidu Washington jew Moska, dak iż-żmien kont tgħid Londra, jew Pariġi (għax wara l-imperu Ingliż l-akbar imperu kien il-Franċiż). L-uffiċjali li jmexxuh kienu Ingliż kien hemm il-'messaġġier' u l-qaddej tal-lokal. Iżda ġara ta' l-immaġni ta' dawn it-tipi ta' milordi żgħar u kbar servuti b'irjus baxxuti minn indiġeni ta' kulturi oħra hi kulurita daqs l-imperu stess: għaliex kull fejn rifes il-ġeneral jew kaptan Ingliż kien hemm il-messaġġier u l-qaddej tal-lokal. Iżda ġara li d-dinja ma kinitx mimlija messaġġiera u qaddejja, kif xtaqu l-imperjalisti (u anki ħafna messaġġiera u qaddejja wkoll). Kien hemm nies oħrajn, li la kienu Ingliżi jew Skoċċiżi, u lanqas kienu spjuni u sefturi. Fid-diversi nħawi tad-dinja fejn il-bastimenti tal-gwerra tellgħu l-'union jack' kien hemm, qabel it-tlugħ tal-bandiera 'ċivilizzata', drawwiet qodma, usanzi tipiċi, stili ta' imġieba u strutturi ta' sħubija kommunitarja jew rivalità tribali jew parrokkjali, ġerarkiji ta' poter li bilfors sabu ruħhom f'konfront (jew f'allejanza) mal-ħakkiema l-ġodda. Fil-parti l-kbira ta' l-imperu, kienu l-ħakkiema l-'bojod', għaliex ftit ħafna kienu l-postijiet dominati li kienu Ewropej — kienu suwed, sofor, kannella. U l-Ingliżi kellhom sellum dwar kif iħarsu lejn ir-razez. Fl-aħħar staffa kien hemm in-nigri (li sas-seklu l-ieħor kienu għadhom jinqabdu u jinbiegħu bħala lsiera f'diversi nħawi): fl-ewwel staffa, dejjem taħt l-Anglosassoni, kien hemm l-Ewropej l-oħrajn u l-Għarab ftit taħthom. Il-Maltin, per eżempju, kienu jgħaddu ma' l-Ewropej, għalkemm sensiela twila ta' 'missjunarji strateġisti' ssuġġerew li l-Maltin kien imisshom jagħtu importanza akbar lill-Għarbi, u mhux l-ewwel darba li uffiċjali kolonjali li ma kinux żaru Malta jew li kienu iżjed razzisti minn oħrajn irriferew għall-Maltin bħala Afrikani jew suwed.[1] Waħda mir-riferenzi li fixklitni kienet dik ta' 'foreigner', użata b'riferenza għal Malti f'Malta minn Ingliż f'Londra. 'Foreigner' kienet tfisser xi ħadd (Malti f'Malta) li m'huwiex Protestant u ma jitkellimx bl-Ingliż. Għall-abitant indiġenu, naturalment, il-'foreigner' kien il-barrani, f'dan il-każ l-Ingliż, u bir-raġun; iżda għall-arroganza u l-prepotenza min-naħa ta' l-imperjalist ma kienx hemm limitu, tant li anki l-ispjun u l-qaddej kienu jibdew jagħmlu xi ftit ta' l-arja ma' sħabhom.

L-imperjalisti mhux Ingliżi ma kinux biss l-ispjuni u s-sefturi: kien hemm ukoll ħafna oħrajn, għal ħafna raġunijiet. Prinċpijiet kienu jbiddlu d-deħbijiet ta' artijiethom maż-żibeġ manifatturat jew ma' xi libsa jew kutra kbira; negozjanti kienu jiddiljaw mal-kollonjalizzatur ħafna drabi bi ħsara għal nieshom (meta ma kinux isiru pitkali ta' l-ilsiera u gwidi ta' dawk li jmorru għall-kaċċa tas-suwed). Oħrajn bdew jaħdmu f'intrapriżi ġodda mibdijin mill-Ingliżi: kumpaniji kummerċjali, vapuri u trasbord, tħaffir fil-minjieri, qtugħ ta' siġar fil-foresti. Għax hu fatt li l-Ingliż kien jieħu miegħu l-'progress' industrjali: kien 'superjuri' fis-sens li kien 'jilħaqlu' iżjed u kellu metodi iżjed mekkaniċi u sofistikati. Kien ġej minn soċjetà industrijalizzata, kellu l-flus. Min-naħa l-oħra, madankollu, dan il-vantaġġ għamlu sfruttatur aħjar f'ċerti każi, għalkemm kien hemm ukoll inħawi ta' l-imperu fejn il-preżenza Ingliża kienet iżjed ksir ir-ras għall-Ingilterra milli mezz ta' qligħ għall-merkanti tagħha. Żgur hu li l-preżenza ta' kultura oħra taħt il-mant tal-kmand superjuri ġiebet taqlib u adattamenti mgħaġġla b'riperkussjonijiet li sikwit kienu traġiċi ; u għadna nbatu minnhom illum, meta d-dekolonizzazzjoni hi l-problema tas-seklu. Biżżejjed tara l-mappa ta' l-Afrika u ssegwi l-linji dritti dritti li jaqsmu min-nofs muntanji u xmajjar, jaqsmu min-nofs popli sħaħ, bħallma l-ħajt ta' Berlin f'ċerti partijiet jaqsam raħal fi tnejn, biċċa fuq il-lvant tal-ħajt u l-biċċa l-oħra fil-punent. Dawn il-linji

m'humiex fruntieri naturali; ħafna drabi huma sempliċement fruntieri ta'konvenjenza politika imposti bi kriterji li xejn ma jgħoddu għan-nies milquta. Bħal dak li qallu l-fruntiera tagħmel in-nazzjon, li suppost hi espressjoni tiegħu!

Essenzjalment, mela, meta nitkellmu fuq imperjaliżmu qegħdin infissru sistema ta' ħakma ta' poplu fuq ieħor, u allura mod ta' iggvernar ripressiv, fejn min imexxi ma jirrappreżentax il-ħtiġijiet veri tal-poplu, imma jqarraq bil-poplu biex jinqeda hu, u jaħqar lil min ma jaqbilx ma' l-interessi jew l-ideat tiegħu. Dawk li kienu jappoġġjaw lill-imperjaliżmu għall-vantaġġi utilitarji li seta' jagħtihom kienu fl-istess ħin qegħdin jikkommetu suwiċidju bħala membri tal-kommunità nazzjonali li welldithom u għaġnithom. Kienu qegħdin ifittxu li jiksbu xi ġid materjali filwaqt li jemaskulaw ruħhom mill-potenzjal soċjali ta' arthom stess. B'danakollu, dawn il-prodotti ta' l-imperjaliżmu huma magħrufin biżżejjed u fl-aħħar mill-aħħar **huma** l-isfortunati, għalkemm jafu jpattuha lil nieshom stess billi jiksbu l-poter u jinfexxu f'vendetta skiżofrenika.

In-nazzjonalist kien bil-maqlub ta' l-imperjalist.

Lill-ħakkiem barrani, flok jinġibed lejh, kien jistkerrhu; flok jillagħqu, jiqaflu; flok jimitah, jiddistingwi ruħu minnu. Għalhekk, fuq il-pjan morali, il-karatteristika ewlenija tan-nazzjonalist kienet il-kuraġġ; fuq il-pjan kulturali, l-identità; fuq il-pjan ekonomiku, l-indipendenza mill-gvern; u fuq il-pjan politiku, il-konfrontazzjoni. Dawn il-kwalitajiet kienu jagħmlu lin-nazzjonalist konservattiv fis-sens li hu kien jopponi bidliet imposti minn fuq, mingħajr konsultazzjoni, mingħajr rappreżentanza, u ħafna drabi bidliet li l-gvern kien iwettaqhom għax hekk kien ikun jaqbel lilu, anki jekk sikwit bi flus il-poplu. Konservattiv ukoll għaliex, fil-kolonjaliżmu, il-bidla m'hijiex proċess naturali, evoluttiv, iżda impożizzjoni li tirrifletti l-interessi u saħansitra l-istil ta' għajxien differenti tal-ħakkiem barrani u ftit ftit, b'effett pervers, ukoll ta' dawk li jappoġġjawh, jaqduh u jagħmluha miegħu.



F dan il-każ, mela, it-terminu 'konservattiv' m'għandux jitfisira li ssib f'soċjetà industrijali, bħall-Ingilterra, fejn hemm interessi kapitalisti qawwijin f'konflitt ma' interessi popolari-proletarji; 'konservattiv' fil-kuntest kolonjali tfisser li tkun patrijottiku, promotur u difensur tat-tradizzjonijiet ta' artek. Sa ċertu punt, madankollu, dan ifisser ukoll difiża tal-**istatus quo.** Hawnhekk tibda taħdem tħabbila bejn l-aspetti morali, kulturali, ekonomiċi u politiċi. Il-pjan ekonomiku hu vitali għaliex l-aspetti l-oħrajn huma ftit jew wisq marbutin miegħu. Jekk Duminku huwa impjegat tal-gvern f'Kastilja, m'huwiex probabbli li dan se jkun wieħed mill-mexxejja tal-partit anti-governattiv. Imma jekk Ġorġ huwa nutar li jaħdem għal rasu u jaqla' l-ħobżna ta' kuljum mingħajr ma jiddependi fuq is-salarju 'tal-gvern', hemm ċans tajjeb li dan ir-raġel 'tal-iskola' jieħu parti prominenti fil-partit anti-kolonjalist u jitkellem kif jidhirlu u għan-nom tal-poplu kontra l-gvern. Madankollu, l-interessi — forsi l-aktar dawk li huma ekonomiċi — ta' Duminku u ta' Ġorġ m'humiex l-istess. Jista' jkun li Duminku hu **kontra** l-partit anti-kolonjalist, għax forsi jaħseb li jaqbillu jżomm mal-partit tal-gvern. X'aktarx ukoll li Ġorġ, li kif għedna huwa nutar, ma jħarisx lejn il-ħajja mill-istess lenti li jħares lejha Duminku, impjegat tal-gvern kolonjali. Għalhekk aktarx li meta Ġorġ jesprimi valuri morali, kulturali, ekonomiċi u politiċi dawn, jew uħud minnhom, jew ma jkunux l-istess bħal dawk ta' Duminku, jew inkella Duminku bilkemm jifhem x'inhu jgħid Ġorġ.

Iżjed u iżjed meta tiftakar li l-messaġġ nazzjonalista fis-seklu dsatax kien messaġġ ġdid, kultant rivoluzzjonarju; l-aċċess għall-informazzjoni pubblika kien limitat u l-mezzi ta' komunikabilità tal-mexxejja nazzjonalisti mal-massa wkoll kienu mimlijin tfixkil, speċjalment (bħalma kien il-każ f'pajjiżna) meta kien hemm iżjed minn lingwa waħda wżata minn nies ta' klassijiet jew oqsma differenti.

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet fl-istorja tan-nazzjonaliżmu madwar id-dinja fl-aħħar żewġ sekli kienu l-klassijiet tan-

nofs li ħadu l-iżjed inizjattivi organizzattivi u ġibdu warajhom parti sostanzjali mill-massa, inkluża, f'ċerti pajjiżi iżjed minn oħrajn, il-klassi tal-ħaddiema ta' l-id. F'każijiet partikolari, bħar-rivoluzzjoni Alġerina fis-snin 50 ta' dan is-seklu, kienu l-bdiewa li ħadu l-aktar parti prominenti. Iżda mill-bqija kienet il-borgeżija li għamlet l-ewwel passi. 'Borgeżija' huwa terminu ieħor li jeħtieġ ftit spjegazzjoni. Illum insibuh użat ħafna drabi b'mod dispreġġjattiv minn kittieba u kelliema li jsejħu lilhom infushom 'marxisti' (għad li sikwit tiskopri li jkunu tfal 'moderni' tan-nobbli u/jew tas-sinjuri!). Fil-fatt, jien niddistingwi żewġ tipi ta' borgeżija. Waħda nsejħilha l-borgeżija 'tal-flus' (li bil-Franċiż tappartjeni bejn wieħed u ieħor għat-terminu 'nouveaux riches'). L-oħra insejħilha 'ta' l-iskola', li tikkorispondi ftit jew wisq għad-definizzjoni ta' 'intellettwali': jiġifieri nies li la huma **għonja wisq** (biex tant ikollhom interessi li jżommu lura milli jieħdu 'r-riskju tal-kontroversja' li ma jiftħux ħalqhom, jew jingarżaw ruħhom mal-ħakkiema u s-sidien); u lanqas huma **fqar tant** li jkollhom — bħal ħaddiem żgħir — jiddependu għall-għajxien tagħhom u tal-familji tagħhom fuq il-'ħniena' tal-gvern, u allura dawn, bħall-għonja, imma għal raġunijiet differenti, ukoll jibqgħu ħalqhom magħluq jew ibaxxu rashom għar-rieda tal-ħakkiem. (S'intendi qegħdin nitkellmu dejjem dwar qagħda kolonjali, fejn ma teżisti ebda demokrazija: iċ-ċittadin hu mċaħħad mill-jeddijiet fundamentali tiegħu bħala bniedem, partikolarment il-jeddijiet ċivili u politiċi.) Fin-nofs, bejn dawn iż-żewġ trufijiet, insibu lil dawk li sejjaħtilhom il-borgeżija ta' l-iskola, jew il-klassijiet tan-nofs, li sikwit jiddominaw fil-movimenti nazzjonalisti, f'dawk tas-seklu dsatax terġa' iżjed milli f'tal-lum. Imma n-nazzjonaliżmu kellu wkoll l-egħruq fil-fond, għax dawn it-tipi ta' nies, wara kollox, kienu jappartjenu għall-poplu maħkum, u allura setgħu jħossu l-polz ta' nieshom wisq iżjed milli kienu jħossuh il-ħakkiema, għalkemm dawn kienu megħjunin mill-kollaboraturi indiġeni. Nieħdu pajjiż fejn kien hemm ir-reliġjon Buddista jew Hindu: din ma kinitx reliġjon tal-ħakkiem Ewropew. L-istess għall-ilsna, bħar-reliġjonijiet. Fiċ-Ċina (u lanqas fi Quebec) ma kinux jitkellmu bl-Ingliż; fil-Kamerun ma kinux jitkellmu bil-Franċiż. L-ikel tat-tribù tal-Kikuyu fil-Kenja ma kienx 'Yorkshire pudding', hekk kif in-nies tal-muntanji fl-Etjopja ma kinux jagħmlu s-'Saltimbocca alla Romana' jew jixorbu s-Sambuca. Fejn jixorbu l-birra ma jixorbux l-inbid; u hekk ukoll fejn hemm id-deżert ma jużawx umbrellel, fejn jagħmel il-monsûn ma jilbsux ġakketta u sidrija bl-arloġġ tal-but; u nistgħu nibqgħu sejrin hekk. Il-mexxejja nazzjonalisti, kien x'kien in-nisel soċjali tagħhom, setgħu jinterpretaw jew għallinqas isemmgħu l-leħen tan-nies nattivi ta' l-art maħkuma u meta kienu jagħmlu dan bilfors li kien ikun hemm ħafna lesti jisimgħuhom u jsegwuhom, għalkemm naturalment kien hemm dejjem oħrajn li ma kinux jappartjenu għall-istess kultura jew klassi jew reġjun, jew ma kinux jaqblu dwar metodi jew idejali.

F'Malta, sieq waħda tan-nazzjonaliżmu kienet il-lingwa Taljana, l-oħra kienet ir-reliġjon kattolika. Fuq dawn iż-żewġ saqajn nistgħu nqiegħdu lin-nazzjonaliżmu Malti, bl-elementi ideoloġiċi-elitisti u fanatiċi-popolari tiegħu. L-ewwel u l-aqwa interpretu ta' dan il-moviment kien il-Partit Nazzjonalista, immexxi mill-bidu tas-snin 80 tas-seklu l-ieħor sa l-1905 mill-avukat Fortunat Mizzi u sħabu.

# Taqsima I
# IT-TWAQQIF TAL-PARTIT NAZZJONALISTA FL-1880

## (i) Il-Gazzetta u l-Kandidati tal-Partit

Partit politiku jibda jeżisti meta grupp ta' nies ta' l-istess fehma — jew aħjar ta' fehmiet u interessi li jaqblu ma' xulxin — jingħaqdu bejniethom u jibdew jorganizzaw ruħhom sabiex jinfluwenzaw l-affari pubblika. Biex tibda partit, mela, trid grupp politiku li jaġixxi bħala entità maqtugħa minn dik tal-membri bħala individwi għal rashom. Trid li dawn ikunu magħrufin pubblikament bħala s-segwaċi ta' partit li jkollu isem; li jkollu wkoll mexxej jew kumitat li jmexxih; li jkollu manifest kif ukoll mezz biex iwassal l-ideat tiegħu. Il-partit allura jibda jara kif l-aħjar jista' jeżerċita influwenza fuq l-amministrazzjoni ta' l-affari pubblika. Dan jagħmlu billi jipprova jikseb kemm jista' jkun appoġġ politiku fost il-poplu u jinfluwenza l-gvern sakemm, bħala ideal suprem, jieħu l-gvern f'idejh hu. L-iktar mezz ovvju biex jintlaħqu dawn l-għanijiet hu li l-partit jibda jikkontesta l-elezzjonijiet. Il-Partit Antiformista li twaqqaf fl-1880, u li fi ftit snin evolva, taħt l-istess mexxejja u, tista' tgħid, bl-istess programm fil-P.N. (għall-ewwel magħruf bħala 'Partito Nazionale') — kellu, kif se naraw, dawn il-kwalitajiet kollha li jikkostitwixxu partit politiku.

L-ewwelnett, kien hemm grupp ta' nies li ltaqgħu, tkellmu bejniethom, u ddeċidew li jaqblu fuq ġabra ta' prinċipji u ideali; hi ħaġa ċara li ddeċidew ukoll li jippreżentaw ruħhom quddiem il-pubbliku mhux bħala kandidati individwali iżda bħala kandidati tal-partit li ngħata l-isem u għal xi snin kien magħruf bħala l-'Partito Antiriformista'. Bħala l-Partit Antiriformista, dawn il-kandidati ikkontestaw l-elezzjoni ġenerali li saret fit-tielet ġimgħa ta' Ottubru 1880. Il-partit kellu gazzetta



bħala l-organu regolari tiegħu, **Il Diritto di Malta** (Id-Dritt ta' Malta), u d-direttur tagħha kien it-Tabib Ernesto Manara. Il-gazzetta tal-partit kienet toħroġ kull ġimgħa; kellha wkoll speċi ta' ħarġa speċjali għall-elezzjoni. Baqgħet toħroġ sa l-1885, għalkemm mill-1883 'il quddiem il-partit beda jkollu gazzetta ta' kuljum, kif se naraw. Il-gazzetta kienet tfisser l-ideoloġija tal-partit, tikkritika lill-partit rivali r-'Reform Party', u fuq kollox ixxandar regolarment, b'tipi ħoxnin, l-ismijiet tal-kandidati tal-partit u tħeġġeġ lill-qarrejja u lill-eletturi biex jivvutaw għalihom. Id-**Diritto di Malta** għalhekk għandha importanza mill-akbar fl-istorja tal-partit għaliex hi kienet il-mezz ewlieni ta' kommunikazzjoni ta' ideat u ta' propaganda. Għall-istoriku, sakemm ma joħorġux dokumenti u manuskritti ta' dawk iż-żmenijiet li sal-lum ma nafux bihom jew qegħdin moħbijin għand nies privati jew xi individwi 'tal-familja', id-**Diritto di Malta** tibqa' l-għajn l-aktar għanja għall-storja bikrija tal-partit. L-ewwel ħarġa ġġib id-data ta' l-1 ta' Lulju 1880, tliet xhur qabel l-elezzjoni, u tliet ġimgħat wara li kienet bdiet toħroġ il-**Malta Standard,** gazzetta oħra ta' kull ġimgħa, li kienet pro-Ingliża u għalhekk pro-Riformista. L-editur ta' din kien wieħed resident Ingliż jismu George Alfred Page. Mill-editorjali u l-kontenut ġenerali ta' dawn iż-żewġ gazzetti wieħed jista' jara x'kienu jirrappreżentaw iż-żewġ partiti u jaqta' min kien isostnihom u b'liema mod.

Il-P.A.R. ippreżenta 7 kandidati:

Salvatore Cachia Zammit, Emmanuel Debono, Fortunato Mizzi, Carlo Maria Muscat, Agostino Naudi, Zaccaria Roncali, Giovanni Sciortino.

Minn dawn, erbgħa kienu avukati (Mizzi, Naudi, Roncali u Sciortino), wieħed kien negozjant (Muscat), ieħor (Debono) kien kanonku, filwaqt li Cachia Zammit kien benestant żgħir.

Il-biċċa l-kbira, jekk mhux kollha (bl-eċċezzjoni ta' Cachia Zammit li aktarx kien miż-Żejtun), kienu mill-Belt Valletta. Debono kien kanonku tal-kolleġġjata ta' San Pawl, li tagħha C.M. Muscat kien benefattur akkanit. X'aktarx li l-grupp diġà

kellu wkoll relazzjoni favorita mal-każin tal-banda La Valette, li Mizzi wara għamel żmien president tiegħu meta dan kien sar tista' tgħid il-każin tal-banda l-iżjed stabbilit, u rispettat anki mill-baned l-oħra. Mizzi wkoll — għalkemm ġej minn familja Għawdxija u dejjem kellu rokna speċjali f'qalbu għal Għawdex — kien imwieled il-Belt, fejn il-ġenituri tiegħu kienu marru joqogħdu minħabba li missieru kien laħaq maġistrat u kellu jipprattika fil-qrati ta' Malta. Mhux ta' b'xejn, għalhekk, li l-P.N. ġieli ġie deskritt, f'lingwaġġ popolari, bħala 'l-partit tal-Belt'.

Valletta kienet il-belt kapitali tal-gżira, ċentru amministrattiv (iċ-ċivil) u kummerċjali (il-ħwienet, il-monti) u legalistiku (il-qrati) u ta' divertiment (il-karnival, ir-regatta) u anki ta' tbaħrid (Strada Stretta). Il-Belt kien ukoll imdawwar miż-żewġ portijiet, u l-attività merkantili marbuta ma' l-'import-export' kienet bilfors tgħaddi minn hemm: it-trasbord, l-imħażen, il-pitkali, tas-suq, il-barklori, tal-faħam, iz-żwiemel tal-ħatt u l-ġarr, tal-karrozzin, u l-laneċ u tad-dgħajsa. Kienet l-akbar fil-popolazzjoni, u kellha wħud mill-akbar festi: San Pawl, id-Dulluri, San Duminku. Apparti San Ġwann, fejn kienu jsiru ħafna funzjonijiet nazzjonali u semi-uffiċjali bil-pompa kollha. Kienet ukoll iċ-ċentru politiku: il-Kunsill tal-Gvern kien jiltaqa' fil-Palazz tal-Gvernatur (qabel tal-Gran Mastri). Il-gazzetti ewlenin kienu kollha stampati l-Belt.

Bi ftit immaġinazzjoni, fuq dan l-isfond ta' ħajja, nistgħu nintebħu liema funzjonijiet soċjali kienu jservu l-kandidati tal-partit li semmejna, kif kienu jintegraw mal-bqija tal-kommunità, inklużi dawk li ma kinux intitolati għall-vot iżda li xorta waħda kienu jsegwu x'inhu għaddej u jafu min huma l-personalitajiet prominenti. M'hemmx dubju li l-'lokal' favorit ta' dawn ma kienx il-'Union Club' (fejn il-Maltin ma setgħux jissieħbu) iżda l-Każin Malti u xi ħwienet tal-kafè (jew tat-tittotla) f'nofs il-Belt. Fl-eżerċizzju tal-professjoni, tan-negozju jew tal-vokazzjoni tagħhom dawn l-individwi, li huma biss 'sample' ta' tipi ta' nies f'karigi li jixxiebhu, kienu jiġu f'kuntatt



mal-popolin u jistabilixxu relazzjonijiet persunali ma' nies ta' kull xorta u minn kull kategorija soċjali. Naturalment, id-dundjan fil-Milied ma kienx jixtrih l-avukat, kien jaqilgħu! Imma dan jindika wkoll li n-nies tar-raba' ma kinux maqtugħin mill-belt kapitali — li ma kinitx bogħod iżjed minn ftit sigħat biż-żiemel mir-Rabat. Għalkemm kien hemm żgur distinzjoni importanti bejn tal-belt u tar-raħal, bħalma kien hemm bejn fqir u sinjur (għalkemm mhux bilfors f'termini għal kollox monetarji), l-inter-relazzjonijiet persunali kienu sa ċertu punt inter-klassisti, b'rabtiet relattivament faċli bejn belt u raħal; in-nies kienet tiltaqa' u anki titħallat xi ftit f'ċentri 'demokratiċi': il-knisja, is-suq, ix-xatt. Il-Belt kien fin-nukleju tan-nazzjon. F'dan is-sens il-partit 'tal-Belt' kien il-partit 'tan-nazzjon', u **mhux** il-partit 'ta' kontra r-raħal'. Fl-istess ħin ukoll, madankollu, ma kienx partit raħli: kien partit belti, l-iżjed fil-punt tan-nisel tiegħu; ftit ftit beda jikber u jitwessa'.

Il-politikant anzjan mill-grupp ta' l-1880, u l-iżjed distint, kien Cachia Zammit. Għalkemm l-introjtu tiegħu mill-proprjetà (li kważi żgur kienet tinkludi bosta proprjetà rurali b'kera ċens jew in perpetwu bi ħlas baxx ħafna) kien b'kollox ta' inqas minn £100 fis-sena — id-Direttur ta' l-Edukazzjoni kellu salarju ta' £500; il-Gvernatur ta' £3,000 — imma kien ilaħħal biżżejjed biex igaħġaħha, ta' sinjur żgħir, iktar u iktar minħabba li mid-dehra kien waħdu.(1) Cachia Zammit, li għalkemm ma marx università kien bin avukat, twieled fl-1831 u ġie elett fil-Kunsill għall-ewwel darba fl-1870. Kien bniedem li jaqra ħafna, familjari mal-klassiċi, dilettant ta' l-arti, magħġun fil-filosofija liberali forsi iżjed milli fil-ħsieb nazzjonalista; kien jifli l-gazzetti regolarment u kien għalhekk dejjem iżomm ruħu aġġornat dwar dak li kien qiegħed jiġri fl-imperu, fl-Italja u f'partijiet oħra tad-dinja minn rapporti li kienu jidhru fil-ġurnali u f'rivisti Ingliżi u Taljani. Moderat, bilanċjat u ġentlom, Cachia Zammit kien 'oratur kbir': hekk iddeskrivih Winston Churchill fl-1907 meta żar Malta għall-ewwel darba. Kien jaf bl-Ingliż, u x'aktarx li għalhekk ir-Riformisti ħabtu se

jinkluduh fil-lista tagħhom, iżda qalbu kienet mal-partit l-ieħor.

F'ċerti aspetti l-ħsieb politiku ta' Cachia Zammit kien avvanzat. Jekk wieħed jistħarreġ id-diskorsi tiegħu fil-Kunsill, isib diversi stqarrijiet liberali li jiddistingwuh. Ngħidu aħna, fl-1879, seklu ilu, dan diġà kien qiegħed jipproponi t-tneħħija tal-piena kapitali, li f'Malta tneħħiet ftit snin ilu. It-teżi ta' Cachia Zammit dwar il-piena kapitali kienet li "piena irriparabbli tistenna li jsir ġudizzju infallibbli" **(pena irreparabile suppone giudizio infallibile)**. Kien tal-fehma li, minflokha, kellha tidħol il-piena ta' ħabs għal għomrok. "Il-ġustizzja nisranija," qal Cachia Zammit, "tfittex il-korrezzjoni u mhux il-vendikazzjoni... m'hijiex in-Nemesi tad-dinja pagana" **(la giustizia cristiana è correggiatrice e non vendicatrice... non è la Nemesi del mondo pagano)**.(2) Filwaqt li rrifera għal għadd ta' ħassieba u politikanti Ingliżi — Bright, Ewart, Russel, Mill, Mackintosh — meta ssuġġerixxa li għandu jkun hemm f'Malta, u anki fl-Ingilterra, bħal fl-Italja u fi Franza, Qorti tal-Kassazzjoni, huwa ddeskriva lit-Tories u saħansitra lill-poplu Ingliż bħala "konservattivi wisq". L-Ingliżi, qal Cachia Zammit, kienu "l-inqas poplu miftuħ għall-ħwejjeġ ġodda" **(il popolo meno corrivo alle innovazioni)**.

Cachia Zammit kien jitkellem ukoll fuq il-ħtieġa ta' l-edukazzjoni u kontra s-salarji u l-kundizzjonijiet ta' xogħol ħżiena li kellhom l-għalliema Maltin. Fi Frar 1872 introduċa Ordinanza biex jiġu riveduti l-kundizzjonijiet tal-għalliema u biex jitjiebu s-salarji tagħhom, iżda l-Gvern kien opponieha u għalhekk ma kinitx għaddiet. Ħames snin wara lil Cachia Zammit insibuh għadu jsostni l-istess argumenti meta ssekonda mozzjoni simili minn membru ġdid tal-Kunsill, Sigismondo Savona.(3) Punt ieħor li fih kien jemmen Cachia Zammit, b'ċerti riservi, kien li jitwessa' l-jedd għall-vot fost il-poplu, għaliex dan il-jedd, qal Cachia Zammit, ifisser "l-użu tal-jedd politiku l-iżjed prezzjuż."(4) Cachia Zammit kien kontra l-proposta (li saret mill-'Commissioner' F.W. Rowsell fl-1878, u li kienet fattur prinċipali fl-irvell fil-Belt fil-15 ta' Mejju 1878)



tat-tneħħija tat-taxxa fuq il-qamħ, li kienet tagħfas l-iżjed fuq dawk li l-inqas setgħu jħallsuha iżda li kienet ukoll tifforma d-dħul ewlieni tal-kaxxa ta' Malta f'dak iż-żmien. Bħal sħabu tal-partit, Cachia Zammit kien ukoll favur li l-lingwa Taljana tibqa' l-mezz ta' edukazzjoni u ta' espressjoni uffiċjali fil-pajjiż, għalkemm jista' jagħti l-każ li minħabba li kien jaf bl-Ingliż u kien familjari mal-letteratura Ingliża kien inqas kontra l-użu ta' l-Ingliż minn uħud minn sħabu, fosthom Mizzi.

L-Avukat Agostino Naudi kien tip konservattiv; filwaqt li kien pro-Taljan, kien kawt, ftit riżervat; ulied kienu jattendu l-kulleġġ tal-ġiżwiti, fejn kien jiġi mgħallem l-Ingliż. Kellu ideat fissi dwar il-proprjetà privata u s-sistema fiskali. Zaccaria Roncali kien pur, idealista, fulkru ta' l-Italjanità kulturalment, politikament u filosofikament. Brillanti bħala kelliem, ċar fi ħsiebu, xafra fi lsienu, struwit u erudit, huwa kien dejjem jiċħad li kien **irredentista** (i.e. li jrid li Malta tingħaqad ma' l-Italja) imma żgur li xtaq jara kontinwità u tisħiħ fir-relazzjonijiet (għallinqas soċjali-kulturali) mal-gżira ġâra ta' Malta. X'aktarx li Roncali, fit-tradizzjoni risorġimentali, kien antiklerikali, għalkemm nisrani; m'hemm ebda xhieda li kien mażun, kif ġie mgħajjar minn xi Riformisti. Madankollu l-kampanja kontra Roncali bħala estremist ħalliet xi effett, u f'din l-elezzjoni ma telax fil-Kunsill. L-Avukat Sciortino kien bniedem raġonevoli, xi ftit avvanzat fiż-żmien; kien diġà kunsillier qabel l-1880 għal xi snin; ftit kien jitkellem. Ġieli vvota favur proposti magħmula minn Savona wara l-1875. Kemm il-Kanonku Debono kif ukoll Carlo Maria Muscat kienu l-iżjed sensittivi għal materji reliġjużi; ta' l-ewwel aktarx kien f'kuntatt regolari mal-ġerarkija ekkleżjastika, tat-tieni kien raġel sew, devot, tal-knisja.

Il-kandidat l-ieħor kien Fortunat Mizzi. Mizzi twieled il-Belt Valletta fl-1844 u tgħammed fil-knisja ta' San Duminku. Fl-1880, meta ħareġ l-ewwel darba għall-politika, kellu 36 sena. Il-familja tiegħu kienu joqogħdu fi Triq Zecca, id-dar fejn illum hemm plakka kommemorattiva għalih (u fejn hemm is-

sede tal-Moviment Azzjoni Soċjali mmexxi minn qassis li jġib ismu).[5] Mizzi dam sentejn jew tlieta biex beda jiddistingwi ruħu u jistabilixxi qagħda ta' kmand fil-partit, fil-Kunsill u fil-pajjiż. Għall-bidu, huwa kien kandidat ieħor: kandidat tajjeb sew għax kien avukat dħuli, kemm għaliex kien ġej minn familja Għawdxija magħrufa — kien 'tal-maġistrat'. U Għawdex kienet kostitwenza għalīha, li teleġġi kandidat wieħed. Mizzi ħareġ għal Għawdex, u tela'. Jidher li Mizzi ġie ffittat u sfurzat biex joħroġ għall-politika. Għall-ewwel irrifjuta, anki pubblikament, u ssuġġerixxa lil persuna oħra. Dwar dan ħareġ dikjarazzjoni, li xxandret f'**Il Diritto di Malta.**[6] Għal xi żmien ismu tneħħa mil-lista tal-kandidati tal-partit (u aktar 'il quddiem kien hemm min ipprova juża dan il-fatt kontrieh) imma fl-aħħar aċċetta li jikkontesta l-elezzjoni bħala dmir lejn artu. Il-problema ma kinitx li Mizzi ma jaqbilx mal-politika tal-partit il-ġdid, iżda d-dubju tiegħu (u forsi tal-familja tiegħu wkoll) li joħroġ għall-politika u li jibda jiddedika parti kbira minn ħinu għal dan il-għan, minflok għall-professjoni legali u l-klijenti. Hekk Mizzi fl-aħħar daħal darba għal dejjem mal-kandidati nazzjonalisti, 'il-kandidati tad-**Diritto'.** Il-lista tas-seba' kandidati, kif għedna, kienet tixxandar fl-ewwel paġna kemm-il darba, b'tipi ħoxnin u għall-okkażjoni ta' l-elezzjoni l-gazzetta tal-partit ġieli ħarġet mat-tliet supplimenti ma' l-istess edizzjoni... per eżempju man-nru 14 tad-9 ta' Ottubru 1880.

(ii) **L-Ewwel Programmi u Rebħiet tal-Partit Antiriformista**

Il-Partit Antiriformista — li minn issa 'l quddiem nistgħu nsejħulu Nazzjonalista — tella' ħamsa mit-tmien siġġijiet fil-Kunsill fl-elezzjoni ta' Ottubru 1880. Beda bir-rebħ. Il-kandidati eletti kienu Agostino Naudi, Cachia Zammit, Fortunat Mizzi, E.M. Debono u Giovanni Sciortino. Zaccaria Roncali u C.M. Muscat ma ġewx eletti. Roncalli, b'444 vot, ma telax għal ftit voti. Huwa pprotesta kontra l-validità ta' l-elezzjoni ta' wieħed mill-kandidati Riformisti eletti, Sir Antonio Micallef, li kien bilkemm għadu spiċċa mill-kariga ta' prim imħallef.



Dr. Naudi wkoll ipprotesta dwar din l-elezzjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill li saret.

Il-Partit Riformista kien imnebbaħ l-aktar minn Sigismondo Savona (1837-1908), li f'Ġunju 1880 kien inħatar Direttur ta' l-Edukazzjoni u Rettur ta' l-Università. Savona kien ex-suldat u ex-għalliem ta' l-Ingliż li kien għamel xi sentejn fir-'Royal Military Asylum', Londra, fuq **scholarship** ta' l-'army' u wara fetaħ skola ta' l-Ingliż il-Belt; beda l-gazzetta ta' kull ġimgħa **Public Opinion** fl-1867 u taha għall-politika fl-1875. Wara l-ħatra tiegħu, li permezz tagħha minn membru elett sar membru uffiċjali tal-Kunsill, il-partit tiegħu beda jitmexxa mill-ħabib kbir tiegħu l-Avukat Pasquale Mifsud. Mifsud (li fl-1880, bħal Savona fl-1875, kiseb it-tieni l-ogħla għadd ta' voti) kellu klijentela kbira (kif kellu wkoll Naudi) u kien serva fil-Kunsill qabel Savona, fis-snin 60. Mifsud kien ippresieda fl-ewwel **mass meeting** politiku, li kien issejjaħ fi Pjazza Miratore, il-Furjana, nhar it-2 ta' Lulju 1879. It-tielet kandidat Riformista elett, wara Mifsud u Micallef, kien Francesco Saverio De Cesare, negozjant tal-bhejjem, minn Bormla, li kien ukoll editur-proprjetarju tal-gazzetta ta' kuljum **Risorgimento** u avversarju aħrax ta' Roncalli.

Ir-iRformisti kellhom iżjed kandidati mill-P.N., imma tellgħu inqas. Fost dawk li ma telgħux kien hemm il-patri dumnikan G.A. Bonello (li ġieb qisu nofs il-għadd tal-voti li ġieb il-Kanonku Debono), il-qassis anglikan Hesketh Hanson, in-nobbli Giuseppe De Piro, in-Nutar S. Galea Balzan. Kien hemm għadd ta' oħrajn li kienu indipendenti miż-żewġ partiti, fosthom Emmanuele Scicluna 'iċ-Cisk', li kien Viċi-President tal-Kamra tal-Kummerċ u kien serva fil-Kunsill qabel imma din id-darba baqa' barra; u t-Tabib Francesco Adami, li aktarx kien iżjed imxaqleb lejn ir-Riformisti. Fuq Għawdex, il-ġlieda ewlenija kienet bejn Dr. Mizzi u l-avukat nofsu Ingliż William Rapinet. Rapinet kien għex l-Ingilterra, kien jitkellem bl-Ingliż tajjeb, u Sir Penrose Julyan darba kien issuġġerih għal Avukat tal-Kuruna; Rapinet wara kien spiċċa ħażin għax ġie mdaħħal

f'każ skabruż. Il-kandidat l-ieħor fuq Għawdex kien Gio. Batta Diacono, editur tal-ġurnal ta' kuljum **Il Corriere Mercantile Maltese,** li aktarx tellef il-voti lil Mizzi. Madankollu Mizzi ħareġ b'maġġoranza tajba.

X'kienu d-differenzi l-kbar bejn in-Nazzjonalisti u l-imperjalisti? Dwar il-kandidati, jidher li mar-Riformisti kien hemm element ta' l-'alta soċjetà' li fil-P.N. ma kienx jeżisti: Sir Antonio Micallef, Marchesino De Piro; fl-istess ħin kien hemm ukoll tipi ħafna inqas fini bħal Francesco Saverio De Cesare, li kien jixxala fit-tgħajjir u l-insinwazzjonijiet. L-element Dumnikan, rappreżentat minn Patri G.A. Bonello, jikkontrasta ma' l-element Pawlin, rappreżentat mill-Kanonku E.M. Debono, u x'aktarx juri rivalità parrokkjali li ssib espressjoni fir-rivalità politika. L-element legalistiku kien jaħkem fil-qasam Nazzjonalista, avolja l-imexxej il-ġdid Riformista, Mifsud, kien ukoll avukat mustaċċun.

Biex nifhmu x'kienu jirrappreżentaw il-partiti aktar fid-dettal jinħtieġ nagħtu ħarsa lejn is-sinifikat ta' l-hekk imsejjaħ 'riformismo' u 'antiriformismo'. Ir-riformiżmu fil-qofol tiegħu jfisser li żżid ma' — jew tnaqqas minn — xi ħaġa li diġà teżisti, li tbiddel xi ħaġa imma mhux f'sens radikali jew rivoluzzjonarju; l-antiriformiżmu huwa oppożizzjoni għal din it-tip ta' bidla, ta' kompromess imniġġes. Naraw ftit x'politika kienet tissuġġerixxi l-gazzetta Riformista.

L-istampa Riformista kienet tħeġġeġ lill-eletturi biex jivvutaw għall-Partit Riformista 'on the grounds of expediency and utilitarianism.' Fi kliem ieħor, il-filosofija ta' dawn kienet: Kienu jgħidu li l-Ingħamlu kif jaqbillkom, dabbru raskom. Kienu jgħidu li l-Ingliżi u l-Ingliż f'Malta huma utli, u allura kien 'utilitarju' li ''tagħmel dak li jaqbillek' u tivvota għal dawk li kienu favurihom. L-Ingliż, skond dan il-partit, kien ''l-ilsien ewlieni taċ-ċiviltà'', u mingħajru l-Maltin kienu jibqgħu lura bilfors. L-awtoritajiet 'tad-dar' (f'Londra) ma kinux se jikkonċedu li jħallu lill-Maltin jagħmlu xi użu minn libertà politika u li jgawdu mill-benefiċċji ta' istituzzjonijiet ħielsa jekk qabel dawn (il-Maltin) ma jkunux edukaw ruħhom (i.e. tgħallmu bl-Ingliż). L-impediment il-kbir kontra l-edukazzjoni f'Malta, skond dawn, kien it-Taljan. Huma ħabtu se jirriferu għalihom infushom bħala l-partit 'liberali' u għan-Nazzjonalisti bħala l-partit 'konservattiv'. Fi kliem l-imperjalisti, in-Nazzjonalisti kienu ''xewwiexa politiċi'' u ma kienx ''jimpurtahom'' mill-ġid tal-''humbler classes''. Argument ieħor — għalkemm mhux fost l-ewlenin — kien li s-sistema fiskali kellha tinbidel. Skond l-imperjalisti wkoll, ma kien hemm ebda dubju li l-lingwa tal-poplu kienet ''l-Għarbi u mhux it-Taljan''.(7)

L-argument Nazzjonalista kien bil-maqlub. In-Nazzjonalisti kienu juru l-ipokrisija ta' min jippriedka l-progress u jġib ruħu ta' tirann, u li allura ma setax ikun hemm progress mingħajr qabel ma jkun hemm il-ħelsien. Fi kliem ieħor, ma tistax tkun ilsir progressiv, wisq inqas ilsir 'liberali'. Il-ħassieb Taljan Terenzio Mamiani jissejjaħ '''il-filosofu tal-libertà''. L-influwenzi ta' ħassieba oħrajn progressivi, bħal Mazzini u Stuart Mill, jidhru ċari. Huma kienu jirrikolaw l-ideal ta' l-imperjalisti li, bħal speċi ta' missjunarji, jifirxu ċ-ċiviltà Anglo-sassona. B'mod partikolari kienu jiddieħku bil-Cobden Club, li Savona kien imsieħeb fih, u li kien każin soċjal-imperjalista f'Londra li jħares il-kummerċ ħieles u l-lingwa Ingliża bħala l-akbar kwalitajiet taċ-ċiviltà u tal-wirt imperjali. Ħarsu, in-Nazzjonalisti kienu jgħidulhom, lejn il-kontradizzjonijiet fl-imperu Ingliż; araw x'differenzi hemm bejn kif igħixu fl-Ingilterra u kif igħixu l-popli maħkuma minnha, bħall-Eġizzjani, l-Indjani u ċ-Ċiniżi. L-Ingliżi, sostniet id-**Diritto,** kienu jfaħħru l-libertà bejniethom filwaqt li jitterrorizzaw lis-suġġetti tagħhom barra l-Ingilterra; kienu jfaħħru l-mixja ta' l-industrji filwaqt li ma jħalluhomx jiżviluppaw fil-kolonji; kienu jgħallmu l-filantropija iżda f'darhom stess baqgħu jikkonservaw il-fewdaliżmu.(8) L-Ingliżi jgħidu, sostnew in-Nazzjonalisti Maltin, li huma qegħqed jifirxu l-bandiera taċ-ċiviltà, iżda dawn l-istqarrijiet, meta tqabbilhom ma' egħmilhom, m'huma xejn ħlief ''il-gaġġa ta' Jafet biex igħatti l-għarukaża ta' missieru''.(9) ''Hemm xi ħaġa

... barra s-sentiment filantropiku li tanima lil dawk li minkejja l-istorja jridu jagħmluna Saraċini, li minkejja d-dritt u s-sewwa jridu jeqirdu minn fostna l-lingwa li tesprimi ċ-ċiviltà tagħha, u li minkejja s-sens komun iridu jifduna mill-injuranza tagħna permezz ta' l-ilsien Ingliż. Tant għaġla biex idawluna, u fl-istess ħin jixtħuna lejn l-Afrika! Tant lostru umanitarju minn xi ħadd li nduna li l-massa dalwaqt kienet se tqum għal jeddijietha kien sempliċiment maħsub biex iġib il-konfużjoni sabiex forsi jżomm lura minn fuq il-mewġ storiku tal-Mediterran iż-żerniq viċin ta' jum ġdid li jbeżżagħhom."

Filwaqt li fl-ewwel ħarġa tiegħu l-organu Riformista kien kixef il-mentalità tiegħu meta għajjat kemm felaħ li Malta kienet "a garrison town and a naval station, and also contains a number of civilians"[10] — bħal dak li qallu kienet kumbinazzjoni mhux importanti li f'Malta kienu joqogħdu wkoll il-Maltin — l-organu antiriformista, fl-ewwel ħarġa tiegħu, irribatta għal dan billi stqarr li l-ideal tal-partit kien "li jxerred id-drittijiet sagrosanti ta' dan il-poplu ta' Malta".

L-ideat tal-partit kienu aġġornati u progressivi. Id-**Diritto** titkellem kontra l-aristokrazija, kontra l-iggvernar mill-klikka (l-oligarkija) u kontra kull xorta ta' despotiżmu, per eżempju ammetta l-jedd ta' Charles Bradlaugh li jkun membru tal-Parlament Ingliż għalkemm ateju.[11] Il-partit kien favur veduta internazzjonalista tal-mixja politika u soċjali. Wera t-tama li ċ-ċittadini **ta' kull art** jagħarfu l-jeddijiet tagħhom bħala l-mezz li jista' jnaqqas id-disgwid internazzjonali u sabiex kull tbatija soċjali tista' tispiċċa. Il-partit kien se jiġġieled "kontra r-rieda arbitrarja ta' l-Ingilterra, kontra l-abbużi, kontra n-nepotiżmu, kontra l-injoranza, u kontra l-ħafna feriti ta' soċjetà li kienet qiegħda tistaġna għaliex kienet tinsab imċaħħda minn ħajja politika."

De Cesare u Savona ġew deskritti bħala "tradituri tal-poplu." Lil wieħed, allegat id-**Diritto,** kienu tawh il-kuntratt tal-laħam **(l'appalto dei carni)**; lill-ieħor, tawh il-kuntratt ta' l-imħuħ **(l'appalto dei cervelli)**. Kif għedna, De Cesare, minbarra li kellu r-**Risorgimento,** kien negozjant tal-bhejjem, u kien, kif nafu, pro-Ingliż, jiġifieri anti-Nazzjonalist. Savona, li kien wiegħed fl-elezzjoni ta' qabel li ma jiħux impieg governattiv bħal dak ta' Direttur ta' l-Edukazzjoni, inħatar appuntu Direttur ta' l-Edukazzjoni u, jekk ma tridx — għalkemm hu ma kienx mar università u ma kienx eżattament gradwat — Rettur ta' l-Università. Nies bħal Savona u De Cesare "insew li kienu Maltin," kompliet il-gazzetta; u jservu biss biex "ifakkruna li aħna għandna nkunu l-ilsiera ta' l-Ingilterra, li nissagrifikaw kollox għall-benefiċċju esklussiv ta' dan il-famuż gwarniġjon u għar-**Royal Navy.**" L-artiklu tad-**Diritto** fejn saru dawn il-kummenti kien jismu "Il-Politika Sterlina ta' żewġ... Patrijotti" **(La Politica Sterlina di due... Patriott**i**).**[12]

F'dawn il-battuti bejn li **Standard** u d-**Diritto** hemm is-sisien tar-rivalità politika partiġġjana f'Malta, almenu sa l-1921, biex ma ngħidux sal-lum stess. Fuq naħa, mentalità servili u li tagħmel l-arja b'rix ħaddieħor; il-veduta ta' Malta bħala gżira ċkejkna li bil-fors trid, jew tagħmel ma', pajjiż ieħor jew tiddependi fuq ħaddieħor, iġġib il-flus, il-ħlas għall-eżistenza minn imkien ieħor. Mhux it-tfajla rżina tal-kampanja, sabiħa u safja fl-awtentiċità folkloristika tagħha, lanqas l-oħra fuq ruħha, sofistikata, allegra, tal-belt; imma dik li tirkeb lil ħaddieħor, li tiġbor il-frak talli tiknislu, li tbigħ lilha nfisha, li ssefter u tilgħaq biex tilħaq xi ħaġa jew biex taqla' xi ħaġa. Dan li jfisser il-kliem editorjali ta' l-organu Riformista: "Malta is a garrison town and a naval station, and also contains a number of civilians." Jiġifieri, skond dan il-partit, li l-Maltin bilkemm jeżistu. U allura, skond dawn, il-politika f'Malta ma tistax tkun **Maltija,** iżda sempliċiment mezz għall-espressjoni ta' interessi oħrajn, barranin. B'Malta tiżfen finnofs bħal Ċindirella: bla ankri, bla dehen, bla kultura tradizzjonali, bla jeddijiet individwali u nazzjonali.

Fuq in-naħa l-oħra, hemm it-twemmin Nazzjonalista, li jħares lejn Malta bħala nazzjon u potenzjalment bħala stat tal-poplu. Għandek in-nukleju ta' l-intell...

ġurnalisti, poeti, pitturi, għalliema, professjonisti — ta' nies oħra indipendenti, inklużi ħafna bdiewa u nies tar-raba', li jintrabtu ma' l-art, li jħossuhom ulied l-art li welliditħom, li jħossu l-polz tal-poplu nattiv, li jnisslu f'moħħhom x'tista' tkun, x'għandha tkun Malta fil-ġejjieni: ħielsa mill-kolonjaliżmu, ħielsa mill-ħakma tal-klikka mhux Maltija, ħielsa mill-kollaboraturi li mhux tassew jikkorrispondu max-xewqat u l-ħtiġijiet tal-Maltin bħala poplu, bħala nazzjon.

Id-dinamika tal-kolonjaliżmu, madankollu, hi ferm iżjed kumplikata u komplessa minn hekk. Il-linji li jifirdu fattur minn ieħor, dispożizzjoni minn oħra, m'humiex impinġijin fuq l-abjad u l-iswed. L-aktar li tidher il-konfrontazzjoni hu malli tibda, fl-ewwel ġenerazzjoni. U għalhekk il-ġenerazzjoni ta' l-1880 tagħtina l-aħjar opportunità biex nifhmu x'inhi l-ġlieda bejn in-Nazzjonalist Malti u l-imperjalist Malti.

Iż-żwiemel tal-battalja fis-snin tmenin kienu l-**commissioners** F.W. Rowsell, Patrick J. Keenan u Sir Penrose Julyan; ir-rikkieba ewlenin — wieħed bil-lanza tar-reġim, u l-ieħor bil-lanza tar-reżistenza f'idu — kienu Sigismond Savona u Fortunat Mizzi. Kien hemm ukoll ħafna damask intrikat: benjamini, pinnuri, impjegati, klijenti, neputijiet u kuġini, anġli u xjaten.

Kif kien li, f'daqqa waħda, f'temp ta' sentejn, l-Uffiċċju tal-Kolonji bagħat tliet kummissarji biex jinvestigaw x'inhu għaddej f'Malta u jagħmlu suġġerimenti dwar x'kellu jsir? Kien għadda nofs seklu minn mindu Malta kienet laqgħet 'royal commission': dik ta' żewġ liberali kbar (Austin u Cornwall-Lewis) li fost affarijiet oħrajn kienu rrikmandaw stampa ħielsa. Iż-żminijiet jitbiddlu, u n-nies jitbiddlu magħhom. Fis-snin 70 u 80 tas-seklu dsatax il-burdata Ingliża kienet ħraxet xi ftit u l-qagħda ta' Malta kienet saret iżjed delikata. Fl-1869 fetaħ il-Kanal tas-Suez. Fl-1870 ingħaqdet l-Italja. F'din il-ħabta wkoll beda interess ġdid fil-ksib ta' territorji fil-Mediterran, fl-Afrika u mkien ieħor minn għadd ta' pajjiżi Ewropej, l-aktar l-Ingilterra u Franza. Permezz tal-Kanal



tas-Suez, l-aċċess Ingliż għall-Indja sar iżjed faċli. Fl-istess ħin il-linja Mediterranea għas-Suez saret iżjed vitali. L-Ingilterra asseriet id-dominju tagħha fuq Ċipru fl-1878, u fuq l-Eġittu fl-1882. Ir-rivalità fil-qasam internazzjonali ġiet riflessa fil-politika ġewwiena tal-kolonja. Il-Gvern beda jindaħal iżjed, jagħfas iżjed; kibru t-tensjonijiet u l-konflitti. Ir-rapporti tal-kummissarji jixhdu dan l-interess ġdid fil-kundizzjoni ta' Malta fi żmien meta l-ewforja imperjalista Ingliża kienet fl-aqwa tagħha.

L-iżjed wieħed interessanti mill-kummissarji, għalkemm l-inqas wieħed li kellu effett fit-tul fuq il-Maltin, kien l-ewwel wieħed li wasal: Francis W. Rowsell Director of Navy Contracts). Rowsell kien radikali, ateju, **free trader,** membru tal-każini Cobden u Devonshire, kittieb ta' xi novelli, u artikolista tar-rivista famuża **Nineteenth Century,** li fiha anki kiteb artiklu dwar Malta fejn ta ħafna tagħrif siewi l-iżjed għall-istorja soċjali. Ir-rapport ta' Rowsell hu wkoll l-iżjed wieħed li jagħti tagħrif utli dwar dan l-aspett ta' ħajja f'Malta, għaliex ipprova jindovna ftit jew wisq kif kienu maqsumin il-klassijiet u l-'income groups' fil-pajjiż, inklużi dawk li, fi kliemu, "kienu lesti jittallbu għalkemm ma xtaqux iħammġu idejhom."

Is-suġġeriment l-aktar kontroversjali, u aktarx l-iżjed wieħed f'waqtu u urġenti, kien l-iżjed wieħed li twarrab malajr mill-Uffiċċju tal-Kolonji u l-amministrazzjoni lokali, wara oppożizzjoni minn diversi nħawi. Dan kien li jsir tibdil fiskali radikali, billi titneħħa jew titnaqqas it-taxxa fuq il-qamħ, u d-dħul li kien jiġi minn din l-għajn jibda jiġi minn taxxi oħrajn. Dan kien ifisser, kieku sar, li fuq il-qamħ (l-iżjed ikel essenzjali) kien ikun hemm kummerċ ħieles, u l-prezz ta' qamħ barrani faċilment seta' jkun orħos minn qamħ lokali — 'protett' mit-taxxa fuq il-qamħ. Dan beżża' lill-bdiewa u lill-Knisja. Imma naturalment, l-aktar element importanti f'din il-proposta kien il-prinċipju ta' it-tifrix mill-ġdid tat-taxxi skond kriterji iżjed aġġornati. Savona kien jaħsibha bħal Rowsell.

Ġara, madankollu, li, bħal f'Korfù u fis-Ceylon, id-dħul tal-pajjiż kien fqir wisq biex tista' tiddiversifika wisq, mingħajr ma terġa' tolqot xi ftit lill-istess setturi. Insomma, ir-riforma proposta dehret kbira wisq għal dak iż-żmien u impossibbli, u għalhekk twarrbet.

Il-proposti taż-żewġ kummissarji l-oħra kienu inqas vitali mill-lat soċjali, u kienu f'ċertu sens anti-soċjali, u mezz ta' aljenazzjoni politika. Dawn kienu jikkonċernaw l-aktar id-dħul tal-lingwa Ingliża flok it-Taljan — fl-iskejjel, fil-qrati, fis-servizz ċivili, anki fil-Kunsill tal-Gvern, fil-ħajja pubblika; u xi tibdil ieħor f'diversi oqsma.

Il-proposti ta' Patrick Keenan u Penrose Julyan kienu l-bażi tal-kontroversji politiċi għas-snin li jmiss, u jifirxu s-sodda għall-ġlidiet ta' wara bejn il-politika ta' assimiljazzjoni (angliċizzazzjoni) u dik ta' reżistenza (italjanità).

Hekk beda jeżisti l-Partit Nazzjonalista. Fl-ewwel snin tiegħu, f'każijiet partikulari u varji, Fortunat Mizzi beda jikseb is-saħħa fuq sħabu u jipprova jagħġen lill-kunsillieri anti-riformisti f'partit politiku iżjed attiv u identifikabbli, sew fil-qasam parlamentari kemm fil-qasam estra-parlamentari jew popolari.

L-imġiba parlamentari tal-partit għall-bidu kienet fluwida. Ma kienx hemm 'whip': il-votazzjonijiet kultant kienu jitħalltu, u l-kunsillieri jivvutaw iżjed skond xeħta persunali milli fuq fehma jew direttiva partiġġjana. Iżda f'ċerti miżuri n-Nazzjonalisti kienu jkunu unanimi kontra r-Riformisti u l-membri uffiċjali; ngħidu aħna, fil-każ ta' skema ta' drenaġġ fil-Kottonera li nbdiet qabel ma l-Kunsill kien ġie nfurmat biha (għalkemm parti sostanzjali mill-flus għaliha kienu Maltin) u li dwarha kien hemm ħafna fehmiet differenti.

Mizzi pprova jagħti lill-Kunsill sura ta' parlament, u lir-rappreżentanti eletti, l-aktar lin-Nazzjonalisti, jikkostitwihom bħala 'lobby' semi-uffiċjali. Kien għalhekk lif l-1882 insibuh jitlob għal Uffiċċju tal-Kunsill għalihom, għaliex, sostna Mizzi, dawn kienu rappreżentanti tal-poplu u ma kinux jieħdu gost jiddiskutu bejniethom f'sala fejn setgħu jidħlu l-membri uffiċjali. "Ma niħdux gost ikollna xhieda waqt il-konferenzi tagħna," qal Mizzi, "neħtieġu post speċjali għalina għad-diskussjoni ta' l-affarijiet politiċi.". It-talba tiegħu ma ntlaqatx, iżda l-iskop tiegħu jidher ċar.(13) Bħal din l-inizjattiva kien ħa oħrajn diġà, u 'l quddiem id-dinamiżmu u l-intransiġenza tal-mexxej Nazzjonalista ftit ftit kellhom iwasslu għal ċertu nuqqas ta' qbil fil-partit, iżda fl-istess ħin ukoll għal appell akbar fost il-poplu. It-tattika politika, anzi l-istrateġija, li Dr. Mizzi jibda juża twassal, wara ġlieda twila u tqila, għall-kisba tal-gvern rappreżentattiv fl-1887.

# Taqsima 2
# IL-ĠLIEDA GĦAL GVERN RAPPREŻENTATTIV

## (i) Ir-Riformi fl-Edukazzjoni

Is-snin 80, kif għedna, kienu karatterizzati minn għadd ta' kwistjonijiet li kellhom x'jaqsmu mal-prinċipji ġenerali li semmejna. Dawn il-ġrajjiet ħafna drabi kienu jikkonċernaw nuqqas ta' qbil dwar leġislazzjoni, diskriminazzjoni sfaċċata fl-għoti ta' l-impiegi jew affronti u inġustizzji u konflitti f'diversi oqsma tal-ħajja ta' kuljum. L-akbar nuqqas ta' qbil kien fl-amministrazzjoni tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni minħabba 'riformi' li riedu l-Ingliżi u, sa ċertu punt, Savona u sħabu. Fil-fatt, l-Oppożizzjoni xellfet lil dawn ir-riformi, imma l-Ingliż ġie mdaħħal fl-ewwel klassijiet tal-primarji, flimkien mal-Malti, u t-Taljan beda jitwarrab. Mill-bqija, madankollu, it-Taljan baqa' vitali fis-sekondarji u fl-università. L-utilità ta' l-Ingliż qatt ma kienet edukattiva jew kulturali fis-sens li kien jintuża t-Taljan, imma iżjed biex wieħed ikun jaf xi erba' kelmiet u b'hekk ikun jista' jiddobba. Ftit kienu dawk, għalissa, li kienu jħarsu lejn l-Ingliż bħala għodda għal edukazzjoni vera, kif kien it-Taljan. Fil-waqt, għalhekk, li forsi kien aħjar li flok tkun taf ftit Taljan tkun taf ftit Ingliż jekk tmur l-iskola biss għall-ewwel sentejn jew tlieta, id-differenza fit-'tagħlim' jew fid-dispożizzjoni mentali li kien jagħtik dan it-tlaqqit ta' Ingliż seta' 'l quddiem jorjenta b'mod anti-Taljan (u allura anti-nazzjonalista) lil dawk li jkunu għaddew minn din l-esperjenza fil-bidu tal-ħajja, bħala tfal. Li tgħid "yes Sir" flok "si Signore", insomma, kellha tifsira xi ftit differenti f'Malta taħt l-Ingliżi!

## (ii) L-Istrateġija Elettorali Nazzjonalista

Kien f'dawn is-snin li l-P.N., taħt it-tmexxija u l-ispirazzjoni



ta' Mizzi, beda jużа strateġija elettorali speċjali. L-għan tal-partit, u b'mod speċjali tal-mexxej tiegħu, kien li jiġbed l-attenzjoni ta' Westminster permezz ta' politika sensazzjonali li fil-waqt li ma tkunx vjolenti lanqas tkun passiva jew 'tassoltu'. Huwa introduċa tip ta' oppożizzjoni li nistgħu nsejħulha, b'kelma moderna, 'azzjoni diretta'. Din kienet attività extra-parlamentari b'effett dirett, iżda, fuq il-Kunsill tal-Gvern, u għalhekk ukoll fuq l-iffunzjonar tiegħu. Mizzi vvinta l-istrateġija tar-ridikolu. Huwa rraġuna hekk. Lill-Ingliżi bis-saħħa ma tistax tirbħilhom. Biex tasal magħhom, trid tappella għall-opinjoni pubblika kemm f'Malta, u permezz ta' din, fil-'House of Commons' u, permezz ta' din, fuq il-Gvern Ingliż li jagħti struzzjonijiet lill-amministrazzjoni lokali. Kif tasal għal dan? Kien hemm bżonn xi ħaġa li ma kinitx biss diskorsi twal fil-Kunsill — li wara kollox kienu jsiru bit-Taljan u biex jinqraw f'Londra kellhom jinqalbu għall-Ingliż. Lanqas kien biżżejjed li tikteb fil-gazzetti, li wkoll kienu fil-biċċa l-kbira bit-Taljan, l-aktar fuq in-naħa Nazzjonalista. Sakemm beda joħroġ il-**Malta Chronicle and Garrison Gazette** ta' Antonio (u wara ta' Augusto) Bartolo fl-1887, il-gazzetti **kollha** ta' kuljum, fil-fatt, kienu bit-Taljan: il-**Corriere Mercantile Maltese,** (li issa kienet bdiet titmexxa mill-proprjetarju tagħha G.F. Malfiggiani); ir-**Risorgimento** (ta' F.S. De Cesare); **L'Amico del Popolo** (ukoll f'idejn id-De Cesarijiet, immexxija minn Roberto De Cesare); u l-gazzetta kummerċjali **Lloyd Maltese** (li baqgħet sal-lum). L-organu Riformista, il-**Malta Standard**, kien baqa' joħroġ darba fil-ġimgħa, dejjem b'George Alfred Page bħala editur; l-istess id-**Diritto di Malta,** li d-direttur il-ġdid tiegħu, wara Ernesto Manara, kien Dr. Salvatore Castaldi. Mela l-gazzetti, għalkemm importanti, ma kinux biżżejjed. Mill-1839 'il quddiem kienu l-gazzetti, u mill-1849 'il quddiem kien ukoll il-Kunsill li servew ta' strument għall-espressjoni ta' l-opinjoni pubblika, b'mod ġenerali. Mizzi beda jfittex mezzi ġodda, aqwa; ried joħloq moviment politiku li jkebbes l-immaġinazzjoni popolari. U ried jolqot lill-Ingliżi kemm jista' jkun fil-

laħam il-ħaj. L-uffiċjali kolonjali kienu sikwit nies ta' ċerta severità, xufftejhom ma' xulxin, nies b'taħriġ militari li raw il-battalji u d-dmija fuq il-front, nies b'ideat u pretensjonijiet fissi ta' rispettabilità, ta' unur, ta' kmand, ta' dmir, ta' ċerimonji, u ta' klassi. Kienu dawn il-kwalitajiet li Mizzi ried jattakka — fejn l-iżjed setgħu jintlaqtu. L-iskop kien li jfixkel u jwaqqaf it-tħaddim ta' l-ogħla istituzzjoni politika fil-kolonja, jiġifieri l-Kunsill tal-Gvern ippresjedut mill-Gvernatur innifsu.

Fil-Kunsill il-mexxej Nazzjonalista beda jitkellem dwar il-ħtieġa ta' oppożizzjoni iżjed soda kontra l-maniġġi tar-reġim, dwar il-valur ta' l-oppożizzjoni. Mizzi kien jisħaq li iżjed hemm ċans li tieħu xi ħaġa meta topponi milli meta toqgħod kwiet u mans. Beda jħeġġeġ lill-kunsillieri u, permezz ta' kliemu fil-Kunsill — li kien jiġi rrappurtat fil-ġurnali — lill-poplu, biex kulħadd jieħu iżjed interess f'dak li kien qiegħed jiġri u jsemma' leħnu.

Meta fl-1882 il-kunsillier Riformista Sir Antonio Micallef (li kellu 72 sena) irriżenja, u kellha ssir elezzjoni parzjali għall-post vakanti li nħoloq, il-partit ta' Mizzi ppropona, bħala l-kandidat tiegħu, lil ċertu Francesco Ciappara. Dan Ciappara kellu 78 sena u kien jagħmel l-istatwetti tat-tafal; kien igħix l-aktar bil-karità (xi tliet xelini fix-xahar) u kien ibati minn forma ta' nevrastenija kronika (jista' jkun li kellu l-'ballo di San Vito'). Fi ftit kliem, ma kienx eżattament il-persuna xierqa biex isir kunsillier. Ciappara ġie elett b'vot qawwi għal dak iż-żmien — kiseb 613 vot — u hekk tela' fil-Kunsill tal-Gvern, mal-Gvernatur Boulton, iċ-Chief Secretary Houlton, l-Avukat tal-Kuruna Digli, id-Direttur ta' l-Edukazzjoni Savona u l-oħrajn kollha. Malli ħareġ ir-riżultat ta' l-elezzjoni, Mizzi rriżenja. Huwa ta bħala raġuni għar-riżenja tiegħu l-fatt li ma kienx dekor li jibqa' fil-Kunsill b'nies bħal Ciappara hemm. (M'hemmx għalfejn inżidu li Ciappara ma kienx jaf jaqra u jikteb.) Din ir-riżnja ta' Mizzi ħolqot vakanza oħra fil-Kunsill. Kellha ssir elezzjoni parzjali oħra. Sadattant, il-P.N. beda kampanja kbira f'Malta u barra biex juri l-istat li fih kienet



tinsab Malta, kif l-Ingliżi kienu jagħmlu li jridu f'kollox u l-Maltin ma kinux stmati, u fl-istess ħin bdew jiġbdu l-attenzjoni għall-istat ta' redikolaġni li kien waqa' fih il-Kunsill tal-Gvern u għall-ħtieġa ta' kostituzzjoni rappreżentattiva. F'ittra lill-Colonial Office, Mizzi qabbel lil Savona ma' Sir Robert Walpole, wieħed mill-akbar opportunisti u despoti fl-istorja parlamentari Ingliża. Biex tkompli, f'Novembru ta' l-istess sena l-partit ħatar 'għaref' ieħor biex jimla l-post li ħalla Mizzi, fuq Għawdex. L-ixxurtjat kien ċertu Antonio Baldacchino, li l-unika ħaġa li kien jaf jagħmel, mid-dehra, kienet li jdoqq l-orgni. Bħal sieħbu Ciappara, la kien jaf jaqra u lanqas jikteb. Issa kien hemm tnejn minnhom, għax Baldacchino wkoll malajr ġie elett. Il-Gvernatur, il-Ġeneral Borton, li kien qagħad jimla moħħu u jwiegħed u jbassar fid-dispakki li kien jibgħat Londra, li dan il-partit ta' Mizzi ma kellux appoġġ u li dalwaqt kollox jerġa' għalli kien u ħafna kliem bħal dan, daħal daħla f'qoxortu ġmielu, u kkonfonda x'se jaqbad jagħmel. Beda jdawwar id-diska, u kellu jametti li l-partit ta' Mizzi kien qiegħed jikber fil-pajjiż u jsir iżjed f'saħħtu f'konfront mal-Gvern kolonjali. Ipprova jara jistax jissopprimi lill-partit, billi ma jibqgħux isiru elezzjonijiet, imma dan ma setax ikun. Il-Kunsill tħarbat u sar qisu teatrin; kellu jieqaf — eżatt kif riedu Mizzi u sħabu. Il-Gvernatur kellu jsejjaħ elezzjoni, u kien Ottubru ta' l-1883 li l-Kunsill reġa' ltaqa'.

### (iii) Ir-Rebħa Elettorali ta' l-1883

Il-kwistjonijiet ewlenin fil-politika partiġġjana kienu tista' tgħid l-istess — lingwa u edukazzjoni, tmexxija ħażina u korruzzjoni — imma kien hemm xi żviluppi oħrajn sinifikattivi ħafna. L-elettorat inbidel b'tali mod li l-kundizzjoni biex tkun tista' tivvota saret mhux **edukattiva** (kemm ikollok skola) iżda **finanzjarja** (kemm ikollok flus jew proprjetà). B'dan il-mod l-għadd ta' votanti żdied b'xi 500% minn inqas minn 3,000 għal iżjed minn 10,000. Ħafna mill-votanti l-ġodda ma kinux nies ta' skola — għadd ġmielu, fil-fatt il-biċċa l-kbira kienu,

tista' igħid, analfabeti — imma fl-istess ħin kienu nies li minħabba l-intrapriżi jew proprjetà tagħhom setgħu iżjed faċilment ikollhom x'jaqsmu mal-Gvern fi transazzjonijiet kummerċjali, liċenzji, permessi, xiri u bejgħ ta' art, ecc. Il-ħsieb tal-Gvern jidher ċar biżżejjed: kabbar il-għadd tal-votanti billi eskluda lil għadd ta' nies edukati li kienu fqar, filwaqt li daħħal ħafna iżjed votanti li ma kinux ta' skola iżda kienu relattivament tat-tajjeb. Ma ninsewx li l-aspett dominanti fin-nazzjonaliżmu Malti diġà kien kulturali: il-lingwa, l-edukazzjoni, in-nazzjonalità, l-identità nazzjonali Maltija, it-tradizzjoni storika, u dawn kienu mfissra fil-filosofija ta' l-Italjanità u l-Latinità mediterranea. Kontra din il-fehma u dan is-sentiment, kien hemm 'il-klassijiet il-ġodda' li kienu iżjed marbutin mal-kummerċ ma' l-Ingilterra jew influwenzati — fl-iskola, fl-'army', fit-tarzna — mill-Ingliżi, u li allura setgħu jaraw f'Malta kolonja-fortizza imperjali. Fi ftit kliem, l-Ingliżi rraġunaw illi aktar kien hemm ċans li jsibu appoġġ mill-borgeżija tal-flus milli mill-borgezija ta' l-iskola. Irraġunaw ħażin. Almenu "in the short term", hekk indikaw ir-riżultati ta' l-elezzjoni, kif se naraw.

Hemm ġrajja oħra ta' xejra strutturali li bdiet isseħħ fl-1883. Din kienet il-pretensjoni tas-Segretarju ta' l-Istat għall-Kolonji Lord Derby li l-opinjonijiet tal-kunsillieri eletti kellhom jitqiesu biss jekk u meta dawn ikunu **unanimi,** u sakemm il-Gvernatur ma jidhirlux li ma jkunx hemm kunsiderazzjonijiet "ta' interess imperjali jew finanzjarju" importanti!

Is-sitwazzjoni kostituzzjonali, minn dan il-lat, kienet sejra għall-agħar flok għall-aħjar. Naturalment, ix-xewqa tal-kolonjalisti kienet li n-Nazzjonalisti jaqtgħu qalbhom u jnaqqsu flok iżidu l-ħidma tagħhom.

Ġiet l-elezzjoni, u l-partit tal-Gvern, b'Borton u Savona b'kollox, taw palata kemm felħu lir-Riformisti waqt il-kampanja elettorali b'diskorsi pubbliċi favur l-ilsien Ingliż f'Malta u b'modi oħra inqas ovvji.

Għalkemm il-Partit Riformista kien għadu mmexxi mill-



Avukat Pasquale Mifsud, il-manifest attwali ta' l-elezzjoni kien ir-rapport dwar l-istituzzjonijiet edukattivi li kien għamel Savona ftit qabel u li kien imsejjes fuq ir-riformi fl-edukazzjoni. Il-figura ta' Savona — bħala wieħed Ingliż iżjed mill-Ingliżi — kienet taħkem fuq il-kamp Riformista, bħalma l-figura ta' Mizzi, bħala l-mexxej ta' l-Oppożizzjoni, kienet tiddomina fil-kamp Nazzjonalista. Ix-xaqliba fl-opinjoni pubblika kienet indikata mill-fatt li anke Francesco Saverio De Cesare (li ċ-Chief Secretary l-ġdid, bniedem aktarx kiesaħ ħafna jismu Walter Hely-Hutchinson, privatament iddeskrivieh bħala "an untrustworthy beggar") kien beda jibdielu, tant li meta dan siefer (mar l-Awwstralja għal xi żmien) ħalla l-gazzetta ta' kuljum tiegħu, ir-**Risorgimento,** f'idejn Fortunat Mizzi. Mizzi m'għandniex xi ngħidu, għamel xalata biha bħala strument antisavonjan; u l-affari mid-dehra għoġbitu, għaliex x'aktarx fehem l-importanza li l-partit ikollu gazzetta tiegħu ta' kuljum. F'Ottubru 1883, fil-fatt, Mizzi waqqaf il-**Malta,** li beda jmexxi huwa stess, bl-istamperija tagħha fil-Belt magħrufa bħala t-**Tipografia del 'Malta'.** Biex jagħmel dan huwa sab inkuraġġiment kbir ukoll fl-elezzjoni ta' l-1883, li kienet rebħa kbira għall-partit tiegħu, minkejja l-ostakli kollha u l-ħafna akkużi ġeneralment bla bażi dwar irredentiżmu u mhux irredentiżmu.

Il-kandidati tal-partit, imxandra bħal fl-1880 fil-gazzetta tal-partit, id-**Diritto,** kienu Fortunat Mizzi, Zaccaria Roncali, Carlo Maria Muscat, Agostino Naudi, kif ukoll tlieta ġodda li kienu l-Kanonku Paolo Agius (wara arċipriet), Arturo Barbaro, u l-Kaptan Cooper Kirton, uffiċjal tal-P. & O. Steam Navigation Co. li kien ilu Malta 27 sena. Cachia Zammit ħareġ pjuttost bħala indipendenti, kif kien dejjem inklinat li jagħmel.

Il-kandidati Nazzjonalisti telgħu kollha, b'iżjed voti. Cachia Zammit biss baqa' barra, għal ftit, b'410 voti. Ir-Riformisti kellhom telfa mill-akbar. Il-mexxej tal-partit, Dr. Mifsud, sieħeb Savona, ma telax. Lanqas De Cesare, li reġa' kkontesta ma' dan il-partit minkejja li kien ħalla l-gazzetta f'idejn Mizzi. Tela' biss, minn Malta, l-imperjalista Vincenzo Bugeja, li kien

meqjus bħala sinjur daqs iċ-Ċisk. Dan Bugeja ħareġ ukoll fuq Għawdex kontra Mizzi, fejn kiseb biss 13-il vot mal-270 ta' l-ieħor.[1] Il-għadd ta' dawk li vvutaw, kif kien mistenni, kien ogħla minn qabel, għalkemm il-biċċa l-kbira ta' l-eletturi lanqas ivvutaw. B'kollox f'Malta minn 8873 ivvutaw biss 2466 u f'Għawdex minn 1764 ivvutaw biss 283. Fl-1880 kienu vvutaw 1866 elettur.[2]

L-elezzjoni kellha effett kbir fuq il-P.N., fuq ir-Reform Party, fuq il-Gvern, u fuq il-ġejjieni ta' l-istorja kolonjali ta' Malta. Din kienet l-ewwel konferma ċara mill-elettorat kontra r-'riformi' fl-edukazzjoni u l-mod li bih kien qiegħed jitmexxa l-gvern. Kienet rebħa li tgiddeb l-għajdut tal-Gvern dwar in-nuqqas ta' importanza ta' l-Oppożizzjoni. Mill-banda l-oħra kienet rebħa li tqawwi qalb in-Nazzjonalisti għalli ġej. Il-**Malta Standard** infexxet f'maqdir ta' l-elettorat u tal-poplu, u ssoktat tgħid li l-kunsillieri eletti ma jirrappreżentawx lill-poplu. Iċ-Chief Secretary, Sir Walter Hely-Hutchinson, issuġġerixxa li aħjar titneħħa l-kostituzzjoni u jitneħħew l-elezzjonijiet, biex il-Gvern ma jkollux disfatti bħal dawn. Il-Colonial Office bdew iwaħħlu fil-War Office u fl-Ammiraljat u fit-Teżor għan-nuqqas ta' popolarità li kienu qegħdin jiksbu l-Ingliżi f'Malta. Min-naħa l-oħra, id-deputati Nazzjonalisti rritornaw fil-Kunsill qishom iljuni, determinati li jwaqqfu lil Savona u lil sħabu mill-politika li kienu qabdu.

Forsi l-iżjed effett pożittiv ta' din ir-rebħa, madankollu, kien li l-mexxej tal-partit iddeċieda li jwaqqaf ġurnal ta' kuljum. Din kienet il-**Malta.** L-ewwel għadd ħareġ fl-10 ta' Novembru 1883.

L-isem **"Malta"** kien jesprimi l-istess viżjoni Nazzjonalista. B'dan l-isem sabiħ, isem pajjiżna stess, huma riedu juru li għalkemm il-Gvern kolonjali ma kienx jieħu gost bl-asserzjoni ta' l-identità nazzjonali tal-kolonja, huma, għall-kuntrarju, bħala Maltin, riedu jasserixxu u jsostnu sewwa sew l-identità u l-individwalità tal-gżira. U x'hemm iżjed sinifikattiv, u fl-



istess ħin sempliċi, loġiku u naturali, mill-isem tagħna stess: **Malta?**

Tista' tgħid għalhekk li l-partit issa kellu żewġ gazzetti, id-**Diritto di Malta,** kull ġimgħa, u l-**Malta** kuljum. It-tnejn kienu bit-Taljan; u sa dan iż-żmien il-ġurnali bil-Malti (u anki bl-Ingliż) bilkemm kienu jeżistu. Kien hemm xi wieħed jew tnejn minn dawn, darba fil-ġimgħa l-iżjed, u x'aktarx xi ġurnal jew rivista reliġjuża.

Min-naħa ta' l-Ingliżi, wara r-riżultat ta' din l-elezzjoni, kien hemm xi ċaqliq żgħir. Kien hemm proposta li jinħatar amministratur ċivili flok wieħed militari — xi ħaġa li l-Maltin kienu ilhom jisħqu fuqha minn żmien Ball — imma dan baqa' ma sarx. Kien hemm proposta oħra li jitneħħa d-'drawback' — il-flus mid-dazju li kienu jieħdu lura tal-gwarniġjon permezz ta' affarijiet 'duty free' li kienu jimpurtaw għalihom — imma dan baqa' ma tneħħiex. Twarrbu, però, uħud mill-proposti l-iżjed kontroversjali li kienu għamlu Rowsell u Julyan li s'issa kienu baqgħu fuq l-ixkaffa. Iżda l-iżjed ħaġa vitali u ċentrali — dik tar-riformi fl-edukazzjoni u ta' proċesss sfurzat ta' assimilazzjoni soċjo-kulturali — baqgħet fejn kienet. Fuq din webbsu rashom — kulħadd webbes rasu.

Il-kunsillieri ġiebu saħansitra lill-uniku Riformista fil-Kunsill, lil Vincenzo Bugeja, magħhom, u hekk ivvutaw — kollha flimkien — kontra l-vot maħsub għall-edukazzjoni taħt din is-sistema l-ġdida ta' Keenan u Savona. Hekk hu li kien intlaħaq, b'miraklu, il-kmandament ta' l-unanimità impost ħesrem minn Lord Derby ftit qabel. Dan kien qal, niftakru, li kienu se jagħtu kas lill-kunsillieri eletti **biss** jekk u meta dawn ikunu unanimi. Issa, fl-aħħar, kienu unanimi. Id-data kienet: Diċembru 1883. Imma meta raw dan, l-Ingliżi xorta ma tawx kas, u Savona magħhom. Anzi ddeċidew li ma jċaqilqu xejn, għax la riedu juru li qegħdin iċedu għat-talbiet tal-poplu, la riedu jwaqqgħu għaċ-ċajt lil Savona li kien qdiehom mill-koxxa, u lanqas riedu jirriskjaw li bl-Italjanità Malta tersaq lejn l-Italja u titbiegħed mill-Ingilterra. Għalkemm tista' tgħid, f'ċertu sens,

li iżjed biegħdu lill-Maltin mill-Ingilterra bil-politika ta' angliċizzazzjoni milli kienu jagħmlu kieku ħallew l-affari rieqda.

Fit-18 ta' Diċembru 1883, Derby, fuq il-pariri li kien irċieva, speċjalment mill-amministrazzjoni lokali, bagħat dispakk fejn minflok ta kas tal-vot unanimu tal-kunsillieri eletti, appoġġa dak li ried Savona... F'dan id-dispakk — li kif se naraw, qajjem pogrom sħiħ — Derby sostna li l-Ingliż kellu jibqa' jingħata preferenza fuq it-Taljan fl-iskejjel primarji u li l-ilsien Malti kellu jibqa' jiġi mgħallem fihom bħala t-targa għat-tagħlim ta' l-Ingliż. Żied igħid li minħabba li ħafna ma kinux ivvutaw fl-aħħar elezzjoni kien ifisser li l-kunsillieri eletti ma kinux jirrappreżentaw lill-elettorat.

L-Awstralja, stqarr Hely-Hutchinson, fil-Kunsill, kienet ''ġenna għar-raġel tax-xogħol''; u għalhekk kien tant importanti għalih li jitgħallem l-Ingliż, mhux it-Taljan.[3]

Fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill il-ġdid, meta raw dan, il-kunsillieri kollha li kienu għadhom kif ġew ri-eletti rriżenjaw. Anki l-Kaptan Cooper Kirton, li kien Ingliż, irriżenja. Bugeja biss baqa' jżomm is-siġġu għax qal li hu ma kien iffirma ebda petizzjoni lil Lord Derby bħall-oħrajn u lanqas kien wiegħed lill-eletturi li jirriżenja. Għalkemm fil-kwistjoni ta' riformi fit-taxxa Bugeja kien antiriformista iżjed mill-antiriformisti, huwa fl-istess ħin kien favur il-lingwa Ingliża u kontra t-twemmin li t-Taljan kien il-lingwa tagħna'. Kemm il-kok kif ukoll il-ġardinar tiegħi, qal Bugeja, jafu bil-Malti biss, u għalhekk kellhom bżonn jiktbu l-kontijiet tagħhom bil-Malti, għax dan kienu tgħallmu. Għalhek dan baqa' ma rriżenjax u baqa' fil-Kunsill waħdu mal-membri uffiċjali.

Qabel ma rriżenjaw, il-kunsillieri għamlu diskors qawwi, wieħed kull wieħed, wieħed iżjed qawwi mill-ieħor, fejn irriferew għal Lord Darby bħala viljakk u kodard u għad-dispakk tiegħu bħala sfortuna u insult. L-Ingliżi kienu jafu li n-Nazzjonalisti kienu wegħdu li jekk il-Gvern jibqa' jwebbes rasu kontra r-rieda ta' l-eletorat seta' jinqala' l-inkwiet. Minn naħa, għalhekk, Derby kien qiegħed igħid li l-kunsillieri ma jirrap-



preżentawx lill-poplu, u min-naħa l-oħra, malli fetaħ il-Kunsill, misraħ il-palazz kien mimli pulizija li ma jmurx ikun hemm xi qawmien popolari kontra r-reġim. Kien hemm saħansitra żewġ reġimenti suldati.

Din kienet l-atmosfera li fiha d-deputati Nazzjonalisti ssottomettew ir-riżenji u għamlu d-diskorsi memorabbli tagħhom, diskorsi li għandhom jiġu tradotti għall-Malti u ma' diskorsi politiċi ewlenin oħrajn jinġabru fi ktieb li jkun manifestazzjoni kkonċentrata tal-filosofija u t-tattika Nazzjonalista anti-kolonjali. Apparti dan id-dispakk arbitrarju u awtoritarju ta' Derby, li kien kif għedna jirrifletti l-mentalità u l-politika ta' l-amministraturi lokali, kien hemm għadd ta' polemiki jaħarqu oħrajn li l-kunsillieri kellhom f'moħħhom kontinwament. Kollox ma' kollox, dawn il-kontroversji kollha kienu wasslu għal stat ta' animu bla ebda fiduċja fir-reġim. Kien hemm is-sostituzzjoni ta' l-Ingliż għat-Taljan fl-iskejjel primarji — u dan kien evidentement l-ewwel pass; kien hemm l-introduzzjoni ta' alfabett hekk imsejjaħ 'Għarbi' għall-istudju ta' l-ilsien Malti fl-iskejjel; kien hemm is-sostituzzjoni ta' kwalifiki edukattivi għal kwalifiki finanzjarji u allura l-ħolqien ta' elettorat fil-maġġoranza tiegħu bla skola, u li seta' jiġi manipulat mill-Gvern iżjed faċilment; kien hemm it-'tandem' ta' Savona u sħabu maċ-Chief Secretary Hely-Hutchinson li donnu ħadd ma seta' jippenetrah; kien hemm kostituzzjoni li tagħti d-dritta dejjem lill-Gvern, tgħid x'tgħid l-Oppożizzjoni, anki issa meta tkun unanima; u kien hemm il-Partit Riformista — ''ta' Savona'' — rappreżentat fil-Kunsill mill-Milord Bugeja, li kien sa ċertu punt jopponi l-programm Nazzjonalista, u kultant ifixkel. Kulma kien jonqos ma' dan kollu kien li jiġi Derby u jgħid li n-Nazzjonalisti ma kinux jirrappreżentaw lill-poplu u li anki meta l-kunsillieri jopponu l-politika tal-Gvern unanimament dan xorta waħda jibqa' miexi biha.

L-iskuża ta' biża' mill-irredentiżmu, ta' xi għaqda ma' l-Italja, kienet fjakka wisq. U l-Ingliżi kienu jafu li din qegħdin jużawha bħala mezz ta' ripressjoni, u mhux għax veru kien hemm il-

possibilità, imqar imbiegħda, ta' xi għaqda ma' l-Italja jew imqar ta' xi moviment favuriha. F'dan il-pajjiż, stqarr Kirton, "lanqas hawn irredenista wieħed." Imma, kompla jgħid, "jekk nibqgħu sejrin hekk, il-Gvern se joħloq l-irredentisti... L-irredentiżmu huwa l-akbar kallunja li qatt ġiet ivventata sabiex titfa' dell fuq din il-gżira."(4) Biex inkunu leali, qal Fortunat Mizzi, la kien hemm bżonn li nidħdu ġensna u lanqas li nwarrbu l-lingwa tagħna. Għal tmenin sena l-Maltin kienu baqgħu leali taħt ħakma Ingliża, mingħajr ma kienu saru vagabondi; imma biex jagħtu xhieda tal-lealtà tagħhom ma kellhomx għalfejn jinbidlu f'ammiraturi appassjonati ta' l-Ingliżi jew isiru Ingliżi. L-importanza ġdida li bdiet tingħata lill-Malti kienet titqies maħsuba bħala att kontra t-Taljan, filwaqt li r-rikors għall-egħruq semitiċi tal-Malti kien jidher bħala attentat biex jitnaqqas l-element romanz, Taljan u Latin fil-kultura Maltija, u anki fl-istess ilsien Malti. L-użu ta' ċertu kliem ġdid, minn egħruq semitiċi, li tista' tgħid ħadd f'Malta qatt ma kien sama' bih, kompla saħħaħ dan l-argument, u kabbar dan is-suspett.

Zaccaria Roncali, f'wieħed mill-iżjed diskorsi kuraġġużi u ċari li qatt saru fil-Kunsill, għalkemm b'enfasi fuq l-aspett ta' l-Italjanità ta' Malta, qal li l-Gvern ma setax jitkellem għannom tal-poplu, għaliex kien il-Gvern, u mhux l-Oppożizzjoni, li ma jirrappreżentax lill-poplu. Jekk intom, tal-Gvern, tridu tgħallmu fl-iskejjel kif tridu, kompla Roncali, tistgħu tagħalqu l-iskejjel, għax il-Gvern hu għalina, mhux għalikom. Huwa staqsa għal liema Gvern kienu jirriferu l-Ingliżi meta kienu jgħidu li l-Ingliż huwa l-lingwa tal-Gvern. Il-Gvern ta' Malta, qal Roncali, kien il-Gvern Malti mhux Ingliż, anki jekk il-Gvern ta' Malta kien jitmexxa minn Ingliżi. Imma, kompla Roncali, skond użu antik ħafna, il-Gvern kien għall-ġid ta' min kien qiegħed jiġi ggvernat, mhux għall-interess ta' min ikun qiegħed fil-Gvern. Għalhekk, jekk l-Ingilterra kienet tiggverna lil Malta, dan kellha tagħmlu fl-interess tal-Maltin, mhux fl-interess tagħha. Kien ħażin li tgħid li l-Ingliż kien "ilsien il-Gvern."



"Aħna Maltin," stqarr Roncali, "u Maltin irridu nibqgħu. . il-Gvern li jmexxina m'huwiex Ingliż, hu Malti. Jekk dawk li jamministraw il-Gvern tagħna m'għandhomx ħila jikkomunikaw magħna, agħar għalihom. Dawn għandhom jitgħallmu l-lingwa tagħna. Aħna m'aħniex obbligati nifhmu lsienhom."

Fi kliem ieħor, l-argument ta' Roncali, filwaqt li kien imsejjes fuq il-kwistjoni tal-lingwa, kien essenzjalment argument kostituzzjonali, morali u filosofiku. Huwa kien qiegħed isostni li f'Malta kellhom jikkmandaw il-Maltin, mhux l-Ingliżi.

"Aħna poplu ħieles," qal Roncali. "Aħna ilna poplu ċivilizzat minn żmien il-qedem, meta poplu ieħor, li issa mingħalih li sar iċċivilizzat ħafna, kien għadu selvaġġ..."

Id-data tar-riżenji tal-kunsillieri kienet il-11 ta' Jannar 1884. Mill-ġdid, mela, kellhom isiru l-elezzjonijiet. Mill-ġdid, Londra kellha tirrevedi s-sitwazzjoni f'Malta u tara tistax issib xi soluzzjoni. Mill-ġdid, l-amministrazzjoni lokali bdiet tara x'tista' tagħmel biex tivvantaġġja lill-partit pro-Ingliż sabiex ittellef xi ftit lin-Nazzjonalisti, u ma taqax għaċ-ċajt quddiem l-Uffiċċju tal-Kolonji. F'dispakk kunfidenzjali lil Lord Derby, il-Gvernatur Borton kellu l-wiċċ jesprimi t-tama tiegħu li jekk ir-Riformisti jingħataw żmien biżżejjed biex jorganizzaw il-forzi tagħhom, ir-Reform Party kellu mnejn jikseb jekk mhux rebħa sħiħa fl-elezzjoni, għallinqas rebħa parzjali.(5)

Tar-reġim bdew jaraw ukoll kif setgħu jgħinu lir-Riformisti permezz ta' propaganda mal-ħitan f'postijiet pubbliċi, u Derby kien lest jippermetti dan l-indħil governattiv fl-elezzjoni bejn iż-żewġ partiti Maltin. L-elezzjonijiet damu ma saru, x'aktarx biex ir-Riformisti jkollhom ċans jorganizzaw ruħhom kif xtaq Borton. Saru f'Mejju. F'dawn l-elezzjonijiet għas-seba' siġġijiet li kienu tbattlu, u li reġgħu ġew kontestati mill-istess nies, ivvutaw xi 400 votant ġdid minn dawk li kienu ħadu l-vot fl-1883. Skond Mizzi, ivvutaw madwar 419 li ma kinux jafu jaqraw u jiktbu.(6)

Dan il-fatt hu importanti meta tistudja l-metodi ta' ppropaganda elettorali, għaliex il-propaganda jkollha ssir skond min

ikun l-elettorat. Hekk naraw, anki fil-kamp Nazzjonalista, użu ikbar mill-Malti f'din l-elezzjoni. Kollox ma' kollox, iżda, jidher li r-Riformisti kienu jeċċellaw f'dan it-tip ta' propaganda. Fost il-fuljetti bil-Malti li tqassmu f'din l-elezzjoni nsibu dawn: **Impurtanti; Iftaħ Għajnejk Poplu Malti għall-Kliem tal-Papa Mqaddes** (Nazzjonalisti); u **L'Il-imgħallmin u tal-Hwienet; Huti Maltin; il-Kunsill; l-Elezzjoni** (Riformisti). Intużaw ukoll ħafna karti volanti biex forsi b'hekk jintlaħqu dawk li ma kinux jaqraw gazzetti, jew sempliċiment biex ikebbsu l-eċċitament fost il-pubbliku dwar l-elezzjoni. Il-liġi ta' Derby ta' l-1883, li biex tivvota kulma ried ikollok kien renta jew kirja jew dħul ieħor ta' £6 kien biddel xi ftit l-istil u l-indirizz tal-kampanja elettorali.

Ir-Riformisti ppruvaw jappellaw għas-sentiment u l-preġudizzju reliġjuż tal-poplu, tant li ħarġu ktejjeb anonimu jismu APPELLO AI MALTESI li fih akkużaw lin-Nazzjonalisti b'antiklerikaliżmu, mażunerija u irredentiżmu. Fil-lejl ta' qabel ma beda t-tfigħ tal-voti, tal-partit governattiv ħarġu b'kartelluni kbar maħsubin biex jagħmlu deni lill-P.N., u jgħidu hekk:

VIVANO GLI ANTIRIFORMISTI. ABASSO L'INGHILTERRA. VIVA L'ITALIA.(7)

Is-sentimenti u l-kliem kontra l-Italja li kien hemm f'ċerta propaganda tar-Riformisti (speċjalment l'APPELLO AI MALTESI) wasslu għal protesta formali mill-Italja. Il-Konslu Taljan fil-Belt Valletta pprotesta hawnhekk, filwaqt li l-Ambaxxatur Taljan f'Londra, il-Konti Nigra, ipprotesta mas-Segretarju għall-Affarijiet Barranin Ingliż Granville dwar dan ix-xorta ta' tgħajjir fuq l-Italja li kien qiegħed jitħarbex mill-Partit Riformista f'Malta.(8)

Il-kampanja elettorali kienet mimlija akkużi u kontro-akkużi, imma kienu r-Riformisti li qabżu kull limitu fid-disprament li qabadhom u taħt il-kappa ta' protezzjoni uffiċjali mill-Gvern. Mill-inqas żewġ kandidati Nazzjonalisti (l-Avukat Zaccaria Roncali u l-Kaptan Cooper Kirton) ġew akkużati mill-istampa tal-familja De Cesare (ir-**Risorgimento** u l-**Am'co del Popolo**)



bħala 'mażuni'; filwaqt li lil ailmenu tliet kandidati Riformisti sarilhom l-istess akkuża. Dawn kienu n-negozjant Ingliż W.J. Smith, li kien magħruf sewwa bħala mażun, De Cesare nnifsu, u t-Tabib Salvatore Grech.(9)

Il-kelma 'mażun' kienet tfisser xi ħadd li ma kienx kattoliku ortodoss jew li kien imdiehes f'xi soċjetà sigrieta ta' xeħta filantropika għall-imseħbin. Imma kienet kelma li tintuża bl-addoċċ jew bħala disprezz jew biex titfa' dubju fuq dak li jkun.

Fil-polemika daħal ukoll l-isqof xwejjaħ Scicluna b'intervent favur il-partit tal-Gvern. Scicluna, li kellu 84 sena, kien jiddependi fuq dak li jsefsfulu f'widnejh dawk ta' madwaru, u x'aktarx li din iċ-ċirkolari li ħareġ matul il-kampanja elettorali ġiet imnebbha minn xi ħadd li kien jaspira li jilħaq floku, bħal ngħidu aħna l-Vigarju Ġenerali Scerri jew l-isqof Għawdxi Pietro Pace. Dan Pace diġà kellu l-appoġġ sħiħ tal-Gvern biex jilħaq isqof, għax kien wera ruħu lest li jikkoopera ma' l-Ingliżi. Il-kwistjoni li qamet kienet dwar il-fuljett antiriformista IFTAH GHAJNEJK POPLU MALTI, li semmejt qabel. F'dan il-fuljett saru riferenzi għat-tagħlim ta' Ljun XIII (b'riferenza għall-enċiklika tiegħu ta' l-1884) speċjalment dwar protestantiżmu u mażunerija: L-isqof qisu ndaħal biex jiċħad li kien hemm relazzjoni bejn il-protestantiżmu u l-mażunerija, kif ġiet, għaliex ħareġ ċirkulari biex tinqara fil-knejjes kollha fejn ċaħad ix-xnigħat li qal li kien hemm li l-Ingliżi xtaqu jipprotestantizzaw lill-fidili Maltin, permezz ta' l-Ingliżizzazzjoni (lingwa Ingliża, eċċ.). L-Isqof Scicluna f'din iċ-ċirkulari talab lill-kappillani u l-ekkleżjastiċi biex ma jxerrdux jew biex jieqfu jxerrdu xnigħat bħal dawn għax Scicluna kien konvint, qal, li l-Ingliżi ma kinux jixtiequ jagħmlu hekk. Fl-istess ħin li hu ħareġ ċirkolari bħal din, l-isqof widdeb lill-kleru biex ma jindaħalx fil-politika u "speċjalment biex ma jużawx ir-reliġjon għall-iskop li jpinġu lill-Gvern Ingliż ikraħ mal-popolazzjoni."(10)

Fuq pressjoni minn Mizzi permezz ta' ħbieb fil-Kurja, din iċ-ċirkulari ġiet speċi ta' irtirata wara li kienet għadha nqrat biss fi ftit knejjes u għalhekk diffiċli tgħid x'effett kellha fuq

ir-riżultat ta' l-elezzjoni. L-insistenza tal-Gvern fuq l-Ingliżizzazzjoni kienet nisslet suspett u sfiduċja anki fost il-popolin, u ma kontx trid wisq biex torbot ħaġa ma' oħra. Jidher li la Hely-Hutchinson u lanqas Mizzi ma tant kienu jemmnu li kien jeżisti xi periklu bħal dan. La ma kkonvertewx l-Irlandiżi, qal Mizzi, ma kinux se jikkonvertu l-Maltin. Imma li l-isqof jieħu l-inkarigu li joħroġ stqarrijiet kontroversjali fuq suġġett hekk delikat f'elezzjoni qajjem ir-rabja tan-Nazzjonalisti Maltin u xejn inqas tal-kanoniċi ta' San Pawl li ndaħlu għalihom flimkien ma' l-assessur ta' l-isqof, Dr. Chapelle, li espona l-każ tagħhom.

L-element klerikali kien inevitabbli fl-elezzjoni, ġaladarba kien hemm individwi ekkleżjastiċi li kienu kandidati. Il-Kanonku Agius, Pawlin u Mizzjan, kien jirrikmanda lill-eletturi jikkonsultaw lill-konfessur tagħhom; Patri Bonello, Dumnikan u Savonjan, jingħad li semma lin-negozjant W.J. Smith b'ismu waqt li kien jippriedka, u rrikmanda lill-kongregazzjoni tivvutalu.[11]

Ir-riżultat ta' l-elezzjoni kompla seddaq il-popolarità ta' l-antiriformisti. Għal darb'oħra dawn reġgħu ġew eletti b'iżjed voti minn qabel. Il-kandidati Riformisti kollha baqgħu l-art. L-inqas numru ta' voti mill-kandidati kisbu ċertu qassis novell għall-politika, li kien impjegat tal-Gvern, Vincenzo Pace, D.D., li ħareġ mal-partit tal-Gvern. Is-'swing' lejn in-Nazzjonalisti kienet tindika mhux biss popolarità akbar għall-politika tal-partit, iżda appoġġ isħaħ ukoll għall-politika ta' konfront. C.M. Muscat, li fl-1883 kien ġieb l-ogħla għadd ta' voti, u li kien meqjus bħala x'aktarx moderat u twajjeb, din id-darba ġie l-aħħar, għalkemm reġa' tela'. Għall-kuntrarju, l-iktar li kisbu voti kienu Agostino Naudi, Zaccaria Roncali u Arturo Barbaro. F'Għawdex ukoll irriżultaw l-istess sintomi. Fortunat Mizzi ġie ċċalinġjat minn żewġ kandidati governattivi li, bejniethom, kisbu b'kollox 13-il vot biss. Wieħed kien il-Markiż Cassar Desain, is-segretarju ta' l-Assoċjazzjoni Maltija tan-Nobbli li kien għadu kif iżżewweġ Ingliża f'Londra b'ħafna ċerimonji u festi tas-sinjuri.[12] Dan kiseb 10 voti. L-ieħor kien in-neguzjant Ingliż b'fama kbira ta' mażun, W.J. Smith, li kiseb 3 voti b'kollox. Dan il-għadd ta' voti Għawdxin kien eżattament l-istess bħal dak li kien kiseb il-Millord Vincenzo Bugeja meta ħareġ għal Għawdex kontra Mizzi fl-1883. Fi kliem ieħor, Għawdex kien hemm 13-il partitarju tal-partit governattiv; u mit-tip ta' nies li kienu joħorġu għan-nom tar-Riformisti wieħed malajr jista' jissoponi xi kwalità ta' eletturi kienu jivvutawlhom. Mizzi tela' bħas-soltu b'maġġoranza kbira. Il-għadd ta' nies li vvutaw f'din l-elezzjoni kien l-ogħla s'issa: 'il fuq minn 4,000 elettur.

Din ir-rebħa elettorali, minkejja t-tibdil fil-jedd għall-vot li kien sar mill-Ingliżi fl-1883, kompliet saħħet lin-Nazzjonalisti. Fl-Isla, per eżempju, in-numru ta' eletturi fl-1883 kien żdied minn 147 għal 583, għalkemm f'dawn l-inħawi nsibu ruxxmata eletturi b'ismijiet Ingliżi jew Irlandiżi bħal John Smith, Robert Peel, Richard Gordon, Henry Pears, William Flynn, Joseph Sweetlove, William Herbert, Gregory, Rendy, Sylvester, Griffiths, Warrington, Isles. Jekk Arturo Barbaro kellu raġun meta ddeskriva lill-Kaptan Kirton, li kien kunsillier antiriformista, bħala "dubbiena bajda", għandna nassumu li nies ta' nisel Ingliż kienu iżjed se jivvutaw għal kandidati governattivi milli għal dawk anti-governattivi. Min-naħa l-oħra, uħud minn dawn il-familji ftit ftit saru Maltin, għalkemm baqgħu bil-kunjom Ingliż, Skoċċiż jew Irlandiż. L-aktar li kiseb voti mill-kandidati Riformisti kien W.J. Smith, imma lanqas dan ma tela'.

### (iv) Id-Dimostrazzjoni ta' l-4 ta' Ġunju

Biex jiċċelebra din ir-rebħa, il-partit għamel dimostrazzjoni nazzjonali fil-belt Valletta. Skond l-arkivji u d-dokumenti mehmuża ma' dispakki mid-Depot tal-Pulizija, għal din id-dimostrazzjoni attendew 'il fuq minn 30,000 ruħ.[13] Ir-rapport li l-pulizija għamlu lill-gvernatur biex jiddeskrivuha jgħid hekk:

The crowd of people was immense: it extended from the Borsa, on one side, all over the Palace Square and up to Strada Realle, as far as the corner of St. John's Church, the people being closely packed together, without any moving room, the windows and the house tops crowded, and numbering altogether over 30,000.

Il-pulizija kienu joqogħdu attenti li ma jeżaġerawx għaliex setgħu faċilment jaqilgħu xi ċanfira mingħand is-superjuri Ingliżi; għalhekk dawn il-figuri li taw żgur huma attwali. Xejn xejn, mid-deskrizzjoni tal-folol, jista' jkun li kien hemm iżjed nies milli ammettew il-pulizija. Milli rrappurtaw, madankollu, jidher ċar biżżejjed kemm u kif kien infirex il-partit sa l-1884. Tant li kien f'dan iż-żmien li Fortunat Mizzi beda jirriferi għalih sikwit mhux iżjed bħala l-partit 'antiriformista' iżda bħala l-'Partit Nazzjonali' (P.N.). Wieħed jista' jara dan, per eżempju, mid-**Debates,** nru. 15, tas-17 ta' Diċembru 1884, kol. 451, fejn insibu ċara r-riferenza għall-partit bħala 'il partito nazionale', jiġifieri il-'partit nazzjonali' kultant deskritt ukoll bħala **'nazzjonalista'.**

Jidher li l-folol ġew minn Malta kollha, u ma kinux biss nies ta' l-ibliet. Kien hemm ħafna baned mill-ibliet u l-kampanja, nies b'torċi mixgħula, b'bandalori, bi standardi ta' għaqdiet minn kullimkien. Briju liema bħalu, bil-mexxejja Nazzjonalisti qalb il-folol, fuq quddiem. Id-dimostrazzjoni ta' l-4 ta' Ġunju hi ġrajja u xena memorabbli u sinifikattiva ħafna, l-ewwelnett għax tistabilixxi bl-iżjed mod definit il-popolarità tal-partit fil-pajjiż u tgiddeb darba għal dejjem l-għajdut ta' l-avversarji governattivi u riformisti li l-partit ma kienx wieħed tal-poplu, jew li l-kunsillieri ma kinux jirrappreżentaw lill-poplu. Barra li kienet dimostrazzjoni ta' ferħ, din kienet ukoll dimostrazzjoni ta' saħħa, megħjuna xi ftit mill-fatt li t-tren kien beda jaħdem xi sena qabel, u allura iżjed nies setgħu jivvjaġġaw lejn il-belt fil-kumdità u b'inqas dewmien milli biż-żwiemel jew bil-mixi. Biex tasal il-Belt mir-Rabat biż-żwiemel ridt tliet sigħat; mentri bit-tren kont tasal f'nofs



siegħa jew ftit iżjed, skond il-waqfien għal għonq it-triq. Tal-Kottonera kienu jaqsmu bil-baħar, għax minn hemm ma kinitx tgħaddi t-tren, u kienu iżjed faċli l-kajjikki u d-dgħajjes; l-istess għal tan-naħa ta' Tas-Sliema, għalkemm hawn ma tantx kienu joqogħdu nies sa din il-ħabta. Dawk minn inħawi viċin il-Belt, bħal Birkirkara, li ma kellhomx mezz ta' trasport, setgħu jieħdu karrozzin, jew kirja ma' xi ħadd bil-karrettun. Id-dimostrazzjoni kienet brijjuża, storbjuża, ferrieħa, kienet kbira u immensa, imma ma nqalgħux inċidenti. Taħt l-Ingliżi, rari kien ikun hemm **agents provocateurs,** aġenti tal-Gvern imħallsa biex jaqilgħu l-inkwiet. Sa dan iż-żmien imbagħad, qabel ma daħal Strickland, l-inkwiet politiku kien tista' tgħid ħaġa rari ħafna. Għalhekk kollox mexa sewwa. L-inkwiet li nqala', li kien żgħir għalkemm mhux insinifikanti, kien bejn xi mexxejja tal-partit. Min ried li jħallu l-Union Jack tintwera, u min le. Fl-aħħar ftiehmu li jħalluha, bħala turija li ma kinux favur it-tkeċċija ta' l-Ingliżi minn Malta imma favur titjib fil-kundizzjoni politika tal-pajjiż. Id-dimostrazzjoni kienet ukoll espressjoni ta' libertà f'konfront ma' gvern kolonjali, għalkemm paċifika. Kienet meqjusa bħala mill-inqas sitt darbiet ikbar mill-**meet'ng** fil-miftuħ li kien sar l-ewwel darba fit-2 ta' Lulju 1879 fil-Furjana. Kienet għalhekk waħda mill-ewwel okkażjonijiet kbar ta' massa s'issa, ta' folol; folol li kienu magħqudin flimkien fit-toroq mhux għal xi okkażjoni reliġjuża, ngħidu aħna xi miġja ta' xi kardinal, imma għal kawża politika, kostituzzjonali, ċivili, u fuq kollox Maltija. M'għandniex xi ngħidu, kien hemm ukoll kurrenti ta' sentiment reliġjuż Kattoliku; wara kollox, il-ġemgħa Ingliża kienet Protestanta, u sikwit kien jitfaċċa xi missjunarju Protestant ħerqan li jikkonverti lill-Maltin billi joqgħod igħid kontra l-Madonna jew il-Papa. Mal-popolin dawn is-sentimenti kienu qawwijin. Imma jibqa' l-fatt li l-okkażjoni ta' l-4 ta' Ġunju kienet purament politika partiġġjana u fl-istess ħin nazzjonali, għax il-partit l-ieħor ma kien tella' lil ħadd fl-elezzjoni. Għalkemm il-biċċa l-kbira tal-parteċipanti fiha ma setgħux kienu eletturi, b'dana-

kollu xorta riedu juru l-appoġġ tagħhom għall-kawża popolari mmexxija mill-P.N. Fl-istess ħin ukoll, dawn ma kinux nies politiċi, u kienu mħawdin dwar kif iġibu ruħhom meta, per eżempju, ħareġ il-gvernatur fil-gallerija tal-palazz. Ħafna ċapċpulu. Reġa' nqala' intopp meta xi banda riedet iddoqq il-'God Save' quddiem id-dar ta' deputat Nazzjonalista, Arturo Barbaro. Barbaro pprotesta, qalilhom li hu ma riedx li jdoqqu dan l-innu quddiem daru. Imma l-banda baqgħet iddoqq. Middeħra l-'God Save' kien qisu marċ, u kien jogħġob ġmielu lil tal-baned, almenu lil ċerti baned li forsi kienu eqreb taċ-ċerimonji militari u navali Ingliżi minn oħrajn. Kien hemm għalhekk ċerta distanza bejn il-mexxejja u l-poplu. Meta darba minnhom Roncali ħabat se jagħmel indirizz bit-Taljan, in-nies bdiet tgħajjat "Bil-Malti, bil-Malti", u dan mid-deħra ġie mġiegħel jindirizza l-miġemgħa bil-Malti. Mizzi għaraf tajjeb il-burdata tal-folla meta qabel ma' Muscat u Naudi li kien aħjar jekk il-Union Jack titħalla tiġi pparedjata: din id-deċizjon kienet telfa oħra għal Roncali, li kien saħansitra hedded lil Muscat li jkeċċih mill-partit jekk dan jinsisti li jperper l-Union Jack fl-ewwel fili tad-dimostrazzjoni.

Il-partit kellu l-ħila jimmobilizza l-folol; dak żgur. Imma kien jonqsu l-ħila jikkomunika magħhom liberalment u forsi anki l-possibiltà li jirrappreżenta għal kollox ħsibijiethom. Kien u hu dejjem diffiċli li tfisser ċerti rqaqat u dettalji ta' politika lill-massa; imma għallinqas jidher li l-messaġġ ewlieni issa kien millqugħ. F'Malta kien hemm partit tal-poplu li jitkellem għal Malta mal-Gvern kolonjali u ma' l-Ingliżi u s-segwaċi tagħhom, inklużi l-Maltin, u l-poplu fil-kotra tiegħu kien lest jilqa' s-sejħa ta' dan il-partit u joħroġ fit-toroq jappoġġjah. Dan kien il-Partit Nazzjonali mmexxi minn Fortunat Mizzi, li f'inqas minn erba' snin kien rebaħ tliet elezzjonijiet.

Il-gażiba kienet li jirbaħ kemm jirbaħ elezzjonijiet, il-partit ma setax jieħu l-Gvern f'idejh, ma setax imexxi. Mhux biss, imma l-Gvern lanqas ried jagħti kasu. Il-Kunsill beda jitmexxa bil-'casting vote' tal-gvernatur iżjed minn qabel. Il-kompro-



mess tal-**pari passu** — tagħlim indaqs għall-Ingliż u t-Taljan — ma nħlaqax. Il-ġlieda, għalkemm fuq il-lingwa u l-edukazzjoni u l-kultura u l-metodi ta' tagħlim, kienet fil-prinċipju ifned minn hekk, kienet dwar min kellu jikkmanda lill-Maltin f'Malta, u għal liema skopijiet u taħt liema kriterji kellha ssir il-politika f'Malta. Kellhom jiddeċiedu r-rappreżentanti tal-poplu, jew tal-Gvern? L-Oppożizzjoni kellha jeddijiet jew ma kellhiex? Jekk kellha, allura l-Gvern kellu jagħti kasha. Jekk ma kellhiex, allura għalxejn kien hemm Kunsill, u għalxejn kienu jsiru l-elezzjonijiet. L-argument kien intuża f'dan is-sens minn Mizzi dwar il-valur tal-protesta xi snin qabel. Mizzi kien igħid li meta tipprotesta trid tagħmel hekk b'mod deċiżiv, mhux bil-kliem, fid-deher biss, imma trid tieħu azzjoni effettiva. Jew taqbel u allura ma tipprotestax, kien igħid; jew ma taqbilx u allura li tipprotesta mhux biżżejjed. Trid tieħu azzjoni. L-argumenti twal u ħafna drabi tajbin fil-Kunsill donnhom kienu għalxejn. Il-P.N. ried juri l-ipokrisija tal-Gvern. Hemm aħna, qal Roncali, f'Wales l-Ingliżi jneħħu l-lingwa Welsh, li ilha teżisti bħala lingwa miktuba s-sekli; mentri f'Malta jridu jdaħħlu u joħolqu l-lingwa Maltija miktuba, u jneħħu l-lingwa ta' l-edukazzjoni, li ilha s-sekli t-Taljan. Il-Malti jiswa lit-tfal biex jitgħallmu xi riċetta dwar kif issajjar il-qargħa u l-brunġiel, sostna dan. Kien hemm differenzi wkoll dwar il-metodi ta' tagħlim li ried il-Gvern, u f'dan il-kamp l-espert tal-Gvern kien bla dubju Savona. F'din il-ħabta fl-Ewropa kien beda dieħel metodu ġdid, kontroversjali, dwar kif tista' tgħallem ħafna suġġetti f'daqqa, minflok gradwalment sena wara l-oħra. Roncali, għan-nom tal-P.N., tkellem favur il-'metodo successivo', u kkwota lill-parlamentari Taljani Bonghi, Cantù u Valluri kontra l-hekk imsejjaħ 'metodo simultaneo' li ried il-Gvern. Huwa kkwota wkoll rapport minn tabib Ingliż, Crichton Browne, dwar l-'over-pressure' li kien jikkawża l-metodu ta' Savona. In-Nazzjonalisti kienu jikkwotaw id-dictum Latin: 'ex omnibus aliquid in toto nihil', jiġifieri tkun taf xi ħaġa minn kollox u ma tkunx taf kollox dwar xejn.

Din kienet kritika wkoll għall-idea li aħjar titgħallem iċċafċaf xi ħaġa bl-Ingliż — "a smattering of English" — biex tinqeda, milli tħares lejn l-edukazzjoni bħala process ta' l-iżvilupp tal-personalità umana fit-tul (u allura bilfors permezz tat-Taljan). Imma dan in-nuqqas ta' qbil dwar metodi, bħala tali, ma kienx partikulari għal Malta. Minn artikli li dehru fir-**Reveu Internat'onale de l'Enseignement** tal-15 ta' Marzu ta' l-1885 u f'**La Civiltà Cattol'ca** tat-2 ta' Ġunju u tas-7 ta' Lulju ta' l-1883 jirriżulta li din il-problema kienet qiegħda tkun mitħaddta u kienet kontroversjali f'diversi pajjiżi oħra: Franza, il-Ġermanja, l-Awstrja, il-Belġju u l-aktar l-Italja. Dak li kien partikulari għal Malta kien il-fatt li waqt li barra l-argumenti kienu pedagoġiċi, dwar metodi ta' tagħlim, f'Malta dawn kienu marbutin mal-kwistjoni ta' lingwa u l-kultura nativa, b'implikazzjonijiet ta' ħakma politika u kulturali mill-Ingliżi. Kien ċar li jekk jiddaħħal il-Malti bħala lingwa separata, filwaqt li jiġi mgħallem ukoll l-Ingliż, il-lingwa li l-Gvern ried jaqla' barra maż-żmien kienet it-Taljan. Kien jidher għalhekk li l-mezz stabbilit ta' l-edukazzjoni, it-Taljan, kien se' jiġi maqlugħ 'il barra minn ilsien il-ħakkiem, b'implikazzjonijiet ċari ta' eġemonija soċjo-lingwistika u kulturali, li mbagħad bilfors kienet tirrifletti ruħha fuq il-politika. Biss biss, l-orjentament ta' eluf ta' tfal fl-iskejjel taħt l-użu ta' l-Ingliż bħala lingwa kien diġà se jinfluwixxi fuq ġenerazzjoni wara l-oħra ta' Maltin, u jbiddel l-orjentament kulturali tradizzjonali f'Malta. Fl-istess ħin, dan kien se jkompli jifred u sa ċertu punt jiżola lil dawk li kienu se jibqgħu jużaw it-Taljan fil-ħajja pubblika. Kienet ġlieda li bilfors kellha ssir, għax f'Malta kien hemm taqsima ta' nies edukati u kolti li dehrilhom li kienu jirrappreżentaw lill-poplu Malti iżjed mill-Gvern Ingliż, u dehrilhom ukoll li ma kellhomx iċedu għal assimilazzjoni li setgħet tisfigura u tiżvija l-mixja kulturali u soċjali tal-poplu Malti. Inqas u inqas riedu jaraw l-Ingliż użat bħala strument ta' ripressjoni, ta' serviliżmu, ta' preferenzi b'klijentiliżmu u patrunaġġ fl-impiegi u l-'promotions', u bħala



mezz ta' firda fost poplu maħkum. Il-Gvern ma riedx jirregola t-tagħlim permezz ta' Education Act kif riedu n-Nazzjonalisti; ried iħalli l-affarijiet miftuħa biex hu jkollu iżjed wisa' għal manuvrar u tibdil maż-żmien. "It is unadvisable," qal Hely-Hutchinson, "to allow our hands to be bound in this manner".(14) Meta raw li l-Gvern, fuq struzzjonijiet minn Londra, ma kienx lest li jiċċaqlaq imqar pulzier, l-Oppożizzjoni ħallfu li jekk sa meta jitressaq il-vot għall-edukazzjoni l-affarijiet kienu se jibqgħu sejrin hekk, huma ma kinux se jgħaddu dan il-vot. Fi kliem ieħor, l-iskejjel kien ikollhom jagħalqu. Din kienet it-theddida. Biex tagħqad, kien hemm il-kwistjoni ta' l-alfabett fonetiku, alfabett ġdid tal-Malti msejjes fuq l-Għarbi. Dan lanqas Bugeja, tar-Riformisti, ma kien jista' għalih, u għalhekk dan beda jivvota sikwit man-Nazzjonalisti. Imma meta ġiet għall-vot fuq l-estimi, Bugeja vvota mal-Gvern u hekk ċaħħad lill-Oppożizzjoni mill-unanimità li kien impona Lord Derby.

Mizzi beda jixba'. Beda jara li kien wasal iż-żmien għall-azzjoni, li l-Kunsill kien sar farsa u allura kien hemm bżonn li dan jitwaqqa'. Beda jitkellem dwar "il-ġlieda tal-poplu kontra l-Gvern" filwaqt li jikkwota b'tifħir id-diskorsi ta' William Gladstone favur il-'Home Rule' għall-Irlanda. Semma lil Quebec, il-provinċja kulturalment 'Franċiża' tal-Kanada, f'referenza ċara għall-qawmien li kien sar hemm biex inkisbet kostituzzjoni aħjar. Implika li biex tinkiseb il-libertà jrid jixtered id-demm. Mizzi beda jhedded li mill-ġdid iwaqqa' l-Kunsill għar-redikolu, bl-elezzjoni mhux biss ta' kunsillieri 'ridikoli' imma saħansitra bl-elezzjoni ta' nies 'infami'.(15)

F'Mejju ta' l-1886, meta ġiet quddiem il-Kamra ordinanza dwar il-'water supply', Mizzi, sekondat mill-Kanonku Agius, talab 33 'division' li f'kull waħda hu u Agius, u oħrajn, ivvutaw kontra. Malli l-Kunsill ġie aġġornat għas-sajf, Mizzi u Agius irriżenjaw mill-Kunsill wieħed wara l-ieħor.

(v) **Ir-Rikors għall-'Elezzjonijiet Infami'**

Mizzi u Agius irriżenjaw mill-Kunsill fl-1 ta' Ġunju 1886. Fi stqarrija li ħarġu huma sostnew li ma setgħux iżommu l-wegħdi tagħhom ma' l-elettorat kif imfissra fil-programm elettorali tal-partit u fiċ-ċirkustanzi, għalhekk huma ħassu li jaffermaw il-prinċipji li kienu jħaddnu billi jissottomettu r-riżenji tagħhom. Bħala prinċipju fundamentali, li jiġbor kollox fih, issemma dak ta' l-Italjanità, għalkemm dan ma kienx din id-darba eżattament l-ispunt għar-riżenji. Il-kwistjoni ta' l-identità nazzjonali kienet għadha ċentrali, peress li l-oppożizzjoni għar-riformi savonjani fl-edukazzjoni kompliet u anzi żdiedet meta dawn bdew jaħdmu. Minbarra l-element ta' Ingliż kontra Taljan, daħal issa l-element psewdo-Għarbi minħabba ċerti eċċessi u fissazzjoni ta' dawk li biex isegwu l-politika tal-Gvern bdew jinvintaw kliem ġdid, ridikolu, mill-Għarbi, li l-Maltin ma kinux jużawh. Waħda mill-iżjed ridikoli kienet il-kelma ġdida "shaba terrikia" li tal-Gvern riedu jdaħħluha fil-Malti minflok il-kelma "umbrella". Dawn kienu jgħidu li l-Malti ġej mill-Għarbi u allura kelma bħal "umbrella", il-kelma wżata mill-Maltin, kellha minflok issir "shaba terrikia", biex tkun konformi ma' l-egħruq lingwistiċi Għarab. Fuq dawn l-attentati, li għalkemm illum jidhru ħmerijiet, dak iż-żmien kienu serji ħafna, kien hemm qbil kważi unanimu fost id-deputati. F'din il-ħabta wkoll, minkejja xi diverġenzi ta' opinjoni speċjalment dwar tattika, il-P.N. kellu politika bħala partit. Dan joħroġ ċar minn kliem Mizzi fl-1885 waqt li kien qiegħed jindirizza lill-gvernatur fil-Kunsill. "Aħna unanimi," qal il-kap tal-P.N., "u meta ngħidu xi ħaġa dan nagħmluh wara li nkunu diġà ddiskutejnieha bejnietna. Aħna naħsbu u nirriflettu bejnietna," kompla jgħid Mizzi, "u niġu hawn b'deċiżjoni unanima." Fi kliem ieħor, aħna partit politiku, u għandna 'policy' li nqiegħdu quddiem il-pubbliku wara li nkunu fformulajnieha f'laqgħat eżekuttivi. Fuq din il-kwistjoni ta' l-identità nazzjonali — espressa fil-politika governattiva ta' deitaljanizzazzjoni akkumpanjata minn Għarabizzazzjoni — kien hemm



ferment fost tista' tgħid id-deputati kollha, inklużi elementi Riformisti, li kienu jemmnu bir-raġun kollu li l-Maltin wara kollox huma Ewropej mhux Għarab, avolja l-Malti kien jixbah lill-Għarbi iżjed milli lit-Taljan. Li tbiddel l-alfabett, kif riedu l-Għarabisti pro-Ingliżi, skond kriterji "fonetiċi", kienet xi ħaġa radikali li tolqot il-kultura fil-qalba tagħha, fl-espressjoni tagħha permezz ta' lsienha. Kienet ukoll esperimentazzjoni antipatika, għax kellhom jiddaħħlu ittri ġodda fil-Malti biex jikkorrispondu għal ħsejjes Għarab (per eżempju l-'waw' [,] minflok l-'u'). Il-Malti, bħat-Taljan, kellu ħames vokali: a, e, i, o, u; mentri l-Għarbi kellu wieħed biss, l-alif (l). Ħsejjes ta' konsonanti, per eżempju l-'y' u l-'q' (li tixbah lill-ħoss Għarbi fl-ittra 'kaf') kienu problematiċi anki għall-filoloġi.

Meta tiftakar li l-Gvern Ingliż kien stinka kemm felaħ biex qered il-lingwa Irlandiża, u kif kien jiddiskrimina kontra dik tal-Welsh fir-Renju Unit, wieħed jasal malajr biex jirrikonċilja l-kritika Nazzjonalista tas-snin 80 mat-talba li saret ukoll f'dan iż-żmien biex it-8 ta' Settembru jinżamm bħala Jum Nazzjonali,(16) u mal-għajta li Malta hi tal-Maltin, mhux ta' l-Ingliżi.(17) Għalkemm ma saritx vaganza pubblika għalissa, iċ-ċelebrazzjoni u l-osservanza ta' l-Otto Settembre, mibdija mill-P.N. bħala l-Jum Nazzjonali tal-Maltin, xterdet mill-Belt Valletta għat-Tlett Ibliet, u kienet tissimbolizza n-nazzjonaliżmu Malti. U hekk niġu għall-famuża "elezzjoni infami" ta' l-1886. Is-suċċess ta' l-"elezzjonijiet ridikoli" ta' l-1882 ma kienx akbar minn dak ta' l-"elezzjonijiet infami" ta' erba' snin wara. Il-partit ta' Mizzi (b'xi nuqqas ta' approvazzjoni minn xi kunsillieri u oħrajn, inklużi xi nies tal-knisja u ekkleżjastiċi) ippropona lil żewġ kandidati meqjusa "infami" minn kulħadd, anki minnhom stess, bl-iskop li jwaqqaf il-Kunsill u jwaqqgħu. Wieħed kien Giuseppe Ignazio Camilleri. Biżżejjed ngħidu li Camilleri kellu burdell, u saħansitra jgħidu li kien iqaħħab lil martu. L-ieħor kien jismu Salvatore Galea. Galea kien ħaddied, bla skola ta' xejn. Tan-naħa tal-Gvern ħarġu kontriehom żewġ kandidati puliti u rispettabbli: qassis u avukat. M'hemmx għalfejn ngħidu

li l-kandidati "infami" telgħu b'maġġoranzi kbar, kif irrikkmanda Mizzi, fl-elezzjoni li saret f'Settembru 1886.[18] Il-kunsillieri eletti kollha, ħlief Captain Cooper Kirton, irriżenjaw.[19] Fir-rabja li qabditu, il-Gvernatur Simmons għażel li jkompli jlaqqa' l-Kunsill mingħajr id-deputati li kienu rriżenjaw. Fl-1882 il-Gvernatur Borton kien pront xoljieh, imma Simmons ried jisfida, u kompla. Camilleri u Galea allura bdew jattendu għal-laqgħat tal-Kunsill, presjeduti mill-Gvernatur Simmons. Il-Kunsill sar farsa. Camilleri u Galea bdew ukoll jieħdu sehem fid-dibattiti, u wieħed igħid ħaġa u l-ieħor jinterrompi u jgħid xi ħaġa hu wkoll. Fuq suġġetti li ftit kellhom x'jaqsmu ma' dawk quddiem il-Kamra, naturalment. Dawn bdew ikellmu lil Simmons u lil sħabu bil-Malti, għax b'dak biss kienu jafu. Kienu patrijottiċi, ironikament, għax dawn it-tnejn, fil-fatt, saru l-ewwel żewġ deputati eletti li indirizzaw lill-parlament Malti bil-Malti! Il-politika tar-ridikolu kienet reġgħet qiegħda tirnexxi bil-kbir. Biex jifhem x'qed igħidu Camilleri u Galea, Simmons kull darba kellu jiddependi fuq l-interpretu li jittraduċilu xi ħmerija jew xi nofs insult. Il-gazzetta tal-partit **Malta** għamlet sejħa għax-xoljiment tal-Kunsill. Fl-istess ħin, madankollu, uffiċjali tal-partit bdew ifittxu li jaslu fi ftehim mal-Gvern... minn pożizzjoni ta' qawwa.

In-Nazzjonalisti Maltin f'din il-ħabta kienu diġà f'qagħda soda kif kien jidher ċar sew mill-voti dejjem jiżdiedu fl-elezzjonijiet kif ukoll mill-massa li attendiet għad-dimostrazzjoni ta' l-4 ta' Ġunju. Barra minn hekk, huma setgħu jkomplu jsaħħu l-pożizzjoni tagħhom quddiem il-Gvern kolonjali u l-imperu Ingliż billi, b'xorti tajba, għal darba, Malta inzerta kellha isqof li ma kien qatt obbliga ruħu ma' l-Ingliżi; kien laħaq isqof mhux bil-bona grazzja ta' xi riferenza tajba mill-Colonial Office, iżda permezz ta' intervent favurih mill-kardinal Franċiż Charles Lavigerie, Primat ta' l-Afrika, li kien ukoll żar Malta xi tliet snin qabel u ngħata merħba tremenda mill-poplu. Dan kien l-Isqof Antonio Maria Buhagiar, li kien inħatar mill-Papa fl-1885 bħala amministratur djoċesan bil-jedd għas-suċċessjoni



episkopali f'Malta. L-Ingliżi kienu favur l-isqof Għawdxi Pietro Pace biex isir flok l-Isqof Scicluna u xejn ma ħadu gost meta l-Vatikan ħatar lill-Isqof Buhagiar minfloku. Meta Lavigerie kien żar Malta, kienet inxterdet xniegħa li n-Nazzjonalisti Maltin kienu se jieħdu din l-okkażjoni għal dimostrazzjonijiet kbar kontra l-ħakma kolonjali, u Pace kien ra kif għamel biex assigura li dan ma jsirx, kif fil-fatt ma jidher li kien hemm ebda pjan biex isir, xniegħa biss. B'dan Pace kien wera li hu kien dispost jaqdi lill-Ingliżi u jieħu pożizzjonijiet anti-Nazzjonalisti, u dan allura kien favurih f'għajnejhom. Imma l-Vatikan, li kien jaf b'dan kollu, kien iħares lejn Pace bħala xi ħadd imdaħħal fil-politika partiġġjana u li minħabba f'dan ma setax jirrikonċilja l-animożitajiet bejn il-partiti ("too connected with parties to be able to reconcile party animosities"). Jista' jkun li l-Vatikan iddeċieda hekk tant kemm l-Ingliżi dehru favur Pace u kontra Buhagiar, li huma kienu jqisu bħala simpatizzant Nazzjonalista u mxaqleb favur Franza iżjed milli l-Ingilterra. "If Bishop Pace be passed over in favour of Bishop Buhagiar," kiteb il-Gvernatur Simmons lil Lord Derby, "the lesson will be taught to the Maltese clergy that they are not to look for advancement to the British Government, but to the influence of a foreign prelate and to the support of political agitators in Malta." Simmons talab li għallinqas Buhagiar kellu jinħatar mingħajr jedd għas-suċċessjoni **(sine jure successionis).**[21] Mizzi, li bħal Pace kien Għawdxi, appoġġja l-ħatra ta' Buhagiar. Bis-saħħa ta' kuntatti fil-Vatikan, hu kien kiseb xi tagħrif kunfidenzjali dwar il-korrispondenza li kienet għaddejja bejn l-Ingilterra u l-Vatikan dwar l-episkopat Malti. B'hekk in-Nazzjonalisti Maltin saru jafu bil-mossa tal-Gvern Ingliż mal-Vatikan kontra Buhagiar, li seta' jgħinhom, u favur Pace, li kien diġà fixkilhom qabel. Tant hu hekk li anki saret dimostrazzjoni favur Buhagiar, skond Simmons.[22]

L-istil pastorali ta' Buhagiar ma jħalli ebda dubju li dan xejn ma kien lagħqi ta' l-Ingliżi, anzi kien tassew favur il-kawża Nazzjonalista. (L-Ingliżi komplew ittrattaw miegħu ħażin mill-

bidu, u dan ma għen xejn). Iż-żewġ gazzetti ekkleżjastiċi li bdew joħorġu taħt il-patroċinju ta' l-isqof il-ġdid **La Sferza** u **La Voce del Popolo,** jixhdu hekk. Il-ħatriet ta' uffiċjali fil-Kurja wkoll jindikaw hekk. Ir-Rev. Dr. Crocifisso Pisani Borg, li sar segretarju ta' l-isqof u r-Rev. Dr. Andrea Mifsud, li sar il-kappillan tiegħu, kienu disposti favur in-Nazzjonalisti. Il-Kanonku Paolo Agius, li kien kunsillier tal-P.N., sar arċipriet tal-parroċċa ta' San Pawl, waqt li s-segretarju privat ta' l-isqof, ir-Rev. Dr. Luigi Farrugia — il-qassis li kien ikkontesta l-elezzjoni kontra l-kandidat 'infami' ta' Mizzi fl-1886 — beda jitwarrab.[23]

Dan kien ifisser, fi ftit kliem, li l-Gvern ma setax isarraħ fuq il-ġerarkija ekkleżjastika; anzi kien suspettuż u xi ftit imbeżża' minnha. Kien hemm ukoll il-fatt li Buhagiar kien meqjus favorevolment fl-ambitu Franċiż, u dan kien qed jagħti saħħa oħra lilu u lil dawk li fil-Franċiżi kienu jaraw appoġġ għall-politika imperjalista Ingliża. Ftit wara l-wasla ta' Buhagiar f'Malta nqala' inċident diplomatiku. Il-Gvernatur Simmons ittratta ta' pastaż mal-Konslu Franċiż f'Malta meta dan xtaq jinrtoduċih lil Buhagiar mal-wasla tiegħu f'Malta. Simmons irrifjuta l-invit tal-konslu u li jiltaqa' ma' l-isqof Malti. Jekk Buhagiar huwa suddittu Ingliż, qal Simmons, ma kellu għalfejn ebda introduzzjoni.[24] Il-fatt kien li Buhagiar kellu karriera twila f'Tunes, territorju Franċiż, u kellu ħafna kuntatti Franċiżi.[25] Din il-ksuħata ta' Simmons, li forsi kont tistennieha minn ġeneral (kif kien ikun il-gvernatur Ingliż tagħna), ma rriflettietx tajjeb wisq fuqu; għax wara kollox Lord Derby, il-Ministru tal-Kolonji, ma kienx oġġezzjona għall-appuntament ta' Buhagiar fl-1885. Kien sab ruħu imbarazzat li jkollu "jirrikmanda lil xi ħaddieħor hu."[26] Il-Vatikan deher sod fuq innaħa ta' Buhagiar, minkejja l-intriċċi ta' l-Ingliżi. Attentat ieħor kontra Buhagiar minn Lord Iddesleigh wassal għall-konklużjoni li ma kien hemm ebda possibiltà li Buhagiar jitwarrab qabel ma jmur jew jirtira l-Isqof Scicluna.[27] Għalkemm din l-insistenza Ingliża kontra l-isqof il-ġdid seta' kellha effett fuq dak li ġara wara fil-karriera episkopali ta' Buhagiar, s'issa dan



l-isqof kien jidher sod, determinat ħafna f'xogħlu, kuraġġuż u ta' sinsla. Mizzi fl-istess waqt ħa pożizzjoni progressiva favur li għandu jkun hemm indipendenza bejn il-Knisja u l-Istat.[28] Meta n-Nazzjonalisti Maltin qabblu l-qagħda f'Malta ma' dik ta' l-Irlanda,[29] il-gvernatur kien pront qabbel lil Mizzi malmexxej Irlandiż Parnell.[30]

Is-segretarju ta' l-eżekuttiv tal-P.N., Benedittt Xuereb, kien kellem lill-Avukat tal-Kuruna Carbone biex jara jistax jintlaħaq xi ftehim, xi **quid pro quo**, u kien taħ x'jifhem li l-Knisja setgħet tgħin lill-partit f'kampanja anti-kolonjalista. Għalkemm Carbone jintqal li kien wieġeb li l-Gvern ma kellu bżonn ebda rivoluzzjoni, m'hemmx dubju li fiċ-ċirkustanzi l-potenzjal ta' alleanza bejn il-partit immexxi minn Mizzi u l-Knisja Kattolika b'Buhagiar bħala isqof, seta' jimbarazza serjament lir-reġim... jekk ma tingħatax kostituzzjoni ġdida skond ix-xewqa popolari.

F'dan iż-żmien ukoll il-P.N. fetaħ kuntatti ma' żewġ persunaġġi influwenti fl-Ingilterra. Wieħed kien il-Konti Gerald Strickland, nofsu Malti, li kien qiegħed jistudja f'Cambridge. Dan beda jikteb favur l-għoti ta' kostituzzjoni rappreżentattiva lill-Maltin fl-istampa Ingliża, u fl-1886 stampa f'Cambridge, għand Deighton & Bell, ktejjeb bl-isem **Correspondence and Remarks on the Constitution of Malta.**

Il-persunaġġ l-ieħor kien Earl De La Warr, li Strickland wara żżewweġ lil bintu. De La Warr minn dejjem kien interessa ruħu fil-politika Ingliża dwar il-Mediterran, u dan għalhekk qajjem il-kwistjoni ta' Malta iżjed minn darba quddiem il-House of Lords.[31]

L-**Assemblea della Nobiltà Maltese** wkoll użat pressjoni favur it-talba tal-P.N., x'aktarx influwenzata minn Strickland iżjed milli minn Mizzi, permezz ta' Viscount Sidmouth, li ġieli tkellem f'isimhom ukoll fil-House of Lords.[32] Strickland naturalment kien f'kuntatt ma' Mizzi f'Malta, imma huwa kellu t-tip ta' kuntatti li Mizzi ma kellux: Mizzi la kien aristokratiku, la kien għani, u wisq inqas kien demmu Ingliż jew imħallat ma'

ta' l-Ingliżi. Strickland għalhekk kien f'pożizzjoni tajba biex igħin, bil-bażi tiegħu fl-aristokrazija.

Tant hu hekk li Strickland kien jaf lil Sir Albert Woods. Woods kien Garter King of Arms, pożizzjoni għolja ħafna fil-klassi nobbli Ingliża. Huwa kien ukoll, skond id-**Dictionary of National Biography,** il-Kap taċ-Ċerimonji tal-Mażunerija Ingliża (Grand Director of Ceremonies in Freemasonry).(33) Il-kitba ta' Strickland fl-istampa Ingliża wasslet għal kumment editorjali dwar il-qagħda ta' Malta f'**The Times** ta' Londra tat-28 ta' Settembru 1886. Iktar importanti minn dan, f'Diċembru ta' l-1886 Mizzi ddeċieda li jitla' Londra hu għal konsultazzjonijiet.(34)

(vi) **It-Taqbida għal Kostituzzjoni Rappreżentattiva**

Sadattant, ġew sottomessi żewġ draftijiet ta' kostituzzjonijiet, waħda minn Mizzi u Strickland flimkien, u l-oħra minn Zaccaria Roncali u avukat ieħor, Magri. Iż-żewġ proposti kienu jaqblu dwar l-essenzjal, gvern rappreżentattiv, imma kienu jiddiferixxu fid-dettalji u t-teknikalitajiet. Sadattant ukoll, il-Kunsill kompla bl-infami jixxalaw u l-gvernatur jaqa' għaż-żufjett. Għalkemm Kirton kien baqa' jsaħħan is-siġġu kien jidher ċar daqs il-kristall li din il-pantomina ma setgħetx tkompli. L-alternattiva awtoritarja kienet li tabolixxi l-Kunsill, imma ladarba Malta kienet ingħatat Kunsill ma kinitx ħaġa ħafifa għall-Ingilterra, bil-preċedenti kostituzzjonali tagħha, li taqbad u tabolih. Kif osserva Edward Wingfield: "ikun ġenn li żżid l-element rappreżentattiv, imma jkun diffiċli, jekk mhux anti-kostituzzjonali, li tneħħih."(35) Il-maġġoranza tal-Kunsill tal-Gvern kienu tal-fehma li kellhom isiru elezzjonijiet biex jimtlew il-postijiet vakanti ta' kunsillieri. Savona biss kien kontra. Huwa sostna li jekk jissejħu l-elezzjonijiet in-Nazzjonalisti jirridkolaw lill-Gvern b'iżjed kandidati taż-żufjett. Savona qal li f'Malta l-Gvern rappreżentattiv ma kienx jaħdem. Għalhekk Savona tkellem kontra li ssir elezzjoni u minflok huwa ssuġġerixxa s-soppressjoni tal-kostituzzjoni u hekk ikun jikkmanda l-gvernatur Ingliż waħdu, megħjun minn Maltin li jagħtu xi pariri. Savona seħaq għalhekk li l-element rappreżentattiv jitneħħa għal kollox minn Malta u jħallu f'idejn is-Segretarju ta' l-Istat għall-Kolonji biex jirranġa l-aħjar kostituzzjoni bid-dettalji kollha f'dan is-sens.(36) Fl-istess ħin li Savona kien qiegħed jissuġġerixxi politika hekk retrograda u viljakka, Strickland għan-nom ta' Mizzi kien qiegħed iwiegħed lill-Under Secretary of State Sir Robert Herbert li n-Nazzjonalisti ma kellhom ebda intenzjoni u ma xtaqux ikomplu bil-politika taż-żufjett.(37) Irrispettivament minn dan, madankollu, Savona ddisgusta anki lill-istess Ingliżi, li hu kien tant jammira u jiffavorixxi, mingħalih. Kliemu, osserva John Anderson, kien juri "l-ħdura kollha ta' wieħed rinegat."(38) Sir Robert Herbert, dak li seħaq ħafna fuq il-ħtieġa li l-Maltin jiġu ingliżizzati sabiex ma jkunx hemm ċans li jkunu pro-Taljani, wasal biex stagħġeb b'Savona. Hi stramba, osserva dan, kif Savona jista' jikkontempla u jissopponi li l-Gvern tal-Majestà Tagħha se jqis li jaqbad u jtajjar il-privileġġi kostituzzjonali tal-poplu Malti. Anki Hely-Hutchinson u Simmons fehmu li dak li xtaq Savona ma kienx possibbli wisq, u żgur mhux aċċettabbli għall-opinjoni pubblika Ingliża. Fi ftit kliem, Savona ġie, kif igħidu, "iżjed Ingliż mill-Ingliżi." U fl-istess ħin, u għalhekk, kontra l-Maltin iżjed minnhom. Prodott tagħhom iżjed minn Maltin oħra, Savona sab ruħu, aktarx bi skantament għalih, skartat mis-suppost mudelli tiegħu. Il-Malti jgħid li ma tistax tħobb lil Alla u x-xitan: jew wieħed jew l-ieħor; imma l-kollaboratur indiġenu jfittex li jaqdi lit-tnejn, u sadanittant isir alla-xitan hu nnifsu. Is-sir bla koerenza, bla integrità, mostru, bla ruħ, ma jafx fejn se jagħti rasu. Il-kbira hi li l-esperjenza tilludih u l-kilba għas-sodisfazzjon tibqa' tanimah; anki jekk mixgħuf minn ġewwa jmantni sura kemm jista' jkun azzarija, u jagħmel minn kollox biex ilaħħaq maċ-ċirkostanzi li jinqalgħu mingħajr qatt ma jista' jiċħad għal kollox l-intern imħawwad u żvijat tiegħu. Traġedja għalih u għal min ikollu x'jaqsam miegħu, il-kollaboratur indiġenu hu personalità

maqsuma, raġel sgwidat u mnawwar minn żgħożitu, mimli b'ideat nofshom nejjin u bi pretensjonijiet skizofreniċi. Bħal persuna b'munqar ta' pappagall u denb ta' xadina, u li ma għandhiex mera. X'jibqa' fik meta titkellem favur il-jasar ta' niesek biex tinħabb, u minn fuq timpressjona ħażin saħansitra lis-superjuri tiegħek li jibdew ituk il-ġenb? Hekk ġralu Savona.

Fl-Ingilterra dan kien iż-żmien tal-Home Rule Compaign għall-Irlanda, immexxija minn Gladstone. Kienet tqanqlet sewwa l-opinjoni pubblika Ingliża dwar il-jedd ta' awtodeterminazzjoni tal-popli. Kien ukoll perijodu daqsxejn imħawwad b'għadd ta' ministri tal-kolonji differenti wieħed jilħaq wara l-ieħor wara biss ftit xhur. Il-P.N. tella' kampanja kbira favur kostituzzjoni rappreżentattiva. U l-gvernatur ma setax jinjora dan kollu. Tela' Londra hu wkoll, u ħa lill-Avukat Carbone miegħu.(39)

L-organizzazzjoni tal-P.N. bħalissa ġiet fl-aħjar tagħha. Fil-Belt infetaħ każin, x'aktarx li dan kien l-ewwel każin ta' partit politiku li qatt infetaħ f'pajjiżna. Il-każin issemma proprju għal Fortunat Mizzi: "Circolo Fortunato Mizzi." Dan il-każin seta' jservi bħala kwartieri ġenerali tal-partit, fil-Belt, u għalhekk il-laqgħat ta' l-eżekuttiv setgħu jibdew isiru hawn, flok għand Mizzi jew fi djar privati jew xi lukanda żgħira. Il-każin beda jitmexxa minn kumitat magħruf bħala "l-Kumitat tad-Direzzjoni" **(Comitato di Direzione)** u s-segretarju kien Eliodoro Barbaro.(40) Barra minn hekk, twaqqaf ukoll kumitat ieħor fuq skala nazzjonali biex jaħdem għal proposti konkreti għal kostituzzjoni rappreżentattiva. Dan kien l-"Assemblea taċ-Ċittadini" **(Assemblea di Cittadini).** Riferenza ċkejkna iżda importanti dwar din l-Assemblea nsibuha b'konnessjoni mal-preżenza fiha ta' Dr. Salvatore Grech, li kien għamel żmien midħla sewwa ta' Savona. Barbaro kiteb li għalkemm Grech ma kienx membru tal-P.N. huwa kien jaqbel fil-prinċipju mal-proposti għal kostituzzjoni rappreżentattiva. Fi kliem ieħor, il-membri ta' l-Assemblea taċ-Ċittadini kienu Nazzjonalisti,



mentri Grech ma kienx membru tal-partit. Hi interessanti din id-distinzjoni għaliex tagħti 'l wieħed x'jifhem li kien hemm anki proċeduri milqugħa dwar kif wieħed isir membru tal-partit — mhux biżżejjed li jattendi għal xi laqgħat imsejħa minnu. Fin-nuqqas (sa fejn nafu aħna) ta' statuti qodma tal-P.N., u ta' tagħrif dwar tessera, eċċ., dawn l-osservazzjonijiet jistgħu jindikaw livell ta' ċerta reqqa fl-organizzazzjoni u fl-istruttura tal-partit anki f'dan iż-żmien bikri imma mqanqal u tabilħaqq formattiv. Kieku teżisti iżjed korrispondenza ta' Barbaro u oħrajn bħalu dwar dan il-każin u/jew din l-Assemblea wieħed ikun jista' jippreċiża aħjar is-sura organizzattiva li kellu l-P.N. fis-snin 80.

L-Assemblea mbagħad ħatret hi kumitat eżekuttiv. Dan l-eżekuttiv sar magħruf bħala "l-Kumitat tal-Ħdax" **(Comitato degli Undici),** għax kien magħmul minn ħdax-il persuna. Il-Kumitat tal-Ħdax kellu l-inkarigu li jfassal kostituzzjoni ġdida u li jinnegozja għan-nom tal-partit, li minnu ħarġet l-Assemblea. Il-membri ta' dan il-Kumitat kienu: il-Baruni Azzopardi, Antonio Caruana, Dr. Emmanuele Caruana Gatto, Dr. Alessandro Chapelle, Antonio Cini, Dr. Oreste Grech Mifsud, Enrico Naudi, Dr. Salvatore Castaldi (rapporteur), il-Baruni Testaferrata Abela (Segretarju) u Dr. Fortunat Mizzi, President).(41)

L-elezzjonijiet għall-ħames siġġijiet vakanti fil-Kunsill kellhom isiru waqt li Mizzi kien imsiefer. Il-P.N. ħatar ħames kandidati rispettabbli, bħala turija tar-rieda tajba tiegħu li jintlaħaq ftehim dwar ordni politiku ġdid. Il-kandidati kienu Dun Giuseppe Destefani, in-negozjant Paolo Sammut, in-Nobbli Goffredo Sceberras, il-Konti Geraldo Strickland u Mizzi nnifsu. Minn dawn il-kandidaturi joħroġ l-interess tal-partit li juri rappreżentanza fost il-klassijiet l-iżjed influwenti tas-soċjetà b'nies mill-kleru, mill-kummerċ, mill-qorti u, iżjed mis-soltu, mill-aristokrazija, minħabba li din kienet qiegħda tagħti palata anki fl-Ingilterra. L-ewwel tliet kandidati — Destefani, Sammut u Sceberras kellhom jirriżenjaw malli jitilgħu, filwaqt li Strick-

land u Mizzi, skond il-programm elettorali, kellhom jirriżenjaw malli jerġgħu lura minn Londra. L-iskop ta' dan kien illi juri protesta dinjituża minflok protesta maħsuba biex twaqqa' għaż-żufjett. F'dan kien importanti wkoll il-P.N., għaliex elezzjoni trid tintrebaħ; ġusta kemm tkun ġusta l-kawża xorta waħda trid issir il-kampanja kontra l-avversarji. L-**electioneering** kien f'idejn Beneditt Xuereb, li kien qiegħed jaqdi funzjoni li tixbah lil dik ta' **party manager.** Kien Xuereb li introduċa l-ħames kandidati, inkluż Strickland, bħala "l-kandidati tal-Partit Nazzjonali."[42]

Il-partit tal-Gvern ippruvaw ikebbsu ftit entużjażmu kontra l-għotja ta' Gvern rappreżentattiv lil Malta, l-iżjed bis-saħħa tal-gazzetta ta' kuljum ta' F.S. De Cesare, ir-**Risorgimento.** De Cesare kien persuna temperamentali, kultant lagħqi u kultant agressiv, imma x'aktarx pinnur. Għalhekk qatt ma tista' tgħid li kien Nazzjonalist. Ir-**Risorgimento** kienet meqjusa minn Mizzi u minn Roncali bħala l-portavuċi tar-reġim: u De Cesare, allura, bħala kollaboratur kolonjalista, li bħalu kien hemm għadd ġmielu ta' Maltin fil-kurituri tal-poter, għalkemm mhux daqstant fil-miftuħ. Savona, s'issa, kien meqjus bħala wieħed minnhom għalkemm il-"parir" tiegħu kontra li ssir elezzjoni kien għadu mistur fil-minuti tal-Kumitat Eżekuttiv. De Cesare kien beda, fl-1879, fuq in-naħa ta' Savona għad li kien jippoża ta' indipendenti; seba' snin wara nsibuh ftit jew wisq fuq l-istess naħa, kontra n-Nazzjonalisti Maltin. Fl-1887 De Cesare ttanta jsejjaħ **meeting** biex jirribatti l-kampanja Nazzjonalista. Ippjana li jagħmel **meeting** il-Furjana biex jaħbat fil-ħin u fil-ġurnata ma' **meeting** Nazzjonalista fil-Belt. Għarralu bl-ikreh.[43] Kien hemm imbagħad dawk il-ġeremiji li ma setgħux jifhmu jew jaċċettaw li l-Maltin seta' jkollhom gvern rappreżentattiv. Wieħed minnhom kien l-editur tal-**Malta Times,** gazzetta x'aktarx indipendenti għad li pro-Ingliża. Dan qal li l-Maltin żgur kienu "se jiġu ddiżappuntati."[44] Fost il-kleru wkoll kien hemm elementi beżżiegħa u suspettużi. Is-suspettużi kienu jippuntaw lejn Strickland bħala



bniedem li ma tistax tafdah. Il-beżżiegħa kienu jaħsbu li bil-gvern rappreżentattiv il-Knisja Kattolika setgħet titlef xi jeddijiet u privileġġi milli kellha, u xtaqu garanzija li dan ma jiġrix. Il-gazzetta **Fede ed Azione,** li kienet twaqqfet mis-Società Promotrice Cattolica Maltese fl-1872, ħadet linja u esprimiet ruħha b'mod anti-Nazzjonalista u reazzjonarju. Hi qalet li l-P.N. kien ħa proporzjonijiet ġganteski meta ħaddan tant elementi fih, inklużi elementi li setgħu jissejħu eteroġeneji, sabiex jiddefendi "l-kawża nazzjonali" u, żiedet tgħid din, mhux biex jikseb għamla determinata ta' kostituzzjoni. L-argument kien ukoll li l-proġett Mizzi-Strickland għal gvern rappreżentattiv ma kellux jitħawwad ma' l-elezzjoni li kienet qiegħda ssir għall-Kunsill iżda kellu jiġi diskuss għalih waħdu. Hi beżgħet, bla dubju, li r-rebħa Nazzjonalista fl-elezzjoni kienet se tiġi interpretata bħala mandat popolari favur il-gvern rappreżentattiv.[45]

Ix-xewqa għal gvern rappreżentattiv kienet tant kbira, iżda, u mifruxa fost il-poplu anki bħala ideal, illi l-P.N. f'din l-epoka kien igawdi appoġġ u rispett kbir. Tant hu hekk, li Savona stess reġa' bdielu dwar l-aħjar forma ta' gvern għal Malta. Ippreżenta skema "ġdida" lill-Eżekuttiv għal riforma kostituzzjonali li fi kliem Hely-Hutchinson kienet "kuntradizzjoni assoluta ta' dak li kien sostna qabel." Kien jidher minn rapport f'**The Times** ta' Londra, qal Savona, li l-Ministru tal-Kolonji kien wiegħed lil Dr. Mizzi riforma fil-kostituzzjoni li kienet se tagħti lill-Maltin kontroll sħiħ fuq affarijiet lokali. Allura, kompla dan, la hu hekk, hu (Savona) kien jidhirlu li l-proposti (fl-istess direzzjoni) li kien qiegħed jippreżenta hu (Savona) kienu l-inqas oġġezzjonabbli ("the least open to objection"). Jekk ma kienx possibbli li l-element rappreżentattiv jitneħħa għal kollox, qal Savona, l-alternattiva waħdanija kienet l-għotja ta' kostituzzjoni ġdida li tissodisfa lill-maġġoranza tal-poplu. Gabirjola li billkemm titwemmen, imma dik hi l-istorja.[46]

Dan kien il-mument. Mizzi minn Londra indirizza iżjed

minn appell wieħed lill-Maltin, appelli kommoventi u qawwijin li jħeġġu lil kulħadd jingħaqad wara l-istandard Nazzjonalista Malti favur il-kawża rappreżentattiva. Kienu appelli indirizzati prinċipalment lejn l-eletturi minħabba l-elezzjoni; iżda fuqhom insibu wkoll l-isbaħ espressjoni u turija ta' ideal, ta' impenn, u ta' twemmin Nazzjonalista. Mizzi juri, kif dejjem wera, ix-xewqa tiegħu umanitarja xejn inqas milli liberali — żewġ kostitwenti essenzjali tan-nazzjonaliżmu Malti. Huwa jitkellem dwar it-trattament ħażin lill-Maltin bħala ċittadini u bħala bnedmin minħabba r-reġim kolonjali, trattament b'metodi u b'sistemi inumani u ripressivi. L-Ingliżi, igħid Mizzi, jittrattaw lill-Maltin bħala lsiera, bħala oġġett ta' merkanzija, waqt li l-Maltin kienu bnedmin bħal bnedmin oħra u kien ħaqqhom bħal ħaddieħor li jkollhom rajhom f'idejhom. Huwa wissa lill-poplu kontra l-kollaboraturi kolonjalisti, bħal Savona, li kienu bażużli u lagħqa ta' l-Ingliżi u riedu mingħandhom dak li ma ridux għall-poplu. Dawn l-appelli ta' Mizzi, li jmisshom jinġabru flimkien ma' diskorsi kbar oħrajn tiegħu, ifissru fil-waqt li jissimbolizzaw il-messaġġ u l-moviment Nazzjonalista Malti fil-quċċata tiegħu wara seba' snin sħaħ ta' taqbid għat-telgħa.[47]

Ma kinux bla effett l-appelli tal-mexxej Nazzjonalista. Il-ħames kandidati tal-P.N. telgħu mingħajr ma ġew ikkontestati minn ħadd.[48] Il-gvernatur tant ħadha bi kbira li lanqas biss indenja ruħu jinforma lill-Colonial Office bid-disfatta li kien sofra l-partit kolonjalista.[49] F'April ħarġu d-draft letters patent tal-kostituzzjoni l-ġdida, li l-verżjoni finali tagħha ħarġet imbagħad fil-letters patent tat-12 ta' Diċembru, li ġew promulgati fit-22 ta' Diċembru 1887. Għall-ewwel darba fl-istorja tagħna, bis-saħħa tal-Partit Nazzjonalista, Malta kellha gvern rappreżentattiv: maġġoranza ta' deputati eletti fil-Kunsill b'jeddijiet fuq l-ispiża pubblika, u bi tlieta minnhom bi dritt li jkunu fil-Kunsill Eżekuttiv f'kapaċità konsultattiva. F'din il-glieda kien sar u ssawwar ukoll il-partit Nazzjonalista ta' Malta.



### (vii) Ir-Rebħa Elettorali ta' l-1888

Fl-ewwel elezzjoni li saret taħt gvern rappreżentattiv, li ġiet ikkontestata wkoll minn Savona (li rriżenja mill-Gvern) bħala mexxej tar-Reform Party, il-P.N. rebaħ is-siġġijiet kollha.[50] Għall-ewwel u l-aħħar darba fl-istorja ta' Malta, il-membri kollha li ġew eletti fil-Leġislatura f'elezzjoni ġenerali, kienu ta' partit wieħed. Il-kampanja elettorali kienet mibnija l-iżjed fuq il-kostituzzjoni l-ġdida li l-P.N. kien jappoġġjaha u l-partit ta' Savona jikkritikaha. Il-manifesti taż-żewġ partiti juru illi kemm naħa kif ukoll l-oħra kienu għaddejja minn żmien ta' tranżizzjoni u għalhekk il-klima politika kienet bdiet tieħu xejra ġdida.

Fil-qofol tagħha din il-bidla kienet kollha effett tal-kostituzzjoni nnifisha. Nieħdu l-Partit Riformista l-ewwel. Fl-1887 Savona kien irriżenja minn Direttur ta' l-Edukazzjoni bil-protesta li l-kostituzzjoni ma kinitx tajba biżżejjed u kienet tħalli "l-egħżeż interessi tal-Maltin għar-rieda tal-Gvern." Dan issens 'filantropiku' ġdid f'Savona, li mil-lejl għan-nhar inbidel minn kollaboratur għal avversarju, ma kien konvinċenti xejn. L-istess bażużlu li ftit snin qabel kien qiegħed jissuġġerixxi prattikament dittatorjat mill-gvernatur, issa kien qiegħed joġġezzjona bl-aħrax għall-poter li l-istess Gvernatur kellu li jżomm xi vot jew riżoluzzjoni li tkun għaddiet mill-Kunsill. L-istess lagħqi li sa ftit snin qabel kien kuntent idaħħal salarju ta' £500 fis-sena bħala Direttur ta' l-Edukazzjoni issa ddikjara ruħu kontra s-salarju ta' £300 fis-sena lit-tliet membri fil-Kunsill Eżekuttiv.[51] L-ostilità ta' Savona lejn il-Gvern kompliet tispikka aktar meta l-manifest tal-partit tiegħu ppropona li jitnaqqsu l-pagi tal-Gvernatur, is-Segretarju Prinċipali, il-Prim Imħallef, u l-Avukat tal-Kuruna, u li Malta ma kellhiex tibqa' tħallas il-kontribuzzjoni militari ta' £5000 fis-sena.

Fl-istess ħin insibu li f'din il-kampanja elettorali l-P.R. beda jiddependi aktar mir-**Risorgimento** ta' De Cesare milli mill-**Malta Standard** li kienet ixxaqleb aktar favur il-Gvern. Fil-fatt il-kampanja kollha kienet Savonjana aktar milli Rifor-

mista, iżda meta wieħed iqis l-iskopijiet personali li kellu Savona għall-ġejjieni, din il-bidla tikseb sens akbar. L-għan aħħari ta' Savona kien li jiġbed il-popolarità li kien tilef fit-tmeninijiet bħala renegat u kollaboratur, u li jerġa' jibni ruħu fil-kamp politiku lokali bħala mexxej tal-poplu. Savona beda jipprevedi Kunsill maħkum mill-partit ta' Mizzi waqt li, min-naħa l-oħra, huwa kien kisirha bl-ikreh ma' Hely Hutchinson dwar kummissjoni li nħatret biex tinvestiga t-tmexxija ta' l-Università. Sir Victor Houlton, min-naħa tiegħu, kien tal-fehma li Savona rriżenja sempliċement għall-fatt li taħt gvern rappreżentattiv seta' jibbrilla aktar.[52] Savona, għalhekk, kien sar ex-kollaboratur f'kuntest fejn "min mhux magħna kontra tagħna." Din kienet l-opportunità tad-deheb għal Savona li jieħu l-poter minn direzzjoni dijametrikament differenti minn dik ta' qabel.

Il-P.N. ħareġ b'manifest aktar moderat u kredibbli bil-għan li jara l-kostituzzjoni tirnexxi u tagħti frott tajjeb. In-Nazzjonalisti kienu għaqlin biżżejjed li ma jġarrfux dak kollu li kienu bnew billi jaddottaw politika ta' konfront. Bħas-soltu, il-manifest kien jiddefendi "ir-Reliġjon tagħna, l-Ordni Pubblika u l-Proprjetà Privata," u kkommetta ruħu biex jara l-iżvilupp progressiv tal-kostituzzjoni. Il-partit xtaq li s-salarji tat-tliet membri mhux uffiċjali tal-Kunsill Eżekuttiv jitneħħew minn fuq il-Lista Ċivili biex b'hekk dawn jiġu direttament responsabbli lejn il-Leġislatura u fil-każ li jgħaddi vot ta' sfiduċja fihom, dawn il-membri jkollhom jirriżenjaw.[53]

Dwar il-kwistjoni tal-Lingwa, in-Nazzjonalisti kienu lesti li jaslu għal kompromess li jinkoraġġixxi kemm it-Taljan kif ukoll l-Ingliż iżda qatt ma kienu lesti li jħallu dan ta' l-aħħar jieħu post l-ieħor.

Il-qagħda soċjali lanqas ma kienet minsija mill-partit u hawnhekk insibuh jipproponi titjib fil-kundizzjonijiet sanitarji fl-irħula, u l-estensjoni ta' l-ilma lil dawk il-postijiet li kienu għadhom mingħajru. Il-partit ried ukoll jimmodifika l-liġijiet penali u ipotekarji waqt li jemenda l-Liġi ta' l-Istampa b'mod li jitneħħa l-abbuż mingħajr ma titnaqqas il-libertà tal-kelma.

Hawn jaqbel li wieħed jifli l-kostituzzjoni aktar mill-qrib. L-għoti ta' element rappreżentattiv kien ċertament pass eqreb lejn id-demokratizzazzjoni ta' Malta. Barra minn hekk, il-fatt li t-tliet membri mhux uffiċjali fil-Kunsill Eżekuttiv kellhom jingħażlu mis-sezzjoni li tgawdi maġġoranza fl-Assemblea Leġislattiva, kien juri biċ-ċar li l-Gvern kien lest li jirrikonoxxi s-sistema partitarja. Għalhekk dawn il-membri kellhom jitqiesu bħala rappreżentanti tal-partit ewlieni fil-pajjiż. Iżda f'kuntest kolonjali demokratizzazzjoni sħiħa hi biss ħolma li diffiċli, jekk mhux impossibbli, titwettaq; u l-Gvern Kolonjali ma kienx daqshekk karitattiv u twajjeb li jħalli r-riedni tal-pajjiż f'idejn id-deputati eletti fil-Kunsill. Ma' l-ewwel daqqa ta' għajn, il-ħatra tat-tliet deputati fil-Kunsill Eżekuttiv kienet tindika li għall-ewwel darba r-rappreżentanti tal-poplu kellhom jingħataw responsabbiltà ministerjali, iżda fil-fatt din kienet aktar ta' fixkla milli ta' għajnuna għal ħafna raġunijiet. Dawn il-membri kienu ser jibqgħu jservu fil-Kunsill tal-Gvern waqt li jaqdu l-funzjoni tagħhom fl-Eżekuttiv bir-riżultat li dejjem ikunu fil-minoranza fil-Kunsill li jieħu d-deċiżjonijiet u f'maġġoranza fil-Kunsill li kien biss jiddibattihom. Għalhekk setgħu jieħdu sehem fil-proċess ta' deċiżjoni fuq livell eżekuttiv iżda ma kellhom ebda kontroll fuqu. Mifrudin mill-partit tagħhom bil-pożizzjoni mħallsa li kellhom u limitati fil-kapaċità tagħhom ta' konsultazzjoni, dawn il-membri la kienu rappreżentattivi u lanqas eżekuttivi.

Għalhekk il-prinċipji suppost demokratiċi tal-kostituzzjoni sfaw imdgħajfin min-natura tal-kostituzzjoni nnifisha. Il-partit ewlieni qatt ma kellu s-setgħa li jagħżel hu lir-rappreżentanti fil-Kunsill Eżekuttiv — din kellha tkun deċiżjoni esklussivament tal-Gvernatur. L-uniku kontroll li kellha l-maġġoranza fuq dawn il-membri kien li tirtira l-appoġġ tagħha u b'hekk iċċaħħadhom mill-istess bażi li kienet serviet bħala premessa għall-għażla tagħhom fil-bidu nett. Iżda biex ikun jista' jagħ-

mel dan, il-partit ried ikun f'saħħtu biżżejjed li ma jinqasamx fil-proċess. Minn din is-sitwazzjoni kellu ħafna x'jiggwadanja l-partit fil-minoranza billi jikkwalifika li jkollu l-membri tiegħu magħżula fl-Eżekuttiv mill-Gvernatur. Minħabba dan, kien fl-interess tal-partit li jgawdi maġġoranza li jikkollabora kemm jista' jkun mal-Gvern permezz tal-membri tiegħu fil-Kunsill Eżekuttiv. Dawn il-membri kellhom ir-responsabbiltà li jżewġu l-eżiġenzi ta' l-amministrazzjoni mar-rieda tal-partit. Min-naħa l-oħra, il-qagħda mwiegħra tagħhom kienet se tkun il-mira ta' l-attakki tal-partit fl-oppożizzjoni li dejjem ifittex li jsaħħaħ il-bażi tiegħu b'akkużi ta' tradiment u opportuniżmu.

Fl-ewwel elezzjoni, taħt din il-kostituzzjoni ġdida, madankollu, il-problemi ma tqajmux għar-raġuni li, kif għedna diġà, il-P.N. xtaq li jara l-kostituzzjoni tirnexxi, u l-amministrazzjoni ma riditx tisfratta din il-forma ġdida ta' gvern. Iżda minkejja dak kollu li ntqal fil-manifesti, favur jew kontra l-kostituzzjoni, l-għażla għall-eletturi baqgħet dik bejn Mizzi u Savona. L-uċuh fil-partit ta' Savona baqgħu bejn wieħed u ieħor l-istess b'nies bħal Dr. Salvatore Grech, Dr. Francesco Adami, il-Markiż Saverio De Piro u l-Markeżino De Piro C.M.G. jikkontestaw l-elezzjoni. Min-naħa l-oħra nsibu li fil-lista tal-P.N. bdew jidhru ismijiet ġodda bħall-Baruni Calcedonio Azzopardi (tas-Società Economico-Agraria), Mons. Paolo Cachia, l-Arċipriet Teodoro Galea, l-Avukati Oreste Grech Mifsud, Baruni Alessandro Chapelle u Eduardo Vella, u n-neguzjanti Paolo Sammut, Antonio Lanzon u Enrico Naudi; ebda wieħed minn dawn ma kien ikkontesta xi elezzjoni mal-P.N. qabel. Din kienet indikazzjoni ċara li l-Partit kien qiegħed aktar ma jmur jitkattar u jissawwar. Id-dominazzjoni qawwija tal-personalitajiet tal-mexxejja ma naqsitx. Iż-żewġ partiti kienu għadhom fi stadju formattiv u għalhekk bilfors li dawk li ħolquh kellhom jiġu identifikati miegħu. Il-mexxej baqa' dejjem jiddomina bħala entità ċentrali, indispensabbli u inseparabbli: il-fus li jdur fuqu l-partit. Anzi wieħed jista' jgħid li ma setax ikun hemm P.N. mingħajr il-preżenza kariżmatika ta' Mizzi, bħalma ma



setax ikun hemm R.P. mingħajr Savona, li f'din l-elezzjoni ta' l-1888 mexxa lill-partit tiegħu lejn telfa sħiħa.

(viii) **L-Iskandlu ta' Simiana**

L-elezzjoni li, skond Simmons, tant qanqlet ferment kienet imħassra b'inċident li Savona uża biex jiġġustifika t-telfa tiegħu u min-naħa l-oħra għen biex jiskredita lill-amministrazzjoni. Dak inhar li tħabbru r-riżultati ta' l-elezzjoni (8 ta' Marzu 1888), l-editur tal-ġurnal **Il Popolo,** Gabriele Simiana, xehed quddiem in-Nutar F. Caruana Dingli li kien ġie mxaħħam mis-Suprintendent tal-Pulizija, il-Kaptan Richard Casolani, biex ma jibqax jappoġġja lil Savona permezz tal-ġurnal tiegħu u minflok jibda jikteb favur Mizzi. Wara stħarriġ li sar fil-magħluq taħt id-direzzjoni tal-Gvernatur Simmons, irriżulta li l-allegazzjoni kienet minnha. Simiana kien ġie avviċinat minn ċertu Gaetano Borg, li kien messaġġier fl-Uffiċċju tas-Segretarju Prinċipali, u mogħti £10 (5 tad-deheb u 5 tal-fidda) li kienu ttieħdu mill-fondi ta' riserva tas-Servizz Sigriet tal-Pulizija. Il-Kaptan Casolani (bniedem marid li miet ftit wara l-inċident) aċċetta li jerfa' r-responsabbiltà kollha u ammetta li ħallas lil Simiana £10 "bħala sussidju lil **Il Popolo** li tagħha hu (jiġifieri Simiana) huwa l-editur bl-intenzjoni li jwaqqaf attakki insolenti li kienu qed jidhru kontra Dr. Mizzi u l-partit tiegħu, u li setgħu jqanqlu nkwiet serju."

Din il-verżjoni tal-każ ma kinitx taqbel għal kollox ma' dik li ngħatat minn Borg li qal li Simiana kien ġie mitlub jappoġġja lill-P.N. u jattakka lil Savona, u li hu (Borg) kien aċċetta l-biċċa xogħol "bil-ħsieb li naqdi lil dawk li impjegawni." Qatt ma ħareġ ċar għal min kien qed jirreferi Borg, jekk hux għal xi partit jew jekk il-persuna mdaħħla kienx xi ħaddieħor barra Casolani.

Simiana nnifsu kien bniedem ta' karattru dubjuż. Fl-1875 kien tkeċċa mis-Servizz Pubbliku wara li ġie mixli li kien imdaħħal fil-prostituzzjoni u l-logħob ta' l-azzard, u safa' arrestat għaliex ma wassalx għad-djun li kellu. Il-ġurnal tiegħu

kien jiddelitta b'karikaturi u satiri li kienu jappellaw għal sezzjoni żgħira tal-poplu. Għalhekk ma kienx ser jagħmel differenza jekk mil-lejl għan-nhar l-opinjoni tal-ġurnal inbidlet. Għaldaqstant ma kienx hemm raġuni valida għaliex ingħażel **Il Popolo** għal din il-biċċa xogħol, iżda huwa żgur li bosta drabi qabel Simiana kien għamel bosta favuri lil Casolani. Li kieku l-għan veru kien li tiġi influwenzata l-opinjoni pubblika kienu jintgħażlu ġurnali aktar influwenti bħar-**Risorgimento** u l-**Public Opinion**.

Dan il-każ ta' korruzzjoni seta' ħalla tebgħa kerha fuq il-Partit Nazzjonalista. Iżda mill-korrispondenza li għaddiet bejn Mizzi u Simiana, l-aktar mit-twissijiet tal-mexxej tal-P.N., jidher li dan mhux biss ma kellux x'jaqsam mal-każ iżda kien għal kollox kontra dan l-aġir. F'waħda mit-tliet ittri li bagħat Mizzi lil Simiana dan joħroġ ċar ħafna. Insibu wkoll referenzi għal wieħed Costantino Speranza li flimkien ma' ieħor Domenico Pace, kien kimpliċi ma' Simiana:

"Dawn l-affarijiet ma jogħġbunix," kiteb Mizzi, "u ma nistax napprovahom; sinċerament ngħidlek li ma rridx ikolli x'naqsam magħhom... Ngħidlek il-verità nibża' illi Speranza qiegħed jitħallas mill-egħdewwa biex jitkellem favur tagħna u jagħti wieħed x'jifhem li qiegħed jitħallas minna... Nitolbok biex ma ddaħħalnix fi ħwejjeġ li jien ma napprovax bis-sħiħ. Nagħtik parir biex inti tagħmel l-istess ħaġa u tibgħat jixxejru lil Speranza u lil nies imħallsa bħalu. Tindaħalx f'affarijiet bħal dawn għaliex ma jagħmlux ġid lil min jiċċappas bil-korruzzjoni. U jekk xi ħadd minn tagħna qallek biex tindaħal, tagħmel tajjeb jekk tgħidli bih ħalli nagħtih ħasla kif jixraqlu."

Meta l-każ wasal quddiem il-Kunsill Eżekuttiv, Mizzi biss kien lest li jieħdu quddiem il-Qorti. Kien x'kien l-iskop ta' dan l-iskandlu fl-aħħar mill-aħħar għamel aktar ħsara lill-gvern, l-aktar lis-Segretarju Prinċipali, Hutchinson, milli lill-Partit Riformista. Anzi Savona seta' jagħmel kapital minnu. **Public Opinion,** fit-taqsima ġdida tagħha bit-Taljan, bdiet tixli lil Hutchinson giddieb iżda dan xorta ma ħarrikx lill-



ġurnal b'libell. Min-naħa tiegħu Simiana fetaħ pubblikament, permezz ta' **Il Popolo,** sfida lill-gvern u akkuża ċerti impjegati mal-gvern li għamlu minn kollox biex jikkorrompuh. Simmons ma ta ebda tweġiba għal dawn l-allegazzjonijiet u dan ukoll ma wasalx biex jagħmel libell lill-**Il Popolo** għaliex, qal, ma kinitx "denja ta' daqshekk attenzjoni". Iżda dell ikreh kien intefa' fuq ħafna ismijiet bħal Casolani, is-Segretarju Prinċipali Hely Hutchinson, l-assistent tiegħu De Petri, l-Assistent Supretendent tal-Pulizija Melitone Caruana, iċ-Chief Police Clerk Edward Barbara u xi ftit oħrajn. Kulma weħel Casolani kienet ċanfira u li jrodd il-flus lura. Kienet sentenza dgħajfa meta wieħed iqis li l-każ kien jimplika indħil sfaċċat u anti-kostituzzjonali fil-politika lokali.

Savona akkuża lill-gvern li kollox sar biex jiffavorixxi lill-"bażużli tal-Palazz" (b'referenza għall-P.N.) u biex itellef lil dawk il-kandidati li kellhom il-kuraġġ jopponu lill-gvern.[54] Skond Savona l-elezzjoni kienet invalida, iżda minkejja dawn l-allegazzjonijiet il-probabbiltà hi li kieku ma seħħx l-iskandlu Savona xorta waħda ma kienx jirbaħ l-elezzjoni.

L-elezzjoni ta' Marzu 1888 għalhekk kompliet isseddaq irrispett li kien qed igawdi l-Partit Nazzjonalista li s'issa diġà kellu mekkaniżmu intern organizzat: mexxej li għamel isem għalih, ġurnal ta' kuljum, kumitat eżekuttiv, 'party manager', kwartieri ġenerali, u fuq kollox ideoloġija milqugħa. Il-moviment Nazzjonalista f'dawn is-snin kien qawwi u kapaċi jimmobilizza appoġġ fuq livell nazzjonali. Fl-ewwel tmien snin biss ta' ħajtu kien irnexxielu jqanqal is-sisien tas-soċjetà Maltija. Tassew li dawk li jmexxu kienu ġejjin mill-klassi ta' l-iskola', speċjalment il-professjonisti u l-qassisin, iżda huwa importanti li wieħed jifhem li dawn irnexxielhom jikkomunikaw b'mod dirett mal-massa li kienet tifforma l-bażi tal-partit. Dak li beda bħala idea b'karattru intellettwali nfirex qalb l-elettorat u ħoloq kuxjenza ġdida fil-poplu, kuxjenza li kienet tappella għall-wirt storiku u kulturali ta' ġens li għandu jeddijiet ġuridiċi u kostituzzjonali. Il-preokkupazzjoni

kien jiddelitta b'karikaturi u satiri li kienu jappellaw għal sezzjoni żgħira tal-poplu. Għalhekk ma kienx ser jagħmel differenza jekk mill-lejl għan-nhar l-opinjoni tal-ġurnal inbidlet. Għaldaqstant ma kienx hemm raġuni valida għaliex ingħażel **Il Popolo** għal din il-biċċa xogħol, iżda huwa żgur li bosta drabi qabel Simiana kien għamel bosta favuri lil Casolani. Li kieku l-għan veru kien li tiġi influwenzata l-opinjoni pubblika kienu jintgħażlu ġurnali aktar influwenti bħar-**Risorgimento** u l-**Public Opinion.**

Dan il-każ ta' korruzzjoni seta' ħalla tebgħa kerha fuq il-Partit Nazzjonalista. Iżda mill-korrispondenza li għaddiet bejn Mizzi u Simiana, l-aktar mit-twissijiet tal-mexxej tal-P.N., jidher li dan mhux biss ma kellux x'jaqsam mal-każ iżda kien għal kollox kontra dan l-aġir. F'waħda mit-tliet ittri li bagħat Mizzi lil Simiana dan joħroġ ċar ħafna. Insibu wkoll referenzi għal wieħed Costantino Speranza li flimkien ma' ieħor Domenico Pace, kien kimpliċi ma' Simiana:

"Dawn l-affarijiet ma jogħġbunix," kiteb Mizzi, "u ma nistax napprovahom; sinċerament ngħidlek li ma rridx ikolli x'naqsam magħhom... Ngħidlek il-verità nibża' illi Speranza qiegħed jitħallas mill-egħdewwa biex jitkellem favur tagħna u jagħti wieħed x'jifhem li qiegħed jitħallas minna... Nitolbok biex ma ddaħħalnix fi ħwejjeġ li jien ma napprovax bis-sħiħ. Nagħtik parir biex inti tagħmel l-istess ħaġa u tibgħat jixxejru lil Speranza u lil nies imħallsa bħalu. Tindaħalx f'affarijiet bħal dawn għaliex ma jagħmlux ġid lil min jiċċappas bil-korruzzjoni. U jekk xi ħadd minn tagħna qallek biex tindaħal, tagħmel tajjeb jekk tgħidli bih ħalli nagħtih ħasla kif jixraqlu."

Meta l-każ wasal quddiem il-Kunsill Eżekuttiv, Mizzi biss kien lest li jieħdu quddiem il-Qorti. Kien x'kien l-iskop ta' dan l-iskandlu fl-aħħar mill-aħħar għamel aktar ħsara lill-gvern, l-aktar lis-Segretarju Prinċipali, Hutchinson, milli lill-Partit Riformista. Anzi Savona seta' jagħmel kapital minnu. **Public Opinion,** fit-taqsima ġdida tagħha bit-Taljan, bdiet tixli lil Hutchinson giddieb iżda dan xorta ma ħarrikx lill-



ġurnal b'libell. Min-naħa tiegħu Simiana fetaħ pubblikament, permezz ta' **Il Popolo,** sfida lill-gvern u akkuża ċerti impjegati mal-gvern li għamlu minn kollox biex jikkorrompuh. Simmons ma ta ebda tweġiba għal dawn l-allegazzjonijiet u dan ukoll ma wasalx biex jagħmel libell lill-**Il Popolo** għaliex, qal, ma kinitx "denja ta' daqshekk attenzjoni". Iżda dell ikreh kien intefa' fuq ħafna ismijiet bħal Casolani, is-Segretarju Prinċipali Hely Hutchinson, l-assistent tiegħu De Petri, l-Assistent Supretendent tal-Pulizija Melitone Caruana, iċ-Chief Police Clerk Edward Barbara u xi ftit oħrajn. Kulma weħel Casolani kienet ċanfira u li jrodd il-flus lura. Kienet sentenza dgħajfa meta wieħed iqis li l-każ kien jimplika indħil sfaċċat u anti-kostituzzjonali fil-politika lokali.

Savona akkuża lill-gvern li kollox sar biex jiffavorixxi lill-"bażużli tal-Palazz" (b'referenza għall-P.N.) u biex itellef lil dawk il-kandidati li kellhom il-kuraġġ jopponu lill-gvern.[54] Skond Savona l-elezzjoni kienet invalida, iżda minkejja dawn l-allegazzjonijiet il-probabbiltà hi li kieku ma seħħx l-iskandlu Savona xorta waħda ma kienx jirbaħ l-elezzjoni.

L-elezzjoni ta' Marzu 1888 għalhekk kompliet isseddaq ir-rispett li kien qed igawdi l-Partit Nazzjonalista li s'issa diġà kellu mekkaniżmu intern organizzat: mexxej li għamel isem għalih, ġurnal ta' kuljum, kumitat eżekuttiv, 'party manager', kwartieri ġenerali, u fuq kollox ideoloġija milqugħa. Il-moviment Nazzjonalista f'dawn is-snin kien qawwi u kapaċi jimmobilizza appoġġ fuq livell nazzjonali. Fl-ewwel tmien snin biss ta' ħajtu kien irnexxielu jqanqal is-sisien tas-soċjetà Maltija. Tassew li dawk li jmexxu kienu ġejjin mill-klassi ta' l-iskola', speċjalment il-professjonisti u l-qassisin, iżda huwa importanti li wieħed jifhem li dawn irnexxielhom jikkomunikaw b'mod dirett mal-massa li kienet tifforma l-bażi tal-partit. Dak li beda bħala idea b'karattru intellettwali nfirex qalb l-elettorat u ħoloq kuxjenza ġdida fil-poplu, kuxjenza li kienet tappella għall-wirt storiku u kulturali ta' ġens li għandu jeddijiet ġuridiċi u kostituzzjonali. Il-preokkupazzjoni

tal-P.N. b'jeddiijiet politiċi — forsi għad-detriment tal-progress soċjali f'dik li hi modernizzazzjoni, iżda preokkupazzjoni li kienet tqis lil Malta bħala entità politika meħlusa minn kull xkiel fir-reżistenza għall-assimilazzjoni u inklinazzjonijiet merċenarji — biddlet lin-Nazzjonaliżmu Malti f'qawwa rivoluzzjonarja, qawwa li kattret dinamika ġdida fis-soċjetà Maltija. A. D. Smith fl-istudju tiegħu "Theories of Nationalism" igħid dan: "Jekk il-kelma 'rivoluzzjoni' tfisser qabel xejn ri-organizzazzjoni politika, ikollna nammettu li n-Nazzjonaliżmu hu moviment rivoluzzjonarju... Għalkemm mhux dejjem vjolenti fil-metodi li jinqeda bihom, dejjem għandu għadd ta' talbiet appoġġjati minn theddida li hi potenzjalment vjolenti..."(55)

L-għoti ta' Gvern Rappreżentattiv kien kemm vindikazzjoni tal-imgħoddi kif ukoll lezzjoni għal-ġejjieni u wera biċ-ċar li anki f'kuntest kolonjalista daqshekk oppressiv, Partit Nazzjonalista organizzat bis-serjetà kellu ħafna x'jikseb għal pajjiżu. L-isfida quddiem il-P.N. issa kienet li jħaddem il-Kostituzzjoni.



# Taqsima 3

# IL-PARTITI POLITIĊI TAĦT KOSTITUZZJONI RAPPREŻENTATTIVA

### (i) Il-Ħatra ta' Strickland Bħala Segretarju Prinċipali

Kemm kienet ser tirnexxi l-Kostituzzjoni kien jiddependi minn bosta fatturi li kienu qed jaħdmu fl-istess ħin. Gvern Rappreżentattiv minnu nnifsu fih ħafna limitazzjonijiet, fis-sens li dan hu nofs triq bejn amministrazzjoni kolonjali u gvern responsabbli. L-għan tal-Kostituzzjoni għalhekk kien li tipprova jintlaħaq bilanċ bejn l-interessi taż-żewġ naħiet estremi, u fl-istess ħin kontradittorji, li kienu jeżistu f'Malta. Iżda f'fortizza/kolonja l-preokkupazzjoni ta' l-amministrazzjoni dwar sigurtà kienet tisboq kull jedd ċivili, u l-vittma f'każ bħal dan kien ser ikun dejjem il-Malti. Għalhekk il-P.N. kien ser ikollu biċċa xogħol iebsa li jwettaq dak li daħal għalih. Il-iżjed fid-dawl ta' żviluppi ġodda li biddlu għall-aħħar il-fixra ta' l-allinjamenti politiċi f'Malta.

L-għaxar snin bejn l-1888 u l-1898 kienu influwenzati minn tliet ġrajjiet li ħallew marka qawwija fuq il-politika Maltija. L-ewwelnett hemm il-ħatra ta' Strickland bħala Segretarju Prinċipali fl-1888. It-tieni ġrajja kienet ir-riżenja ta' Mizzi mill-ħajja parlamentari u x-xiżma li din ġiebet magħha fil-Partit; u fl-aħħarnett hemm il-kwistjoni Politico-Reliġjuża li kellha tqanqal ferment daqs dik tal-Lingwa u li wasslet għar-ritorn trijonfali ta' Savona fit-tmun politiku. Fil-qofol tiegħu, dan kien żmien li fih il-qagħda tal-partiti politiċi nbidlet mill-qiegħ. Il-Kostituzzjoni ġiebet magħha interessi ġodda li effettwaw l-evoluzzjoni tal-partiti ewlenin. Kien żmien ta' bidla karatterizzat minn inċertezzi f'dik li hi poli-

tika lokali u, b'konsegwenza, tisħiħ fil-makkinarju kolonjalistiku mmexxi minn Gerald Strickland.

Strickland kien beda l-karriera politika tiegħu man-Nazzjonalisti. Ġie elett darbtejn bħala r-rappreżentant tan-Nobbiltà u tal-Proprjetarji u flimkien ma' Mizzi u Oreste Grech Mifsud inħatar membru mhux uffiċjali fil-Kunsill Eżekuttiv bħala kandidat Nazzjonalista.[1] Xejn inqas ambizzjuż minn Savona, Strickland malajr beda jaqdef għal rasu. L-ewwel ma għamel kien li offra s-servizzi tiegħu bħala Assistent Segretarju ta' l-Istat mingħajr ħlas. Lord Knutsford ma impressjona ruħu xejn, iżda dak li kellu jkun Gvernatur ta' Malta f'qasir żmien, Sir Henry Torrens, kellu fiduċja f'dan iż-żagħżugħ u qal lil Knutsford li Strickland kien "l-uniku Malti li seta' jaqdi d-dmirijiet ta' Segretarju Prinċipali kif jixtieq il-Gvern tal-Majestà Tagħha.[2] (Torrens miet fl-1889 ftit wara li nħatar Gvernatur). F'Novembru 1888, meta Hely Hutchinson inħatar Gvernatur f'kolonja oħra, Strickland sar is-Segretarju Prinċipali l-ġdid ta' Malta.

Għalkemm kien hemm min (bħall-ġurnal **Fede e Azione**) li ssusspetta li Strickland ma kienx bniedem ta' min jafdah u li kellu motivi moħbija oħrajn, ħadd fil-fatt ma basar li dan kellu prattikament jieħu f'idejh l-amministrazzjoni daqshekk malajr. Għal xi żmien xorta żamm postu fil-Kunsill Eżekuttiv iżda kellu jirriżenja wara bosta attakki li dehru fil-ġurnali dwar din il-qagħda inkonsistenti u l-pressjoni li għamlu Mizzi u Grech Mifsud fuq il-Gvernatur Simmons. Wara dan il-każ, ir-relazzjonijiet bejn Mizzi u Strickland bdew sejrin għall-agħar. Għalkemm Mizzi, fi żmien il-ġlieda għall-Kostituzzjoni, kien wera tamiet li Strickland seta' jaqdi lil Malta tajjeb, ir-relazzjonijiet ta' bejniethom qatt ma kienu profondi. Il-kooperazzjoni tagħhom fin-neguzjati f'Londra kienet qegħdithom taħt l-istess bandiera iżda fil-fatt ftit li xejn kien hemm komuni bejn dawn it-tnejn. L-arranġament ta' bejniethom kien, aktar minn kollox, għamla ta' konvenjenza b'vantaġġ għat-tnejn. Issa dan l-'arranġament' kien spiċċa l-għan tiegħu — Mizzi kellu l-Kostituzzjoni u Strickland kellu l-kariga — u setgħu jgħidu 'saħħa' lil xulxin.



Strickland kellu jinfluwenza l-politika Maltija daqs Mizzi iżda f'direzzjoni differenti għal kollox. Bħala razzist u kolonjalist hu kien jemmen fis-superjorità tad-demm u ċ-ċiviltà Anglo-Sassona. Kien jadura dak kollu li kien Ingliż u pprova jittraduċi t-teoriji razzisti tiegħu f'termini Maltin. Il-Maltin ma kinux Semitiċi, qal, iżda Arjani, u għalhekk ġejjin mill-istess razza bħall-Ingliżi. Barra minn hekk, il-fatt li seħħu żwiġijiet bejn dawn iż-żewġ popli "mingħajr deterjorament fiżiku" kien prova biżżejjed tan-nisel komuni tal-Maltin u l-Ingliżi.[3] "Għalhekk jinħtieġ li l-poplu Malti jiġi assimilat mal-poplu Ingliż f'kollox, l-aktar f'dik li hi Lingwa u Kultura."

Ħafna drabi s-Segretarju Prinċipali kien dak li jieħu ħsieb ix-xogħol kollu ta' l-amministrazzjoni, iżda Strickland kellu jeżerċita ħafna aktar poter minn oħrajn fl-istess ħatra tiegħu. Kien bniedem intelliġenti, stuż, perseveranti u enerġiku. Kellu egħruq familjari kemm Ingliżi kif ukoll Maltin: missieru kien Ingliż fir-Royal Navy u ommu kienet minn familja nobbli Maltija. Kiseb l-edukazzjoni tiegħu fl-aqwa kulleġġi Ingliżi u saħansitra għamel il-"Grand Tour" (jiġifieri dar id-dinja) qabel ma mar l-Università ta' Cambridge.[4] Kien aristokratiku sa l-anqas qatra demm f'ġismu. Minħabba li kien ġej minn familja Ingliża kellu rabtiet influwenti fl-Ingilterra, u bħala "Conte Della Catena" (titlu li n-Nazzjonalisti Maltin b'sarkażmu kienu jittraduċuh bħala "il-Konti tal-Ktajjen") kien jifforma parti wkoll min-Nobbiltà Maltija li kienet għadha influwenti mhux ħażin. Kien Kattoliku, jaf bit-Taljan kważi daqs kemm jaf bl-Ingliż, u kien jifhem sewwa bil-Malti. Il-konnessjonijiet familjari li kellu ma' Malta qanqlu fih interess speċjali fil-kolonja. Fil-politika tiegħu kien jidentifika ruħu mal-Maltin, iżda fil-fatt kien juża l-pronom "aħna" irrispettivament jekk l-udjenza kinitx Ingliża jew Maltija. Fi ftit kliem kellu xeħta li f'Malta jilgħabha li kien Malti u fl-Ingilterra u ma' l-Ingliżi li hu Ingliż. Mizzi fil-fatt kien isejjaħlu "nofs

ġentlom Ingliż".[5] Fil-qofol tiegħu, dak li ried Strickland kien li jipprova jżewweġ il-funzjonijiet paradossali ta' ammi-nistratur kolonjali u politikant lokali: iservi 'l Alla u x-xitan.

Il-preokkupazzjoni tiegħu kellha dejjem x'taqsam ma' l-istrateġija. Għalhekk l-ewwel ma fittex kien li jsaħħaħ il-qagħda tiegħu waqt li jelimina kull xorta ta' oppożizzjoni politika. Il-perijodu ta' ħakma Stricklandjana (1888-1902) hu karatterizzat minn kull għamla ta' oppressjoni u vittimizzaz-zjoni ma' kull min seta' jkun ta' tfixkil.

L-ewwel ma attakka kienet il-Kostituzzjoni li hu nnifsu kien ħadem għaliha. Fl-1890 kien diġà qed jitlob, fost ħwej-jeġ oħra, li wħud mir-rappreżentanti eletti jiġu sostitwiti b'membri nominati. Barra minn hekk ried inaqqas l-elettorat ġenerali (li kien jifforma l-biċċa l-kbira ta' l-eletturi) u iżid il-għadd ta' eletturi speċjali (dawk li bis-saħħa tagħhom kien tela' fl-1888).[6] Fl-Uffiċċju tal-Kolonji ma tantx intlaqgħu taj-jeb dawn it-talbiet retrogradi u reazzjonarji hekk malajr wara l-għoti tal-Kostituzzjoni Rappreżentattiva. Londra bdiet tak-kuża lil Strickland b'nuqqas ta' tattika u esperjenza. Iżda f'inqas minn sentejn l-affarijiet bdew sejrin kif ried hu. F'attentat biex jiġbed appoġġ lejh, beda jħaddem sistema ta' patrunaġġ, u b'hekk ħoloq identifikazzjoni bejn partit u gvern aktar qawwija minn dik li kienet teżisti fi żmien Savona. Savona ma kienx ħlief kap ta' dipartiment għal seba' snin; Strickland kien prattikament il-kap tal-pajjiż għad-doppju taż-żmien. B'dan il-mod huwa sawwar bażi soda ta' poter per-sonali, li biha hejja t-triq għall-partit tal-gvern li kellu jmexxi hu aktar tard fil-karriera tiegħu. Fi kliem Savona stess, Strickland sar "l-uniku bniedem li minnu ħaddiema mal-gvern u l-poplu ġenerali setgħu jaqilgħu favur u preferenzi meta jkunu qed jittrattaw mal-gvern."[7] **Il-Malta Tagħna** ddeskriviet l-amministrazzjoni tiegħu bħala waħda ta' spiji u korruzzjoni li tikkastiga lit-tajbin u tippremja lill-ħżiena.[8]

Żewġ każi li kienu jinvolvu personalitajiet magħrufa huma biżżejjed biex wieħed ikollu stampa ċara tat-tip ta' intimidaz-zjoni li ż-żewġ partiti kellhom isofru taħt Strickland. Wieħed minn ulied Savona ġie l-ewwel fl-eżami taċ-Ċivil: intbagħat jaħdem Għawdex. Bil-għajnuna ta' ħabib, ċertu Trapani, mis-sieru rnexxielu jġibu jaħdem lura Malta. Iżda 'l dan il-ġuvni li għad kellu biss sbatax-il sena bagħtuh skrivan il-Qorti f'waħda mill-awli fejn kienu jinstemgħu l-aktar każi ta' prosti-tuzzjoni.[9] Każ ieħor kien dak ta' Zaccaria Roncali, il-Presi-dent tal-Kamra ta' l-Avukati. Fi żmien il-kwistjoni tal-lingwa Roncali kien saħaq fuq il-fatt li Malta hi tal-Maltin u għalhekk il-gvern tagħha għandu jkun Malti. Għal dan il-kliem kuraġġuż kellu jpattiha qares taħt Strickland li darbtejn telliflu l-pro-mozzjoni għal lmħallef. Fl-1895 reġa' ġie rrakkomandat minn Sir J. Carbone u Alfredo Naudi, li kien għadu kemm inħatar Avukat tal-Kuruna, għall-Ġudikatura iżda ġara li Strickland ma kienx Malta u l-Gvernatur Fremantle kien tal-fehma li Roncali ma kellux ibati ħajtu kollha għal ħaġa li ġrat f'saħna ta' kontroversja politika.[10] Dan l-inċident jitfa' dell ikreh ukoll fuq il-Gvernatur innifsu għaliex juri kemm dan kien taħt l-influwenza tas-Segretarju tiegħu. It-tmexxija ta' Strick-land kienet oppressiva, karatterizzata minn terroriżmu u korruzzjoni permezz ta' tnaqqis tal-jeddijiet kostituzzjonali tal-poplu Malti, favoritiżmu lejn dawk li kienu jappoġġjaw lir-reġim u għalhekk vittimizzazzjoni ma' dawk li kienu b'xi mod jopponuh, u fuq kollox abbużi mill-pulizija — ħaġa li qatt ma konna noħolmuha f'Malta. L-ewwel struzzjonijiet biex il-pulizija jużaw il-lembubi (1891), l-isfrattar ta' **meetings** minn nies imqabbda apposta, **agents provocateurs** (1894), il-proj-bizzjoni li jsiru meetings fl-ibliet (1897), huma lkoll frott ta' l-amministrazzjoni ta' Strickland.

(ii) **Ir-Riżenja ta' Mizzi u x-Xiżma fil-P.N.**

Il-P.N. għall-bidu xtaq li jikkollabora ma' Strickland, li wara kollox kien għenhom fil-ħidma tagħhom għal Gvern Rap-preżentattiv. Kienu fiduċjużi li l-Kostituzzjoni setgħet titħad-dem u titjieb ukoll. Iżda l-Partit malajr tilef it-tama u l-kon-

flitti ma naqsu xejn, tant li ko-operazzjoni saret impossibbli. Fil-Kunsill Strickland beda jikkonċentra biex jiġbed aktar u aktar membri eletti lejn il-karru tiegħu. Fejn ma kienx jasal il-kliem ħelu kienu jwasslu l-favuri bħal, ngħidu aħna, postijiet fil-Kunsill Eżekuttiv, u promozzjonijiet u preferenzi fuq il-postijiet tax-xogħol. B'hekk bdiet titħaddem sistema ta' patrunaġġ permezz ta' mekkaniżmu tipikament Imperjalistiku li jibda jfittex biex jiġbed lejh dik il-klassi ta' nies li lesta torbot l-interessi tagħha ma' dawk ta' l-amminstrazzjoni kolonjali. Nies li jfittxu jitilgħu xi ftit skaluni fis-sellum soċjali billi jikkollaboraw ma' dik is-sistema li qed tnawwar u tmermer l-istess identità tagħhom; nies li kienu lesti jkunu servili lejn l-Ingliżi u lesti jiġġustifikaw din is-sottomissjoni.(11) Din kienet strateġija min-naħa tal-gvern maħsuba biex ixxejjen kull sura ta' oppożizzjoni politika li seta' joffri l-pajjiż. Kienet sottili iżda effettiva.

L-ewwel bniedem li aljena ruħu mill-kamp Mizzjan għal dak ta' Strickland kien Dr. Alfredo Naudi li pprova joħloq P.N. 'ġdid' inqas rigoruż u aktar dispost li jikkollabora mal-gvern. Naudi jista' jitqies bħala dak li beda l-**Partito dell'Ordine** (P.O.).(12) Allura wieħed ma jiskantax kif ftit wara li nfired minn mal-partit ta' Mizzi, Naudi għadda minn promozzjoni għal oħra sakemm fl-1895 laħaq Avukat tal-Kuruna u sar wieħed mill-eqreb kollaboraturi ta' Strickland.

Iżda l-konfront bejn Mizzi u Strickland, konfront li kellu jkun il-kawża immedjata tar-riżenja ta' Mizzi mill-politika parlamentari, żvolġa minn każ li kien jinvolvi wieħed mill-akbar neguzjanti f'Malta dak iż-żmien, Edward Ciantar. Ciantar, li kien ħabib ta' Naudi u li kellu ambizzjonijiet politiċi huwa nnifsu, kien il-Viċi-President tal-Kamra tal-Kummerċ. Kif wieħed jista' jifhem, il-klassi tan-neguzjanti kienet waħda li Strickland xtaq ikollu relazzjonijiet tajbin magħha. Hekk hu li bdiet toħroġ gazzetta ġdida, **Politica e Commercio**. Din kienet pro-Strickland u anti-Mizzi u kienet issussidjata mill-Kamra tal-Kummerċ bil-għan li tqarreb lin-



neguzjant lejn il-gvern u b'hekk jiżdied il-ġid materjali. L-eko-
nomija ta' Malta kienet titqies bħala waħda li tiddependi mill-
portijiet u mill-qagħda ġeografika tagħha, fi kliem ieħor min-
nefqa għad-difiża. Għalhekk f'Malta kien japplika perfetta-
ment il-prinċipju, skond **Politica e Commercio,** li "il-ħajja
ekonomika tan-nazzjonijiet għandha x'taqsam direttament ma'
l-istatus politiku tagħhom." Waqt li kien jikkritika lill-P.N.
bħala partit ta' rjus sħan taħt it-tmexxija ta' dak il-"Mexxej
Sublimi", il-ġurnal kien jinkoraġġixxi l-akkumulazzjoni tal-
kapital u l-iżvilupp ta' l-Industrja. Il-ġurnal ta' Mizzi, **Malta,**
ma baqax jitħalla fil-każin soċjali tal-Kamra tal-Kummerċ wara
li fih deher artiklu li attakka bl-aħrax lil Ciantar, li kien ukoll
ingħata s-C.M.G. (Companion of the Order of St. Michael
and St. George).(13)

Il-każ beda meta Ciantar ingħata permess li jiftaħ suq fuq biċċa art barra mill-Belt Valletta u għalhekk kien ser joħloq kompetizzjoni mas-suq li kien jeżisti diġà l-Belt. Skond Ciantar din il-kompetizzjoni kienet meħtieġa biex jonqos il-qligħ astronomiku tal-pitkali. Mizzi, li tqabbad mill-pitkali bħala l-avukat tagħhom biex jiddefendi l-każ, sostna li din ma kinitx kompetizzjoni ġusta u li l-gvern kien qiegħed "illegalment jiffavorixxi l-interessi privati ta' monopolist kbir."(14)

Barra minn hekk f'Marzu ta' l-istess sena (1889) Ciantar ġie elett, permezz ta' elezzjoni parzjali, bħala rappreżentant tal-komunità kummerċjali wara li rriżenja Lorenzo Mifsud. Fost dawk li tawh appoġġ kien hemm Alfredo Naudi li kien diġà beda jitbiegħed mill-kamp Mizzjan. Mizzi ma felaħx jara din il-korruzzjoni tkompli sejra u wara li ddikjara l-elezzjoni ta' Ciantar invalida u ressaq kawża quddiem il-Qorti ta' l-Appell, talab li l-Kunsill tal-Gvern jiġi xolt. Meta din it-talba ma ntlaqgħetx Mizzi rriżenja fost furur kbir flimkien mal-Baruni Azzopardi, il-Baruni Testaferrata, Paolo Sammut, il-Baruni Chappelle u Antonio Lanzon. Dawn it-tnejn ta' l-aħħar kienu wkoll membri mhux uffiċjali fil-Kunsill Eżekuttiv, għalhekk issa posthom ħaduh Alfredo Naudi u l-Arċipriet Paolo

Agius. Tmienja mill-erbatax-il membru li kien hemm eletti għażlu li ma jirriżenjawx fuq kuntratt u elezzjoni parzjali li l-mexxej tagħhom kien iddikjara invalida. Għalhekk dawn issa ġew taħt it-tmexxija ta' Grech Mifsud li meta rriżenja Mizzi xorta waħda baqa' jżomm postu ta' membru mhux uffiċjali fil-Kunsill Eżekuttiv. Kien inħoloq konflitt fil-partit bejn dawk li riedu jżommu sod fl-ideoloġija tal-partit u l-oħrajn li kienu lesti li jaslu biex iċedu ftit: kienet għażla bejn intransiġenza u kompromess.

Il-P.N. għall-ewwel darba nqasam bejn Dimissjonari (favur ir-riżenja) u Anti-Dimissjonari. Minkejja dak kollu li għamel il-gvern biex itaffi l-gravità tal-qagħda, l-impatt li għamel Mizzi kien tremend. Ir-riżenja tiegħu ħalliet vojt kemm fil-partit kif ukoll fil-Kunsill tant li għaġġlet ġiebet elezzjoni ġenerali. Is-sitwazzjoni kienet imħawda wisq u li ma ssejjaħx elezzjoni kont qed tistieden falliment tal-Kostituzzjoni. Għalhekk wara li għaddew l-estimi u l-liġi ta' l-Istampa ġiet emendata, fuq parir ta' Grech Mifsud, il-Gvernatur xolja l-Kunsill u sejjaħ elezzjoni ġenerali.

L-istat imħawwad li kienu jinsabu fih il-partiti politiċi dak iż-żmien kien ukoll rifless fil-bidla inkredibbli fl-opinjoni tal-ġurnali. Il-**Malta Standard** li qabel kienet tappoġġja lil Savona kontra Mizzi, issa bdiet tappoġġja lil Strickland kontra Savona. Il-**Malta** li kienet Mizzjana bdiet, bħall-**Public Opinion** ta' Savona, titlob ir-riżenja tat-tmien membri Nazzjonalisti li baqgħu jservu fil-Leġislatura. Ir-**Risorgimento** ta' De Cesare kien jikkritika kemm il-promozzjoni ta' Strickland kif ukoll ir-riżenja ta' Mizzi. F'ritaljazzjoni kontra l-akkużi tal-**Malta** u **Public Opinion** dwar il-P.N. "ġdid" il-**Politica e Commercio** bdiet tiddefendi lil Grech Mfsud, Naudi u l-kollegi tagħhom u ssejħilhom "irġiel onesti". Dan kollu kien riżultat tax-xiżma fil-P.N., il-kampanja ta' Savona kontra l-gvern u l-Kostituzzjoni, u s-sehem politiku ġdid ta' Strickland.

Il-P.N. ikkontesta l-elezzjoni ta' Settembru 1889 fost diż-organizzazzjoni sħiħa. Kien żmien ta' inċertezza minħabba



d-diversifikazzjoni ta' ideat li seħħet wara r-riżenja ta' Mizzi. Dr. Grech Mifsud ma ħariġx għall-elezzjoni. Bħala ħabib ta' Mizzi mit-tfulija, ħa għalih bl-akkużi li dehru fil-**Malta** li "issagrifika l-interessi tal-poplu biex iżomm il-poter f'idejh." Post Mizzi issa mtela mill-Baruni Alessandro Chapelle. Chapelle, bħal Grech Mifsud, kien avukat, kien ilu fil-Kunsill mill-1888, u kien flimkien miegħu fil-Kumitat tal-Ħdax fl-1887. Iżda dan ma kellu x'jaqsam xejn ma' Mizzi f'dik li hi statura bħala mexxej, tant li fl-elezzjoni ta' l-1889 lanqas biss ġie elett mill-eletturi ġenerali. Kien biss mexxej ta' biss ġie l-isem; il-veru 'Mexxej tal-Partit' baqa' dejjem Mizzi għalkemm barra mill-Kamra tal-Kunsill.

Paradossalment dan id-dissens fil-Partit kien riżultat tas-suċċess li kien kiseb fl-imgħoddi. Wara kollox Mizzi nnifsu kien irtira meta ħaseb li kien wettaq il-ħidma ewlenija tiegħu. Dik it-taqbida glorjuża għal Kostituzzjoni Rappreżentattiva li kienet ilha tixgħel il-qlub tal-patrijotti Maltin minn żmien Testaferrata u Mitrovich ittrijunfat fl-1887 bis-saħħa tal-mexxej Nazzjonalista. Issa, għall-istess interess nazzjonali, il-Partit kien jinħtieġlu jitlaq il-politika tradizzjonali tar-reżistenza u konfront u jilbes il-libsa tal-kollaborazzjoni. Iżda kemm kien lest għal din il-bidla l-partit? Il-punt kruċjali kien il-preżenza tat-tliet membri fil-Kunsill Eżekuttiv. Il-P.N. kien dejjem taħt attakki ħorox ta' tradiment tal-poplu mill-kamp Savonjan għall-ko-operazzjoni mal-gvern. L-attakk waqa' wkoll fuq Mizzi personalment li ġie akkużat li biegħ lill-partit, saħansitra lil pajjiżu, għal £900. Min-naħa l-oħra r-renegati Nazzjonalisti akkużawh li kien qiegħed itellef il-ħidma tal-gvern permezz tar-riżenja tiegħu u jnissel ix-xoljiment tal-Kunsill. Iż-żewġ kurrenti fil-P.N. issa kienu ċari. Kien hemm dik it-taqsima deluża li bdiet tara l-għoti ta' l-element rappreżentattiv bħala daħk fil-wiċċ u l-Kostituzzjoni bħala ġugarell li Strickland kien jimmanipula kif irid hu biex jaqdi l-interessi ta' l-Imperu qabel dawk tal-poplu Malti. Min-naħa l-oħra kien hemm dawk li ma kinux jaħsbuha l-istess u kienu

lesti li jissagrifikaw l-identità tal-Partit għal kompromess: għażlu d-dipendenza minflok l-emanċipazzjoni. Kemm Mizzi kif ukoll Savona bdew jattakkaw lill-"Partit tal-Gvern". Għalhekk, meta Mizzi wissa kontra dawk l-individwi bla skrupli li jfittxu biss l-interessi tagħhom u l-egħdewwa tal-pajjiż, kien qed jalludi għas-Savonjani daqskemm għar-renegati tal-Partit Nazzjonalista. Billi addotta politika ta' konfront Mizzi beda jitkellem l-istess lingwa bħal Savona. Sa minn qabel l-elezzjoni ta' l-1889 kemm Mizzi kif ukoll Savona bdew jixlu lil Grech Mifsud, Naudi u Agius li ffurmaw għaqda bejniethom u l-Avukat tal-Kuruna megħjuna minn Ciantar biex joħolqu oligarkija taħt il-Kostituzzjoni l-ġdida.

Dan kien żmien ideali għar-ritorn trijonfali ta' Savona, ritorn li kien imħaffef minħabba l-firda fil-P.N. u r-riorganizzazzjoni li saret fil-kostitwenzi elettorali f'dan iż-żmien. Malta nqasmet f'disa' distretti, u l-Belt Valletta — fortizza Savonjana — saret tifforma tnejn minn dawn. Is-superjorità li kien igawdi l-P.N. sa l-1888 bdiet tonqos; il-partit ta' Naudi (Partito dell'Ordine) ħa tkaxkira, u l-P.N. kellu ħafna x'jaqla' b'riħet dan. Iżda Savona ma kienx għadu ġabar ġiehu sa barra għalkemm kien għadu bl-iskop li jivvendika l-imgħoddi billi juri kemm kien kontra l-gvern. Skond l-Uffiċċju tal-Kolonji, dak li qabel kien "il-benjamin tal-kummerċ ħieles" issa sar "agħar minn membru parlamentari Irlandiż".

(iii) **It-Twelid tal-Partito Unionista (P.U.)**

Il-ħatriet fl-eżekuttiv baqgħu dejjem kawża ta' konflitt. L-idea li kellu Strickland dwar is-sehem tat-tliet membri mhux uffiċjali kienet fil-qofol tagħha differenti minn dik li kellhom il-partiti. Dawk li Mizzi u Savona kienu jqisu bħala r-rappreżentanti tal-poplu. Strickland kien jarahom bħala funzjonarji u qaddejja tar-reġim. Il-konflitt l-aktar ċert kien bejn Strickland u Evaristo Castaldi, ir-rappreżentant ta' l-Isla u l-Birgu. Barra milli kien il-kelliem ewlieni dwar ħidmiet kummerċjali, Castaldi kien ukoll l-aqwa Mizzjan li kien hemm fil-Kunsill.



Bħala membru mhux uffiċjali fl-Eżekuttiv, Castaldi seta' jżomm lil sħabu mgħarrfin dwar dak li kien jingħad fis-sigriet. Dan malajr beda jagħti f'għajn Strickland li kien jara din is-sitwazzjoni bħala ekwivoka u beda jara kif ser iqaċċat lil Castaldi mill-Kunsill.

"Li tkun fil-Kunsill," ipprotesta Castaldi, "ifisser li jew tkun seftur jew titkeċċa 'l barra... L-iċken ħjiel ta' ħelsien fil-ħsieb, fl-interess tal-membri eletti, huwa kontra x-xewqat tal-Konti żagħżugħ." Castaldi mbagħad beda kampanja għal titjib fil-Kostituzzjoni b'appell qawwi għal għaqda fuq livell nazzjonali: "Dak li ġara għandu jgħaqqadna aktar fis-sod biex neħilsu lil Malta minn gvern militari..."(15)

Castaldi, bħal Mizzi, issa wkoll beda jitkellem bħal Savona. Beda jikkundanna t-tmexxija tal-P.N. minn Chapelle, li xorta aċċetta li jservi fil-Kunsill Eżekuttiv anki wara li tkeċċa Castaldi. Bħala 'kumpens' Castaldi nħatar Imħallef, iżda dan xorta waħda baqa' leali lejn Mizzi li baqa' jissejjaħ il-Mexxej tal-Partit. Il-**Malta** kienet: "l-organu tal-partit taħt l-influwenza tal-ħbieb numerużi ta' Dr. Mizzi." M'għandniex xi ngħidu, dan il-konflitt bejn Strickland u Castaldi ssokta jqanqal l-istmerrija ta' Mizzi lejn il-gvern.

B'hekk twieled l-ewwel element tal-moviment Unionista f'Malta forsi mingħajr ma kienu jafu l-istess mexxejja tal-partiti rivali. Li hu żgur, iżda, hu l-fatt li kemm Savona kif ukoll Mizzi bdew joqorbu f'konfront ma' għadu komuni. Id-dinamika kolonjali reġgħet bdiet taħdem bid-**dictum** "Fil-għaqda hemm is-saħħa". Għal xi żmien ir-rivalitajiet partiġġjani ntesew fl-interess ta' kawża nazzjonali; iżda dan ma jfissirx li l-partit ikun spiċċa, sfuma f'partit ieħor; fil-fatt dan jissokta jeżisti taħt isem ieħor jew għal għan ieħor, ikun biss fazzjoni f'allinjament u meta l-allinjament ikun spiċċa l-iskop tiegħu, jerġgħu jfeġġu rivalitajiet u piki qodma xi drabi b'saħħa akbar minn qabel. Hekk ġara fil-bidu tad-disgħinijiet kif l-iskuntentizza bdiet tiżdied aktar u aktar. Il-Kostituzzjoni kienet saret rappreżentattiva fl-isem biss. Is-setgħa assoluta kienet f'idejn

il-mekkaniżmu burokratiku ċċentralizzat għall-aħħar, u kkon-trollat awtokratikament minn Strickland. Wara li ħoloq milizja u reġa' organizza l-forzi tal-pulizija, Strickland ippropona żjieda ta' 33% fid-dazju fuq il-qamħ biex tagħmel tajjeb għan-nefqa fix-xogħlijiet pubbliċi. Mill-membri eletti Chapelle biss iffirma r-rapport li kien għamel kumitat maħtur għal dan il-għan.[16] Barra minn hekk l-iskema tat-taxxi ġiet imressqa ħin bla waqt mingħajr konsultazzjoni xierqa mar-rappreżen-tanti tal-poplu.[17] Dan qanqal il-għadab tal-partiti ewlenin tant li Mizzi u Savona ngħaqdu u ffurmaw front komuni biex jiġġieldu kontra t-taxxi l-ġodda.

Ir-rikonċiljazzjoni seħħet pubblikament b'mod drammatiku waqt **monster meeting** li sar il-Belt nhar is-26 ta' April 1891. Dak inhar Mizzi tella' fuq il-planċier fuq l-idejn u f'ġest emozzjonali ħa b'idejn Savona.[18] Ir-reazzjoni psikoloġika tal-massa kienet mimlija entużjażmu sfrenat u nstema' agħjat ta' "Mewt lil Strickland! Mewt lil Chapelle!" flimkien ma' "Viva Mizzi! Viva Savona!"[19]

Wara din it-turija ta' saħħa u għaqda hekk imqanqla, ir-rappreżentanti fil-Kunsill irriżenjaw **en masse** u talbu li tit-neħħa l-ordinanza dwar it-tassazzjoni kif ukoll ix-xoljiment tal-Kunsill Eżekuttiv.[20] L-ordinanza twarrbet, iżda l-Kunsill ma ġiex xolt. Għall-kuntrarju l-amministrazzjoni kienet lesta li tgħaddi saħansitra l-estimi fl-assenza tar-rappreżentanti.[21]

F'dan iż-żmien ukol sar magħruf li skond dispaċċ tal-20 ta' Marzu 1890 (tlettax-il xahar qabel) il-Kunsill Eżekuttiv seta' jiltaqa' u jinnegozja anki jekk it-tliet membri mhux uffiċjali ma jkunux preżenti. Klawsula 29 tal-**Letters Patent** oriġinali dwar il-kontroll tal-finanzi tneħħiet għal kollox b'ittri oħra tad-19 ta' Awissu 1891. L-ispiża pubblika issa kellha tiġi determinata minn "dawk il-membri preżenti." F'każ li l-voti jiġu ndaqs il-mozzjoni ma kinitx tgħaddi, iżda kull moz-zjoni li tgħaddi ried ikollha appoġġ ta' mhux inqas minn tmien membri. Il-qagħda kostituzzjonali ta' Strickland kienet f'saħ-ħitha aktar minn qatt qabel. Dan għen biex l-għaqda kontrieh



tkompli tissaħħaħ u tiġbed appell popolari akbar. Fit-3 ta' Mejju sar it-tieni **meeting** dwar kwistjoni aktar gravi mit-taxxi — il-Kostituzzjoni nnifisha. Fuq il-palk kien hemm rappreżen-tanza politika wiesgħa daqs dik ta' l-udjenza. L-Arċipriet Paolo Xuereb, ngħidu aħna, saħaq fuq il-każ ta' l-esproprjaz-zjoni ta' art tal-bdiewa biex tingħata lil Ciantar li ġie deskritt bħala "il-fessud tal-gvern". Il-gvern kien ħa f'idejh ħafna mill-egħlieqi msejħa Ta' Għajn Żnuber, artijiet li "l-bdiewa bil-għaraq u l-ħidma tagħhom biddluhom minn art ħarra għal raba' saqwi."[22]

Mizzi, Castaldi u membru Nazzjonalist ieħor li 'l quddiem kellu jħalli t-timbru tiegħu fuq il-politika Maltija — il-Kano-niku Ignazio Panzavecchia — kienu fuq l-istess palk ma' Savona. Mizzi waqt li stqarr li ma kellu ebda ħsieb li jikkon-testa l-elezzjoni li kien imiss, wiegħed li jagħmel minn kollox biex jappoġġja lill-kandidati mmexxija minn Savona.[23] Dawn iż-żewġ **meetings** kienu s-sisien ta' partit ġdid magħruf bħala l-Partito Unionista b'Savona bħala l-mexxej parlamentari u Mizzi l-gwardjan ta' l-opinjoni pubblika. Ġurnata qabel għadd ta' żgħażagħ ġew arrestati u wħud mixlija mill-Qorti tal-Puli-zija talli saffru waqt li Strickland kien għaddej bil-karozzella. Dak inhar tal-**meeting** Castaldi ħa ħsieb jiġbor il-flus biex igħin lill-familji tagħhom u jħallsilhom il-multi.

Is-siġill fuq il-P.U. sar fis-6 ta' Mejju meta l-Kunsill kellu jiltaqa' għall-ewwel darba mingħajr il-preżenza tal-membri mhux uffiċjali. Għal din l-okkażjoni ssejħet dimostrazzjoni fil-Belt u l-inkwiet beda meta Savona ma tħalliex jidħol il-Palazz. In-nies ġriet għal fuq il-bieb u hawn il-pulizija, organizzati mill-ġdid minn Strickland, għall-ewwel darba użaw il-lembubi biex iferrxu lin-nies. Il-folla ma kinitx lesta għal din il-għamla ta' ritaljazzjoni; indarbu ħafna nies, fosthom dawk li lanqas biss ħadu sehem fid-dimostrazzjoni, tifel u xi ftit pulizija. Uħul mid-dimostranti, wara li ġew arrestati saħansitra ġew imsawta u ttrattati ħażin minn ftit pulizija Maltin.[24] Mill-gallerija tal-Palazz il-perċimeż ta' kollox qagħad josserva

x'kien għaddej b'daħka fuq fommu. "Ir-rambaġġ kien qisu kummiedja," irrimarka wara.[25]



# Taqsima 4
# IL-KWISTJONI TAR-RELIĠJON

## (i) Il-Protokol Simmons-Rampolla

Il-Partito Unionista twieled fost kwistjoni politiko-reliġjuża li kienet tmiss mill-qrib lil Strickland, Savona u Mizzi, kif ukoll lill-Isqof ġdid Pietru Pace. Il-kwistjoni bdiet meta l-Prim Ministru Ingliż Salisbury ħatar lill-ex-Gvernatur ta' Malta, il-Ġeneral Simmons, bħala mibgħut straordinarju u Ministru Plenipotenzjarju Ingliż għall-Vatikan fuq missjoni speċjali. L-għan ewlieni kien li jintlaħaq ftehim bejn Ruma u Londra dwar ħatriet ta' isqfijiet u oħrajn ekkleżjastiċi għoljin f'Malta.[1] Strickland kien diġà witta t-triq meta Simmons kien għadu Gvernatur. F'dak iż-żmien Simmons kien wera ċertu tħassib dwar ir-relazzjonijiet bejn Knisja u Stat f'Malta Kattolika speċjalment dwar ħatriet ekkleżjastiċi mill-Papa li ma kinux għal qalb il-Gvern Ingliż, jew għallinqas il-Gvernatur. Bl-għajnuna ta' Strickland, Simmons kien irnexxielu jwaqqaf lil Mons. Buhagiar milli jilħaq flok l-isqof xwejjaħ Scicluna u minflok kien laħaq Pace. Fl-1888 Salisbury kien aċċetta li joħroġ kredenzjali li kienu jagħtu permess lil Strickland iżur lill-Papa għal taħditiet dwar il-ħatra ta' Buhagiar, bil-patt li jekk jirriżulta li Simmons ikollu jmur Ruma f'kapċità diplomatika l-ispejjeż jittieħdu mill-kaxxa ta' Malta.

Dak iż-żmien li Strickland żar il-Vatikan, is-Santa Sede irreżistiet il-proposta tal-Gvern Ingliż u żammet il-ħatra ta' Buhagiar,[2] tant li fin-neguzjati tiegħu ma' l-awtoritajiet f'Ruma Strickland kellu juża l-veto tal-Gvern Ingliż kontra l-ħatra ta' Buhagiar. Dan minflok ġie maħtur Nunzju Appostoliku fl-Amerika Ċentrali fejn ftit wara miet bil-**yellow fever.** B'hekk Pace, isqof ta' Għawdex, wiret il-veskovat minn Scicluna bħala Isqof ta' Malta. Mid-dehra l-Gvern Ingliż ma xtaqx li l-każ ta' ftit snin qabel jirrepeti ruħu u min-naħa l-oħra l-Papa Ljun XIII kien ħerqan li jkollu għarfien diplomatiku

ma' pajjiżi oħra. Simmons ġie mitlub ukoll minn Salisbury biex jistħarreġ dwar kemm kien possibbli li tinbidel il-Liġi Kanonika u Ċivili biex titneħħa kull diffikultà dwar il-validità taż-żwiġijiet imħallta u dwar id-dispensi. Barra minn hekk, Simmons kellu struzzjonijiet biex jasal għal provedimenti definiti għat-tagħlim tal-lingwa Ingliża mill-membri tal-kleru Malti.

In-neguzjati bejn Simmons u l-Kardinal Mariano Rampolla, għall-Gvern Ingliż u għall-Vatikan rispettivament, saru fuq bażi ta' kompromess billi ż-żewġ naħat iċedu ftit. Il-Papa kellu l-jedd li jaħtar l-isqfijiet iżda dan jagħmlu b'konsultazzjoni ma' l-Ingilterra. Mill-banda l-oħra l-Ingilterra kellha tiddikjara "b'Att Leġislattiv" li f'Malta ż-żwiġijiet imħallta jkunu validi biss jekk jiġu ċċelebrati skond ir-rit Tridentin: dawk li ma kinux Kattoliċi setgħu jiżżewġu mingħajr ir-rit Kattoliku, iżda l-Knisja kienet tipprojbixxi li l-Kattoliċi li kienu ser jiżżewġu Protestant iġeddu l-kuntratt taż-żwieġ quddiem ministru tal knisja mhux Kattoliku.[3] Il-Papa kien lest li jħalli t-tagħlim ta' l-Ingliż fost il-kleru Malti bil-patt li l-Gvernatur ta' Malta jirtira l-patrunaġġ li kellu fuq xi benefiċċji żgħar u biż-żmien dawn igħaddu f'idejn is-Seminarju.[4]

Il-missjoni ta' Simmons kienet tmiss problemi li kellhom x'jaqsmu ma' Malta, iżda kienet ukoll inħatret mill-Kuruna mingħajr ma r-rappreżentanti Maltin ġew biss ikkonsultati. L-ispejjeż ta' kważi £900 ittieħdu mill-kaxxa ta' Malta permezz ta' dak li kien jissejjaħ 'Reserve Fund' ta' £1000 taħt Taqsima 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li l-Kunsill issa ma kellux kontroll fuqha. F'Malta l-kwistjoni kienet imħawda u tinvolvi ħafna personalitajiet. In-Nazzjonalisti qatt ma nsew kif Pace kien għeleb lil Buhagiar. Simmons, li fl-1887 kien tlewwem ma' Savona, stqarr l-intenzjoni ta' Pace biex jappoġġja l-Gvern Ingliż ("a well-known desire to support Her Majesty's Government").[5] Biex tagħqad, Simmons kien ukoll qiegħed f'dell ikreh lill-Kleru Malti quddiem il-Papa meta allega li ħafna mill-kappillani f'Malta kienu tant injuranti li bilkemm kienu jafu li jeżisti Kunsill tal-Gvern.[6] L-Isqof Pace issa kien f'qagħda soda biżżejjed li jiċħad dan kollu. Fil fatt il-Papa emmen lill-Isqof.[7] L-istorja antika bdiet tirrepeti ruħha. L-idea ta' assimilazzjoni permezz tat-tagħlim tal-lingwa issa bdiet tgħodd ukoll għall-kleru. Il-kliem ta' Simmons, "Bit-tama li tissaħħaħ l-għaqda bejn il-Maltin u l-Imperu Ingliż permezz tal-Lingwa Ingliża u t-tixrid ta' ideat Ingliżi fosthom", kien juri li dan ma kienx wieħed li jaf jitgħallem mill-imgħoddi. L-edukazzjoni tal-Maltin sew jekk lajċi jew qassisin ma setgħetx titħaffef bi proċess ta' indottrinizzazzjoni f'dak li hu Ingliż sew jekk lingwa jew mod ta' ħajja. Barra minn hekk ma kienx sewwa li tiġġudika l-qassisin Maltin bi kriterji u għal skopijiet politiċi.

F'dan il-każ Simmons, forsi mingħajr ma kien jaf, laqat ir-ruħ tan-Nazzjonaliżmu Malti. L-isforz min-naħa tal-gvern biex jintensifika l-proċess ta' assimiljazzjoni permezz ta' lingwa u reliġjon kellu riperkussjonijiet kontraproduttivi. Il-Maltin kellhom iħallsu għal insult lejhom stess. Din id-darba l-Kunsill tal-Gvern lanqas biss ġie mitlub jivvota l-flus għaliex Lord Knutsford innifsu seta' jiddisponi minnhom permezz tar-'Reserve Fund'. Dan kien l-istat li kienet waqgħet fih il-Kostituzzjoni.

* * *

Il-moviment kontra Simmons beda hekk kif sar magħruf l-għan tal-missjoni Ingliża fil-Vatikan. Savona mill-ewwel ikkundanna lill-ex-Gvernatur (u għadu persunali tiegħu) bħala "ġeneral bil-pensjoni u Protestant ferventi".[8] Taħrik serju beda meta l-politikanti Maltin skoprew, minn artiklu li deher f'**The Times,** li l-ispejjeż kienu ttieħdu mill-kaxxa ta' Malta. Hekk kif ġiet ippubblikata l-korrispondenza Simmons-Rampolla-Salisbury, f'Mejju 1890 il-kwistjoni bdiet tisħon u tieħu xeħta nazzjonali. L-opinjoni pubblika kompliet titqanqal bl-attenzjoni li l-affari kienet qiegħda tingħata mill-Parlament Ingliż.

F'Ġunju Savona talab f'riżoluzzjoni li ebda parti mill-ispiża ma kellha titħallas minn Malta,. Ir-riżoluzzjoni tneħħiet arbi-

trarjament u irregolarment min-'Notice Book' tal-Kunsill. F'riżoluzzjoni oħra, li kienet titlob li l-ispejjeż jitħallsu lura lil Malta, Savona kellu l-appoġġ tal-biċċa l-kbira tal-membri eletti, iżda ħareġ tellief meta Chapelle u ħamsa oħra vvutaw favur il-gvern. Il-kritika tan-Nazzjonalisti kienet aktar profonda minn ta' Savona u ma kinitx limitata għall-kwistjoni ta' spejjeż biss. In-Nazzjonalisti attakkaw il-kunċett li kienet qanqlet din il-missjoni. Għalihom Pace kien ħati daqs Simmons. Kienu jakkużawh b'serviliżmu u b'opportuniżmu, u l-aktar Mizzi għaliex l-attakki fuq Pace permezz tal-**Malta** kienu kontinwi. F'Lulju ta' l-1890 Pace poġġa interdett fuq il-**Malta**; iżda Mizzi ma kienx jagħlaq ħalqu kif ġieb u laħaq. Malajr biddel l-isem tal-ġurnal f'**Gazzetta di Malta** u kompla bl-attakki fuq dawk li hu kien jikkonsidra bħala responsabbli għall-Protokol. Ftit jiem qabel ma kellu jsir **meeting** ta' Mizzi fil-Belt, folla kbira ta' Nazzjonalisti mxiet f'dimostrazzjoni mat-toroq tal-Belt bil-**Malta** f'idejhom.[9] Kienet turija pubblika ta' solidarjetà mal-missier tan-Nazzjonaliżmu Malti. Fit-23 ta' Lulju quddiem ġemgħa mrassa ta' nies, Mizzi stqarr li kien determinat jerġa' lura għall-ħajja politika għaliex ma felaħx jara lill-Gvern Ingliż imexxi din il-gżira "għall-vantaġġi tiegħu."

"It-tagħlim ta' l-Ingliż għandu jkun volontarju u mhux obbligatorju," qal, u l-Gvernatur ma kellu ebda jedd jikkontrolla l-ħatriet ekkleżjastiċi u l-benefiċċji. Mizzi mbagħad ħalla l-palk u kompla Dr. Enrico Zammit li akkuża lill-isqof bħala wieħed ingarżat ma' l-Ingliżi: "L-isqof m'huwiex ħlief uffiċjal tal-gvern. Għalfejn għandhom jitgħallmu l-Ingliż il-qassisin tagħna? Bħallikieku ser jisimgħu l-qrar jew ser jippridkaw bl-Ingliż."

"Meta ngħid il-verità", issokta Zammit, "ma nibża' minn xejn. L-isqof ma jirrappreżentax l-interessi tagħna u allura ma rriduhx. Dan jappoġġja l-interessi tal-Gvern Imperjali li jrid igħaffeġ fuqna... aħna rġiel u ma nibżgħux mill-kundanni tiegħu għalkemm ma niħdux gost naraw lin-nisa fil-familji tagħna jibku minħabba l-anatemi li jwaddbulna... M'għandkomx tagħalqu ħalqkom għaliex tkellem l-isqof."[10]

L-isqof li japprova, bil-firma tiegħu, id-deċiżjonijiet tal-kummissjoni ta' Simmons ma kienx jgħodd għal dawk li kellhom il-ġid tal-pajjiż għal qalbhom. Meta Zammit staqsa lill-folla jekk riditx lil Pace, din wieġbet bi ħġarha, "Le, ma rriduhx!" Il-**meeting** spiċċa b'approvazzjoni unanima li tintbagħat petizzjoni lis-Santa Sede biex Pace jitneħħa jew jiġi trasferit.

Il-Vatikan wera d-diżapprovazzjoni lejn il-politika tal-P.N. tant li f'ittra li bagħat Iljun XIII lil Pace, b'riferenza għall-interdett tal-**Malta**, ikkundanna lin-Nazzjonalisti bħala nies xewwiexa u li jħobbu jqanqlu l-mibegħda tal-popolin "kontra dak li jistħoqqlu unur speċjali" (contro chi merita special onore). F'din l-istess ittra l-Papa darbtejn irrefera għal Mizzi bħala dak il-bniedem ostili" (l'uomo inimico).[11]

"Meta jitkellem il-Papa," qal l-Arċipriet Xuereb fil-Kunsill tal-Gvern, "il-Kattoliku m'għandu xejn x'jagħmel ħlief li jbaxxi rasu u jobdi. Ebda argument ma hu ġust meta tkun tkellmet Ruma. Mhux sewwa taħseb, titkellem, u teħodha kontra dak li jkun iddeċieda l-Papa."[12]

Mhux hekk kien jaħsibha Castaldi li uża lill-kleru Irlandiż bħala mudell. Fi kwistjonijiet li ma għandhomx x'jaqsmu ma' reliġjon, qal Castaldi, huwa stqarr li jimxu fuq l-eżempju tal-kleru Irlandiż vis-a-vis il-politika fl-Irlanda. Il-kleru Irlandiż kien mexxa kull moviment politiku favur il-jeddijiet ta' l-Irlandiżi. Fl-iskema li ġiet proposta minn Simmons kien jara skop ewlieni: li jifred lill-poplu Malti mill-kleru, li bħall-kleru Irlandiż dejjem kien lest li jiddefendi l-jeddijiet tal-poplu. Il-missjoni ta' Simmons kienet politika u mhux reliġjuża, kif sostna Castaldi.[13]

Dak li sa ftit xhur qabel lanqas biss kien jinħolom issa sar l-unika soluzzjoni u b'hekk issawwar il-Partito Unionista. Iż-żewġ partiti resqu lejn xulxin u għal xi żmien għażlu li jinsew ir-rivalitajiet li kienu jifirduhom. Iżda kompromess seta' jseħħ biss meta ma kienx hemm alternattiva. Wieħed jista'

jgħid li ladarba l-kwistjoni tal-Lingwa kienet battiet, il partiti politiċi Maltin kellhom aktar elementi komuni milli kienu lesti jammettu l-mexxejja rispettivi tagħhom; iżda l-Istorja qatt ma tista' terġa' tmur lura. Savona u Mizzi kienu stabbi lixxew partiti mhux biss separati iżda wkoll rivali. L-egħdewwa jistgħu jieħdu b'idejn xulxin iżda qatt ma jistgħu jsiru ħbieb.

In-Nazzjonalisti qatt ma kellhom fiduċja f'Savona u l-elezzjoni ta' l-1891 issoktat tikkonferma dan. Fil-manifest elettorali l-P.U. kien wiegħed li ma jaċċettax siġġijiet fl-Eżekuttiv jekk il-Kostituzzjoni ma tiġix imfassla fuq linji aktar demokratiċi li jagħtu setgħa akbar lill-membri mhux uffiċjali.(14) Iżda ladarba Savona sab ruħu fil-gvern bħala l-mexxej tal-maġġoranza (u għalhekk bil-jedd ta' post fl-Eżekuttiv), biddel fehemtu u influwenza ħafna membri tal-partit il-ġdid biex jagħmlu l-istess. Strickland sab ix-xoqqa f'moxtha biex ma jaħtarx membri fl-Eżekuttiv bl-iskuża li kien qiegħed jappoġġja "id-drittijiet ta' dawk l-eletturi li vvutaw lil Savona taħt il-premessa li l-P.U. ma kienx ser jaċċetta l-kundizzjonijiet kif kienu."(15) In-Nazzjonalisti issa ġew bejn ħalltejn: l-għażla kienet bejn amministratur despotiku u politikant opportunist u xekkieki: it-tnejn ma fihomx x'tagħżel. Fl-Uffiċċju tal-Kolonji kien hemm suġġeriment li Strickland jitwarrab u jintbagħat f'kolonja oħra, iżda Lord Knutsford irrimarka li ma kienx faċli jinstablu post ieħor. Min-naħa l-oħra, f'ittra miftuħa, Mizzi għajjar lil Savona "l-aktar bniedem diżonest u faċċjol fuq wiċċ id-dinja," u li ma kellux ħjiel ta' x'inhuma prinċipji Kostituzzjonali. Dawk li ħasbu li **meeting** ser jirranġa kollox, qal ir-**Risorgimento,** kienu qed jitqarrqu.(16) Il-P.U. ma kienx destinat għal ħajja twila. L-element ta' rivalità u fuq kollox il-politika mħawda ta' Savona, dgħajjfu l-ftit għaqda li kien hemm. Dan ħareġ iktar fil-beraħ meta Mizzi ppropona li l-partit ikollu żewġ mexxejja b'Castaldi jmexxi kamp u Savona l-ieħor.(17) Mizzi ried jagħmilha ċara li din kienet Koalizzjoni, mhux Għaqda. Il-**Malta Standard** ta' Strickland għamlet kapital minn dan l-intopp u ħarġet bil-qawwa favur



is-suġġeriment ta' Mizzi. Iddeskriviet il-konnessjoni bħala waħda "mhux naturali" ta' żewġ partiti li huma biswit xulxin ideoloġikament — dan seta' jwassal biss għat-tifrik tal-Kostituzzjoni li s-suċċess tagħha kien jiddependi mis-sistema partitarja. Naturalment Savona rrifjuta dan kollu biex mingħalih jiġbor ġiehu u akkuża lill-P.N. li kien qiegħed jersaq lejn Strickland. L-Unjoniżmu kien miet fil-benniena. Savona ma kellux dik il-qawwa persunali li jimmobilizza l-elettorat bħalma kellu Mizzi u tista' tgħid li sa l-1893 il-Partito Unionista kien miet għal kollox.

### (ii) Il-Kwistjoni taż-Żwiġijiet

Il-kawża immedjata tal-kwistjoni dwar iż-żwiġijiet inqalgħet minn **klawsula fil-Protokol** bejn Simmons u Rampolla, li kienet tgħid li żwieġ imħallat għandu jitqies invalidu jekk mhux iċċelebrat skond ir-rit Kattoliku. Bit-tama li jdaħħal din il-klawsula malajr kemm jista' jkun, Savona ngħaqad ma' Pace(18) u ressaq Ordinanza li kienet titlob konferma ta' din il-klawsula. Barra minn hekk, l-Ordinanza kienet tgħid ukoll li jekk l-għarus jew l-għarusa jirrinunzjaw ir-reliġjon Kattolika biex jaħarbu l-liġijiet tal-Knisja, iż-żwieġ tagħhom xorta waħda għandu jitqies invalidu. Malli t-test ta' din l-Ordinanza deher fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, l-Arċisqof ta' Canterbury, Benson, ġibed l-attenzjoni tal-Parlament Ingliż u staqsa jekk din l-Ordinanza ttiħditx quddiem il-Privy Council biex tiġi eżaminata, bħalma kien ittieħed il-Protokol. (Hawnhekk ta' min igħid li l-Privy Council kien kumitat speċjali maħtur mir-Reġina biex jiddiskuti u jiddeċiedi dwar kwistjonijiet li jolqtu direttament lill-pubbliku). It-tweġiba ta' Lord Knutsford kienet li anki jekk stess l-Ordinanza jkollha l-kunsens tal-Kunsill tal-Gvern f'Malta ma kinitx ser tirċievi "l-approvazzjoni tal-Majestà Tagħha." Meta l-Ordinanza waslet fit-tielet qari, il-Kunsill tal-Gvern ġie xolt ħesrem. L-iskużi li ngħataw kienu li l-membri eletti kienu pposponew il-vot ta' l-estimi u li Castaldi kien uża kliem inġurjuż fil-Kunsill meta qal: "Hawn-

hekk niġu biex ngħaddu ż-żmien" (qui si viene per scherzare), u sfida l-awtorità tas-Segretarju Prinċipali. B'hekk id-diskussjonijiet kellhom jerġgħu jibdew mill-bidu nett.

Sadanittant Strickland ħa ħsieb ikompli jinnegozja ma' Londra għal aktar restrizzjonijiet fil-Kostituzzjoni. Fil-kampanja ta' l-elezzjoni ta' l-1892 il-P.U. wiegħed li jerġa' jressaq l-Ordinanza għat-tieni darba u li jitlob lura l-ispejjeż taż-żjara ta' Simmons. Il-kandidati ewlenin tal-P.U. (Panzavecchia bħala rappreżentant tal-kleru; Savona għall-ewwel, Castaldi għall-ħames, u Cachia Zammit għad-disa' distrett) kollha reġgħu ġew eletti mingħajr oppożizzjoni. Il-Kunsill Eżekuttiv iddeċieda li ma jaħtarx membri mhux uffiċjali. It-talba għall-ispejjeż ta' Simmons ġiet miċħuda mis-Segretarju ta' l-Istat għall-Kolonji l-ġdid, il-Markiż Ripon, li qal li ma kienx fi ħsiebu jibdel id-deċiżjoni li kien ħa dak ta' qablu, jiġifieri Knutsford.[19] Il-kwistjoni taż-żwiġijiet kienet għadha ma raqditx u Savona reġa' ressaq l-Ordinanza bi ftit tibdiliet fuq parir ta' l-isqof. Il-pożizzjoni ta' l-isqof favur l-Ordinanza dehret ċara biżżejjed fl-ittra li bagħat lill-Vigarju Ġenerali u mill-Kampanja għall-firem biex tintbagħat petizzjoni lir-Reġina. Din il-petizzjoni li kienet titlob li ma tgħaddi ebda liġi li tmur kontra l-prinċipji kattoliċi ffirmawha 27,000 ruħ, għalkemm inqas minn 13,000 iffirmaw huma stess — l-oħra kienu kollha illitterati.[20] Il-Kapitlu tal-Kattidral, f'petizzjoni għaliha u aktar diretta, talab li l-ftehim bejn Simmons u Rampolla jsir liġi malajr kemm jista' jkun. Mons. Panzavecchia rriżenja minn postu fil-Kunsill tal-Gvern ftit wara l-elezzjoni. Huwa stqarr li kien "assolutament impossibbli li tkun ta' użu lill-komunità, fil-Kunsill, taħt il-Kostituzzjoni li qed tiggvernana bħalissa."[21]

### (iii) Il-Politika tar-Reliġjon

Is-sitwazzjoni bdiet titqanqal kulma jmur u Mizzi reġa' ħareġ għall-politika pubblika. Reġgħu bdew il-**meetings** u attivitajiet pubbliċi. Il-kwistjoni taż-Żwiġijet, bħall-kwistjoni tal-Lingwa,



ħolqot skop għall-politikanti Maltin biex aktar juru l-indipendenza tagħhom mir-reġim. Din il-kwistjoni għalhekk tirrappreżenta konfront ta' ridiet: il-lokali kontra l-barrani, ir-rappreżentanza kontra ċ-ċentralizzazzjoni, il-Kunsill kontra Westminster, it-tradizzjoni kontra l-bidla. Fuq livell aktar profond kien konfront ta' kulturi u ċiviltajiet imbiegħda minn xulxin. Ir-retorika nbidlet iżda l-loġika baqgħet, tista' tgħid, l-istess. Iżjed mil-Lingwa, iż-żwiġijiet anzi kellhom dik ix-xi ħaġa speċjali: iż-żwieġ kien Sagrament u f'Malta Kattolika kien jolqot fil laħam il-ħaj. Il-familja kienet in-nukleju tas-soċjetà Maltija u għalhekk iż-żwieġ żgur kien suġġett li jolqot l-immaġinazzjoni tal-popolazzjoni. "Iż-żwieġ huwa l-pedament tar-reliġjon tagħna," qal Panzavecchia waqt **meeting**, "mingħajr iż-żwieġ ma jista' jseħħ ebda sagrament ieħor. Il-familja tiddependi miż-żwieġ; u x'inhuma l-Ordni Sagri mingħajr il-familja? Il-familja tal-Knisja hija intom."[22]

Hawn il-politikanti kellhom arma li biha setgħu jqanqlu l-mases. Kien f'dan is-sens li l-kwistjoni taż-żwiġijiet kienet kwistjoni aktar nazzjonali minn dik tal-Lingwa: Jekk int Malti allura int ukoll Kattoliku, iżda jekk taf bit-Taljan int biss membru ta' ċerta klassi. Iżda sa fejn kienet kwistjoni ta' Reliġjon, u sa fejn kienet kwistjoni ta' Politika?

Taħt reġim kolonjali, il-politika u r-reliġjon ma kinux żewġ dinjiet magħżula minn xulxin: għall-kuntrarju kienu inseparabbli. Kienu l-politikanti li jiddefendu r-reliġjon sew fil-Kunsill tal-Gvern kif ukoll fil-pjazez. Mizzi u Savona, it-tnejn Kattoliċi prattikanti, ikkommettew irwieħhom għal din il-kawża, għalkemm b'tattiċi differenti. It-tnejn kienu jaraw identifikazzjoni bejn Reliġjon u Politika, anzi t-tnejn għarfu jużaw ta' l-ewwel bi skop li jagħmlu impatt politiku.

Il-fatt li Malta hi gżira ċkejkna b'popolazzjoni ffullata u omoġenja etnikament, lingwistikament, kif ukoll fit-twemmin reliġjuż, kien kundizzjoni ideali għal stabbilità politika. Iżda l-istampa kien fiha żewġt uċuh. F'kolonja Ingliża u Kattolika, sakemm ir-reġim kolonjali kellu l-kleru fuq in-naħa tiegħu,

il-fidili ma tantx setgħu jkunu ta' theddida għalih; iżda sakemm il-komunità kienet magħquda fi twemmin wieħed, din kienet ukoll maqtugħa u mifruda mir-reġim. Kienet ir-reliġjon Kattolika, aktar mil-Lingwa u n-nemex, li kienet tiddistingwi lill-Malti mill-Ingliż. It-twemmin reliġjuż għall-Malti kien l-aktar ħaġa qaddisa li kellu. Il-mod kif jaħseb u l-istess idjoma li jesprimi ruħu biha kienu magħġuna fil-Kattoliċiżmu. Il-Kappillan minħabba l-ministeru tiegħu kien il-bniedem li kapaċi jagħmel l-akbar pressjoni politika fuq il-komunità. Bil-Bibbja f'idejh kellu l-jedd jiġġieled f'isem il-poplu. Din l-ideoloġija patrijottika reliġjuża lissinha bl-aktar mod elokwenti Giuseppe Bencini, neguzjant li kien ukoll membru elett Nazzjonalist, meta qal: "Il-bniedem m'għandux ħlief ir-Reliġjon u l-Patria." ("L'uomo non ha che la religione e la Patria").[23]

Mizzi ħa l-kampanja tiegħu fit-toroq ta' Malta kollha. Il-**meeting** li welled il-"Politika tar-Reliġjon" ħabat tajjeb mal-purċissjoni ta' l-Immakulata Kunċizzjoni li għaliha l-Maltin marru bi ħġarhom. Meta l-folol, fosthom dawk li qabel kienu marru għall-purċissjoni, inġabru fil-pjazza, Mizzi, forsi min-għajr ma jaf, ta prova ċara ta' kemm hu faċli għall-politikant li juża r-reliġjon għal skopijiet politiċi. L-ewwel stqarr li kienet in-natura tal-kwistjoni li ġegħlitu jerġa' joħroġ għall-politika pubblika. Għalissa ma kellux ħsieb jitqandel b'politika parlamentari, iżda issa li t-twemmin tiegħu, li kien ukoll it-twemmin ta' missirijietu u ta' pajjiżu, kien imhedded, ma kellux ħaġa oħra x'jagħmel ħlief li joħroġ jiddefendih: "Din ma hijiex kwistjoni ta' partiti," qal, "iżda waħda li tolqot lill-Maltin kollha mingħajr distinzjoni, u naf li m'hawnx bniedem wieħed fostkom li ma jħossx interess partikolari fil-kwistjoni, għaliex aħna lkoll Kattoliċi. Jekk allura aġixxejt f'din l-okkażjoni, ma hux għal skopijiet politiċi iżda minħabba r-reliġjon tiegħi, li hija r-reliġjon tagħkom ilkoll."

Iżda anki b'dan il-kliem, il-mexxej tal-P.N. u Editur tal-**Malta** kien qed jiġbed appoġġ u jagħmel impatt bħala politikant. Mizzi wkoll kien jaf jappella għall-istint patrijottiku-reliġjuż tal-poplu: "L-Arċisqof ta' Canterbury," qal, "mhux il-Papa tagħhom, għaliex ir-Reġina hija l-Papessa tagħhom." Il-folla nfexxet tidħak għal dan is-sarkażmu li baxx baxx kien ikompli jissiġilla l-popolarità ta' Mizzi bħala politikant.

Kemm kienet imhedda r-reliġjon Kattolika f'din il-kwistjoni? It-theddida ma kinitx tant lir-reliġjon innifisha. Kien hawn il-biża' li l-Privy Council, bħala kumitat Ingliż u Protestant, seta' jirrifjuta l-arranġament li kien intlaħaq bejn l-Ingilterra u l-Vatikan. B'hekk iż-żwiġijiet imħallta jsiru validi anki jekk iż-żwieġ ma jsirx quddiem qassis, jew isir bil-liċenzja tal-Gvernatur. Fi kliem ieħor seta' jiġri li b'parir tal-Privy Council il-Gvern arbitrarjament idaħħal iż-żwieġ ċivili f'Malta. "... aħna nemmnu li qed niġu mhedda, li d-deċiżjoni ta' dak it-tribunal ser ikun kontrina," sostna Mizzi, "kontra dak li ddikjara l-Papa — il-Kap tar-reliġjon tagħna, u kontra kull prinċipju Kattoliku."

Żwieġ imħallat normalment kien ifisser żwieġ bejn tfajla Maltija li ġejja minn familja Kattolika u baħri jew suldat Ingliż. Il-Knisja kienet tipprova tiskoraġġihom dawn iż-żwiġijiet u l-inkwiet fil-familja tat-tfajla ma kienx jonqos. Ħafna drabi ma kienu jkunu jafu xejn dwar il-passat u l-familja tal-għarus ħlief dak li jkun qalilhom hu. Kien hemm ukoll bosta drabi meta t-tfajla kienet diġà qed tistenna t-tarbija tiegħu u għalhekk żwieġ kien ikollu jsir minħabba l-unur tal-familja tagħha[24] (sakemm dan kien possibbli u l-"għarus" ma kienx diġà miżżewweġ). Għalhekk aktar minn kollox dan l-Ingliż kien ukoll riskju u l-problema kienet soċjali xejn inqas milli morali.

Mizzi fetaħ il-kampanja tiegħu b'sensiela ta' **meetings** fl-ibliet u fl-irħula ta' Malta — mar Ħaż-Żabbar, Ħaż-Żebbuġ, is-Siġġiewi, iż-Żejtun, Birkirkara u Ħal-Qormi. Kull fejn mar intlaqa' b'entużjażmu kbir. Il-poplu ma kienx jara fih biss politikant u avukat brillanti li kellu ħila jiġġieled lir-reġim f'isimhom; kien ukoll jafdah, għaliex barra milli kien rispettat, kien ukoll maħbub. Kliemu kien jixgħel il-qlub ta' dawk li

jisimgħuh, b'kuraġġ dinjituż, jagħtihom sens ta' identità li jgħaqqadhom fi tradizzjoni waħda, u jqanqalhom biex jirreżistu kull xorta ta' impożizzjoni: politika, reliġjuża, kulturali.

"Hemm bżonn li nqumu fuq tagħna, biex nuru li aħna ma begħniex lilna nfusna lill-Ingilterra, iżda tlabna biss il-protezzjoni tagħha... biex iħarsu r-reliġjon tagħhom, il-Maltin lesti li jaffrontaw sidirhom għall-ġlied..."[25]

Aktar milli politikant u avukat, Mizzi kien iħossu Malti, lest li jasal għal kollox biex jiddefendi lil art twelidu. Għalkemm 'il bogħod mill-Kamra tal-Kunsill xorta baqa' l-eroj tal-Maltin u barra minn hekk l-entużjażmu tal-folla qatt ma telagħlu għal rasu. Kien ra ħafna għawġ bħala politikant: ra skandlu li seta' qatel ir-rispett li kien igawdi l-Partit, ra lil uħud minn sħabu jdabbru rashom lejn il-karru tal-patrunaġġ, u saħansitra ssogra li jiġi skumnikat mill-Knisja għall-prinċipji li kien iħaddan. Din is-sensiela ta' **meetings** li għamel issoktaw iseddqu lil Mizzi bħala l-akbar politikant tal-mument. Fost il-membri tal-partit li sikwiet kienu jidhru miegħu f'dawn il-**meetings** insibu lil Castaldi u lil Cachia Zammit.

Dan kollu kien wisq għal Savona li ħassu skartat u umiljat bħala mexxej tal-Partito Unionista għaliex Mizzi ma kienx stiednu għall-**meetings,** lanqas kien semma xejn dwar il-ħidma ta' Savona fil-Kunsill dwar il-kwistjonijiet taż-żwiġijiet. Għalhekk, kontra l-parir tal-Mizzjani fil-Kunsill, Savona qatagħha li jagħmel meeting għal rasu bi sfida.[26] B'hekk il-P.U. ħa l-aħħar nifs tiegħu; l-antagoniżmu ta' l-imgħoddi reġgħu rxuxtaw b'kuntrast u b'enerġija akbar minn qabel. Il-**meeting** ta' Savona kien fjask papali; l-appell tiegħu biex kulħadd jingħaqad u jiġbed habel wieħed ma kellu ebda effett. Mit-tliet membri li attendew għall-**meeting,** tnejn kienu Savonjani: il-Markiż De Piro u Giovanni Vassallo. Waqt il-**meeting** kien hemm uħud li bdew itellfu u Savona għaraf lil wieħed bħala ċertu Bondin impjegat fl-istamperija ta' Mizzi, li qagħad isaffar tul il-**meeting.**[27] L-irjus bdew jisħnu u malajr inqala' l-ġlied bejn Mizzjani u Savonjani. Xi Savonjani



ġew arrestati, fosthom ħu Savona stess, Vincenzo, u 'bully' tal-partit li kellu fuqu arma bil-ponta.[28] Kien f'dan il-**meeting** li Savona hedded li jimxi fuq l-istess passi ta' Panzavecchia u jirriżenja mill-Kunsill jekk il-Ministru tal-Kolonji ma jaċċettax l-Ordinanza tiegħu.[29] Iżda Savona ma kellux għalfejn jirriżenja għaliex f'dan iż-żmien inqala' każ li kien jinvolvi Knisja u Stat u li wassal għax-xoljiment tal-Kunsill tal-Gvern ħin bla waqt. Għalkemm ma kienx jolqot direttament il-kwistjoni taż-żwiġijiet, dan il-każ kellu jintrabat miegħu b'mod politiku/partiġġjan.

L-inkwiet beda meta Dr. Goffredo Adami, ir-rappreżentant ta' l-Istudenti ta' l-Università, ressaq Ordinanza biex jittieħdu passi kontra "'l-abbużi skandalużi" li kienu qegħdin isiru bil-legati taż-żwieġ. Dawn kienu jitħallew apposta fil-wirt minn nies għonja biex jintużaw bħala dota għal tfajliet ġejjin minn familji fqar u kienet responsabbli għalihom il-Kurja. Adami għamilha ċara li ma xtaqx li "jimponi fuq id-drittijiet tal-Knisja iżda ried jara bidla radikali fl-amministrazzjoni ta' dawn il-legati. L-isqof ħareġ b'saħħtu kollha kontra dak li kien iqis bħala "ndħil żejjed mil-Leġislatura fid-drittijiet tal-Knisja." Kull membru elett fil-Kunsill tal-Gvern irċieva ittra ta' twissija ffirmata mis-Segretarju ta' l-isqof li jekk jivvota favur l-Ordinanza ta' Adami kien ikun suġġett għal interdett mill-isqof.[30] Dan il-pass ta' l-isqof ġibed ħafna kritika, l-aktar mill-ġurnali. Jekk l-Ordinanza ta' Adami kinitx tindaħal fil-jeddijiet tal-Knisja jew le kienet ħaġa diskutibbli; imma dwar il-fatt li l-isqof kien ġieb ruħu b'mod arbitrarju kontra l-jeddijiet tal-Leġislatura ma kienx hemm dubju. Londra kkritikat l-imġiba ta' l-isqof bħala aġir li kellu l-iskop li "jxekkel il-ħelsien ta' leġislazzjoni li fuqu huma mibnija l-prinċipji tal-Kostituzzjonijiet Rappreżentattivi ta' l-Imperu." Fil-Kunsill tal-Gvern, l-Avukat tal-Kuruna, Dr. Carbone, qal li fil-fehma tiegħu l-azzjoni ta' Pace setgħet titqies bħala kriminali. Pace, min-naħa tiegħu, qal li jekk kienu qed isiru xi abbużi fil-Kurja, huwa nnifsu kien lest li jieħu passi biex jinqerdu u jara

l-ġustizzja sseħħ. Madankollu s-sitwazzjoni kompliet taggrava ruħha f'dispaċċ li bagħat il-Markiż Ripon, is-Segretarju ta' l-Istat għall-Kolonji, fejn wissa li ndħil mill-Knisja fil-Leġislatura kien "intollerabbli" għall-Gvern Ingliż.(31) Sadanittant l-Uffiċċju tal-Kolonji f'Malta kien f'qagħda imbarazzanti u għamel minn kollox biex l-isqof jirtira l-protesti tiegħu mingħajr ma jwaqqa' d-dinjità tal-qagħda tiegħu. Iżda l-isqof kien diġà jħossu insultat biżżejjed meta tnejn mill-ittri ta' protesta li kien bagħat lill-Gvernatur intbagħtu lura.

L-opinjoni pubblika nqasmet u nfirxet f'żewġ kampijiet — grupp favur Adami mmexxi minn Castaldi, u l-ieħor favur Pace mmexxi minn Savona u Panzavecchia, li kien telaq il-kamp Mizzjan meta ra li l-attitudni tal-partit f'dawn il-kwistjonijiet ma kinitx dik li ried il-kleru. Il-kontroversja baqgħet ittawwal sakemm fl-aħħar kemm Pace kif ukoll Ripon ċedew ftit. Ripon, li kien Kattoliku, taffa dak li qal qabel billi esprima li x-xewqa tiegħu kienet li jħares il-Kunsill tal-Gvern u b'ebda mod ma xtaq inaqqas "il-ġurisdizzjoni spiritwali ta' l-isqof" jew "l-influwenza leġittima li jistħoqqlu l-Uffiċċju tiegħu." L-amministrazzjoni kolonjali ma xtaqitx tkompli taggrava s-sitwazzjoni għaliex ma kienx jaqbel li tbiegħed lill-kleru mill-gvern. Minkejja dan, il-konflitt kien seħħ: il-konfront kien bejn il-poter ċivili u l-poter ekkleżjastiku, u f'Malta Kattolika dan ta' l-aħħar dejjem għaddiet tiegħu. Savona, meta għażel li jappoġġja lill-Isqof, wera li l-lezzjoni kien ħadha! Għalxejn tkun liberali, jew radikali f'soċjetà ċkejkna u kompatta fejn il-Kattoliku kien tajjeb biss biex ibaxxi rasu, membru ta' istituzzjoni monolitika, u ċ-ċittadin kien seftur ta' reġim despotiku. Minn dan il-konfront, il-Knisja (u magħha Savona) ħarġet rebbieħa u f'saħħitha aktar minn qatt qabel wara mobilizzazzjoni politika kontra d-dispaċċ ta' Ripon. Adami fl-aħħar kellu jċedi. Kien żmien tajjeb, għalkemm qasir, għal Savona li issa kellu l-appoġġ sħiħ ta' Panzavecchia. Kien sar id-"Difensur tal-Fidi" ta' Malta kontra l-indħil ta' sid Protestant. Il-kwistjoni politiko/reliġjuża ma



raqditx; baqgħu jsiru mistoqsijiet fil-Kunsill, referenzi fil-ġurnali, u fuq kollox kulħadd kien jistenna d-deċiżjoni tal-Privy Council dwar il-Protokol Simmons-Rampolla.

Sadanittant il-P.N. kien għaddej minn fażi passiva li xi ftit jew wisq kienet ixxaqleb favur il-gvern biex forsi jsalva dak li kien fadal mill-Kostituzzjoni. Każ interessanti kien dak tal-vot għal £34,500 biex jiddaħħal id-dawl elettriku fil-Belt, il-Furjana, u t-Tlett Ibliet. Dan il-vot sab appoġġ mill-membri eletti aktar milli basar Savona.(32) Fil-fatt Savona, appoġġjat minn xi ħames membri biss, issuġġerixxa li l-kuntratt jingħata lil kumpanija privata għaliex il-kaxxa ta' Malta ma kinitx tiflaħ għal spiża bħal dik. Marbut ma' din il-kwistjoni hemm inċident li ġara waqt **meeting** (li oriġinarjament kellu jieħu sehem fih Savona) organizzat mis-Savonjan Francesco Saverio de Cesare f'Lulju 1894. Nies imħallsa apposta mill-pulizija ħabtu għall-folla u sfrattaw il-**meeting.** Wara dan l-inċident wieħed minn dawn l-aġenti stess stqarr li "kellna struzzjonijiet li nkissru l-palk, nisfrattaw lill-kelliema u nsawtu lil min jirritalja.(33)

Minkejja din l-intimidazzjoni mir-reġim, taħt l-istruzzjonijiet ta' Strickland, Savona ma rnexxilux jiġbed simpatija lejh personalment jew appoġġ fil-Kunsill. Ir-rappreżentant Nazzjonalista F.S. Musù darbtejn ivvota favur il-Gvern waqt li xi erba' membri oħra, fosthom Castaldi u Adami, ma attendewx għas-seduti. L-attakki ta' Savona permezz tal-ġurnal ġdid bil-Malti **Malta Tagħna** kontra Castaldi wasslu għar-riżenja ta' dan mill-politika. F'ittra li bagħat lil Mizzi, fejn iddikjara r-riżenja tiegħu, Castaldi rrefera għal Savona bħala "L-Alla tar-Reliġjon u l-Opportuniżmu. Dawk li ma jivvutawx favurih ikunu qed jivvutaw kontra pajjiżhom u għalhekk huma tradituri. Il-pajjiż u hu huma sinonimi."(34)

Il-falliment tiegħu stess biex ilaqqat maġġoranza fil-Kunsill wassal għar-riżenja ta' Savona nnifsu. Miegħu rriżenjaw tliet membri biss — De Piro, Vassallo u Giuseppe Bonavia. Din kienet turija ta' kemm Savona ma kienx għadu l-mex-

xej ta' partit li jgawdi maġġoranza fil-Kunsill; issa kien sar biss mexxej ta' l-"Oppożizzjoni."

(iv) **Il-Partito Popolare (P.P.) u l-Għajta għal Gvern Responsabbli**

F'Awissu 1885 twieled partit ġdid li kien essenzjalment allinjament bejn il-fazzjoni ta' Savona u ta' Panzavecchia. Savona għal darb'oħra sab ruħu barra mill-Kunsill iżda l-għieda baqgħet sejra. Il-kwistjoni taż-żwiġijiet kienet ħolqot nazzjonaliżmu ġdid, differenti minn dak tal-P.N., għalhekk issa dan it-terminu ma jistax jibqa' jintuża mingħajr tifsir ieħor. In-Nazzjonaliżmu ta' Savona kien idur madwar ir-rieda ġenerali. B'hekk irnexxielu jimmobilizza l-kleru u l-massa, saħansitra l-klassi tal-bdiewa wara l-"Kawża Kattolika."

Iċ-ċirkustanzi li wasslu għal dan l-allinjament kienu kkaratterizzati minn bidla sħiħa fit-tattika ta' Savona. Dan kellu jdur għall-istess strateġija li kien uża qablu Mizzi fit-tmeninijiet, dik li jirriżenja u jwiegħed li jerġa' jirriżenja wara l-elezzjoni.[35] Fil-fatt hekk għamel. Ftit xhur wara li reġa' ġie elett, irriżenja (Diċembru 1894) u barra mill-Kamra tal-Kunsill kompla jipperfezzjona t-tattika Mizzjana għall-elezzjoni. Dak li ftit snin qabel kien tant ikkundanna kellu jaqa' għalih huwa stess. F'attentat biex jippreċipita x-xoljiment tal-Kunsill, Savona ressaq tliet kandidati ridikoli. Tnejn minnhom ġew eletti:[36] Wieħed kien Antonio Deidun, bejjiegħ tal-laħam imlaqqam "Gavirru", bniedem semi-litterat li kien qatta' xi żmien fl-isptar tal-moħħ. L-ieħor kien Paolo Busuttil, ġojjellier li kien jiddikjara lilu nnifsu Komunist u fl-istess nifs jiftaħar li kien dixxendent tar-Rejiet ta' Sqallija. Waħda mill-ħwejjeġ li ppropona Busuttil fil-manifest tiegħu kienet li fil-ħwienet tax-xorb għandu jkun hemm mill-inqas erba' nisa, imlibbsin 'á la jardiniére' biex jattendu għall-klijenti. It-tielet kandidat ġie megħlub għal ftit minn avukat Għawdxi, Dr. Annetto Montanaro, li kien jopponi bis-sħiħ il-politika ta' Savona u ddeskrivieha bħala "suwiċidali". Ladarba sabu rwieħhom fil-Kunsill, kemm Deidun kif ukoll Busuttil abbandunaw il-kelma li taw li jitolbu x-xoljiment tal-Kunsill, iżda tant bdew jagħmlu farsa minn din l-istituzzjoni u jgħidu ħmerijiet li l-proċedura tħarbtet u l-Kunsill sfratta.

Savona issa kellu arma ġdida, il-**Malta Tagħna**, li biha beda kampanja soda għall-elezzjoni li kien imiss. Iżda għal din il-kampanja ma kienx hemm 'issue' immedjata fuqhiex seta' jqabbad difru. L-attakk ta' Savona waqa' fuq l-Ordinanza mressqa minn Roberto de Cesare appoġġjat mill-P.N. Din kienet dwar il-kwalifika għall-vot. Fl-1883 kien sar li kull min kellu qligħ jew renta ta' £6 fis-sena jew aktar kien jista' jivvota. Dak iż-żmien wieħed Ingliż kien qal li dan kien l-ikbar żball li qatt kien għamel il-Gvern Ingliż kemm ilu jokkupa lil Malta. Ħafna illitterati, qal De Cesare, kienu qed jiġu mġiegħla jmorru jivvutaw "bħal qatgħa ngħaġ" u kien hemm bosta każijiet meta minflok iċ-ċertifikat tal-vot dawn urew il-**Malta Tagħna** ta' Savona u qalu li riedu jivvutaw għaliha.[37] Barra minn hekk fl-1892 il-House of Commons kienet għaddiet riżoluzzjoni li "fl-interess ta' ħelsien ġenwin fl-elezzjoni" kienet tipprojbixxi lill-illitterati milli jivvutaw. Ir-riżoluzzjoni ta' De Cesare kienet il-mira ta' l-attakk ta' Savona li b'hekk seta' joqtol żewġ agħsafar b'ġebla waħda. L-ewwelnett seta' jikseb bil-ħeffa l-appoġġ ta' dawk kollha li kienu ser jiġu mċaħħda mill-vot, u t-tieni seta' jattakka lill-P.N. li l-edukazzjoni ma titkejjilx b'kemm taf Ingliż jew Taljan. "Il-Malti," qal, "huwa l-Ilsien tan-Nazzjon."[38] Għalhekk inħatar kumitat b'Savona bħala President, u Antonio Dalli bħala Segretarju, biex jopponi l-Ordinanza ta' De Cesare.

Reġgħet bdiet mewġa ta' **meetings** l-aktar fil-Belt u l-Furjana fejn Panzavecchia u xi ekkleżjastiċi oħrajn dejjem kienu fuq l-istess palk ma' Savona. Il-Banda **La Vincitrice** ta' l-Isla, il-belt ta' Panzavecchia, qatt ma naqset mill-**meetings.** L-għaqda bejn Savona u Panzavecchia seħħet f'wieħed

minn dawn il-**meetings** nhar it-2 ta' Ġunju 1895. F'**meeting** ieħor nhar il-11 ta' Awissu 1895 il-Kandidati tal-P.P. kollha ħalfu fuq kurċifiss li jimxu skond il-programm tal-partit li l-fattur prominenti fih kienet it-talba għal Gvern Responsabbli.[39] Panzavechia stqarr li kien lest li jappoġġja lil Savona sakemm dan jibqa' jżomm l-indipendenza tiegħu mill-Kunsill, inkella jitlaq lill-Partito Popolare bħalma kien għamel lill-partit ta' Mizzi. Bħall-P.U. qablu, il-P.P. kien fih taħlit ta' ideat u uċuħ. Fost il-membri ġodda kien hemm Antonio Dalli u Dr. Andrea Pullicino. Kien hemm ukoll Dr. Ernesto Manara li fiż-żmien kien anti-Savonjan aħrax u l-editur tal-gurnal **"Diritto di Malta"**.

Bejn dan iż-żmien u l-1898 il-kwistjoni ewlenija kienet il-Kostituzzjoni. Ladarba l-gvern rappreżentattiv ma kienx irnexxa, it-talba kellha bilfors tmur pass 'il quddiem u timmira lejn gvern responsabbli. L-esperjenza qarsa tal-Kostituzzjoni kif imħaddma minn Strickland qanqlet ġibda lejn forma ta' gvern aktar ħielsa.

Il-kamp Mizzjan baqa' ma jafdax f'Savona u oppona t-talba għal gvern responsabbli, l-ewwelnett għaliex tant kien ħadem għal Kostituzzjoni Rappreżentattiva u t-tieni għaliex kellu dubji serji kemm Malta kienet lesta għal din il-forma ta' gvern. Fost l-elettorat il-P.N. kien għadu jgawdi maġġoranza iżda issa l-Partito Popolare beda jtellef il-ħakma li l-P.N. minn dejjem kien igawdi fost l-elettorat ġenerali. Li ġara kien li waqt li l-P.N. kellu appoġġ parlamentari, il-P.P. beda jiġbed iżjed is-simpatija tal-folol bħala minn ta' quddiem fil-moviment nazzjonali. Għalhekk, bejn l-1895 u l-1898 il-partit li kellu għajta nazzjonalistika kien il-P.P., li kien sar jappella għall-mases. Madankollu, waqt li kien jiġbed l-appoġġ tal-mases, il-P.P. ma kellu ebda kontroll fil-Leġislatura minħabba l-maġġoranza li kien igawdi l-P.N. Dan jidher ċar minn kif kien imqassam ġeografikament l-appoġġ bejn iż-żewġ partiti. Jidher li l-ibliet (Valletta, l-Isla, Bormla u l-Birgu) kienu jxaqilbu sewwa lejn il-P.P. u wħud mill-irħula kbar bħal



Birkirkara u Ħal Qormi wkoll tellgħu kandidati Savonjani. Inħawi li kienu kollhom kemm huma rurali bħar-Rabat, is-Siġġiewi, iż-Żejtun u Għawdex tellgħu kandidati tal-P.N. Interessanti li wieħel jinnota li s-subborgi tal-Belt, jiġifieri l-Furjana, il-Ħamrun, Tal-Pietà u l-Imsida tellgħu fil-Parlament kandidat Mizzjan. Il-vot ta' l-eletturi speċjali wkoll baqa' favur il-P.N.: bħala rappreżentant ekkleżjastiku Mons. Mifsud għeleb lil Panzavecchia b'maġġoranza sostanzjali u l-membri l-oħra tal-P.P. li kkontestaw l-elezzjoni speċjali kollha ġew megħluba. Iżda mill-elezzjoni ġenerali l-P.P. irnexxielu jirbaħ minn erbgħa sa sitta mill-għaxar postijiet fil-Kunsill tal-Gvern.[40]

Għal dak li hu bażi popolari ta' appoġġ, il-P.P. kellu iżjed xejriet populisti. Kellu tliet elementi importanti li kienu neqsin fil-P.N. f'dan iż-żmien: it-tmexxija ta' Savona, li kien l-uniku bniedem kapaċi jimla l-vojt li ħalla Mizzi fil-Kunsill; il-patrunaġġ ta' Panzavecchia u l-kleru; u l-**Malta Tagħna** li kienet toħroġ regolarment u li għamlet effett kbir fuq il-popolin. L-użu effettiv li għamel il-P.P. mill-ġurnaliżmu bil-Malti kien ħaġa ġdida għal Malta u ta bixra speċjali lill-partit il-ġdid. Il-**Malta Tagħna** rnexxielha timmobilizza dik it-taqsima tal-pubbliku li kienet taqra bil-Malti, bħalma l-**Malta** kienet tikkontrolla dik it-taqsima li kienet taqra bit-Taljan. Ħafna nies li kienu marru l-iskola għal ftit snin kienu jafu sewwa bil-Malti *iżda* Taljan ma kienu jafu xejn. Oħrajn aktarx kienu jsibuha eħfef jaqraw bil-Malti, għalkemm bit-Taljan kienu jinqdew ukoll. Il-messaġġ ta' Savona għalhekk kien jilħaq lill-poplu bħal leħħa ta' berqa. Fil-ħwienet tax-xorb, fit-titotli, f'xi kantuniera, il-ġurnaliżmu sab udjenza ġdida, udjenza li, għalkemm wiesgħa, ma kinitx effettiva għaliex ma kellhiex vot u għalhekk l-appell li ħoloq Savona qatt ma seta' jinħass f'termini elettorali. Iżda fit-toroq il-ferment issokta jiżdied b'Savona jrewwaħ in-nar tas-saħna pubblika, megħjun minn Panzavecchia bil-kleru warajh. Bil-barka ta' l-isqof, il-**Malta Tagħna** setgħet tippubblika innu miktub anonimament, b'es-

pressjonijiet bħal: 'Aħna nistgħu nagħmlu li rridu, ħadd ma għandu l-jedd fuqna; ir-rieda tagħna hija r-rieda t'Alla." Kieku dan il-kliem deher f'xi ġurnal ieħor, min jaf għal liema rokna ta' l-infern kien jiġi kkundannat l-editur tiegħu.

Il-bomba dwar il-kwistjoni taż-żwiġijiet faqqgħet fi Frar 1896. Ir-rapport tant mistenni tal-Privy Council sar f'Lulju 1895 iżda għal xi raġuni (li qatt ma ħarġet ċara), il-Gvern Malti talab li l-pubblikazzjoni tiegħu tinżamm sa wara l-elezzjoni ġenerali.[41] Il-kumitat ġudizzjarju tal-Privy Council kien sama' żewġ każijiet: dik tal-Gvern Malti u l-oħra f'isem id-denominazzjonijiet Protestanti fl-Ingilterra. Id-deċiżjoni tal-kumitat, għalkemm mhux uffiċjali, kienet ċara biżżejjed — iż-żwiġijiet imħallta kellhom jitqiesu validi anki jekk mhux iċċelebrati skond ir-rit Kattoliku. Din id-deċiżjoni ħasdet lill-Maltin kollha mingħajr distinzjoni kemm politika u kemm ta' klassi.[42]

Għal darb'oħra Mizzi reġa' deher fuq l-istess palk ma' Savona u Panzavecchia; id-dinamika kolonjali għal żmien qasir ħafna reġgħet telgħet fil-wiċċ. Id-dikjarazzjoni tal-Privy Council kienet tmur kontra l-liġijiet kanoniċi u ċivili. Barra minn hekk kienet ksur skandaluż tal-Protokol bejn Simmons u Rampolla; kienet ksur ta' privileġġ u ndħil sfaċċat f'affarijiet purament lokali. Is-suspetti antiki li l-Ingilterra kellha l-ħsieb li tipprotestantizza lil Malta issa donnhom dehru ċari u kellhom konferma. Biex l-għadab tal-Maltin ikompli jiżdied, l-aħbar ta' din id-deċiżjoni waslet waqt kampanja li kienet qiegħda ssir kontra l-Mażunerija. Avviżi ta' attivitajiet ta' l-imseħbin fil-Mażunerija kienu dehru fil-ġurnal Stricklandjan **Daily Malta Chronicle;** il-funeral ta' wieħed Malti, magħruf li kien Mażun, ġibed dimostrazzjoni ostili;[43] u fizzjal Ingliż kien ġie miżmum għaliex għadda biż-żiemel minn nofs purċissjoni reliġjuża. Pace ħareġ ittra Pastorali li kienet tikkundanna l-Mażunerija u lil dawk li b'xi mod kienu jgħinu fit-tixrid tagħha. Ir-rapport tal-Privy Council wasal l-ewwel għand Pace mingħand Dr. Alfredo Mattei, avukat Malti li kien



joqgħod Londra u li attenda t-taħditiet tal-Kumitat Ġudizzjarju bħala osservatur. L-isqof malajr laqqa' kumitat tal-kunsillieri tiegħu biex jaraw x'passi setgħu jittieħdu. Bħalma ġara fl-1892, tfasslet petizzjoni lir-Reġina li kienet tisħaq fuq il-kriżi reliġjuża li kienet tinsab fiha Malta.

L-aġitazzjoni kienet fl-aqwa tagħha meta saru tliet **meetings** Ħadd wara l-ieħor fuq il-Fosos tal-Furjana fit-8, il-15 u t-22 ta' Marzu 1896. Dawn seħħu fi żmien meta Savona kien qiegħed jipprova jgħaddi l-Ordinanza tiegħu mill-Kunsill. Għalkemm nominalment il-moviment kien immexxi minn Savona bħala l-President tal-Gran Comizio Nazionale, kien l-isqof bl-inkuraġġiment tal-Vatikan, li kien iċaqlaq "il-merħla". Ngħidu aħna, id-djaknu Vassallo, il-kap tal-Kapitlu tal-Kattidral, fl-ewwel **meeting** li sar, radd ħajr lill-folla talli mxiet wara "s-sejħa tar-Ragħaj," b'riferenza għall-isqof, u dan minkejja li Savona kien wieqaf fuq il-palk ħdejn Vassallo. Panzavecchia nnifsu ddikjara li l-**meeting** kien qiegħed isir "taħt id-dell tas-Salib." Barra minn hekk Pace ħa ħsieb juri lill-poplu li mhux Savona biss kellu simpatija mal-kawża tal-Knisja u, permezz ta' Vassallo, stieden lil Fortunat Mizzi jieħu sehem fil-**meetings.** Dan aċċetta xott xott u attenda biss l-ewwel **meeting** li sar waqt li Mons. Alfredo Mifsud lanqas għal dan ma mar minkejja l-insistenza ta' Mizzi u tan-neputi ta' l-isqof.

Fit-tieni **meeting** l-atmosfera kienet aktar sekulari, u Savona pprova jaħtaf it-tmun ta' dan il-moviment politiku/reliġjuż. Flimkien miegħu u ma' Panzavecchia kien hemm ukoll Francesco Wettinger u Cesare Darmanin, l-aktar żewġ Savonjani ħorox li kien hemm fil-Kunsill. Għal dan il-**meeting** jingħad li attendew bejn 10 u 12-il elf ruħ fil-pjazza, b'ħafna eluf oħra fit-toroq li jwasslu għall-Belt u li b'kollox itellgħu ċ-ċifra għal 60 jew 70 elf skond ir-rapport tal-pulizija. Skond il-figuri aktar minn nofs il-popolazzjoni ta' Malta attendiet dan il-**meeting.**

Ix-xejra ta' l-aħħar **meeting** kienet kollha kemm hi politika

fejn spikkat l-oratorija ta' Savona. Il-mira tiegħu kien F.S. De Cesare li l-ġurnal tiegħu **La Voce del Popolo** kien akkuża lil Savona b'fanatiżmu u nuqqas ta' responsabbiltà. Il-folla bdiet turi entużjażmu kull darba li Savona kien isemmi lil De Cesare, sakemm fl-aħħar qabad kopja tal-**Voce del Popolo** u taha n-nar. "Dan in-nar huwa simbolu ta' l-infern," qal.

Għal dan il-**meeting** ġew nies minn Malta kollha, qassisin u baned bi standardi u statwi tal-Papa u ta' Ġesù Kristu. Inqalgħu incidenti ta' ġlied bejn Maltin u Ingliżi f'xi rħula. L-agħar wieħed kien dak ta' Bormla fejn seba' baħrin ġew attakkati u maqfula f'dar għal tlitt sigħat minn folla ta' madwar elfejn ruħ. L-aġitazzjoni li kien qed iqajjem Savona kienet ta' "periklu għall-paċi pubblika," qal il-Gvernatur Fremantle li wissa lil Pace li, f'każ li l-qagħda titlef il-kontroll, kien lest li jieħu passi drastiċi u jżomm lill-isqof responsabbli.[44] Wara din it-twissija, il-Ministru tal-Kolonji, Joseph Chamberlain, kiteb lil Pace biex jiċċara s-sitwazzjoni tal-Gvern Ingliż. Hu sostna li d-deċiżjoni tal-Privy Council ma kinitx ġudizzjarja jew leġislattiva, u li dan il-moviment imsaħħan f'Malta kien kollu riżultat ta' nuqqas ta' ftehim. Kien żball, qal, li taħseb li l-Gvern Ingliż kien ser jasal biex igħaddi liġijiet dwar iż-żwieġ f'Malta. Pace kkalma għal dawn l-assigurazzjonijiet u baqa' jittama li l-liġi kanonika tibqa' tgħodd permezz ta' Att Leġislattiv.[45] Għalhekk il-petizzjoni ffirmata minn kważi 38,000 ruħ, xorta ntbagħtet Londra.

Ir-riżultat aħħari ta' din l-aġitazzjoni, li kienet iddominat id-disgħinijiet sa mill-bidu nett, kien li kemm il-Vatikan kif ukoll il-Gvern Ingliż qablu fuq **status quo** u ma kellha ssir ebda leġislazzjoni favur jew kontra ż-żwiġijiet imħallta. Żwiġijiet bejn Kattoliċi kellhom jibqgħu jsiru skond it-tradizzjoni waqt li żwiġijiet imħallta ma jitqisux validi jekk mhux iċċelebrati skond kif kien speċifikat fil-Kunsill ta' Trentu. Madankollu Savona kompla jagħmel pressjoni biex igħaddi l-Ordinanza tiegħu bit-tama li din tikseb l-approvazzjoni tar-Reġina.[46] Iżda mhux talli ma impressjonax lill-Ingilterra imma lanqas



irnexxielu jdawwar favurih lill-kolleggi tiegħu fil-Kunsill tal-Gvern li ħafna minnhom ivvutaw kontra l-Ordinanza. Hekk kif l-aġitazzjoni min-naħa tal-kleru naqset, l-appoġġ li kien gawda Savona għal dawk l-aħħar tliet snin għeb mil-lejl għan-nhar. Kienet popolarità minfuħa u fuq kollox transitorja minngħajr egħruq sodi. Hekk Savona reġa' sab ruħu waħdu, iżolat bħall-Erbgħa fost il-ġimgħa bi klikka żgħira tappoġġjah aktar barra l-Kunsill milli ġewwa.

Fl-1898, meta l-Ordinanza tiegħu ġiet rifjutata għal darba oħra, Savona qam u telaq 'il barra mill-Kamra tal-Kunsill bi proteseta. L-għada bagħat ir-riżenja tiegħu[47] u wera li kien ser jirtira għal kollox mill-politika. Fi żmien tliet snin biss laħaq tela' fil-quċċata tal-popolarità u waqa' fl-abbiss tad-deżolazzjoni: fl-1896 kien "il-bniedem tad-deheb", fl-1898 bilkemm seta' jlaqqat appoġġ fil-Kunsill. Madankollu, il-kwistjoni taż-żwiġijiet kellha effett mill-akbar fuq il-politika lokali, effett li hejja t-triq għal dak li kellu jiġri fil-ftit snin ta' wara sakemm il-Kostituzzjoni ġiet revokata fl-1903. Il-kwistjoni kienet uriet x'qawwa seta' juri l-poplu meta jiġi mmobilizzat sew mill-pulptu kif ukoll mill-pjazez. Xeni bħal dawn ta' aġitazzjoni organizzata, fejn il-Maltin inqalgħu mill-aktar irkejjen imbiegħda tal-gżira juru li minkejja kollox, il-Maltin kienu politikament konxji. Ir-rieda għall-ħelsien ħadet ir-ruħ u l-ġisem; "leħen il-poplu" ma baqax biss titlu ta' ġurnal li ħadd ma kien jaqra, iżda dan sar realtà — il-poplu beda jieħu azzjoni fit-toroq u fil-pjazez, ixejjer standardi u jkanta 'slogans' u innijiet.

Il-kampanja kompliet ukoll iżżid u ssaħħaħ ix-xewqa għall-awtonomija. Kienet żvilupp sorprendenti li nissel fil-Maltin kuxjenza tal-jeddijiet tagħhom. F'ċerti kwartieri, l-iżjed min-naħa tal-gvern, feġġet il-biża' ta' x'saħħa jista' jkollu l-poplu meta l-għadab tiegħu jieħu xejra vjolenti. Għal xi żmien deher bħallikieku l-Liġi kienet ġiet sospiża u ma kien hemm xejn li l-folol ma setgħux jaslu għalih. Dan kollu kellu effetti serji

u sa l-1898 ix-xewqa għal gvern responsabbli kienet infirxet mal pajjiż kollu.

Il-P.N. ukoll ikkonverta ruħu għal din l-idea speċjalment fid-dawl ta' sensiela ta' ġrajjiet li seħħu wara li kienu battew id-dimostrazzjonijiet dwar iż-żwiġijiet. Il-Gvern Kolonjali fehem li f'każ li l-poplu jirrikorri għall-vjolenza l-forzi tal-pulizija ma kinux kapaċi jikkontrollaw is-sitwazzjoni.[48]



## Taqsima 5

# IT-TAQBIDA TAN-NAZZJONALISTI TAĦT L-AMMINISTRAZZJONI TA' STRICKLAND

Is-suċċessur tal-Gvernatur Fremantle kien il-Ġeneral (wara sar Field Marshal) Grenfell li dam f'din il-kariga mill-1899 sa l-1903. Bħall-oħrajn ta' qablu, kien bniedem imrawwem fid-dixxiplina militari. Il-ħatra tiegħu kienet tkompli turi kemm Malta kienet titqies bħala Fortizza u għaldaqstant kemm kien jinħtieġ li titmexxa b'mod rigoruż u reġimentat. Iżda fil-fatt l-amministratur veru baqa' Strickland li aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar kompla jsaħħaħ il-mekkaniżmu awtokratiku tiegħu.

Malta fi tmiem is-seklu dsatax, għalhekk, kienet pajjiż maħkum mill-qilla ta' l-Istricklandiżmu. It-taħrik tad-disgħinijiet wassal għal riorganizzazzjoni sħiħa fil-forzi tal-pulizija u għal intensifikazzjoni fis-sistema ta' sorveljanza. Bħal dak il-ġurdien li jiġi daħru mal-ħajt l-amministrazzjoni, f'dispramen, bdiet tissuspetta u tnassas fuq kulħadd, anki dwar l-iċken affarijiet. Pulizija esperti Taljani nġiebu apposta biex jinvestigaw dwar jekk kienx hawn anarkisti fil-pajjiż.[1] Fl-1901, meta l-aġitazzjoni tal-P.N. kompliet tiħrax, **units** ta' l-R.M.A. ġew ingaġġati biex isaħħu l-forzi tal-pulizija fil-każ li jinqala' l-inkwiet. Il-ħabib tal-qalb ta' Strickland, l-Avukat tal-Kuruna Alfredo Naudi, kien kollu tifħir għax-xogħol li kien qed iwettaq il-gvern permezz tal-pulizija biex titħares l-Ordni Pubblika. Barra minn hekk, dan wissa lill-poplu li kull min jasal biex jikkritika lir-reġim kien qiegħed jagħti f'għajnejn il-gvern. Saħansitra l-gvern kellu l-ismijiet ta' dawk li kienu jmorru għall-**meetings** tan-Nazzjonalisti, u b'reqqa kbira kienet tinġabar kull tip ta' informazzjoni li setgħet tgħin lill-gvern. Min kien

ittimbrat bħala Nazzjonalist kien jitniżżillu ismu flimkien mal-laqam (jekk kellu), is-sengħa jew il-professjoni tiegħu, il-post tax-xogħol, l-indirizz fejn joqgħod, kif ukoll tagħrif dwar il-qraba tiegħu. Li tiddikjara li int Nazzjonalist kienet saret ħaġa li titlob kuraġġ li ma bħalu. Li tikteb kontra l-gvern f'ġurnal, anke taħt **nom de plume** kien sogru. Eżempju ta' dan kien Dr. E.L. Vella li kien jikteb fil-**Malta** taħt l-isem "Spartaco". Vella kien kaxxier ma' kumpanija bbażata f'Londra li l-proprjetarju tagħha kien Edward Tancred Agius, lagħqi prim ta' l-Ingliżi. Vella ġie rrappurtat lil Agius u malajr kellu jwaqqaf il-kitbiet tiegħu fil-**Malta** biex ma jitlifx l-impieg.[2] Fl-1901 banda Maltija-Tuniżina ma tħallietx tiġi Malta biex tagħti kunċert, u li kien għal Strickland, żjara minn grupp ta' studenti Universitarji Sqallin kienet titħassar ukoll.

Iżda l-akbar sfaċċataġni seħħet meta l-gvern ħareġ ordni li ma setgħux jibqgħu jsiru **meetings** pubbliċi fl-ibliet. Fl-okkażjoni ta' żjara mis-Sotto-Segretarju Kolonjali Lord Onslow, Mizzi, bil-kuraġġ kollu, ipprova jorganizza marċ ta' protesta fil-Belt. Mizzi għamel appell lill-kappillani u lill-kleru, u lill-membri tal-kumitati distrettwali u tal-baned biex ifiehmu lill-poplu l-għan tal-protesta, u żied igħid li kif ma sabhiex bi tqila biex jorganizza dan il-marċ, hekk ukoll ma kienx ser jonqoslu l-kuraġġ biex imexxih hu. Iżda l-Gvernatur Grenfell malajr uża l-influwenza tiegħu fuq l-Isqof Pace li ma damx ma għalaq ħalqu. L-istess għamlu l-Kanoniċi tal-Kattidral. Strickland, min-naħa tiegħu, ħareġ twissijiet u theddid ta' multi u ħabs. Il-proġett għalhekk sfratta u l-marċ ma sarx. Fl-ambjent ripressiv u ostili li kien qed igħix fih il-poplu Malti kien sogru kbir li toħroġ u pubblikament tiddimostra kontra l-gvern. Mhux kulħadd kellu qalb ta' ljun bħal Mizzi u l-mexxejja Nazzjonalisti l-oħra. Taħt gvern kolonjali l-Maltin ma kellhomx wisq xi jgawdu, u kienu jippreferu xi drabi jbusu l-id li jixtiequ maqtugħa biex ma jġarrfux il-ftit li kellhom.

Il-vittimizzazzjoni mal-P.N. saret ħaġa ta' kuljum. Il-Partit ma tħalliex juża t-Teatru Rjali biex jinawgura innu Nazzjonali



ġdid. Barra minn hekk bdew ifaqqsu ħafna konfoffi biex b'xi mod jew ieħor Mizzi jitwarrab min-nofs. L-iċken mossa tiegħu, l-inqas kelma kienet tiġi interpretata bħala tixwix biex forsi l-gvern isib fuqiex iqabbad difru. Darba, waqt li kien qed jindaqq il-"God Save", Mizzi ta s-sinjal biex xi Nazzjonalisti li kien hemm preżenti jibdew isaffru. Kien hemm uħud, bħal Chamberlain, li bdew jittamaw li Mizzi jintefa' l-ħabs fuq akkuża li ried iqanqal irvell kontra l-gvern. "Dan għandu jġiegħel lit-tradituri joqogħdu aktar attenti," qal.[3] L-Ammirall Sir John Fisher kien tal-fehma li Mizzi u Nazzjonalisti oħrajn bħalu jiġu eżiljati minn Malta, u l-gazzetti tagħhom jinżammu. Fil-fatt wieħed Malti-Tuniżin, Victor Serre, li kien għalliem tal-Franċiż u kien jikteb ukoll xi artikli għall-ġurnal Franċiż, tkeċċa minn Malta bħala **persona non grata** fl-1901. Serre, li l-kitbiet tiegħu kienu jixhdu stmerrija kbira għal Strickland, kien sudditu Franċiż u għaldaqstant kien aktar faċli li jiġi deportat.[4] Li kieku l-istess ħaġa ġrat lil Mizzi, il-gvern kien ikollu popolazzjoni vjolenti u mgħaddba ma' min iseffaq wiċċu. Fisher ħadha bi kbira meta deher artiklu fejn il-kittieb qal li kien jittama li Chamberlain imut "b'kankru mill-aktar waħxi".

"Il-Gvernatur ta' Ġibiltà jista' jeżilja kittieba," qal Fisher. "Għaliex ma jistax jagħmel l-istess il-Gvernatur ta' Malta?"[5]

. istess ħin li r-reġim kien jara kif jagħmel biex irażżan lin-Nazzjonalisti, b'makakkerija kienu jiġu mxerrda mezzi fini ... propaganda biex jinħoloq ambjent favur l-Ingilterra. It-tfal ta' l-iskola bdew jiġu mgħallma innijiet bl-Ingliż, iżjed għalliema bdew jintbagħtu għal taħriġ fl-Ingilterra, u studenti li kienu jgħaddu mill-eżami lokali ta' Oxford kienu jingħataw premjijiet speċjali. Il-katekiżmu ġie maqlub għall-Ingliż minn Dr. Enrico Magro, spettur ta' l-iskejjel Primarji.

Dan wassal għal mobilizzazzjoni mill-politikanti Maltin. Fuq talba formali tal-poplu Għawdxi, Mizzi reġa' lura għall-ħajja parlamentari.[6] Fil-fatt Mizzi kien jixtieq jirtira fil-kwiet iżda meta kien jara lill-partit tiegħu jsir il-mira ta'

oppressjoni bla rażan mir-reġim, ħass id-dmir li jerġa' jieħu t-tmun parlamentari u jissielet bl-għajnuna ta' sħabu ma' dan il-mostru biżbetiku, hekk imsejjaħ — gvern kolonjali. Savonjani u Panzavecchiani, saħansitra l-Isqof Pace, ingħaqdu taħt l-istess standard mal-P.N. Mizzi u Pace ma kinux jinħamlu u skond Lord Onslow, l-Isqof kien jitkellem dwar Mizzi "bl-aktar mod vili u infami" iżda kien igħid ukoll li ċ-ċirkostanzi ġegħluh jaqbel mat-twemmin tal-mexxej Nazzjonalista. Dan ġara meta Chamberlain iddikjara li r-rappreżentant ekkleżjastiku għandu jitneħħa mill-Kunsill tal-Gvern wara li ġie rrappurtat li l-Isqof ipprova jindaħal fl-elezzjonijiet billi ma ħalliex lil wieħed qassis joħroġ għall-elezzjoni.(7) Il-qassisin kienu, "klassi ta' nies li ma jistgħux ikomplu jitqiesu kapaċi jieħdu deċiżjoni minn rajhom fil-Kunsill tal-Gvern," qal.(8) Minħabba li l-gvern ma ħasibx biex ir-rappreżentant ekkleżjastiku jiġi mibdul b'ħaddieħor, il-għadd ta' rappreżentanti fil-Kunsill niżel awtomatikament għal 13. Il-każ dwar il-preżenza tal-kleru fil-Kunsill tal-Gvern kien tqajjem diġà darb' oħra f'Malta fl-1870. Iżda dak inhar kien sar referendum fejn minn 2461 elettur, 1473 ivvutaw favur li l-qassisin jerġgħu jidħlu lura fil-Kunsill; 58 kienu ivvutaw kontra. Mill-partijiet rurali ftit li xejn kienu vvutaw kontra, u l-maġġoranza ta' dawk it-58 vot kienu ntefgħu mill-Belt, il-Furjana u l-Isla.(9) Issa, kważi 30 sena wara l-istorja rrepetiet ruħha, iżda din id-darba l-gvern mexa b'mod mill-aktar awtokratiku u l-fehma tal-poplu injoraha għal kollox. Mhux talli hekk, iżda Strickland ipprova jġebbed l-interpretazzjoni ta' din id-dikjarazzjoni biex iċappas biha lil xi Nazzjonalisti li l-preżenza tagħhom fil-Kunsill kienet xewka fid-dahar. Fost dawn kien hemm Antonio Dalli u Fortunat Mizzi nnifsu. Dalli, li kien editur ta' **Il Patriota,** tkeċċa mill-Kunsill għaliex, għalkemm mhux qassis, kien jirċievi għajnuna finanzjarja mill-Kurja.(10) L-impediment fuq Mizzi kien aktar imqanżaħ u wera kemm Strickland kien jipprova jfittex ix-xagħra fl-għaġina — l-aqwa li jeħles minnu. Dan skopra li Mizzi fi tfulitu, 43 sena qabel,



kien irċieva l-ordni minuri (jew Il-Minuri, kif isibuha), kif kienet id-drawwa fost ħafna familji rispettabbli fis-seklu dsatax. Il-Vigarju Ġenerali salva s-sitwazzjoni għaliex ma riedx jikkonferma formalment l-isem u l-kunjom ta' Mizzi kif kien imniżżel fir-reġistru ta' l-Isqof Forno. Mhux talli hekk, talli Grenfell ma kien jaf xejn dwar il-komplott ta' Strickland u malli fl-Uffiċċju tal-Kolonji sar magħruf x'inhu jiġri, ħarġet ordni biex din it-tip ta' persekuzzjoni kontra Mizzi tieqaf minnufih.

Permezz ta' din il-proklamazzjoni anki Panzavecchia tħalla barra mill-Kunsill. Minkejja dan, waqt **meeting** tal-P.N., b'Mizzi ħdejh, Panzavecchia ta kelmtu li għalkemm ma setax jibqa' jservi fil-Kunsill xorta waħda kien ser jibqa' mal-poplu "għaliex il-kleru huwa fuq in-naħa tal-poplu."

Il-mobilizzazzjoni li seħħet f'dan iż-żmien wasslet għal għaqda sħiħa bejn l-elementi politiċi kollha taħt it-tmexxija ta' Mizzi. B'hekk il-Partit ħa xejra fuq livell aktar wiesa' minn qatt qabel u kompla żied l-appoġġ permezz tal-kumitati distrettwali, każini u assoċjazzjonijiet minn Malta kollha. Fl-elezzjoni ġenerali ta' l-1898, il-kandidati tal-P.N. u tal-P.P. iffurmaw front komuni u rebħu s-siġġijiet kollha.(11) Żewġ kandidati, wieħed minnhom Cachia Zammit għad-distrett taż-Żejtun, ma kinux ikkontestati.(12)

Bejn dan iż-żmien u l-1903, il-kandidati Nazzjonalisti dejjem kienu jerġgħu jiġu eletti mingħajr kontestazzjoni. L-unika eċċezzjoni kienet fl-1900 meta Roberto De Cesare kkontesta t-tmien distrett (Ħal Qormi u Ħaż-Żebbuġ) bħala kandidat favur il-gvern kolonjali b'manifest li kien jappoġġja x-xogħlijiet ewlenin li kien qed iwettaq il-gvern fil-qasam pubbliku. De Cesare, li qabel kien Savonjan u wara sar Stricklandjan, kien mill-Isla u marbut ukoll mar-**Risorgimento.** Il-kandidat Nazzjonalista li kien qed jikkontesta dan id-distrett kontra De Cesare kien il-Prokuratur Legali Edoardo Semini. L-appoġġ li kellu Semini, iżda kien ħafna akbar u rnexxielu jegħleb għal kollox lil De Cesare.(13) Tul dan iż-żmien il-P.N. u l-P.P.

dejjem baqgħu magħqudin; żammu flimkien anki wara l-kwistjoni kontroversjali tar-riformi fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, li niġu għaliha aktar 'il quddiem. Barra minn hekk il-P.N. għażel li ma jaċċettax ħatriet fil-Kunsill Eżekuttiv; dan kien pass għaqli min-naħa tal-Partit biex ikompli jsaħħaħ l-appoġġ tas-Savonjani u l-Panzavecchjani. Strickland għamel dak kollu li seta' biex jiġbed lejh lil Mizzi u 'l sħabu u jagħmel minnhom kollaboraturi tar-reġim, iżda partit serju diffiċli tidħak bih. Id-dmir tal-P.N. kien l-ewwel u qabel kollox lejn il-jeddijiet ċivili tal-poplu Malti u bis-sewwa jew bid-dnewwa kien determinat li jiksibhom. Għalhekk, mill-1899 'il quddiem insibu li l-membri eletti kienu kollha jitqiesu ta' l-istess partit, għallinqas f'termini elettorali.[14] Fl-1900, Mizzi beda jissejjaħ "Kap tal-Membri Eletti"[15] u sa l-1901 il-Maltin kienu jsejħulu "Mexxej tal-poplu Malti".[16]

Għalkemm id-differenzi partiġġjani ma ntesewx għal kollox, membri Savonjani bħal Cesare Darmanin u l-Perit Francesco Wettinger, kif ukoll oħrajn Panzavecchjani, Dr. Andrea Pullicino u Antonio Dalli, kienu aktar lesti li jaċċettaw it-tmexxija ta' Mizzi, milli l-Mizzjani kienu lesti jaċċettaw it-tmexxija ta' Savona fl-1891/3. L-Avukat tal-Kuruna Naudi rrimarka li fil-fatt kien hawn żewġ partiti, iżda t-tnejn kienu ta' fehma waħda. "Non vi è alcuna differenza di opinione fra coloro che appartengono all'uno o all'altro partito politico".[17]

Ħlief f'xi okkażjonijiet meta Darmanin u Wettinger ħallew posthom meta ġew biex jivvutaw dwar mozzjoni ta' Mizzi biex it-Taljan jibqa' l-mezz tat-tagħlim u meta Darmanin ivvota favur il-Gvern fl-ordinanza dwar it-tariffa fuq id-dqiq, ir-rappreżentanti tal-gvern dejjem urew għaqda fl-appoġġ tagħhom lejn Mizzi. Grenfell saħansitra rrimarka li l-P.N. kien "l-uniku partit organizzat"[18] u Mizzi kien "il-mexxej ta' maġġoranza assoluta", "the leader of an overwhelming majority."[19]

* * *



**'Il fejn kienet ixxaqleb l-opinjoni pubblika?**

L-opinjoni tal-ġurnali kienet maqsuma f'żewġ kampijiet ewlenin: waħda favur il-gvern u l-oħra kontrieh. Fuq in-naħa tal-gvern insibu l-appoġġ konsistenti mid-**Daily Malta Chronicle** ta' Antonio Bartolo li bdiet toħroġ fl-1887 u baqgħet f'idejn il-familja Bartolo sa l-1940. Il-**Chronicle** kienet ta' sikwit tirreklama prodotti Ingliżi u tħabbar attivitajiet imnedija apposta għall-komunità Ingliża f'Malta. Fil-fatt kien fost ir-residenti Ingliżi li kienet tinbiegħ l-aktar il-**Chronicle.** Meta dehru xi avviżi ta' attivitajiet Mażonistiċi, kemm Mizzi kif ukoll Savona akkużawha b'fanatiżmu kontra l-Knisja. Mizzi ddeskrivieha bħala gazzetta miktuba l-Palazz għall-benefiċċju tat-truppi Ingliżi f'Malta.[20]

Strickland kien tal-fehma li biex tkompli titkattar l-influwenza Ingliża fost il-poplin, kellu jibda joħroġ ġurnal semi-uffiċjali ssussidjat mill-gvern. Strickland kien diġà ġie akkużat li pprova juża lid-**Daily Malta Chronicle** permezz ta' għajnuna finanzjarja biex tagħmel propaganda lill-gvern. Issa kellu jibda joħroġ ġurnal bil-Malti ta' tliet darbiet fil-ġimgħa kif ukoll ieħor bit-Taljan bil-għajnuna ta' Dr. Enrico Magro li xi żmien qabel kien qaleb il-katekiżmu ta' l-iskejjel għall-Ingliż.[21] Dawn il-proġetti mill-ewwel marru żmerċ, iżda bis-saħħa tagħhom kienu ħarġu fil-beraħ żewġ fatturi importanti — kienu juru kemm Strickland kellu fiduċja f'Bartolo bħala funzjonarju tar-reġim, u wkoll li l-gvern kien aktar iżolat minn qatt qabel. Sena wara reġa' sar esperiment simili b'gazzetta pro-Ingliża jisimha **Malta Maltija** iżda din ma tantx inbiegħet u ftit wara kellha tieqaf.[22]

Fl-1901 deher fuljett ippubblikat fl-istamperija tal-**Chronicle** iffirmat minn 'Malti li jħobb lill-Ingliżi u lil pajjiżu', li kien igħid hekk: "Kulħadd jaf li dawk li jagħmluha ma' l-Ingliżi huma gawduti u li f'pajjiż it-Taljani ma hemmx ħlief għaks u ġuħ, u min jagħmilha magħhom ma jistax ħlief jibqa' mġewwaħ."[23] Dan il-fuljett li kien jappoġġja wkoll l-Angliċizzazzjoni fit-Transvaal, ħareġ fl-istess żmien ma' fuljett

ieħor simili ppubblikat fl-istamperija tal-**Malta.** Dan kien kontra t-tagħlim ta' l-Ingliż fl-iskejjel u kien iffirmat minn 'Malti Patrijott'.

"Intom biss mela...," kien jgħid, "sejrin tħallu lill-gvern igħabbikom, jidħak bikom, u jisserva bikom kontra l-interessi u l-ġid tagħkom u ta' wliedkom... biex l-Ingliżi mbagħad jieklu l-ħobż tal-Maltin, jidħlu fil-Pulizija, fit-Tarznar, fir-Reġimenti tal-Milizja u tal-Maltin u fid-dipartimenti l-oħra tal-gvern minflok il-Maltin."[24]

Dawk li kienu jappoġġjaw lil Strickland pubblikament sikwiet kienu jagħmlu hekk biex jevitaw l-attakki u l-vittimizzazzjoni mill-gvern. Dr. P.P. Agius hu eżempju tipiku ta' din il-klikka ta' nies. F'ittra li kiteb dwar negozju ta' spiżerija u li fiha semma lil ħu Mizzi, Agius irrifera għalih innifsu u "nies leali oħrajn" bħala nies li tilfu l-krettu mal-klikka Franko-Taljana tal-membri eletti. Ma' din l-ittra Agius bagħat ukoll silta mid-**Daily Express** dwar inċident fejn Zaccaria Roncali kien bagħat lura stedina għal riċeviment minn għand student Malti li kienet miktuba bl-Ingliż, u qal li ma jaċċettax stedina bl-Ingliż minn għand Malti.[25] Każ ieħor kien dak ta' G.C. Mallia Tabone li għal xi żmien kien rappreżentant Nazzjonalista fil-Kunsill tal-Gvern. Dan għażel li jsir lagħqi ieħor ta' Strickland bit-tama li jikseb impjieg għoli iżda baqa' b'xiber imnieħer. Fl-1903 dan wasal biex ilmenta li l-gvern ma kienx żamm kelmtu. It-tweġiba ħadha mill-Uffiċċju tal-Kolonji (mhux mill-amministrazzjoni f'Malta li mid-dehra għamlitlu xi wegħdiet jekk jiċħad lill-partit). Din kienet tgħid hekk:

"Jekk is-Sur Mallia Tabone vvota favur il-gvern minn mottivi ta' kuxjenza m'għandux għalfejn jippretendi li jiġi ppremjat; imma jekk dan għamlu minn skopijiet ta' interess personali allura ma jisthoqqlux li jiġi ppremjat." Kif igħid il-Malti, min jobżoq fis-sema jiġi f'wiċċu.

L-opinjoni tal-ġurnali lokali, minbarra l-**Chronicle,** kienet kontra l-gvern, u kontra Strickland partikolarment; **Malta**



kienet minn ta' quddiem. Ironikament, l-Uffiċċju tal-Kolonji kien iqis il-ġurnal **Malta** bħala "prattikament l-uniku wieħed ta' importanza politika." Wara każ ta' libell minn Ġeneral Ingliż, Mizzi għal xi żmien biddel it-titlu għal **Gazzetta di Malta e Gozo** u fit-13 ta' Marzu 1902 reġa' biddlu għal **Malta e Sue Dipendenze.** Minħabba r-rebħiet elettorali li kien qiegħed jikseb il-partit, Mizzi ħaseb li kien wasal iż-żmien li n-Nazzjonalisti jkollhom il-ġurnal tagħhom u għalhekk il-ġurnal ġie mgħammed bħala l-ieħen uffiċjali tal-P.N., 'Organo del Partito Nazionale'. "Dan," qal Mizzi, "huwa ġurnal ta' kuljum fis-servizz tal-pajjiż li bih l-ulied sinċieri ta' din l-Art — Kollha Nazzjonalisti — ikunu jistgħu jesprimu l-opinjoni u r-rieda tal-poplu." Sadanittant it-terminu "Nazzjonalist" beda jieħu tifsira aktar qawwija.

"Chamberlain igħidilna li ma jarax f'Malta ħlief l-interessi tal-fortizza, u jinsa lill-Insara li huma ulied dawn il-gżejjer: aħna, f'isem u taħt l-istandard tan-nazzjonaliżmu Malti, ningħaqdu biex niddikjaraw li Malta, u Għawdex, u Kemmuna u Kemmunett, u kull blata f'wiċċ il-baħar ta' madwar xtutna, huma tagħna.[26]

Fil-fatt il-P.N. kien meqjus mill-gvern li jirrappreżenta lil dawk li jieħdu sehem attiv, juru interess u jsemmgħu leħinhom fil-ħajja politika pubblika.

Il-Partit Nazzjonalista kien bla dubju l-aktar partit dinamiku li kien hawn u l-poplu kien jagħtih l-appoġġ misthoqq. Biżżejjed ngħidu li waqt li sa l-aħħar tas-seklu l-bejgħ tal-**Malta** kien żdied b'terz jew aktar, id-**Daily Malta Chronicle** bdiet titlef ħafna mill-abbonati Maltin minħabba li bdiet tiġi marbuta iżjed mal-gvern. Fil-ġlieda tiegħu kontra l-barrani, il-Partit beda biex jorganizza lilu nnifsu fuq livell aktar miftuħ u għal dan il-għan beda joħroġ l-ewwel ġurnal tal-P.N. bil-Malti li, kif xieraq, kien imsejjaħ **Il-Poplu Malti.** Il-bejgħ tiegħu huwa stmat li kien ħafna aktar mill-**Malta Għada Tagħna** ta' Savona, u fi ftit żmien laħaq id-doppju tal-bejgħ tal-**Bandiera tal-Maltin** ta' Manwel Dimech.

# Taqsima 6

# IL-KWISTJONI TAL-LINGWA

## (i) Il-'Pari Passu' vs il-'Free Choice'

Il-kontroversja dwar il-lingwa kienet qalba ta' l-istorja politika ta' Malta. Assimilazzjoni ta' poplu mal-kolonizzatur permezz tal-lingwa kien wieħed mill-ewwel passi li kien jieħu l-Gvern Imperjali minħabba problemi ta' amministrazzjoni u fuq kollox biex jinkisbu l-ordni u d-dixxiplina. Poplu li jaqbel, jew li jkollu jaqbel, mal-politika tal-gvern ma tantx seta' jkun ta' uġiegħ ta' ras. Għalhekk kienet tissemma sikwiet il-ħtieġa tal-lingwa tal-kolonizzatur li issa minnu sar jiddependi l-għixien tal-poplu maħkum. Iżda l-politika dwar il-lingwa qatt ma kienet tqis is-sentiment ta' dan il-poplu.

F'Malta ċ-'champion' ewlieni ta' din il-politika kien Strickland, kif wieħed jista' jobsor. Fit-tmeninijiet kien diġà sar attentat biex jidħol l-Ingliż fl-ewwel klassijiet ta' l-iskejjel Primarji, kif kien issuġġerixxa Sir P. Keenan, iżda xi ftit jew wisq dan kien falla. Għall-bidu kienet tinħass biss il-ħtieġa li l-Maltin ikunu jafu biżżejjed Ingliż kemm jiddubbaw biex l-amministrazzjoni ssibha eħfef li tikkomunika mal-komunità lokali. Issa, kważi għoxrin sena wara, bdiet tinħass l-urġenza li Malta tiġi assimilata malajr kemm jista' jkun ma' l-Ingilterra minħabba l-qagħda internazzjonali mwiegħra u l-biża' mill-moviment irredentista Taljan li kien qed ikabbar l-influwenza tiegħu fost l-intelliġenzja Maltija.

It-tixrid ta' l-ilsien Ingliż ħa prominenza li qatt ma kellu qabel: angliċizzazzjoni f'kull qasam u fuq kull livell tal-ħajja Maltija.

"Nemmen illi l-Maltin huma assolutament passivi," qal Strickland, "għaliex jifhmu li jinħtieġ jedukaw lil uliedhom, u illi l-Ingliż kapaċi jgħinhom aħjar jaqilgħu l-għajxien tagħhom..."(1)

F'din il-kwistjoni l-P.N. kien lest li jasal għal kompromess.



In-Nazzjonalisti ħarġu bl-alternattiva tal-**pari passu,** jiġifieri li jiġu mgħallma l-Ingliż u t-Taljan flimkien. Iżda l-gvern baqa' jisħaq fuq l-iskema tiegħu, il-**'Free Choice'** (li fil-prattika ma kienet ħielsa xejn), fejn il-ġenituri tat-tfal ikunu jistgħu jagħżlu jekk iridux li wliedhom jitgħallmu l-Ingliż jew it-Taljan. Barra mill-propaganda li kienet issir mill-gvern favur l-utilità ta' l-Ingliż, il-ġenituri kienu jiġu influwenzati mod ieħor. Kif wieħed jista' jimmaġna, il-biċċa l-kbira tal-ġenituri kienu huma stess nies bla skola u ħafna drabi kienu jmorru jistaqsu lill-għalliema għall-parir dwar l-għażla. Fuq pressjoni mill-gvern, l-għalliema kellhom bil-fors jappoġġjaw il-politika prevalenti, l-aktar meta l-gvern għamilha ċara li l-Ingliż u mhux it-Taljan kien il-lingwa tal-ġejjieni. Il-mexxejja Nazzjonalisti ma kinux jaraw ħlief ġejjieni ikreh ta' ripressjoni u intimidazzjoni mill-gvern. Mizzi għalxejn talab li jsir referendum dwar il-kwistjoni għaliex kien konvint li l-Maltin jippreferu li wliedhom ma jkollhomx jagħżlu bejn iż-żewġ lingwi, "u jekk il-poplu jgħid illi ma jridx jaf aktar b'Taljan, nagħti kelmti u naħlef illi qatt ma nerġa' nitkellem dwar l-ilsien Taljan sakemm indum ħaj."(2)

L-ewwel passi li ttieħdu mill-gvern biex tiddaħħal is-sistema tal-**"Free Choice"** kienu riformi fid-dipartiment ta' l-Edukazzjoni b'tali mod li l-iskop ta' l-amministrazzjoni Imperjali jintlaħaq malajr kemm jista' jkun u mingħajr ebda xkiel. Dr. A.A. Caruana, li kien laħaq Direttur ta' l-Edukazzjoni wara Savona, għamel l-istess bħal ta' qablu u rriżenja. Ġie iffurmat kumitat speċjali biex jirrapporta dwar bidliet f'istituzzjonijiet edukattivi, u nħatar kumitat ta' tmexxija separat għall-iskejjel Primarji. Barra minn hekk it-Taljan ma baqax suġġett obbligatorju biex wieħed jidħol il-Liċeo fejn l-Ingliż sar il-Lingwa ta' struzzjoni fis-suġġetti kollha ħlief fil-Latin, it-Taljan u r-Reliġjon. Ċerti suġġetti fil-Fakultà tal-Mediċina fl-Università kellhom ukoll jiġu mgħallma l-Ingliż. Iżda l-akbar insult kien meta tneħħa s-Senat ta' l-Università li kien twaqqaf fl-1887 u li kien jagħti ħjiel ta' awtonomija lill-Edukazzjoni

Għolja. Strickland innifsu issa sar il-President tal-kumitati speċjali u ġenerali tal-Liċeo u ta' l-Università rispettivament. Dawn ir-riformi fl-edukazzjoni qanqlu attakki ħorox mill-ġurnali lokali bit-Taljan li ddeskrivew l-iskema "intiża biex toħnoq it-Taljan." Li kien għal Strickland, dawk il-Professuri li ma setgħux jew li ma ridux igħallmu bl-Ingliż kienu jiġu mġiegħla jirriżenjaw, iżda ma sabx appoġġ, lanqas mill-Uffiċċju tal-Kolonji.

Fid-dipartimenti tal-gvern ġiet intensifikata l-proċedura ta' diskriminazzjoni sistematika: il-promozzjonijiet kienu jeħduhom biss dawk li kienu lesti jikkollaboraw mal-gvern. Il-kriterju kien: kemm taf bl-Ingliż. Strickland kien tal-fehma li fi ftit żmien din il-politika kienet tħalli riżultati pożittivi għall-amministrazzjoni.(3)

(ii) **Il-Kampanja tal-Partit Nazzjonalista**

B'reazzjoni għall-mod arbitrarju li bih il-gvern kien qed iħaddem il-politika tiegħu, il-P.N. fetaħ kampanja ma' Malta u Għawdex favur il-**Pari Passu.** Il-Partit ħa l-politika tiegħu fil-pjazez minn fejn issokta jkabbar il-popolarità tiegħu fost l-elettorat li kien imur bi ħġaru biex jisma' lil Mizzi. Saru **meetings** f'Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ, Birkirkara, il-Mellieħa, iż-Żejtun, Bormla u Għawdex.(4) Barra minn hekk tqassmu manifesti u fuljetti miktubin bil-Malti biex il-poplu jifhem mill-qrib il-messaġġ tal-Partit. "Lil min temmnu," staqsa Mizzi fil-**meeting** ta' Ħal Qormi, "lil dawn il-Maltin li għandhom l-istess interessi bħalkom, li għandhom l-istess dmirijiet lejn uliedhom bħalma għandkom intom lejn uliedkom, jew lil xi ftit għalliema mal-gvern li bil-fors ikollhom iwettqu r-rieda ta' Strickland?... Kollha qed naqdfu fl-istess dgħajsa," kompla jgħid fl-istess **meeting,** "m'għandniex interessi konfliġġenti; l-interessi tagħna huma l-interessi tagħkom. Aħna mhux qed ngħidu li aħna għandna nitgħallmu l-Ingliż u intom it-Taljan. Le: aħna ninsistu illi l-Maltin kollha għandhom jitgħallmu ż-żewġ lingwi flimkien, u m'għandux jinħela ħin billi ngħallmu l-Malti lill-Maltin."(5)

Mizzi kien jemmen f'sistema ta' edukazzjoni "nazzjonali" fejn kull min kien kapaċi, irrispettivament min-nisel soċjali tiegħu, kien jista' jimxi 'l quddiem liberament. Skond Mizzi, dan seta' jitwettaq biss bis-saħħa tat-tagħlim tat-Taljan. L-argument tiegħu kien li s-siwi soċjali ta' individwu, hu min hu, kien jiddependi mill-kompetenza tiegħu fit-Taljan li permezz tiegħu seta' jkompli l-istudji għoljin. Dan il-għan ma setax jintlaħaq permezz ta' l-Ingliż; il-Malti kien ta' ħsara wkoll għal dan il-għan minħabba li seta' jiġi sfruttat mill-awtoritajiet biex jitneħħa t-Taljan u b'hekk jiffaċilitaw l-assimilazzjoni ma' l-Ingliż. Mizzi kien iqabbel tifel fl-iskola ma' xitla li għandha l-potenzjal li tikber u ssir siġra jekk immantna tajjeb; iżda jekk le, it-tifel jitgħallem biss dak li hu meħtieġ biex ikun ċittadin tajjeb (tajjeb f'dan is-sens, jiġifieri li l-Malti jaċċetta, għaliex ma jkunx jaf aħjar, il-qagħda tiegħu ta' sudditu inferjuri — "a second class citizen" — ġo pajjiżu stess).

L-appell ta' Mizzi kien lejn il-ġenituri biex jinteressaw irwieħhom f'dak li kienu qegħdin jitgħallmu wliedhom, u mhux jibagħtuhom l-iskola biex jeħilsu minnhom matul il-ġurnata. Illum, kompla jgħid, "ma għadx hemm differenza bejn fqir u sinjur... Illum jekk bin wieħed sinjur ma għandux biżżejjed talent iex javvanza, jibqa' lura, iżda jekk bin wieħed fqir huwa kapaċi, żgur li jirnexxi. F'għajnejn il-pajjiż, sinjuri u fqar, injoranti u għorrief, kollha huma ndaqs. Min ġej minn familja fqira xorta jisthoqqlu jkollu pożizzjoni rispettabbli fil-pajjiż jekk lest u kapaċi li jagħmel l-isforz meħtieġ."

Il-Partit kien jemmen li l-gvern kellu żewġ għanijiet ewlenin għall-politika tiegħu f'Malta: l-ewwelnett li jżomm lill-poplu injorant, u t-tieni li jżommu fqir permezz ta' taxxi li l-poplu ma kienx jiflaħ għalihom. "Meta żaqq il-poplu hija vojta u l-fakultà mentali mhix żviluppata, il-poplu m'għandu xejn x'jagħmel ħlief li jimxi skond ir-rieda tal-gvern. Iżda

jekk, għall-kuntrarju, in-nies ikollhom il-flus fil-but u huma struwiti, id-drittijiet tagħhom ħadd ma jmisshomlom." Għal darb'oħra t-twemmin ta' Mizzi u sħabu sab espressjoni fid-difiża tal-jeddijiet ċivili tal-poplu.

Il-P.L. Francesco Azzopardi (li kellu jmexxi l-Partit wara l-mewt ta' Mizzi) akkuża lill-gvern li kien qiegħed jidħak bil-poplu. Meta l-gvern iwarrab it-Taljan mill-iskejjel tal-gvern ser jiġri li dawk li jifilħu jħallsu ser jibagħtu lil uliedhom fi skejjel privati biex jitgħallmu t-Taljan. Għalhekk t-Taljan ikunu jafuh biss dawk li ġejjin minn familji tat-tajjeb, u mhux ulied il-foqra. Min ma kienx jifilaħ iħallas għal edukazzjoni privata qatt ma kien se jirnexxilu jaqbad professjoni minħabba li ma jkunx jaf bit-Taljan (li kien għadu l-Lingwa tat-tagħlim fl-Università). Il-gvern kien qiegħed ipoġġi 'l ulied il-poplu f'pożizzjoni fejn ma jkunux jistgħu jikkompetu ma' wlied is-sinjuri. Permezz tat-Taljan il-poplu seta' javvanza soċjalment u jiftaħ orizzonti ġodda billi jsir konxju tad-dinjità u tal-potenzjal tiegħu. Iżda bl-Ingliż x'kienu se jieħdu l-Maltin?

"L-iskop tal-gvern," wissa Azzopardi fl-istess **meeting** ta' Ħal Qormi, "hu li jinkoraġġixxi lill-Ingliżi biex jieħdu impiegi f'Malta, filwaqt li l-Maltin ikollhom jeżiljaw ruħhom billi jemigraw. Il-gvern irid iżomm lill-poplu fl-injoranza, speċjalment lill-klassijiet tal-fqar, sabiex dawn ikunu jistgħu jgħabbu fuq daharhom bħal qatgħa ħmir li jsofru sehemhom bil-kwiet, għax ma jkollhomx kuxjenza tas-setgħa li għandhom. Ma jafux li dawn jistgħu jgħidu lis-sidien: 'Aħna f'saħħitna iżjed minnkom u b'daqqa ta' sieq nafu neħilsu minnkom.'"

Mizzi kien jagħraf li l-Ingliż, sa ċertu punt, kien utli fil-ħajja Maltija, l-iżjed fl-inħawi ta' madwar il-Port il-Kbir fejn kien hemm taħlit akbar bejn kummerċjanti u ħaddiema Maltin ma' klijenti u sidien Ingliżi. Iżda wieħed irid iqis ukoll li Malta kienet tinsab qalb bosta nazzjonijiet — l-Italja, Franza, Spanja, il-Marokk, l-Alġerija, it-Tuniżija, Tripli u l-Eġittu — nazzjonijiet li Malta kellha konnessjonijiet magħhom, u għalhekk it-Taljan kellu għan utilitarju wkoll. B'dan l-argument



Mizzi tela' fuq livell internazzjonali u miegħu għolla n-Nazzjonaliżmu Malti permezz tat-Taljan; waqt li Strickland meta pprova jgħolli l-Malti mil-livell ta' vernakular, jew lingwa mitkellma, għal lingwa ta' studju, kien qiegħed iġib ruħu ta' nazzjonalist (għalkemm l-iskopijiet tiegħu kienu mqanqla mill-Imperjaliżmu).

Interessanti li wieħed jinnota li Mizzi u Strickland kienu jaraw din il-qagħda kull wieħed minn lenti għalih. L-għan ewlieni ta' Mizzi kien li jiddefendi l-klassi struwita fit-Taljan; kienet klassi, madankollu, li Mizzi kien jidentifika ma' l-interess nazzjonali għaliex kienet minn ta' quddiem fit-taqbida kontra t-tmexxija ripressiva mill-barrani. L-għan ta' Strickland kien li jeqred lil din il-klassi; dan kien ser jagħmlu billi jiddiskrimina kontra l-kriterju eżistenti meħtieġ biex wieħed javvanza soċjalment u ekonomikament (jiġifieri t-Taljan) u fl-istess ħin idaħħal minflokų kriterju ġdid (l-Ingliż). B'hekk tinħoloq klassi ġdida li l-interessi tagħha jkunu marbutin, u sa ċertu punt identifikati, ma' dawk ta' l-Imperu rappreżentat lokalment mill-mekkaniżmu burokratiku ta' Strickland. Din immela ssir il-klassi li jkollha influwenza fuq il-poplu kollu kemm hu u meta xxerred l-interessi tagħha tkun qiegħda fl-istess ħin ixxerred l-interessi tal-gvern. Wieħed kien iħares lura fiż-żmien biex isib karatteristiċi li kienu jgħaqqdu lill-poplu; l-ieħor kien iħares 'il quddiem lejn l-espansjoni u l-opportunitajiet għax-xogħol. Iżda fil-fatt, kemm jista' wieħed iħares 'il quddiem u jinjora l-imgħoddi? L-Imperu Ingliż kien jagħmel sens għall-Ingilterra, nazzjon industrjalizzat u f'saħħtu iżda kemm seta' jkollu sens għall-Malti ħlief forsi f'termini ekonomiċi, u għal dan fuq livell individwalistiku aktar milli nazzjonalistiku u komunitarju?

Għal xi Bormliż li jaħdem it-Tarzna jew xi barklor mill-Isla, il-flotta Ingliża kienet tfisser il-ħobża ta' kuljum. Iżda kemm nistgħu ngħidu l-istess għal xi bidwi minn Burmarrad, xi furnar minn Ħal Qormi jew xi avukat mill-Belt? Il-maġġoranza tal-Maltin ma kinux jiddependu mill-Ingliżi għall-għixien

tagħhom u għalhekk kellhom interessi li ma jaqblux ma' dawk tal-kolonizzatur. In-Nazzjonalist kien iħares lejn l-im għoddi biex fil-proċess evoluzzjonarju ta' ġensu jfittex dak li jgħaqqad lill-poplu f'entità waħda u li jiddistingwih minn popli oħrajn. B'hekk biss setgħu l-Maltin jingħaqdu u jibdew jittamaw għal ġejjieni aħjar.

Bħala difensur tat-tradizzjonijiet morali u soċjali ta' art twelidu, in-Nazzjonalist kien Konservattiv; iżda l-konfront tiegħu ma' reġim li kellu l-għan li jeqred dawn il-valuri, għax hekk kien jaqbel lilu, u jimponi oħrajn barranin għal kollox, u ħafna drabi ta' ħsara, imbiegħda mill-jeddijiet tal-poplu indiġenu, kien jirrendih ukoll liberali, radikali u rivoluzzjonarju. Fi kliem ieħor, in-Nazzjonalist kien jaspira għal bidla mis-sistema preżenti tal-ġurnata biex jadotta l-mod ta' ħajja li kien jaf hu u li kien ta' ġid għalih u għan-nazzjon.

### (iii) Il-Meetings f'Ta' Braxia

Il-**meetings** li saru fl-irħula (kif rajna qabel) wittew it-triq għal mobilizzazzjoni akbar li kellha tkun il-qofol tal-kampanja tal-Partit. Nhar il-5 ta' Mejju u l-11 ta' Awissu 1901, fil-post magħruf bħala ta' Braxia (sewwa sew barra l-Furjana) saru żewġ **meetings** memorabbli li l-attendenza għalihom tat xhieda ta' l-appoġġ li kien qed igawdi l-Partit mill-klassijiet kollha tal-popolazzjoni. Il-għadd ta' nies li marru għalihom kien jisboq saħansitra lil dak tal-**meetings** famużi dwar il-Kwistjoni taż-Żwiġijiet. Fil-kampanja tiegħu l-P.N. kellu wkoll l-appoġġ tal-Comitato Nazionale li kien għadu kemm issawwar taħt id-direzzjoni tat-Tabib Filippu Sceberras. L-għan ta' dan il-kumitat kien li "jiddefendi d-drittijiet tal-Maltin," u kien responsabbli wkoll għall-organizzazzjoni tal-kampanja tal-P.N. Qasam ieħor li wera appoġġ lil Mizzi kien il-kleru. L-Isqof Pace ma tax kas tat-twissijiet minn għand il-Gvernatur biex il-qassisin ma jappoġġjawx lin-Nazzjonalisti u biex ma jsirx talb fil-knisja ta' San Pawl, il-Belt, "għall-bżonnijiet tal-pajjiż." Mhux talli hekk, talli Pace ħareġ ittra



Pastorali li fiha kkritika l-ġurament li ħa Dwardu VII meta sar Re ta' l-Ingilterra.

L-atmosfera politika f'Malta kompliet tiġbor ferment akbar bejn iż-żewġ **meetings** meta sar magħruf dispaċċ mibgħut minn Chamberlain fit-30 ta' Lulju 1901 waqt li Strickland kien qiegħed Londra għal konsultazzjonijiet. Id-dispaċċ kien igħid li kemm fl-interess ta' l-Ingliżi kif ukoll għall-ġid tal-Maltin kellhom jibdew jinġabru £40,000 fis-sena bħala taxxa għal 13-il sena. Kien dispaċċ li, kif osserva Savona, kien jittratta lill-Maltin "bħallikieku kienu skjavi jew poplu megħlub bi gwerra jew nies slavaġ." Permezz ta' din il-proklamazzjoni ħareġ il-karattru ekwivoku ta' Strickland li kien igħid lill-Gvern Ingliż li l-programm ta' riforma tiegħu kien immirat biex jaqdi l-interessi ta' l-Imperu u fl-istess ħin kien jipprova jbellagħha lill-Maltin li kien kollu għall-avvanz materjali tagħhom.

Il-meeting li sar fil-11 ta' Awissu, kif wieħed jista' jobsor, attakka bil-qawwa d-dispaċċ ta' Chamberlain. Francesco Azzopardi tela' jitkellem fost ċapċip, għajjat u briju:

"Chamberlain igħid illi s-suldati u l-baħrin Ingliżi jinħtieġu sistema ta' denaġġ tajjeb biex jibqgħu b'saħħithom, illi għandhom bżonn ta' ilma tajjeb għax-xorb minħabba saħħithom **(għajjat ta' Whisky! Birra!).** Igħid ukoll illi t-toroq tagħna jridu jiġu rranġati u mwessgħin ħalli r-reġimenti u l-artillerija jgħaddu mingħajr diffikultà. Wara kollox għalfejn din l-għaġla kollha min-naħa tal-gvern biex jagħmilna Ingliżi? X'inhi r-raġuni? Ir-raġuni hija illi jriduna nemigraw minn pajjiżna, iridu jeħilsu minna **(għajjat sfrenat ta' "Dan hu pajjiżna!")** ħalli l-Ingliżi jkunu jistgħu jeħdulna postna."

"Malta hi tal-Maltin," qal Cachia Zammit, "aħna ma rridux inkunu lsiera f'artna stess u m'aħna ser inħallu lil ħadd inaqqsilna ġiehna. Dan minn meta Strickland qed imur igħid lil Chamberlain li l-ħaddiema Maltin qed jaqilgħu minn żewġ sa tliet skudi kuljum?" Hawnhekk qam storbju

sħiħ mill-ħaddiema preżenti, li kienu numerużi mhux ħażin u għal ħin twil instema' għajjat ta' ''Giddieb! Giddieb!''

Ta' min jinnota f'dawn iż-żewġ **meetings** l-għadd kbir ta' nisa li attendew. Mill-ilbies eleganti tagħhom, kif jixhdu ritratti li ttieħdu f'dawn iż-żewġ okkażjonijiet, jidher li waqt li kien hemm rappreżentanza soċjali wiesgħa fost l-irġiel, in-nisa kienu kważi kollha mill-klassijiet tan-nofs. In-nisa dejjem urew ċertu impenn fil-politika f'Malta. Saħansitra dawn kienu rappreżentati mhux ħażin ukoll fl-ewwel **meeting** pubbliku li kien sar il-Furjana fit-2 ta' Lulju 1879. Għal dawk l-irġiel li kienu militanti politikament, l-impenn tan-nisa tagħhom kien għajn ta' kuraġġ kbir. Meta l-P.L. Paolo Reynaud ġie arrestat wara l-**meeting** ta' Awissu, martu f'intervista ma' rivista Tuniżina qalet li darb'oħra żewġha ma kienx ser jimxi waħdu għaliex hi kienet ser tkun hemmhekk timmarċja maġenbu.[6]

Wara li spiċċa l-**meeting** ta' Awissu, il-folol li kien hemm miġbura f'Ta' Braxia għamlu dimostrazzjoni fil-Belt Valletta bi protesta għaliex il-Maltin ma setgħux jagħmlu **meetings** fil-belt kapitali tagħhom stess. Uħud bdew ikantaw l-innu Nazzjonali Franċiż, Le Marseillaise, oħrajn ċarrtu Union Jack waqt li kien hemm ċapċip quddiem il-konsolati ta' Franza u l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Ftit ġranet wara, xi ħadd tefa' taħlita ta' aċidu nitriku u fidda fuq l-istatwa tar-Reġina Vittorja.[7] Dak inhar tad-dimostrazzjoni saru b'kollox 23 arrest.

### (iv) L-Angliċizzazzjoni tal-Qrati

Qasam ieħor li ntlaqat mir-riformi kien il-qasam legali. Ir-riedni tal-poter kienu bla dubju f'idejn is-Segretarju Prinċipali u wieħed jista' jimmaġina x'kien ifisser li tgħix f'Malta fi żmien l-eqqel tal-bigottiżmu Stricklandjan. Li tkun anti-Ingliż sar sinonimu ma' anti-Strickland — u bir-raġun. Dan waqt id-dibattiti fil-Kunsill tal-Gvern dwar is-sostituzzjoni tal-Lingwa kien il-gost tiegħu ''joħroġ l-arloġġ mill-but u b'dik id-daħka sardonika tiegħu jgħodd għad-deputati s-snin, il-ġranet, is sigħat u l-minuti li kien għad fadal biex it-Taljan jitwarrab mill-Qrati.''[8]

Strickland kien anzjuż ħafna li jdaħħal l-użu ta' l-Ingliż fil-Qrati għal żewġ raġunijiet apparti milli jġib lill-korp legali f'qagħda ta' sottomissjoni. L-ewwelnett kien igħid li jsibha ''inġusta'' li persuni li jafu bl-Ingliż biss igħaddu ġuri b'lingwa barranija għalihom u dan f'kolonja Ingliża. It-tieni raġuni kienet li l-Ingliż ma kienx aktar barrani għal Malta mit-Taljan, u barra minn hekk kienet ħaġa inġusta li l-Maltin ukoll igħaddu ġuri b'lingwa li ma jifhmux. L-argument favur l-Angliċizzazzjoni tal-Qrati ma kien xejn differenti minn dak li ntuża biex jiġġustifika r-riformi fl-Edukazzjoni. Minħabba li t-Taljan kien meħtieġ biex wieħed jidħol il-Liċeo jew l-Università, it-tfal ta' l-Ingliżi kienu jitħallew barra[9] kif ukoll sudditi Ingliżi li ma twildux Malta kienu jiddejqu jisimgħu l-kawża ta' l-Avukati tagħhom issir bit-Taljan u x-xhieda tagħhom tinqaleb mill-Ingliż għat-Taljan.[10]

Barra minn hekk, kienet ix-xewqa tal-Gvernatur Grenfell li membri tas-servizzi Ingliżi stazzjonati hawn Malta jingħataw il-vot kif ukoll il-jedd li jiġu eletti fil-Kunsill tal-Gvern. B'hekk l-argument tal-Gvern kien ikompli jiġi ġustifikat. Is-sostituzzjoni tal-lingwa fil-Qrati ''għandha tgħaqqad flimkien lill-Ingliżi u 'l-Maltin u tfarrak in-nukleju ta' xewwiexa kontra l-Ingliżi... Hawn illum Partit struwit,'' qal il-Gvernatur, ''jinteressa ruħu u vjolenti, illi qatt m'hu ser jasal għal kompromess dwar din il-kwistjoni.'' Bħala kwistjoni ta' prinċipju, qal Strickland bi tweġiba għal protesta mill-Kamra ta' l-Avukati fl-1901, il-kwistjoni tal-lingwa kellha ''ftit valur prattiku''. ''Ma tagħmilx differenza,'' qal, ''għall-maġġoranza tal-Maltin jekk jintbagħtux il-ħabs bl-Ingliż jew bit-Taljan... Fil-fatt aktar minn 90% tax-xhieda qed tingħad bil-Malti.''

### Il-Każ ta' Hewson

Ir-riformi li ried iġib Strickland fil-Qrati sabu ġustifikazzjoni f'każ li kien jinvolvi kurunell ta' l-armata Ingliża. Nhar

il-25 ta' Frar 1898, il-Kurunell J.L. Hewson ġie msejjaħ il-Qorti biex jixhed fil-kawża ta' tliet persuni mixlija b'serq u frodi mid-Dipartiment tas-Salarji ta' l-Armata. Naturalment Hewson ta x-xhieda tiegħu bl-Ingliż. Wara li ttieħdet l-istqarrija, il-Maġistrat Edgar Parnis, li kien qed jisma' l-każ, qraha lil Hewson u fl-istess ħin qalibhielu għall-Ingliż. Iżda l-Kurunell ma riedx jiffirmaha u pprotesta li x-xhieda tiegħu ttieħdet bit-Taljan u mhux bl-Ingliż u fuq prinċipju ma kienx sejjer jiffirma dokument li hu ma kienx kapaċi jifhem. Il-Maġistrat, bis-sabar kollu, spjega l-proċedura lil Hewson u wiegħdu li t-traduzzjoni għat-Taljan kienet preċiża skond ix-xhieda verbali bl-Ingliż. Parnis bagħat ukoll għas-Supraintendent tal-Pulizija li kien Ingliż, iżda dan xorta ma rnexxilux jikkonvinċi 'l-kurunell. Wara, il-Maġistrat aġġorna l-Kamra għall-għada biex jagħti opportunità lil Hewson jerġa' jqis id-deċiżjoni tiegħu. Minkejja dan Hewson baqa' jisħaq li jekk ikollu jiffirma d-dokument, jitħalla jdaħħal fir-'records' tal-Qorti protesta miktuba bl-Ingliż. Il-Maġistrat qatagħha li Hewson jintbagħat tlett ijiem ħabs għal disprezz tal-Qorti.

Dan il-każ, fil-fatt, kien jimplika ħafna iktar milli kien jidher **prima facie.** Kemm fil-verità kien każ ġenwin jew kemm kien maħsub diffiċli wieħed igħid, iżda interessanti li wieħed jinnota ċerti ċirkostanzi marbutin direttament miegħu li jistgħu jagħtu 'l wieħed x'jifhem li l-aġir ta' Hewson sar bi skop immanuvrat minn Strickland, li żgur ma naqasx li jagħmel kapital politiku minnu. L-ewwelnett insibu li l-Avukat tal-Kuruna nnifsu, Naudi, magħruf għas-simpatiji pro-Ingliżi tiegħu, kien ta parir lil Hewson biex ma jiffirmax 'għal motivi ta' kuxjenza'; il-Maġistrat Parnis kellu jikkonsulta lil Naudi fil-privat dwar dan.[11] Barra minn hekk, Hewson qatt ma serva s-sentenza tiegħu: baqa' fl-uffiċċju tas-Supraintendent tal-Pulizija sakemm il-Gvernatur uża l-privileġġ irjali tiegħu u malajr malajr ordna li jinħeles. Ir-reazzjoni ta' Chamberlain kienet immasħna; li Qorti f'kolonja tasal biex tikkundanna ċittadin Ingliż kien insult intollerabbli. Id-deċiżjoni tal-Qorti Maltija kienet "mostruża," qal, "jinħtieġ li każ bħal dan ma jirrepetix ruħu... is-sentenza kienet inġusta" ("it was a miscarriage of justice").[12]

Hewson kieku ried seta' talab għal interpretu, iżda dan ma għamlux; b'hekk Strickland seta' jinqeda bil-kwistjoni biex iqajjem il-każ favur l-użu ta' l-Ingliż fil-Qrati. Fl-Uffiċċju tal-Kolonji kien hemm min kien tal-fehma li l-bidla ssir bil-mod il-mod "kif kien issuġġerixxa Sir Penrose Julyan" minħabba l-fatt li kien hawn "ftit wisq avukati Maltin kompetenti biżżejjed biex jagħmlu kawża bl-Ingliż." Kien impossibbli li ġġib bidla li tabolixxi sistema li eżistiet għal mijiet ta' snin u li ġiet aċċettata mill-gvernijiet Ingliżi minn jeddhom fil-bidu tal-ħakma Ingliża u wkoll wara, hekk f'daqqa waħda."[13]

Ir-reazzjoni tal-Maltin lejn kif ġie ttrattat il-każ ta' Hewson kien differenti għal kollox minn kif ħadha Chamberlain. L-inċident kien "epoka fl-Istorja ta' l-iskandli li l-amministrazzjoni pubblika llum saret magħrufa għalihom." "Kienet ribelljoni sfaċċata kontra l-liġijiet tal-pajjiż," akkuża Mizzi. Jekk l-Ingliżi f'Malta ma kinux suġġetti għal-Liġi, kiteb fil-**Malta,** ma kellhom ebda jedd jitolbu l-protezzjoni tagħha.[14]

"Wara dak li rajna," kiteb Manwel Dimech fil-ġurnal tiegħu **Il-Bandiera tal-Maltin,** "għandna nistennew żewġ kodiċi tal-Liġi: waħda taċ-ċomb għall-Maltin u oħra tal-karta strazza għall-Ingliżi."[15]

Il-każ ta' Hewson b'hekk hejja t-triq għall-ewwel Order-in-Council f'Marzu ta' l-1899 dwar l-użu ta' l-Ingliż fil-Qrati u konsegwentement il-proklamazzjoni li fi żmien 15-il sena (Marzu 1914) l-ilsien Taljan jitwarrab għal kollox minn lingwa uffiċjali u postu jieħdu l-Ingliż. Kien hemm ħafna ħidma mill-P.N. li qajmet ferment qawwi fost il-poplu, l-aktar fost il-membri tal-korp legali li dejjem spikkaw bħala element influwenti fil-Partit. Saru bosta laqgħat biex jittieħdu miżuri kontra d-deċiżjoni tal-gvern. F'memorandum iffirmat minn Mizzi u Cachia Zammit, l-avukati wrew irwieħhom lesti li jaslu għal kompromess. Xhieda bl-Ingliż tkun tista' tingħata

mingħajr ma tinqaleb għat-Taljan, u kull suddittu Ingliż f'Malta fi żmien jum ikun jista' jkollu Att ta' Liġi li jixtieq hu maqlub għall-Ingliż mingħajr ħlas.[16] L-attitudni tal-P.N. kienet kemm jista' jkun realistika; kien lest li jċedi ftit biex għallinqas jikseb xi konċessjoni mill-gvern. Fil-konfront tiegħu kien diplomatiku iżda mhux dgħajjef minkejja li ma kellux l-appoġġ li kien jixtieq mill-oqsma politiċi l-oħra kollha. Il-gravità tar-riformi m'għamlitx l-impatt mixtieq fuq il-kamp politiku kollu minħabba li l-bidla ma kinitx ser tkun immedjata. Iżda kien hemm simpatija ma' dawk l-avukati u individwi oħra milquta li sa l-1914 ikun għadhom fl-aqwa tal-karriera tagħhom u li ma kinux fi ħsiebhom jassimilaw ilsien li għalihom kien simbolu ta' ripressjoni politika u soċjali. Fil-Kunsill tal-Gvern, id-deputati ma naqsux milli jiddefendu l-kawża ta' sħabhom. L-Italjanità ta' Malta kienet fatt storiku li ma seta' jiċħdu ħadd, it-tradizzjoni tal-ħajja Maltija kellha l-egħruq tagħha fil-kultura Taljana li mal-mogħdija tas-snin ġiet assimilata u assorbita fiċ-Ċiviltà tal-post.

"Il-lingwa taċ-Ċiviltà ta' poplu hija dik li tagħtihom dinjità quddiem il-poter li jiddominhom," kiteb il-membru parlamentari Nazzjonalista Semini. "Jekk il-lingwa titwarrab, il-poplu maħkum isir komunità ta' skjavi... Ejjew għallinqas insalvaw ġieħna." Chamberlain, kompla jgħid, kien qiegħed jittratta mal-Maltin bħalma wieħed sinjur Ingliż jittratta mas-seftur tiegħu billi jġiegħlu jilbes l-uniformi tas-sefturi tiegħu.[17]

### (v) Nazzjonaliżmu jew Interess ta' Klassi?

Bħalma kien ġara fl-1880, il-messaġġ Nazzjonalista ġie msaħħaħ u mxerred fl-istess żmien meta kien hemm l-interess tal-klassi professjonista mhedded. Għalhekk wieħed forsi jistaqsi: Kemm kienet il-ġlieda favur it-Taljan tassew 'nazzjonalista'? (fis-sens li tpoġġi l-interes tan-nazzjon l-ewwel). Jew inkella kienet taqbida kontra l-indħil żejjed tal-Gvern Ingliż fejn xi wħud dehrilhom li kien jidħol fejn ma jesgħux? Fl-1896 Savona kien semma każ fejn avukat ewlieni qal lil wieħed jiġi minnu, "Int taf bl-Ingliż u tiffavorih għaliex jaqdi tajjeb l-interessi tiegħek, iżda għalfejn trid iċċaħħad lili mill-għixien tiegħi?" Savona f'dak iż-żmien kien favur l-użu ta' l-Ingliż u l-Malti fil-Qrati meta dawn kienu jiffaċilitaw il-qadi tal-ġustizzja, iżda qatt ma ried li t-Taljan jinqered.[18]

Minn dan l-aspett, il-biża' ta' Mizzi saret realtà bl-Order-in-Council u l-konferma tar-riformi bil-Proklamazzjoni ta' l-1899. Ir-riżultat ta' dan kien mobilizzazzjoni politika u l-għajta "Malta tal-Maltin"! It-theddida kienet għall-ilsien Taljan u tħarrek il-Partit Nazzjonalista; ir-riformi kienu favur l-Ingliż u l-inizjattiva ġiet min-naħa tal-Gvern Kolonjali. Importanti li wieħed jifhem li l-Kwistjoni tal-Lingwa f'Malta ma kinitx ġlieda għal-lingwa fiha nnifisha, sew jekk Ingliż jew Taljan. Jekk in-Nazzjonalisti ddefendew it-Taljan, u jekk Strickland ried jimponi l-Ingliż, ma kienx għaliex kien hemm xi valur lingwistiku inerenti li kien jagħmel lingwa superjuri għall-oħra. It-taqbida kienet bejn il-kriterji li kienu jirrappreżentaw dawn iż-żewġ ilsna.

Dawn il-kriterji jistgħu jissarrfu f'livelli paralleli iżda fl-istess ħin polarizzati bejn in-Nazzjonalist u l-Imperjalist (f'dan il-każ ippersonifikati minn Mizzi u Strickland). Ngħid paralleli għaliex l-imperjalist kien ukoll, għalkemm b'mod pervers, nazzjonalist. Kien nazzjonalist għaliex ried li ċ-Ċiviltà tiegħu taħkem fuq oħrajn li hu kien iqis inferjuri. L-għan tiegħu kien il-qligħ materjali tal-"Mother Country" biex din tkompli tiżviluppa mingħajr ebda riskju u periklu għall-potenzjal ta' produzzjoni tagħha.

Saħansitra ħafna drabi l-Imperu Ingliż ġie msejjaħ 'John Bull & Co'. Dan wassal biex rawwem fl-imperjalist istint aristokratiku: bħala prodott ta' ċiviltà ekonomikament u teknoloġikament superjuri, l-Anglo-Sassonu kellu l-jedd li jaħkem, irrispettivament mis-sentimenti tal-poplu maħkum.

Fuq livell sentimentali nsibu li kemm in-Nazzjonalist kif ukoll l-Imperjalist kellhom l-għan li jippreservaw lilhom in-

tushom: dan għal ta' l-ewwel kien ifisser dinjità, preservazzjoni ta' l-espressjoni kulturali awtentika tiegħu; għal tattieni kien ifisser poter, impożizzjoni taċ-ċiviltà tiegħu fuq komunità indiġena li għalkemm ikbar fin-numru kienet materjalment inferjuri. Fuq il-livell strumentali, bis-saħħa ta' din l-impożizzjoni n-Nazzjonalist kien mhedded minn ċaħda ta' opportunitajiet indaqs u xierqa f'dik li hi ħajja soċjo-ekonomika, ċaħda minn sehem fit-tmexxija ta' pajjiżu. Għall-Imperjalist il-lingwa kienet strument li bih seta' juża d-diskriminazzjoni bejn il-kollaboratur u l-għadu tar-reġim. Għalhekk f'Malta ġeneralment min kien jappoġġja l-Ingliż kien Stricklandjan għaliex dan kien jaqdi l-aħjar l-interessi tiegħu u min kien favur it-Taljan kien Mizzjan. Il-lingwa kienet biss il-munizzjoni li bih iż-żewġ naħat kienu jiddefendu t-territorju tagħhom.

L-iskop ta' Strickland li jingliżiżizza l-Qrati (li loġikament kien iwassal għall-ingliżizzazzjoni tal-Liġijiet infushom) kien li jaqdi l-interess tal-priġunieri Ingliżi f'Malta u fl-istess ħin "ixejjen in-nukleju permanenti ta' xewwiexa kontra l-Ingliż" — jiġifieri l-P.N. Kien għal dan l-għan li l-idea ta' 'self-preservation' u nazzjonaliżmu ġenwin kienu daqshekk marbutin mill-qrib fil-Partit. Ir-raġunament ta' qabel ta' lingwa-kultura-nazzjonalità kien għadu l-istess iżda issa ħa bixra aktar aggressiva minn qatt qabel. Aktar ma r-reġim sar biered quddiem ix-xewqat tar-rappreżentanti tal-poplu — mingħalih ser jeqred wirt magħġun tul il-mijiet tas-snin — aktar l-istima ta' l-ilsien Taljan kibret f'għajnejn in-nazzjonalist, dan sar iddawl li jixgħel it-triq tal-ħelsien mill-barrani.

"U dan kollu għal min qed isir?" staqsa Mizzi. "Għal xi nofs tużżana suldati Ingliżi illi wara li jiskru, imorru jiksru l-liġi." Fl-istess ħin li l-Gvern Ingliż kien qal li l-Order-in-Council tas-7 ta' Marzu kienet saret fi spirtu ta' ġustizzja lejn il-komunità Ingliża f'Malta, wissa lill-Maltin b'dispaċċ ministerjali tal-15 ta' Marzu li l-Maltin kellhom jisimgħu l-kawżi tagħhom bl-Ingliż.[19] Kienet kwistjoni, kif qal tajjeb Mizzi, "taddinjità tagħna, tal-ħelsien tagħna, u tal-għixien tagħna."[20] 'Tal-għixien tagħna' kienet espressjoni f'waqtha, għaliex waqt li xi ħadd bħal Strickland kien jinterpretaha 'l-għixien ta' xi klikka professjonisti li kienu jaraw biss sa xiber imneħirhom', ir-realtà tas-sitwazzjoni kienet li jekk l-Ingliż isir l-ilsien uffiċjali tal-pajjiż ħafna mix-xogħlijiet li qabel kienu f'idejn il-Maltin issa kienu ser jittieħdu mill-Ingliżi li jiġu hawn bil-mijiet u l-eluf. B'hekk il-Maltin ma jkolihomx ħaġ'oħra x'jagħmlu ħlief li jitturufnaw irwieħhom minn arthom u jemigraw.

"Jekk ser tintuża l-forza biex ifarrku poplu dgħajjef u mhux armat, poplu li b'fiduċja sħiħa reħa lilu nnifsu f'idejn l-Ingilterra, ser naqgħu," qal Mizzi waqt li kompla jqawwi l-qlub b'ħeġġa u b'enerġija li ma bħalhom, "iżda mmutu fil-ġlieda waqt li niddikjaraw id-drittijiet tagħna sa l-aħħar mument." Il-Maltin, taħt il-ħarsien tal-mexxej tagħhom, riedu r-reżistenza sa l-aħħar: "Is-sentimenti tagħna, id-dinjità nazzjonali tagħna, l-interessi tagħna, jobbligawna li nagħmlu hekk!"

B'hekk il-P.N. kompla jsejjes lilu nnifsu bħala "l-Partit tal-Maltin", il-partit li għażel jerfa' r-responsabbiltà u d-dmir li jiftaħ għajnejn il-poplu kontra l-abbużi u l-aġir skandaluż tar-reġim li kien qed jinqeda tajjeb bl-injoranza tal-poplu.

"Kif nistgħu aħna, f'nofs il-Mediterran, imdawrin b'popli Latini, kif nistgħu aħna 160,000 ruħ, naddottaw bħala l-lingwa tagħna l-Ilsien Anglo-Sassonu? Kif nistgħu bih nesprimu s-sentimenti tagħna? Kif qatt nistgħu aħna, immellsin minn din ix-xemx, li aħna poplu poetiku, mużikali, u artistiku, naddottaw lingwa ta' poplu li jgħix fis-silġ Nordiku? Kif nistgħu naddattaw il-mod kif naħsbu u nħossu għall-mod kif jaħsbu u jħossu l-Ingliżi? U jekk ma nistgħux inqaċċtu r-ruħ mill-kelma, jiġifieri l-ĦSIEB, kif qatt nistgħu nlibbsu dan il-ħsieb b'forma oħra ħlief dik li tiġi lis-sentmenti tagħna, jiġifieri l-forma Taljana?"[21]

F'Mejju 1899 delegazzjoni magħmula minn Mizzi u Cachia Zammit telqet għal Londra bit-tama li sseħħ ġustizzja mal-

kawża tal-P.N. Il-laqgħa li tahom Chamberlain fil-31 ta' Lulju xejn ma kienet kordjali jew inkoraġġanti. Hu laqagħhom bl-arroganza u bl-attitudni intolleranti li tant kien magħruf għaliha. Mill-ewwel deher li ma kien lest jilqa' ebda talba li saritlu. Kien hawnhekk li nsibu l-ewwel talba formali għal Gvern Responsabbli li d-delegazzjoni għamlet f'isem il-Partit.[22]

Barra minn hekk, l-istqarrija li ġiet ippreżentata lil Chamberlain kienet tipprotesta kontra l-mod korrott li bih kien qed imexxi l-gvern permezz ta' tixħim u xiri, u fuq kollox id-drawwa li issa kienet saret stabbilita, li dawk li jaqdu l-interessi tal-gvern biss seta' jkollhom it-tama li jimxu 'l quddiem.

"L-uffiċjali tal-gvern jirriżervaw għalihom infushom id-dritt li jiddiskrimminaw bejn min verament jaqdi lill-gvern." Il-Maltin kienu jħallsu t-taxxi iżda ma kellhom ebda jedd fuq kif jintnefqu l-flus.[23] "L-ebda wieħed mill-ġenerali li ggvernaw f'Malta qatt ma ġietu f'rasu li jutilizza l-karattru tal-Maltin għall-ġid ta' l-Imperu. Dawn (il-Gvernaturi) kienu jaraw biss id-difetti tal-poplu, u kellhom ħabta kif jeżaġerawhom. Il-ġenerali li wieħed wara l-ieħor ikkmandaw f'Malta dejjem emmnu li r-rimedju jinsab fit-tnaqqis tal-libertajiet tal-Maltin, jeżaġeraw id-difetti tagħhom, jipproponu l-emigrazzjoni, u jimponu l-ilsien Ingliż fil-pajjiż."[24]

Fl-ilmenti tagħhom Mizzi u Cachia Zammit fakkru wkoll l-inċidenti tas-**Sei Maggio** meta l-pulizija, fuq struzzjonijiet minn Strickland, użaw il-forza fuq folla li ma setgħetx tiddefendi ruħha. Dak inhar Strickland kien qiegħed fil-gallerija tal-Palazz, "josserva bi tbissima f'fommu waqt li n-nies kienu qed jiġu msawta u beda jixtered id-demm.[25]

Waqt li Cachia Zammit u Mizzi kienu Londra, ir-rappreżentanti fil-Kunsill tal-Gvern għamlu mill-aħjar li setgħu biex jipposponu d-diskussjonijiet sakemm jiġu lura l-mexxejja tal-Partit. Iżda kien f'dan iż-żmien li ħarġet it-tieni Order-in-Council (Lulju 1899) biex jinġabru £150,000 f'taxxi mill-poplu li l-parti l-kbira tagħhom kellha tintnefaq fi proġett għall-estensjoni tad-drenaġġ. Barra minn hekk id-dazju fuq l-ispirti u xorb alkoholiku ieħor irdoppja, inħolqot taxxa fuq il-bolol, u ġie kkonfermat salarju annwali ta' £250 għal impieg ġdid ta' Assistent Rettur ta' l-Università, li kien maħluq apposta għal wieħed Ingliż, ċertu John Reynolds.[26]

Dawn l-estimi kienu tressqu diġà quddiem il-Kunsill aktar kmieni fis-sena iżda r-rappreżentanti ma vvutawhomx.[27] Infiskat bl-aġir tad-deputati, Grenfell heddidhom qabel ma ħarġet l-Order-in-Council li jekk ma jaħdmux favur il-politika tal-gvern kienu ser ipattuha qares u wara jkollhom jiffaċċjaw il-konsegwenzi.[28] Il-partit ta' Mizzi ma kienx lest li jċedi għal rikatt bħal dan minkejja li kien ċar li l-gvern kien ser igħaddi dak li ried hu anki mingħajr l-approvazzjoni tar-rappreżentanti. F'kumment editorjali, il-**Malta** lissnet il-ferma tal-Partit Nazzjonalista fi tmiem is-seklu:

"Ħadd ma jista' jiċħad lili l-Maltin issa jinsabu mxebbgħin u jħossuhom l-istess bħall-Irlandiżi, illi... jkunu kuntenti meta l-Gvern Ingliż JITLAQ 'IL BARRA BI ĦĠARU U JĦALLIHOM IMEXXU L-AFFARIJIET TAGĦHOM HUMA STESS."[29] (Kapitali tiegħi).

## (vi) Appoġġ minn Barra

Il-qagħda f'Malta ġibdet l-attenzjoni ta' bosta politikanti barranin, l-aktar mill-Italja. Il-P.N. min-naħa tiegħu rnexxielu jistabilixxi ħafna kuntatti barra minn Malta.

Forsi l-aqwa kuntatt li kellu l-Partit ġo l-Italja kien ma' Adriano Colocci li kiteb id-daħla ta' ktejjeb dwar l-istorja ta' l-ilsien Taljan f'Malta miktub mill-propagandist Antonio Cini.[30] Cini, iben familja fqira Għawdxija, kiteb bosta ktejba dwar il-kwistjoni tal-lingwa f'Malta li mill-inqas wieħed minnhom tqassam fost il-membri tal-Parlament Taljan, aktarx bl-għajnuna ta' Colocci nnifsu.[31]

Wieħed mill-iktar persunaġġi prominenti li wrew appoġġ għall-kawża Nazzjonalista kien bin Garibaldi nnifsu, Ricciotti. F'ittra li kiteb lill-Ambaxxatur Ingliż f'Ruma (Lord Currie),

Ricciotti saħaq fuq il-proposta li kien għamel Mizzi fil-Kunsill li jsir referendum dwar il-politika tal-Għażla Ħielsa. Filwaqt li fakkar il-ħbiberija li dejjem eżistiet bejn l-Italja u l-Ingilterra fuq livell diplomatiku, Ricciotti Garibaldi kkundanna l-aġir ta' Strickland u sostna li Malta qatt ma kienet fil-pjan tal-Moviment irridentista Taljan.(32)

L-istoriku magħruf Pasquale Villari, li kien ukoll il-President tas-**Società Dante Alighieri,** kien iktar dirett minn Garibaldi. Waqt laqgħa li kellu ma' Lord Currie, Villari pprotesta dwar il-politika ta' Ingliżizzazzjoni f'Malta u lmenta li l-pass tal-Gvern Ingliż kien weġġa' lis-sentiment tal-poplu Taljan.(33) Barra minn hekk, Villari bagħat lill-Marchesa Tartarini biex, f'isem is-Società, tagħmel xi taħditiet hawn Malta.(34)

Protesti oħra saru mill-Ġeneral Luchino dal Verme, li kien dixxiplu ta' Francesco Crispi, Dr. Napoleone Colajanni, u **Il Secolo,** ġurnal radikali li ddeskriva lil Chamberlain bħala bniedem b'kilba għall-unuri u li ma kinux biżżejjed għalih ir-rebħiet li kien kiseb fl-Afrika t'Isfel.(35) Il-każ ta' Malta qam ukoll fil-Parlament Taljan. Il-ministru għall-affarijiet barranin, Visconti-Venosta (1899-1901) xtaq ikompli r-relazzjonijiet tajbin li kienu jeżistu bejn l-Italja u l-Ingilterra, u b'mod evażiv qal li pajjiżu ma setax jindaħal fil-politika ġewwiena ta' kolonja Ingliża; iżda wħud, bħad-deputati Galli u Luporini fost applaws mill-Kamra fissru d-disappprovazzjoni għall-attitudni tal-Ministru.(36)

Din uriet ċar li l-opinjoni pubblika fl-Italja kienet favur it-twemmin tal-Partit Nazzjonalista dwar l-Italjanità ta' Malta, u li l-Italja kienet tixtieq tidħol fil-kwistjoni b'mod aktar dirett. Għalhekk fl-Italja nnifisha nsibu konflitt bejn l-opinjoni pubblika u l-politika tal-gvern, li esprimieha modestament il-Konslu Taljan f'Malta, Grande: "Simpatia si, ma non aiuto" (Simpatija iva, iżda għajnuna le). Is-suċċessur ta' Visconti-Venosta, Giulio Prinetti (1901-1903), wera koperazzjoni akbar mal-P.N. Malti, kif ukoll ir-Rè Emmanuele III li wera ċar li ma kienx jaqbel mal-politika Imperjali f'Malta. Prinetti, sarkastikament, saħansitra rrimarka li kienet ħaġa tal-għaġeb, meta wieħed iqis il-kobor ta' l-Imperu Ingliż, kif Chamberlain sab il-ħin joqgħod ifittex ix-xagħra fl-għaġina u jabolixxi l-ilsien Taljan mill-unika kolonja Ingliża fejn dan kien jintuża.(37)

Għalkemm l-attitudni ta' l-Italja interessat lil Chamberlain, ma wasslitux biex jibdel fehmtu. F'Novembru 1900 Chamberlain żar l-Italja via Malta, fejn kellu laqgħa ma' Visconti-Venosta u l-Baruni Sidney Sonnino biex jitħaddet dwar Malta. L-inizjattiva biex issir din il-laqgħa, li saret fir-residenza ta' Lord Currie, ittieħdet minn Wickham Steed, il-korrispondent ta' **The Times** f'Ruma, bit-tama li diskussjoni fil-miftuħ tkun tista' twassal għal ftehim aħjar bejn l-Italja u l-Ingilterra. Il-laqgħa marret tajjeb minkejja li Chamberlain bl-arroganza tiegħu tas-soltu għamel referenza għal-Lhud bħala "physical cowards" fil-preżenza ta' Sonnino li kien ta' nisel Lhudi. Steed malajr salva s-sitwazzjoni billi ta daqqa ta' sieq lil Chamberlain minn taħt il-mejda u b'hekk ħeles konfront kemm-xejn imbarazzanti.(38)

Minkejja kollox, Chamberlain baqa' jwebbes rasu dwar is-sostituzzjoni tal-lingwa fil-Qrati. Il-bijografu tiegħu, Julian Amery, iġġustifika din l-intransiġenza, "għaliex," kiteb, "amministrazzjoni li ġiet aktar tard f'Malta kellha taddotta l-istess politika."(39) Fil-fatt dan huwa storikament żbaljat. "The later Government" li jirreferi għalih Amery huwa dak ta' Strickland innifsu fil-bidu tat-tletinijiet li ried idaħħal il-Malti u mhux l-Ingliż minflok it-Taljan fil-Qrati.

Il-kelliem favur il-Partit ta' Mizzi fil-Parlament Ingliż kien l-Irlandiż John Boland: "F'Malta, is-sentiment Nazzjonalista," qal, "qiegħed jikber bl-istess rata li l-gvern qiegħed jipprova jeqirdu billi jdaħħal l-ilsien Ingliż." B'referenza għall-politika ta' oppressjoni f'Malta, Boland semma kif il-P.N. ma kienx jitħalla jagħmel **meetings** fl-ibliet, ma tħalliex li jitkanta innu nazzjonali ġdid fit-Teatru Rjali u kif ix-xewqat tar-rappreżentanti tal-poplu kienu jiġu injorati fil-Kunsill. "Imkien

fl-Imperu Ingliż ma tista' ssib qagħda bħal din."[40] F'ittra li kiteb lil-**Malta,** Boland qal li r-riżultati ta' l-Ingliżizzazzjoni fl-Irlanda kienu diżastrużi. Il-Maltin kellhom raġun jopponu lir-reġim u ma jitħallewx isiru "sempliċement dipendenza ta' l-Imperu Ingliż."[41]

## (vii) L-iskemi ta' Modernizzazzjoni ta' Strickland

Il-qagħda kompliet sejra għall-agħar fl-1901 meta Strickland ressaq Ordinanza (Public Revenue Improvement Ordinance) quddiem il-Kunsill biex tinġabar mill-poplu s-somma ta' £623,152. Strickland kellu bosta xogħlijiet imfassla u ried iwettaqhom malajr kemm jista' jkun. L-Ordinanza tressqet għall-ewwel darba quddiem il-Kunsill fi Frar ta' dik is-sena u ġiet irrifjutata. F'April waslet għat-tieni qari u għal darb'oħra r-rappreżentanti vvutaw unanimament kontrieha.[42]

Kien hemm diversi proġetti maħsuba. L-aktar wieħed ambizzjuż kien dak ta' l-estensjoni tad-drenaġġ għall-irħula li waħdu kien iqum £308,118. Barra minn hekk l-Ordinanza kienet titlob għal £72,728 oħra biex jinbnew skejjel ġodda u jsiru xi tiswijiet fi skejjel li kienu jeżistu diġà. Kien hemm xi proġetti żgħar bħall-bini ta' sptar għan-nisa lebbrużi, sala fl-isptar tal-moħħ għall-kriminali, sptar ġdid, **breakwater** fil-Port ta' l-Imġarr, Għawdex, l-estensjoni tad-dawl elettriku, moll fejn il-**Customs House** fix-xatt tal-Belt, u tiswijiet fit-toroq u bini ta' toroq ġodda f'Malta u Għawdex.[43]

Fl-1899 Strickland kien ippropona li ssir Order-in-Council dwar żjieda fit-taxxa ta' l-importazzjoni tal-bhejjem li jirgħu, u li bi spejjeż tal-Maltin tinħoloq riserva tal-qamħ li jkun jista' jagħmel tajjeb "f'każ ta' gwerra,"[44] iżda dawn il-proponimenti ma dehrux fl-Ordinanza ta' l-1901. Minflok dehru taxxi ġodda fosthom żjieda ta' 20% fil-prezz ta' l-inbid u l-birra (jiġifieri 6½d kull ġarra), ¼d fuq kull ratal zokkor, il-pitrolju żdied b'sold il-gallun, u għolew ukoll it-tabakk, is-sigaretti, is-sigarri u n-niskata.

"Għalfejn ma jħallasx din l-ispiża l-Gvern Ingliż jekk is-



suldati u l-baħrin jinħtieġu toroq 'usa u ilma u drenaġġ?" staqsa l-President tal-Comitato Nazionale Dr. Filippo Sceberras. "Għandha Malta, li hija tant ċkejkna u fqira, tħallas għall-Ingilterra li hija tant kbira u sinjura?" Il-bini ta' skejjel ġodda kien ħaġa tajba iżda mhux meta permezz tagħhom kien ser jitħaddem programm ta' edukazzjoni li Malta kollha kienet kontrieh. L-aħħar ħaġa li riedu jagħmlu r-rappreżentanti kienet li jivvutaw flus għall-bini ta' skejjel fejn kien ser jinxtered l-ilsien Ingliż bi ħsara tat-Taljan.

Barra minn hekk, il-manuvrar makakk ta' Strickland kien tip li jqanqal diżgust. F'Diċembru 1901, f'wieħed mill-itwal diskorsi li qatt għamel fil-Kunsill, Mizzi ressaq mozzjoni appoġġjata unanimament mir-rappreżentanti tal-poplu biex Strickland jitneħħa mill-ħatra ta' Segretarju Prinċipali. "Dan il-Prim Ministru tal-gvern tagħna qiegħed jeduka lill-popolazzjoni biex tiċħad lil Art Twelidha, u bit-taxxi li qiegħed jimponi qed jeqred u jfarrak l-industrija lokali tal-birra u t-tabakk."[45] "Dak li jiċħad l-onestà, li jiċħad il-ġid ta' pajjiżu biex jingħoġob mal-gvern tal-ġurnata, xi darba jew oħra kien ser iħallas lill-istess gvern b'dak il-mod: "Chi tradisce la propria patria tradirà un giorno il suo governo."[46] Min kien juri li jħobb lill-Ingilterra aktar minn Malta kien giddieb. "Dan huwa sentiment li qatt ma jista' jidħol fil-qalb umana."[47]

Fl-1901 twaqqaf il-Kunsill Rappreżentattiv ta' l-Istudenti, **(Comitato Permanente Universitario)** minn Arturo Mercieca u oħrajn. Flimkien mal-moviment **Giovine Malta,** li kellu wkoll kuntatti mas-**Società Dante Alighieri,** l-istudenti għall-ewwel darba bdew jieħdu sehem attiv fil-ħajja politika u pubblika. Fl-ewwel laqgħat tal-**Giovine Malta,** li saru fil-każin La Valette, Mizzi nħatar President Onorarju waqt li ibnu Nerik, li dak iż-żmien kien għadu student, sar membru attiv.[48] L-għaqdiet ta' l-istudenti f'Malta kellhom bosta kuntatti ma' organizzazzjonijiet barranin li l-biċċa l-kbira tagħhom kienu favur l-Italjanità ta' Malta. Waħda minn dawn kienet il-**Corda**

**Fratres** li fl-1902 stiednet lill-istudenti Maltin biex jieħdu sehem f'laqgħa internazzjonali li attendew għaliha studenti minn bosta Universitajiet, fosthom dawk ta' Trieste, Gratz, u Innsbruck.(49)

F'Settembru 1901 faqqgħet sajjetta oħra bit-tielet Order-in-Council. Din id-darba kienet tagħti awtorità lill-Gvernatur biex jinġabru f'taxxi diversi somom għal xogħlijiet pubbliċi, fosthom skejjel (£35,000); drenaġġ (£30,000); estensjoni ta' l-ilma (£20,000); tiswijiet fl-isptar ċentrali (£5,000); sptar għan-nisa lebbrużi (£8,000); sala fl-isptar tal-moħħ għall-kriminali (£2,500); toroq (£10,000). Barra minn hekk, il-Gvernatur seta' jiġbor mill-poplu sa £9,000 fis-sena mingħajr ma jkollu jagħti sodisfazzjon dwar l-għan ta' l-ispiża. Dwar l-Edukazzjoni, l-Order-in-Council kienet tgħid li ħadd ħlief gradwat ta' l-Università ta' Malta ma seta' jilħaq Maġistrat jew Imħallef f'Malta. Iżda din kienet biss bżar fl-għajnejn għaliex ftit wara l-Orler-in-Council kienet tkompli tisħaq fuq is-sistema tal-Għażla Ħielsa bil-għan li l-Ingliż jilħaq kull livell ta' l-edukazzjoni.

"Il-ġenituri jew dawk responsabbli għall-istudenti li huma kandidati għal-Liċeo jew l-Università jkollhom jagħżlu jekk l-istudent jiġix eżaminat bl-Ingliż jew bit-Taljan, jew biż-żewġ lingwi. Ebda student ma jista' jinżamm milli jillawrja, milli jidħol il-Liċeo jew l-Università, jew li jitla' għal klassi ogħla, jekk jissodisfa lill-eżaminatur fl-Ingliż jew fit-Taljan." Il-gvernatur seta' jbiddel ir-regolamenti fl-Università u fil-Liċeo kif u meta ried hu biex jitwettqu l-ordnijiet il-ġodda. It-Taljan jew il-Latin kellhom jibqgħu l-mezz ta' tagħlim fil-Fakultà tat-Teoloġija biss. Fil-Kunsill tal-Gvern dawk il-membri li jaslu biex jisfidaw l-awtorità tal-President tal-Kamra setgħu jiġu sospiżi għal mhux aktar minn għaxar seduti.(50)

Il-Partit Nazzjonalista nfexx f'sensiela ta' attakki: "Alla jisma' s-saħta ta' poplu mgħakkes bl-aktar mod kiefer. L-imħabba li konna nħossu għaliha, il-lealtà li stqarrejna lejha bl-akbar sinċerità, għandna nqaċċtuhom minn qalbna... Ejjew



nisħtuha! Ejjew nobogħduha!... Issa l-egħdewwa tagħha huma ħbiebna."(51)

Ftit ġranet wara li deher dal-kliem Grenfell kiteb: "Irrid inħabbat wiċċi ma' popolazzjoni ostili f'din il-Fortizza. L-aġitazzjoni qed tiżdied u qed tkompli tiżdied aktar taħt l-influwenza tal-kleru."(52) Anki Savona, f'petizzjoni li bagħat lir-Rè Dwardu VII, ikkundanna t-tmexxija despotika ta' l-amministrazzjoni kolonjali; il-poplu kien mgħaddab u mxabba' — il-qagħda f'Malta kienet waslet "f'xifer rivoluzzjoni," kiteb

Kmieni fl-1902 Chamberlain iddikjara li kien se jirtira l-proklamazzjoni ta' Marzu 1899 dwar is-sostituzzjoni tal-lingwa.(53) Fl-1901 din kienet ġiet imtawla sa l-1919, iżda issa tneħħiet għal kollox. Kienet l-aktar il-qagħda internazzjonali mwiegħra li wasslet lil Chamberlain biex jieħu din id-deċiżjoni. L-Ingilterra xtaqet ikollha relazzjonijiet tajbin ma' l-Italja minħabba l-flotta tagħha fil-Mediterran, u Chamberlain għamilha ċara li ma xtaqx iħalli nuqqas ta' ftehim dwar l-lingwa f'Malta li jwassal għal konfront mhux mixtieq.

"Ir-relazzjonijiet tagħna ma' l-Italja minn dejjem kienu tajbin. L-interessi tagħna u tagħhom ħafna drabi, u speċjalment fil-Mediterran, kienu l-istess... Ma rridx li jkun hemm aktar nuqqas ta' ftehim fl-Italja. Għalhekk jekk nista' noffri kompromess li permezz tiegħu nsolvu din il-problema... jien lest illi, mingħajr ma naħsibha darbtejn, formalment nirtira din il-proklamazzjoni."

Fil-House of Commons din intlaqgħet tajjeb ħafna. Wickham Steed kiteb f'**The Times** li l-kliem ta' Chamberlain dwar il-kwistjoni kien laqat il-qalba tas-sentiment Taljan, "earning heartier approval than anything he ever said or did." Iżda dwar l-Għażla Ħielsa Chamberlain baqa' jwebbes rasu. "B'kull sogru u kontra kull oppożizzjoni aħna determinati li nippreżervaw il-ħelsien tal-għażla." Minkejja li issa kienet tneħħiet il-proklamazzjoni, l-Ingliżizzazzjoni ssoktat miexja b'pass imgħaġġel u, kif qal il-konslu Taljan Grande, "issa m'għadhiex kwistjoni ta' lingwa, tal-Kultura Taljana, iżda saret biss

waħda ta' l-interess personali taż-żgħażagħ u l-futur tagħhom''. Għalhekk il-ġenituri bdew iħarsu lejn il-qagħda minn lenti utilitarja aktar milli b'sentimenti ta' storja u tradizzjoni. Barra minn hekk, il-gvern kien għamilha ċara li jekk wieħed ma jkunx jaf tajjeb bl-Ingliż ma kellu ebda tama li jidħol maċ-Ċivil jew mal-Militar, jew saħansitra li jieħu professjoni.

Il-Kostituzzjoni kienet waslet fl-aħħar nifsijiet ta' ħajjitha. Il-gvern hedded li jekk il-membri ma jaċċettawx it-tibdiliet fl-edukazzjoni, l-iskejjel kienu ser jingħalqu. Fil-fatt, f'xi żewġ okkażjonijiet l-iskejjel ta' Malta ngħalqu għal xi ftit ġranet. Iżda l-membri ma kinux fi ħsiebhom iċedu.

''Jekk il-Kunsill m'għandux id-dritt li jiddeċiedi dwar l-edukazzjoni tal-poplu, ma nafux xi drittijiet oħra jista' jibqagħlu,'' qal Azzopardi. ''Jekk din il-Kostituzzjoni ser tkun tiswa biss biex il-membri eletti jgħidu 'Hekk ikun' għal dak kollu li jrid il-gvern, l-aħjar ħaġa li nagħmlu hija li ma noqogħdux niksru għajn iċ-ċittadini biex jiġu hawn u nħallu l-affarijiet f'idejn is-sitt membri infallibbli fil-Kunsill Eżekuttiv ħalli jmexxu skond il-ħila tagħhom.''[54]

Fi Frar 1902 il-membri fil-Kunsill tal-Gvern irriżenjaw kollha f'daqqa. F'Marzu ta' l-istess sena reġgħu ġew eletti mingħajr ebda kontestazzjoni[55]

''M'aħniex ser inċedu,'' qal Mizzi waqt seduta tal-Kunsill, ''la jekk tiħdulna l-Kostituzzjoni u lanqas jekk tiħdulna ħajjitna!''

''Taħt ebda ċirkostanza m'aħna ser ngħidu 'iva' għal dik li jrid il-gvern fil-kwistjoni ta' l-edukazzjoni. Kulma rridu huwa illi wlied uliedna jkunu jafu li aħna ma nqasniex fi dmirna meta sħabna l-Maltin għażluna biex niġu hawn u niddefendu lil pajjiżna. Din hija l-ambizzjoni tagħna, l-uniku skop li nitħabtu għalih — dak li nwettqu d-dmir tagħna lejna nfusna u lejn pajjiżna.''[56]

Il-kleru wera l-appoġġ tiegħu bis-saħħa ta' petizzjonijiet li ntbagħtu lir-Rè. Waħda minnhom, li ffirmawha 'l fuq minn 60,000 ruħ, intbagħtet mill-Isqof Pace li qal li ''l-interessi soċjali u individwali tal-Maltin huma marbutin ma' l-ilsien Taljan.'' Il-petizzjoni kienet issemmi wkoll it-taxxi li l-gvern kien qiegħed jimponi fuq il-Maltin, taxxi li l-biċċa l-kbira tagħhom kienu qed jinġabru minn għand il-klassi tal-ħaddiema.[57] F'intervista li kellu mal-ġurnal **L'Italie** fl-1902, Pace fisser kif il-ġenituri kienu ġew daharhom mal-ħajt fil-kwistjoni tal-għażla tal-lingwa. Dawn kienu qed jagħżlu l-Ingliż għaliex ma setgħux jagħmlu mod ieħor minħabba li ma ridux jipperikolaw it-tamiet ġejjiena ta' wliedhom. Pace kien mistoqsi wkoll dwar iċ-ċelebrazzjonijiet biex ifakkru l-koronazzjoni tar-Rè. In-Nazzjonalisti kienu ddikjaraw li kienu ser jibbojkottjaw il-festi. Pace, min-naħa tiegħu, qal li hu kien se jkollu jattendi biex jintona t-Te Deum minħabba l-istatus uffiċjali tiegħu. Iżda għaċ-ċelebrazzjonijiet ma kienx jistenna li jara ħlief suldati u baħrin. ''Il-qagħda f'Malta qiegħda tmur dejjem għall-agħar minn jum għall-ieħor,'' ikkummenta l-istess ġurnal.[58]

(viii) **Tintemm l-Amministrazzjoni ta' Strickland**

Ftit xhur qabel ma l-Gvern Ingliż irtira l-Kostituzzjoni, Strickland inħatar Gvernatur fil-gżejjer Leeward fil-Baħar Karibbew. Li jsir Gvernatur minn dejjem kienet l-ambizzjoni tiegħu u mhux minnu naqas li din il-ħatra ma kisibhiex qabel. Fil-fatt kien applika darbtejn — l-ewwel għall-gżejjer Windward u wara għal Newfoundland — u darbtejn l-applikazzjoni ġiet miċħuda.[59] Strickland kien wera x-xewqa wkoll li jsir Kummissarju Għoli f'Ċipru; minflok offrewlu Fiji u rrifjuta li jmur. Kien issuġġerixxa li jinħoloq post ta' Sotto-Segretarju ta' l-Istat, barra minn dak li diġà kien hemm, biex ikun jista' jaħdem ma' Chamberlain aktar mill-qrib. Dan is-suġġeriment ukoll ma ntlaqax.[60]

Hekk kif sar magħruf li Strickland kien ser jiġi trasferit ir-rappreżentanti ħadu n-nifs bħallikieku kienet intrefgħet għoqla minn fuq l-istonku tagħhom. Iżda wieħed ma jistax jiċħad li kemm dam jamministra f'Malta, Strickland kien irnex-

xielu joħloq appoġġ persunali li kellu jservi ta' bażi għall-ġejjieni meta fforma l-partit tiegħu. Dawk li kienu jappoġġaw lil Strickland kienu nies li marru tajjeb mal-gvern billi kisbu impjiegi jew ħadu promozzjonijiet fil-post tax-xogħol talli għażlu li jikkollaboraw mar-reġim u rikbu l-karru tal-patrunaġġ. Fi kliem ieħor, Strickland kien irnexxielu joħloq bażi ta' appoġġ bl-opportunisti. Taqsima oħra tal-popolazzjoni li tat l-appoġġ tagħha lil Strickland kienet il-klassi tan-neguzjanti u għalhekk tal-Kamra tal-Kummerċ, kif ukoll l-Assoċjazzjoni tan-Nobbiltà Maltija li kellha l-istess interessi ta' klassi bħal Strickland u kienet taf ukoll l-istess mod ta' għixien.

Karatteristika tal-ħajja Maltija li kient tirrifletti l-allinjamenti politiċi fuq livell popolari/partiġġjan tinstab fil-każini tal-banda. Ħafna minn dawn kienu pro-Ingliżi u ta' sikwit kienu jidħlu f'piki ma' xulxin għal titli u unuri mill-Ingilterra. Strickland min-naħa tiegħu kellu ħabta kif jiġbed is-simpatija tagħhom. Fl-okkażjoni tar-rebħa ta' l-Ingliżi f'Ladysmith, fit-Transvaal fl-1900, il-banda filarmonika Sant'Elena ta' Birkirkara (imwaqqfa fl-1885) marret iddoqq marċi ferrieħa quddiem il-villa ta' Strickland. Dak inhar Strickland ippreżenta tazza tal-fidda li fuqha kien hemm miktub:

"Sir Gerald Strickland to St. Helena Band — Ladysmith Relief 28-2-1900."[61]

Meta waslet l-aħbar li s-suldati li kien hemm assedjati f'Ladysmith ġew meħlusa, saru dimostrazzjonijiet ta' ferħ fil-Belt. Skond il-'memoirs' ta' Grenfell, il-Belt kienet miżgħuda bil-bnadar, baned idoqqu u toroq iffullati bin-nies. Minkejja ż-żminijiet koroh li kienet għaddejja minnhom Malta il-poplu ma kienx jitlef opportunità li joħroġ jixxala u jiccelebra. Dak inhar, waqt li Grenfell kien sejjer lejn it-Teatru Rjali, in-nies ġrew lejn il-karozza tiegħu, neħħew iż-żwiemel u ġrew biha huma stess tul Kingsway fost briju, ferħ u daqq talbaned. Okkażjonijiet bħal dawn jagħtu xhieda ta' kemm il-burdata tal-massa kienet tmewweġ 'l hinn u 'l hawn — daqqa



tinkorla u drabi tifraħ. Wara l-**meeting** tal-11 ta' Awissu, ngħidu aħna, il-Belt rat xeni differenti ħafna minn dawk li kienet rat sena qabel. Fil-ħarġa tat-12 ta' Ottubru 1901, meta kienet għadha kemm tħabbret l-Order-in-Council ta' Settembru 1901, il-**Malta Għadha Tagħna** tas-Savonjan Lorenzo Busuttil fakkret l-avvenimenti brijużi ta' Frar 1900 u wriet sogħba li dak inhar "tant fraħna... illi wasalna biex neħħejna ż-żwiemel mill-karrozza tal-Gvernatur..."

Sa l-1916 kien hawn 27 każin tal-Banda f'Malta u Għawdex — wieħed jew aktar f'kull belt u l-oħrajn imxerrdin fl-irħula.[62] Il-piki partiġġjani bejn dawn il-każini, l-aktar f'parroċċi li kellhom aktar minn każin wieħed jew bliet li kellhom iżjed minn parroċċa waħda, dejjem kienu mifrudin b'mod li jirrifletti l-allinjamenti politiċi ta' dak ir-raħal jew belt.

Il-Belt Valetta, ngħidu aħna, kellha żewġ parroċċi — ta' San Pawl u ta' San Duminku — kif ukoll żewġ każini tal-banda (it-tnejn imwaqqfa fl-1874). Il-każin ta' **La Valette,** li għal xi żmien kellu lil Fortunat Mizzi bħala President, flimkien mal-parroċċa ta' San Pawl, kien jappoġġja lill-Partit Nazzjonalista. Il-każin l-ieħor, ftit mijiet ta' jardi bogħod, kien **La Stella**. Dan wara biddel ismu għal **Prince of Wales Band Club** u wara għal **King's Own Band Club.** Aktarx li l-każin **La Stella** għażel li jappoġġja lil Strickland sempliċement għaliex il-każin l-ieħor kien tan-Nazzjonalisti. Manwel Dimech innifsu kien aktar imxaqleb li jappoġġja lill-każin **La Valette,** kemm għaliex kien ammiratur kbir ta' Mizzi kif ukoll għaliex kien jobgħod il-fanatiżmu politiku li dejjem kienu magħrufin u identifikati miegħu l-Istricklandjani.

Il-każin ta' l-Isla, La Vincitrice, kien ukoll magħruf għal-lealtà tiegħu lejn il-Kuruna u saħansitra fl-1903 talab biex jibdel ismu għal **Queen's Own Band Club.** Fit-talba li għamel bil-miktub, il-kumitat iddeskriva l-membri tal-każin bħala "l-biċċa l-kbira minnhom qaddejja tal-Kuruna peress illi aħna nies tas-sengħa u impjegati fit-Tarzna Rjali tal-Majestà Tie-

għek.'' Fl-istess taiba l-kumitat fakkar ukoll li r-Rè kien diġà kkonċieda l-istess favur lill-każin **King's Own.**(63)

Fl-1901 il-banda **San Giorgio** ta' Bormla kienet mistiedna mill-każin **La Valette** biex iddoqq f'kunċert li kellu jsir il-Belt. L-istedina ntlaqgħet iżda l-Bormliżi għamluha ċara li jekk xi partitarji ta' **La Valette** jibdew isaffru waqt il-'God Save' huma kienu lesti li jaħbtu għalihom.

Il-ħatra ta' Stricklanl kienet pass maħsub minn qabel mill-Uffiċċju tal-Kolonji. Il-Kostituzzjoni kienet waslet fl-aħħar tagħha u meta l-Gvern Ingliż iddeċieda li jneħħiha għal kollox kien jinħtieġ li l-ħtija tidher kollha tal-politikanti Maltin. Chamberlain, bħal Grenfell, kien tal-fehma li l-Kostituzzjoni qatt ma setgħet tirnexxi għaliex il-Gvernatur dejjem kien ser isib oppożizzjoni mill-membri eletti, l-aktar dwar il-kontroll ta' kif jintnefqu l-flus. Min-naħa l-oħra r-rappreżentanti nfushom kienu jilmentaw li ma kellhomx setgħa biżżejjed.(64)

Chamberlain kien jemmen li aktar ma tiħrax l-oppożizzjoni, aktar il-membri kienu qed jitfgħu l-ġebla fuq saqajhom u b'hekk jagħtu skuża lill-Gvern Ingliż igħid li l-Kostituzzjoni kienet falliet minħabba l-intransiġenza tar-rappreżentanti nfushom.

F'Ġunju 1903 reġgħu ġew ippreżentati l-estimi dwar l-edukazzjoni li l-membri kienu għadhom kemm irrifjutaw f'April ta' l-istess sena: ''Jaqaw il-membri uffiċjali qed jiżmagaw?'' staqsa Azzopardi, ''jew jaħsbu illi l-poplu Malti u r-rappreżentanti tiegħu qed jiġġennu?''(65)

Issa li Strickland kien twarrab min-nofs u Malta kellha Segretarju Prinċipali ġdid, Merewether, kif ukoll Gvernatur ġdid, il-Ġeneral Clarke, (1903-7), kull ftit reżistenza kienet biżżejjed biex il-Gvern Kolonjali jsib l-aħħar skuża ħalli Malta terġa' tmur lura għall-istat umiljanti li kienet tinsab fih qabel l-1887. L-Ittri Patenti u struzzjonijiet Irjali tat-3 ta' Ġunju neħħew il-maġġoranza ta' membri eletti fil-Leġislatura u l-membri mhux uffiċjali fil-Kunsill Eżekuttiv. B'hekk Malta reġgħet bdiet titmexxa permezz tal-Kostituzzjoni ta' l-1849.



Il-proklamazzjoni saret nhar it-22 ta' Ġunju b'effett mill-25 ta' l-istess xahar.(66) L-għadd tal-membri eletti fil-Kunsill tal-Gvern issa niżel għal tmienja u billi kienu fil-minoranza saru ineffettivi.

Is-seduti saru kwieti, monotoni u qosra. Il-Gvernatur Clarke kien jitkellem ftit fil-bidu, imbagħad jitlaq 'il barra sakemm issir sessjoni oħra. Ġeneralment postu kien jieħdu s-Segretarju Prinċipali Merewether, jew il-Prim Imħallef Sir Giuseppe Carbone, jew l-Avukat tal-Kuruna Naudi. Wara l-mewt ta' Naudi fl-1905 laħaq Vincenzo Frendo Azzopardi. Xi drabi s-sedja kien jeħodha wkoll xi kap ta' dipartiment tal-Gvern. L-Ordinanzi kollha kienu jgħaddu mingħajr ebda emenda u mingħajr ħadd ma jiftaħ ħalqu, anqas meta ġew proposti taxxi ġodda.(67) Hekk kien ir-ritwal minn issa 'l quddiem fil-Kunsill tal-Gvern: l-Avukat tal-Kuruna jippreżenta għat-tielet qari l-Ordinanza li kien hemm quddiem il-Kamra, il-Logutenent Gvernatur ikollu l-unur li jissekondah u l-membri uffiċjali jivvutaw favur bla kliem u bla sliem.

Il-Kostituzzjoni kienet mietet imma l-P.N. bl-ebda mod ma kien fi ħsiebu jaqta' qalbu. L-ewwel ħaġa li għamlu r-rappreżentanti kienet li jibbojkottjaw is-seduti. Imbagħad il-Partit beda biex jorganizza l-forzi tiegħu ħalli jiġġieled minn barra l-Kamra tal-Kunsill. F'ittra ta' protesta li ntbagħtet Londra, Mizzi u sħabu ddikjaraw il-firda sħiħa tagħhom mir-reġim u addottaw politika ta' non-koperazzjoni.

''Kif jista' poplu struwit, li jixxennaq għall-ħelsien politiku u huwa konxju tad-drittijiet tiegħu bħala nazzjon ċivilizzat, jaċċetta Kostituzzjoni bħal din? U b'liema skop? Liema ċittadini jistgħu qatt iwarrbu l-interessi persunali tagħhom u jaċċettaw il-mandat tal-poplu biex jistudjaw u jiddiskutu l-problemi ta' Malta, biex jitħabtu u saħansitra jitbaqbqu... biex jimirdu u jixjieħu qabel iż-żmien, bil-biċċa xogħol iebsa li għandhom li jippruvaw jikkonvinċu Gvern li mhux fl-interess tiegħu jisma' s-sewwa, li jaraw lilhom infushom dejjem telliefa meta jiġu għall-vot minħabba l-pupi uffiċjali li dejjem huma fil-

maġġoranza, u għalhekk ikollhom joqogħdu għad-deċiżjonijiet kollha tal-gvern... aċċetati taħt il-formula:

"With the advice and consent of the Council of Government," u minn fuq jiġu insultati u mgħajra fid-dispaċċi tal-gvern? Le! Poplu bħal dak ta' Malta, li għandu isem tajjeb xi jħares u l-appoġġ ta' l-Ewropa biex ifarrġu, qatt ma jasal biex jilqa' Kostituzzjoni bħal din!"[68]

F'inqas minn sentejn saru sitt elezzjonijiet ta' protesta (imsejħa **Elezioni Protestatorie**). Kull darba l-kandidati, immexxija minn Mizzi, kienu jirriżenjaw u jerġgħu jiġu eletti mingħajr kontestazzjoni. Ir-riżenja tagħhom kienet tasal fi ftit ġranet u xi drabi l-għada stess; iżda dan ma kinux jagħmluh qabel ma jisottomettu quddiem il-Kunsill protesta u talba formali għal Gvern Responsabbli.[69]

Il-politika ta' **Astensionismo** (b'hekk il-kandidati bdew jissejħu **Astensionisti**), kif saret magħrufa din is-sistema ta' protesta, wasslet għal tibdiliet aktar retrogradi mill-amministrazzjoni fl-Ittri Patenti tat-3 ta' Ġunju 1903. Ma kellhiex issir akar minn elezzjoni waħda fis-sena. Wara l-1904, il-kandidati Nazzjonalisti, li issa kienu saru ex-membri tal-Kunsill, irrifjutaw li joħorġu għall-elezzjoni jekk ma jkun hemm kontestazzjoni minn kandidat rival. L-amministrazzjoni malajr qatgħetha fil-qasir: Ma ssirx elezzjoni qabel tliet snin oħra (dan kien iż-żmien li seta' jdum l-aktar il-Kunsill). B'hekk il-Kunsill tal-Gvern baqa' jitmexxa biss mill-membri maħtura, jew aħjar il-funzjonarji tal-Gvern.

### (ix) It-Twaqqif ta' l-Associazione Politica Maltese (APM)

Fuq l-inizjattiva tal-Partit Nazzjonalista, nhar it-23 ta' Jannar 1905 twaqqfet l-**Associazione Politica Maltese.** L-ewwel laqgħa saret fil-każin tal-**Giovine Malta** fil-Belt u l-ewwel President tagħha kien Fortunat Mizzi nnifsu. Mizzi kien ilu żmien twil jisħaq fuq il-fatt li ma kienx għadu ż-żmien li l-Maltin jinħlew fuq piki partiġġjani. Kien jikkundanna sikwiet lil min b'xi mod jipprova joħloq dissens fost il-popolazzjoni: "Nitlob li tħalluni ngħid kelma lil dawk li s-sentimenti tagħhom huma fl-estrem, naħa jew l-oħra. Aħna nixtieqħu nfakkru lil kulħadd illi l-popolazzjoni Maltija hija żgħira wisq biex tinfired permezz ta' żewġ partiti jew aktar... ġejna issa wiċċ imb'wiċċ ma' għadu komuni."[70]

Mizzi għaraf li Malta kienet waslet f'qagħda fejn ma setax ikun hemm firda fost il-poplu. L-għan ewlieni ta' ħajtu deher li kien, fil-fatt, li jġib lill-Maltin taħt standard wieħed biex kulħadd ikun magħqud ħalli jissielet kontra l-abbużi tal-Gvern Kolonjali. L-aħħar umilijazzjoni li seta' jġerraħ Mizzi kienet meta l-poplu ġie mċaħħad saħansitra milli permezz tar-rappreżentanti tiegħu fil-Kunsill, isemma' r-rieda tiegħu. Għalhekk kien wasal iż-żmien li l-Maltin, bil-kunsens tal-gvern jew mingħajru, ikollhom korp rikonoxxut u fuq kollox rappreżentattiv tal-poplu.

L-**APM** twaqqfet għal żewġ raġunijiet ewlenin: l-ewwelnett biex isservi ta' territorju ideoloġiku, aktar milli partiġġjan, li jħaddan fih l-elementi politiċi kollha fil-pajjiż. B'hekk titnissel il-ħtieġa ta' sforz magħqud taħt l-għajta li reġgħet tqanqlet: 'Fil-għaqda hemm is-saħħa.' Mizzi, li ried, seta' kompla jikkumbatti permezz tal-Partit, iżda aktar milli partitarju Mizzi kien idealist u għaldaqstant għażel li jħalli fil-ġenb il-partiġġjaniżmu, jinsa r-rivalitajiet, u jħaddan lill-poplu Malti mhux biss bħala mexxej iżda aktar bħala missier. It-tieni għan kien fuq livell aktar prattiku. Dan kien li jiġi elett Kunsill Popolari li jirrappreżenta tassew lill-poplu Malti u, bil-mandat tiegħu, ikollu l-jedd li jattakka lill-amministrazzjoni u saħansitra jakkużaha bil-ksur tal-jeddijiet kostituzzjonali. B'hekk kellu jkun hawn f'Malta speċi ta' stat ġo ieħor bi gvernijiet mifrudin, anzi egħdewwa ta' xulxin.

L-elezzjoni għall-Kunsill Popolari saret fuq bażi nazzjonali. Kull membru maskili adult fil-familja kellu l-jedd li jivvota. Għalhekk insibu li għal din l-elezzjoni vvutaw 20,000 ruħ — jiġifieri d-doppju ta' l-elettorat li kien jivvota għall-membri fil-Kunsill tal-Gvern. L-organizzazzjoni tal-K.P. kienet timxi

permezz ta' infrastruttura elaborata: kellha kumitat ċentrali (Kumitat Popolari), u bosta oħrajn distrettwali, relazzjonijiet u kuntatti ma' bosta pajjiżi barranin (allura kellu wkoll rikonoxximent internazzjonali), mezzi ta' propaganda, kif ukoll fondi u sistema ta' tesserament.

It-tmexxija nnifisha tal-Kunsill kienet f'idejn il-Kumitat Popolari b'Mizzi bħala President. L-ex-rappreżentanti fil-Kunsill tal-Gvern kollha ġew eletti f'dan il-kumitat b'maġġoranza qawwija ta' voti. Barra minn dawn insibu wkoll nies li kienu prominenti fil-qasam politiku fis-snin ta' qabel. Fost dawn hemm Mons. Panzavecchia, Evaristo Castaldi, li issa kien irtira min-negozju, u s-Savonjan Antonio Dalli. Savona nnifsu għażel li jibqa' barra mix-xena. [71]

Il-preżenza ta' nies bħal Panzavecchia u Dalli fil-Kumitat Popolari kienet tixhed kemm il-kawża tal-P.N. kienet xierqa. Panzavecchia nnifsu kien beda l-karriera politika tiegħu mal-partit ta' Mizzi. Meta għażel li jingħaqad ma' Savona fl-1895 biex jifforma l-P.P., dan għamlu minn konvinzjonijiet reliġjużi aktar milli politiċi. Il-politika tal-P.N. f'dak iż-żmien kienet pjuttost tmur kontra l-fehma tal-kleru, saħansitra Mizzi kien għoddu ġie skumnikat u l-ġurnal tiegħu kien interdettjat. Minkejja dan, in-Nazzjonaliżmu kien minqux f'qalb Panzavecchia u ladarba l-atitudni ta' l-Isqof Pace lejn il-Partit inbidlet, huwa reġa' sab ruħu mal-P.N.

"Sa mill-1880 sibt lili nnifsi fil-kamp Nazzjonalista... u dejjem ser nibqa' Nazzjonalist sakemm napprova l-imġiba ta' dawk il-membri, ta' liema partit huma, li juru bil-fatti li jixtiequ l-ġid ta' dawn il-gżejjer."[72]

Fil-**meetings** li saru biex il-poplu jsir jaf tajjeb x'kien l-għan tal-Kunsill Popolari, Panzavecchia kien wieħed li ta' sikwiet kien jidher fuq l-istess palk ma' Mizzi u Francesco Azzopardi. Kien f'dan iż-żmien ukoll li nqalgħet kwistjoni ta' xejra politika-reliġjuża li fl-istess ħin kompliet issaħħaħ l-appoġġ tal-kleru. Il-każ ġara meta grupp ta' Protestanti, immexxija mill-qassis Presbiterjan Skoċċiż John MacNeill, għamlu żjara f'Malta. Matul din iż-żjara kellhom jagħtu xi "lectures", li kienu mxandra fid-**DMC** ta' Bartolo,[73] u kellhom isiru fit-Teatru Rjali. Xi Maltin attendew uħud mid-diskorsi li għamlu dawn il-Protestanti. Dan qanqal ħafna protesti mill-qassisin, l-iżjed mill-Isqof Pace, tant li l-gvern kellu jirtira l-permess u b'hekk il-'lectures' ma komplewx isiru.[74] Min-naħa l-oħra, dan il-qassis qajjem kritika qawwija mill-**Evangelical Alliance,** minn għadd ta' għaqdiet Protestanti oħra, kif ukoll minn membri tal-Parlament Ingliż, bħal T.H. Sloan u T.H. Corbett.

Ir-reazzjoni li qanqal dan il-każ kienet ikkaġunata minn żewġ raġunijiet ewlenin. In-Nazzjonalisti kienu għadhom ma nsewx meta ma ngħatalhomx permess jużaw it-Teatru Rjali biex jinawguraw l-innu nazzjonali ġdid. Barra minn hekk, ir-reliġjon Kattolika kienet l-akbar twemmin għal qalb il-Maltin. L-espressjoni **Religio et Patria** kienet tiġbor fiha t-twemmin, it-tradizzjoni u l-emozzjoni ta' popolazzjoni sħiħa. "F'kull pajjiż hemm reliġjon li tippredomina, u f'Malta din hija r-Reliġjon Kattolika," qal Cachia Zammit. Gazzetti Ingliżi, l-iżjed l-Iskoċċiżi, kienu jitkellmu favur missjonijiet Protestanti f'pajjiżi fejn teżisti l-intolleranza lejn reliġjonijiet differenti minn dik tal-pajjiż, b'referenza għall-ġerarkija tal-Knisja Kattolika. "Dan huwa pajjiż Protestant," qal il-**Glasgow Herald,** "u Malta hija pussess ta' l-Imperu."[75] Pastor Jacob Primmer, li kien ukoll ħabib ta' MacNeill, kiteb fid-**Daily Record:** "Kull fejn hemm tperper il-bandiera Ingliża għandu jkun hemm ħelsien sħiħ ta' ħsieb u egħmil. Ruma hija intolleranti llum daqskemm kienet fiż-żmien meta kienet taħraq lill-martri."[76]

Panzavecchia u sħabu, il-biċċa l-kbira Sengleani, ħadu t-tmun tal-kwistjoni f'idejhom. Fuljett ippubblikat mill-**APM** biex ixandar **meeting,** li fih Panzavecchia kellu jkun il-kelliem ewlieni, kien igħid hekk: "Wara li l-Gvern Ingliż ħadilna l-ilsien nazzjonali tagħna biex iġegħelna nitgħallmu tiegħu, wara li għabbiena bit-taxxi, wara li ċaħħadna mil-libertà, issa jrid jattakka d-drittijiet reliġjużi tagħna... U l-ministru, wara li uża l-aktar tattiċi kodardi ta' despotiżmu u theddid f'isem

il-prinċipju fundamentali ta' l-Ingilterra — dak tal-Ħelsien — issa jrid iġibna f'din l-għarukaża bħallikieku aħna poplu mingħajr lingwa, mingħajr drittijiet u mingħajr reliġjon 'Il quddiem! Alla huwa magħna."

Fil-**meeting** li sar ftit wara li ħareġ dan il-fuljett, il-kelliema kollha taw fehmiet li xi drabi ma kinux jisħqu fuq l-istess aspetti. Il-politika Maltija kienet għadha politika ta' personalitajiet u għaldaqstant maħkuma minn prinċipji li setgħu jkunu kontra xulxin. Panzavecchia, li ntlaqa' b'ferħ kbir, qal li l-pajjiż u r-reliġjon huma ħaġa waħda, iżda għalih il-fidi kienet tiġi l-ewwel. Dr. Arturo Mercieca, il-President tal-**Giovine Malta,** tkellem dwar is-sovranità tal-poplu bħala l-akbar u l-eqdes prinċipju, aktar mil-libertà reliġjuża. Il-politika ta' Mizzi kienet aktar sekulari, u bla dubju għol kollox kontra l-Ingliżi. L-Italjanità ta' Malta kienet l-insinja tan-Nazzjonaliżmu Malti. Taħt l-istandard tagħha Mizzi għażel li jidħol għat-taqbida kostituzzjonali ta' Malta. Panzavecchia, min-naħa l-oħra, seħaq fuq il-fatt li għalih il-ġlieda ta' Malta ma kinitx mal-poplu Ingliż iżda mal-gvern tagħhom. It-tħassib sħiħ tiegħu, kemm bħala Senglean kif ukoll bħala qassis tal-poplu, kien fuq il-ħaddiema tal-port li kienu midħla tajjeb tiegħu. L-iskop tal-gvern li jipprova joħloq ħafna xogħlijiet f'daqqa kien li f'dawn iż-żminijiet imwiegħra, meta l-poplu Malti kienu qegħdin jitnaqqsulu l-jeddijiet tiegħu, "il-ħaddiem Malti ma jkollux żmien jitħasseb dwar kwistjonijiet politiċi; b'hekk il-gvern ikun jista' jagħmel li jrid."

Iżda kien dispaċċ mill-ministru tal-Kolonji dwar MacNeill li l-aktar qanqal l-għadab ta' Panzavecchia. Dan id-dispaċċ kien igħid li r-reliġjonijiet kollha kellhom jibdew jitqiesu ndaqs ("all creeds should be put on an equal footing"). "Kif qatt tista' tpoġġi l-verità u l-gideb fuq l-istess pjan? Għalfejn ma jħalluniex bi kwietna?" qal.

Is-sena 1905 rat it-twelid ta' għaqda morali ġdida f'Malta, għaqda taħt fehma waħda: "Ir-Rieda għall-Ħelsien" — Ir-rieda li l-poplu Malti jgħix kif jixraqlu. Iżda kien fl-istess sena



wkoll li Malta ġarrbet l-akbar telfa tagħha li ħalliet lin-nazzjon kollu mdiehex. Għal xi żmien saħħet Mizzi kienet sejra lura u sewwa sew nhar it-18 ta' Mejju 1905 miet fl-għomor ta' 61 sena. Anki f'mewtu, Mizzi baqa' ppersegwitat. Pace lanqas biss bagħat rappreżentant għall-funeral. L-amministrazzjoni għamlet pressjoni fuq dawk li kienu marbutin b'mod dirett mal-gvern biex ma jattendux; fill-fatt, mill-Imħallfin kollha, il-ħabib antik ta' Mizzi, Zaccaria Roncali li kien beda l-karriera politika tiegħu mal-**Partito Anti-Riformista,** mar għall-funeral. Kbarat ma kellux warajh, iżda l-akbar ġieħ taħulu dak li Mizzi dejjem għożżu, il-poplu Malti, li minkejja x-xkiel u t-theddid ħareġ bi ħġaru biex jagħti l-aħħar tislima lill-mexxej qalbieni tiegħu.

Manwel Dimech innifsu, fil-ġurnal tiegħu **Il-Bandiera tal-Maltin** iddeskriva lil Fortunat Mizzi bħala "Suldat verament li għamel dmiru." Fl-istess artiklu Dimech kompla jikteb: "Bosta minn tiegħu nxtraw; imma min jista' jgħid li nxtara hu? La rajna lilu u lanqas lil uliedu, li llum qegħdin jibku t-telfa tiegħu, igawdu x'impieg tal-gvern bil-mijiet tal-liri fis-sena. Biss rajnieh — avolja marid, u ftit żmien fuq il-mewt tal-maħbuba martu — fuq il-palk hemm ix-xagħra tal-Furjana, jitkellem mal-poplu biex ifehmu dak li kellu bżonn jifhem."

Fortunat Mizzi: President tal-Kamra ta' l-Avukati, President ta' l-**APM,** Editur tal-**Malta** u fuq kollox mexxej tal-Partit Nazzjonalista u tal-Maltin, għex u ħadem bla heda għal ideal wieħed: li jara lill pajjiżu ħieles mill-madmad tal-barrani. Dak li beda Mizzi kellu jifforma s-sisien sodi li fuqhom trawwem il-P.N. Malti. It-tifkira ta' Mizzi kellha tkun il-fanal li jnebbaħ it-triq iebsa tal-ġejjieni għal ġenerazzjonijiet sħaħ.

TMIEM

## REFERENZI

### INTRODUZZJONI

IN-NAZZJONALIST: MIN KIEN U X'RIED

1 Iżjed minn Ingliż wieħed, — per eżempju F.W. Rowsell fl-1878 — issuġġerixxa li l-Università ta' Malta kien imissha titneħħa u min ried seta' jmur jistudja Londra.

### TAQSIMA 1

IT-TWAQQIF TAL-PARTIT NAZZJONALISTA FL-1880

1 Iċ-ċifra ta' l-introjtu ta' Cachia Zammit toħroġ minn kumment inċidentali tat-2 ta' Frar 1895 tal-Gvernatur Fremantle lis-Segretarju ta' l-Istat għall-Kolonji Ripon, f'C.O. 158/311. Għalkemm R. Mifsud Bonnici fid-**Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku** jgħid li Cachia Zammit kien iżżewweġ mara sinjura, jidher allura li din mietet żgħira, għaliex l-impressjoni pubblika ta' Cachia Zammit fis-snin 70 pjuttost kienet waħda ta' 'confirmed old bachelor'.

2 Ara Debates, nru. 77, 15 ta' April 1879, kol. 651-653.

3 Debates, nru. 7, 3 ta' Marzu 1881, kol. 182-185.

4 **'L'uso del più prezioso dei diritti politici'**, Debates, nru. 6, 16 ta' Frar 1881, kol. 167; dok. f'nru. 5938 tat-28 ta' Marzu 1881 f'C.O. 158/259.

5 Dun Fortunato Mizzi jiġi bin Dr Enrico Mizzi, li jiġi bin Dr Fortunato Mizzi.

6 **Diritto**, nru. 12, 23 ta' Settembru 1880, p. 3, kol. iii.

7 **Standard**, nru. 7, 21.viii.1880, p. 2; nru. 17, 29.ix.1880, p. 2; nru. 18, 6.x.1880, p. 2.

8 Din kienet riferenza għall-kontenut tal-kitba ta' Benjamin Disraeli fejn dan iddistingwa 'żewġ nazzjonijiet' fl-Ingilterra.

9 **Diritto**, nru. 1, 1.vii.1880, p. 1.

10 **Standard**, nru. 1, 9 ta' Ġunju 1880, p. 1.

11 **Diritto**, nru. 72, 24.xi.1881, p. 2.

12 **Diritto**, nru. 1, 1.vii.1880, p. 3.

13 **Debates**, nru. 27, 1.ii.1882, kol. 286-287.

### TAQSIMA 2

IL-ĠLIEDA GĦAL GVERN RAPPREŻENTATTIV

1 Għal iżjed dettalji, anki dwar dawk li ma telgħux, ara l-**Malta Standard** tat-18 ta' Ottubru 1883.

2 Ara l-Malta Blue Book għall-1880 u għall-1883 u d-**Debates**, nru. 9, 11.i.1884, kol. 271.

3 **Debates**, nru. 8, 9.i.1884, kol. 225-233.

4 **Debates**, nru. 9, 11.i.1884, kol. 276.

5 Borton lil Derby, 17.i.1884, C.O. 158/267.

6 **Debates**, nru. 15, 17.xii.1884, kol. 451.

7 Dwar dan ara l-gazzetti u **Debates**, nru. 15, 17.xii.1884, kol. 465 kif ukoll l-ittra ta' Mizzi lis-Segretarju ta' l-Istat għall-Kolonji Stanley tal-10 ta' Diċembru 1885, dok. f'C.O. 158/275.

8 Derby lil Borton, 31.v.1884, C.O. 158/268; Simmons lil Derby, 5.vii.1884, C.O. 158/269.

9 Ara l-fuljetti Riformisti intitolati **Zaccaria Mażun** (li ħareġ darbtejn: **L-Avukat Roncali u Sħabu**; **il-Kanonku Agius u l-Mażuni**; u



**Quesiti al Canonico Agius**. Ara wkoll A.M. Broadley, **The History of Freemasonry in Malta**, li ħareġ qabel dan iż-żmien, fl-1880.

10 Ara Borton lil Derby, 24.iv.1884, C.O. 158/268.

11 Dwar dan ara l-istampa u Mizzi/Stanley, 10.xii.1885, C.O. 158/275; **Debates**, nru. 15, 17.xii.1884, kol. 466, 486.

12 **Il-Malta News** tat-12 ta' Marzu 1884 annunzjat dan iż-żwieġ (p. 3) filwaqt li kkummentat hekk dwaru: "Nothing can bring about the much needed **entente cordiale** than such unions, and nothing can give greater stimulus to the progress of the English language amongst us." It-terminu 'entente cordiale' jfisser għaqda bejn il-Maltin u l-Ingliżi, permezz ta' taħlit fid-demm. Din kienet ukoll idea ċentrali fl-ideoloġija tal-Konti Strickland, kif jidher ċar mid-diskors tiegħu **Malta and the Phoenicians** li sar snin wara.

13 Ara per eżempju l-ittra ta' Hely-Hutchinson lil Anderson tal-5 ta' Ġunju 1884 f'C.O., 158/267, u l-ittra nru. 15 ta' Borton lil Derby datata s-7 ta' Ġunju 1884, kif ukoll id-dibattiti fil-Kunsill ta' Ottubru 1884, speċjalment kol. 486-487.

14 **Debates**, nru. 21, 18.iii.1885, kol. 655.

15 Ara d-diskorsi ta' Mizzi fid-**Debates**, per eżempju, f'nru. 21, 18.iii.1885, kol. 665; f'nru. 22, 26.iii.1885, kol. 671; f'nru 53, 29.iv.1886, kol. 364.

16 Dwar dan ara r-riżoluzzjoni mressqa minn Mizzi għall-osservanza ta' l-Otto Settembre bħala vakanza nazzjonali, fid-**Debates**, nru. 30, 20.1.1885, kol. 1010-1011, 1025-1026.

17 Dwar dan, ara r-rapport mill-pulizija f'dok. 4 inkluż fl-ittra Simmons/Stanley tat-12 ta' Ottubru 1885, f'C.O. 158/274, speċjalment l-ittra mill-ispjun in-Nobbli Tancred dei Baroni Sceberras kontra Zaccaria Roncali, li ġiegħlet lill-gvern jieħu passi kontra l-mexxej Nazzjonalista li kien għajjat li Malta hi tal-Maltin (dok. 1 mehmuż ma' l-istess dispakk f'dan il-volum). L-akkuża kienet li Roncali kien uża l-kliem "Viva Malta! Malta è dei Maltesi, non degli Inglesi! Fuori lo straniero!" (Viva Malta! Malta hi tal-Maltin, mhux ta' l-Ingliżi! Il-barrani jitlaq 'il barra!) Peress li l-ispun in-Nobbli Tancred dei baroni Sceberras qal li kellu x-xhieda, u peress li l-biċċa issa dehret li ġejja bil-kbir u li Roncali seta' jintefa' l-ħabs talli lissen dan il-kliem favur in-nazzjon Malti, huwa ħassu kostrett li jipprofessa l-lealtà tiegħu lejn il-Kuruna Ingliża u li jiċħad li kien qiegħed ixewwex lill-poplu biex iqum kontra r-reġim kolonjali. Anzi huwa ċaħad li kien qal "il-barrani jitlaq 'il barra" u sostna li kieku kien għajjat dawn il-kliem, kif sostna l-ispjun Sceberras, il-folla ma kinitx tapplawdih bħalma għamlet. (Ara l-ittra ta' Roncali lil Simmons, 18.ix.1885 (dok 5, **ibid.**). Ġara b'hekk li Roncali ddiżappunta lil kulħadd: kemm lil dawk li kienu jappoġġjawh, kif ukoll lil dawk li ħassuhom urtati b'dan il-kliem. Huwa kellu jirtira mill-presidenza tal-Każin San Giorgio, wieħed mill-każini ewlenin tal-Belt, u ismu ġie mħassar mil-lista tal-membri onorarii tal-każin ta' l-Imdina, fejn kien membru influwenti l-avukat moderat l-Agostino Naudi. Fiċ-ċirkostanzi l-gvernatur deherlu li kien aħjar li ma jagħmilux lil Ronacali martri billi jipproċedu kontrieh, u hekk il-każ waqa'. (Snin wara, wara li kien ġie maqbuż darbtejn jew tlieta minn avukati oħrajn innominati mill-

Konti Strickland, Roncalli kien inħatar imħallef, mill-gvernatur, meta Strickland inzerta msiefer minn Malta.)

18 Simmons/Stanhope, telegramm, 27.ix.1886, C.O. 158/278.

19 Davis/Stanhope, 27.ix.1886, C.O. 158/278.

20 Ara l-ittra ta' G. Errington minn Ruma, 21.i.1885, dok. f'nru. 1961, f'158/272.

21 Simmons/Derby, 21.i.1885, 158/272.

22 **Ibid.**

23 Ara e.g. Simmons/Stanhope, kunfidenzjali, 2.xii.1886, 158/279.

24 Simmons/Derby, 28.i.1886, 158/272.

25 Dwar il-karriera ta' Buhagiar f'Tuneż, ara **La Sferza,** nru. 25, ta' l-24 ta' Jannar 1885.

26 Minuta fuq dispakk kunfidenzjali ta' Simmons tas-16 ta' Jannar 1885 f'158/272 titkellem dwar dan.

27 Simmons/Stanhope, 2.xii.1886, 158/279.

28 Din hi linja editorjali sinifikattiva. Ara l-**Malta,** nru. 363 tat-23 ta' Jannar 1885.

29 Dan l-artiklu deher f'**La Voce del Popolo,** il-gazzetta li kienet tappoġġja lil Buhagiar, fl-istess ħabta.

30 Simmons/Stanhope, 27.viii.1886, 158/277.

31 Ara per eżempju l-Hansard f'dawn ir-riferenzi: vol. ccc, 27.vii.1885, kol. 4; vol. ccviii, 9.ix.1886, kol. 1712; vol. cccxi, 4.iii.1887, 'Address for Paper on the Affairs of Malta', kol. 1227-1234; vol. cccxiv, 3.v.1887, kol. 681.

32 Ara l-ittra mis-Segretarju ta' l-Assemblea, il-Baruni Testaferrata Abela, dok. mehmuż mad-dispakk ta' Simmons lil Stanhope, 6.xii. 1886, f'vol. 158/279. Dwar diskorsi tal-Viscount Sidmouth f'isem in-nobbli Martin ara, e.g. Hansard, vol. cccv, 17.v.1886, kol. 1149. L-Assemblea della Nobbiltà Maltese twaqqfet fl-1876 bil-għan li tiddefendi sew l-interessi tal-klassi tan-nobbli kif ukoll dawk tal-pajjiż in ġenerali.

33 Ara l-ittra ta' Strickland lil Sir Albert Woods, dok. f'nru. 8768 f'vol. 158/279. Strickland kien jiddeletta juża xi "letter-head" semi-uffiċjali li timpressjona lil dak li jkun, per eżempju, ta' Trinity College, Cambridge (fejn kien reġistrat bħala student) jew ta' xi lukanda fejn kien joqgħod, bħall-Buckingham Palace Hotel.

34 Ara l-ittra ta' Simmons lil Stanhope, 23.xii.1886.

35 Minuta ta' Wingfield fuq Simmons/Stanhope, 4 November 1886, f'C.O.). 158/278.

36 Ara paragrafu 5 tar-rapport dwar il-Kunsill Eżekuttiv mehmuż mad-dispakk Simmons lil Stanhope ta' l-4 ta' Novembru 1886, f'158/278.

37 Ara l-minuta ta' Herbert fuq Simmons/Stanhope, 29.x.1886, 158/278.

38 Ara l-minuta minn Anderson li ġġib id-data tal-10 ta' Novembru 1886, **ibid.**

39 Ara Simmons/Holland, 2.ii.1887, 158/280.

40 Ara l-ittra ta' Eliodoro Barbaro lil Hely-Hutchinson fit-22 ta' Ġunju 1887, dok. 2 f'nru. 14 f'Med. 883/4.

41 Ara d-dokumenti f'nru. 14 u f'nru. 24 ta' Med. 883/4 għas-sena 1887.



42 Ara l-**Malta,** nru. 959, 18.i.1887; nru. 978, 11.ii.1887; nru. 1004, 14.iii.1887.

43 Dwar dan aqra l-**Fede ed Azione,** nru. 1549, 3.ii.1887, u l-istampa kontemporaneja.

44 Ara "Bird of Ill Omen", fil-**Malta,** nru. 1004, 14.iii.1887.

45 Ara l-**Fede ed Azione,** nru. 1549, 3.ii.1887, p. 1-2.

46 Din il-laqgħa tal-Kunsill Eżekuttiv tal-Gvern kienet nru. 9, u saret fit-28 ta' Frar 1887. Il-minuti tagħha huma mehmużin mad-dispakk Simmons/Holland ta' l-1 ta' Marzu 1887 f'vol. 158/280 No. 5.

47 Ara "Appello agli Elettori", Malta, nru. 959, 18.i.1887; "Appello", iffirmat minn Mizzi bħala "Capo dei Nazionali" minn Londra fit-23 ta' Jannar 1887, f'**Malta,** nru. 978, 11.ii.1887.

48 Din kienet l-ewwel darba li Mizzi ħareġ fuq Malta, flok Għawdex. Din kienet ukoll l-ewwel darba li l-Konti Strickland ħareġ għall-politika.

49 Ma rrappurtax li Destefani, Sammut u Goffredo Sceberras kienu reġgħu telqħu u reġgħu rriżenjaw darbtejn fuq xulxin. Ara l-kumment ta' Herbert fuq nru. 8143 f'158/281.

50 Dwar id-dettalji tal-Kostituzzjoni ara d-dispakk Holland/Simmons ta' l-14 ta' Diċembru 1887 (C. 5308). Ara wkoll il-ktejjeb ta' J.J. Cremona "An Outline of the Constitutional Development of Malta Under British Rule" (Malta University Press, 1963).

51 Ara l-Manifest Elettorali tar-Reform Party iffirmat minn Savona u ħames kandidati oħra, li jġib id-data 20 ta' Frar 1888, 158/286; **Public Opinion** 27 ta' Diċembru 1887.

52 Minuta ta' Herbert dwar l-ittra Simmons/Holland 16 ta' Mejju 1887, 158/281.

53 Dan seħħ permezz tal-Letters Patent ta' l-14 ta' Frar 1889 L-istess Letters Patent kienu jgħidu wkoll illi r-rappreżentant ekkleżjastiku elett mill-eletturi speċjali seta' jkun biss Kattoliku.

54 Ara S. Savona: "Bribery, Corruption and Malversation at the General Election in Malta." (Valletta 1888).

55 A.D. Smith: "Theories of Nationalism" (London 1971) p. 82.

## TAQSIMA 3
## IL-PARTITI POLITIĊI TAĦT KOSTITUZZJONI RAPPREŻENTATTIVA

1 Ara l-Manifest Elettorali tal-P.N.: "Agli Elettori di Malta" f'dok. 2 inkluż fl-ittra Simmons/Holland, 24 ta' Frar 1888, 158/286; Gazzetta tal-Gvern Nru. 3244, tat-8 ta' Marzu 1888 pp. 107-8, 162/28.

2 Torrens/Knutsford, 22 ta' Ottubru 1888, 158/288.

3 Gerald Strickland: "Malta and the Phoenicians", 1921 (Ed. M. Strickland Progress Press, Valletta 1969) pp. 25, 26.

4 Mrs. E.P. Adams: "Home Life in Hawaii", ikkwotat minn E.P. Vassallo fi: "Strickland" (Progress Press, Valletta 1932) p. 10.

5 **Debates** 2 ta' Novembru 1899 Nru. 3, kol. 69.

6 Ara l-Memoirs ta' Strickland 21 ta' Marzu 1891, f'nru. 1 Dok. 68 883/4.

7 Rapport tal-Pulizija ta' l-4 ta' Ġunju 1895 dwar id-diskors ta' Savona tat-2 ta' Ġunju 1895, fl-ittra ta' Fremantle/Chamberlain iddatata 8/6/1895, 158/312.

8 Suppliment tal-**Malta Tagħna** Nru. 191, fl-ittra Fremantle/Ripon 21/1/1895, 158/311.

9 **Debates** 12 ta' Diċembru 1894 nru. 70, kol. 669-70.
10 Fremantle lil Chamberlain 22 ta' Awissu 1895, 158/312.
11 Għal lista ta' ismijiet u eżempji ta' dawn ara, per eżempju, id-diskors ta' Savona tas-7 ta' Diċembru 1891, fil-korrispondenza Smyth lil Knutsford ta' l-4 ta' Jannar 1892, 158/299.
12 **Debates,** 14 ta' Frar 1891, nru. 27, kol. 711; nru. 30, 4 ta' Frar 1891 kol. 854.
13 **Politica e Commercio,** Ħarġa nru. 1, 28 ta' Mejju 1889, fl-ittra Torrens/Knutsford tat-2 ta' Ġunju 1889, 158/291.
14 Torrens lil Knutsford 20 ta' Ġunju 1889, 158/291.
15 Appell ta' Castaldi lill-Eletturi Dok. 158/293/8254.
16 Smyth lil Knutsford l-4 ta' Ġunju 1891, 883/4.
17 Minuta ta' Wingfield tas-7 ta' Mejju 1891 dwar Smyth lil Knutsford 30 ta' April 1891, 158/296.
18 La Primaudaye lil Strickland 28 ta' April 1891 f'dok. 2, nru. 100, 883/4.
19 Din ix-xena ddeskrivieha ammiratur ta' Mizzi f'pamphlet imsejjaħ: "Mizzi, Savona e Strickland." G. Gauci. (Malta n.d.) pp. 11-12.
20 Smyth lil Knutsford 30 ta' April 1891, 883/4.
21 Smyth lil Knutsford 27 ta' Mejju 1891, 883/4.
22 Rapport tal-Pulizija fil-korrispondenza bejn Smyth/Knutsford 6 ta' Mejju 1891, 883/4.
23 **Ibid.**
24 Rapport dwar sħarriġ dwar l-aġir tal-pulizija fis-6 u s-7 ta' Mejju 1891 fl-ittra ta' Smyth lil Knutsford li ġġib id-data tas-7 ta' Awissu 1891.
25 **La Dépêche Tunisienne** ta' l-24 ta' Mejju 1891 fil-korrispondenza Drummond lil Salisbury 24 ta' Mejju 1891.

### TAQSIMA 4

IL-KWISTJONI TAR-RELIĠJON

1 Salisbury lil Simmons 1 ta' Awissu 1899, inkorporata fil-Korrispondenza dwar il-Missjoni Speċjali ta' Sir L. Simmons fil-Vatikan dwar il-Kwistjoni tar-Reliġjon f'Malta, Mejju 1890 (C. 5975).
2 Fremantle lil Chamberlain 23 ta' Novembru 1889, 158/326.
3 Rampolla/Simmons 20 ta' Marzu 1890, "Korrispondenza dwar il-Missjoni ta' Sir L. Simmons" eċċ., **op. cit.**
4 Simmons/Salisbury 23 ta' Diċembru 1889, **ibid.**
5 Simmons/Salisbury 22 ta' Jannar 1890, **ibid.**
6 Simmons/Salisbury 23 ta' Diċembru 1889, **ibid.**
7 Rampolla/Pace, 20 ta' Ġunju, ikkwotat minn T.M. Healy; ara Hansard, vol. ccclvii, kol. 508, 1890.
8 **Public Opinion,** tad-29 ta' Marzu 1890.
9 Caruana/Smyth 24 ta' Lulju 1890, 158/294.
10 **Ibid.**
11 **Debates,** 5 ta' Novembru 1890, nru. 19 kol. 190/191.
12 **Ibid,** kol. 191/192.
13 **Debates,** 20 ta' Ġunju 1890, nru. 13 kol. 684.
14 Smyth/Knutsford 1 ta' Ġunju 1891, 883/4.
15 **Malta Standard,** 28 ta' Awissu 1891, fl-ittra Smyth lil Knutsford 31 ta' Awissu 1891, 158/297.



16 **Risorgimento,** artiklu intitolat: "L'Interminabile Sinfonia". 27 ta' Awissu 1891.
17 **Malta,** artiklu msemmi: "Unione!" 26 ta' Awissu 1891.
18 **Debates,** 24 ta' Diċembru 1892, nru. 12 kol. 664.
19 Minuta ta' Herbert dwar l-ittra ta' Smyth lil Ripon li ġġib id-data tas-7 ta' Novembru 1892, 158/301.
20 Għal aktar tagħrif ara l-ittra li Pace bagħat lill-Vigarju Ġenerali, **Malta,** 25 ta' Novembru 1892, inkorporata fil-korrispondenza Smyth/Ripon 1 ta' Diċembru 1892, 158/301.
21 Ara l-ittra ta' Panzavecchia lil Smyth iddatata 3 ta' Diċembru 1892, fl-ittra ta' Smyth lil Ripon 6 ta' Diċembru 1892, 158/301.
22 Ara l-ittra ta' Fremantle lil Chamberlain, 10 ta' Marzu 1896, 158/315.
23 **Debates,** 28 ta' Ottubru 1896, nru. 25, kol. 100.
24 Ara l-ittra ta' Dr. Alfredo Mattei lil, **The Times** ta' l-4 ta' April 1896.
25 **Malta,** 12 ta' Diċembru 1892, fl-ittra Smyth/Ripon 16 ta' Diċembru 1892, 158/301.
26 Smyth lil Ripon 13 ta' Jannar 1893, 158/303.
27 **Public Opinion,** 10 ta' Jannar 1893.
28 Rapport tal-Pulizija tad-9 ta' Jannar 1893.
29 **Malta,** 9 ta' Jannar 1893.
30 Ċirkolari ta' l-Isqof lir-Rappreżentanti li ġġib id-data tas-7 ta' Lulju 1893, Dok. G, fl-ittra ta' Smyth lil Ripon, 6 ta' Novembru 1893, 158/306.
31 Minuta ta' Ripon, 7/8/1893, dwar l-ittra Smyth/Ripon, 28 ta' Lulju 1893, 158/30, 158/305; dispakk nru. 135; Gazzetta tal-Gvern nru. 3615, 16 ta' Settembru 1893.
32 Mifsud lil Smyth, 23 ta' Lulju 1894, 158/308.
33 Ara l-ittra ta' Fremantle lil Ripon, 4 ta' Awissu 1894, 158/309.
34 **Malta,** 21 ta'Lulju 1894, fl-ittra Fremantle lil Ripon, 24 ta' Lulju 1894, 158/308.
35 Ara l-ittra Smyth lil Ripon, 25 ta' Lulju 1894, 158/308.
36 Ara l-ittra Fremantle lil Ripon, 21 ta' Jannar 1895, 158/311.
37 **Debates,** 8 ta' Novembru 1895, nru. 4, kol. 154.
38 Rapport tal-Pulizija tas-16 ta' Frar 1895, fl-ittra Fremantle/Ripon, tat-28 ta' Frar 1895, 158/311.
39 Rapport tal-Pulizija, fl-ittra Fremantle/Chamberlain, 14 ta' Awissu 1895, 158/312.
40 Gazzetta tal-Gvern, nru. 3765, 29 ta' Awissu 1895, pp. 715-716, 162/30.
41 Fremantle/Chamberlain, 9 ta' Lulju 1895, 158/3121.
42 "The Marriage Laws of Malta": A Report. (Valletta 1897) pp. 18-19.
43 Malta, 13 ta' Jannar 1896; **Daily Malta Chronicle** 2 ta' Jannar u 10 ta' Jannar 1896; Fremantle/Chamberlain 16 ta' Jannar 1896, 158/315.
44 Fremantle lil Pace, 28 ta' Marzu 1895, 883/5.
45 Pace/Fremantle, 24 ta' Ottubru 1896, inkorporat fl-ittra ta' Fremantle lil Chamberlain, 30 ta' Ottubru 1896.
46 **Debates,** 28 ta' Ottubru 1896, nru. 25, kol. 88/90.
47 Fremantle/Chamberlain, 17 ta' Marzu 1896, 158/315.

43 Fremantle/Chamberlain, 5 ta' April 1898, 158/323.

**TAQSIMA 5**
IL-ĠLIEDA TAN-NAZZJONALISTI TAHT L-AMMINISTRAZZJONI TA' STRICKLAND

1 Grenfell lil Chamberlain, 2 ta' April 1901, 158/336.
2 Grenfell lil Chamberlain, 24 ta' Diċembru 1901, 158/336.
3 Minuti ta' Chamberlain 2/11/1901 dwar il-korrispondenza ta' Grenfell lil Chamberlain li ġġib id-data 14/10/1901. 158/338/36662.
4 Grenfell lil Chamberlain, 13 ta' Novembru 1901, 158/338.
5 Memorandum ta' l-Ammirall Sir John Fisher: "The Navy and Malta" dok. 3, nru. 109A, 883/5.
6 "Appello dei Gozitani": **Malta,** 24 ta' Awissu 1898.
7 Fremantle lil Chamberlain, 30 ta' Ġunju 1898, 25 ta' Settembru 1898, 158/324; Chamberlain lil Fremantle, 24 ta' Diċembru 1898, 158/326.
8 Chamberlain lil Fremantle, 24 ta' Diċembru 1898, 158/326.
9 **Parliamentary Papers 1870** xlix, p. 610.
10 Grenfell lil Chamberlain, 27 ta' Mejju 1899, 158/328.
11 Fremantle lil Chamberlain, 4 ta' Ottubru 1898, 158/325.
12 **Gazzetta tal-Gvern,** nru. 4050, 19 ta' Settembru 1898, p. 719, 162/32.
13 **Debates,** 13 ta' Marzu 1901, nru. 23, kol. 764.
14 Grenfell lil Chamberlain, 21 ta' Marzu 1899, 158/328.
15 **Malta,** 18 ta' Ġunju 1900.
16 Grenfell lil Chamberlain, 21 ta' Mejju 1901, 158/336/18366.
17 **Debates,** 7 ta' Ġunju 1899, nru. 10, kol. 403.
18 Grenfell lil Chamberlain, 8 ta' Frar 1899.
19 Grenfell lil Chamberlain, 18 ta' Ottubru 1898.
20 **Malta,** 13 ta' Jannar 1896.
21 Grenfell lil Chamberlain, 16 ta' Mejju 1902, 158/342/19760.
22 Clarke lil Lyttleton, 30 ta' Mejju, 13 ta' Lulju 1904, 158/346.
23 "Twissija lill-Missirijiet u lill-Ommijiet Kollha", **Daily Malta Chronicle,** 1901.
24 "Lill-Missirijiet u lill-Ommijiet tat-Tfal ta' l-Iskejjel tal-Gvern", **Malta** 1901.
25 Agius lil Blizzard, 3 ta' Settembru 1901, 158/338/43061.
26 **Malta e Sue Dipendenze,** 13 ta' Marzu 1902.

**TAQSIMA 6**
IL-KWISTJONI TAL-LINGWA

1 **Debates,** 6 ta' April 1899, nru. 2, kol. 26.
2 **Debates,** 14 ta' April 1899, nru. 14, kol. 179.
3 Strickland lill-Uffiċċju tal-Kolonji, 30 ta' Novembru 1901.
4 Grenfell lil Chamberlain, 19 ta' Ġunju 1901, 158/336.
5 Rapport tal-Pulizija, Grenfell lil Chamberlain, 21 ta' Mejju 1901.
6 **La Dépêche Tunisiènne,** 22 ta' Ottubru 1901.
7 Congleton lil Chamberlain, 16 ta' Awissu 1901.
8 A. Mercieca: "The Making and Unmaking of a Maltese Chief Justice". Valletta 1969, p. 30.



9 Grenfell lil Chamberlain, 21 ta' Jannar 1901; Chamberlain lil Grenfell, 13 ta" Frar 1901, 158/335.
10 Grenfell lil Chamberlain, 17 ta' Marzu 1902, nru. 175, 883/5.
11 Fremantle lil Chamberlain, 12 ta' Ottubru 1898, 158/326.
12 Chamberlain lil Fremantle, 31 ta' Ottubru 1898, **Parliamentary Paper 1899** lix, dok. 1, p. 257.
13 Minuti ta' Wingfield, 18 ta' Ġunju 1898 dwar il-korrispondenza ta' Fremantle lil Chamberlain tat-13 ta' Mejju 1898, 158/323.
14 **Malta,** 25 ta' Frar 1898.
15 **Il-Bandiera tal-Maltin,** 5 ta' Marzu 1898.
16 F. Mizzi u S. Cachia Zammit: "A Statement of Claims and Grievances of the Maltese People"; Lulju 1899.
17 Semini lil Chamberlain, 8 ta' Awissu 1901, 883/5.
18 **Debates,** 2 ta' Diċembru 1896, nru. 31, kol. 357, 365.
19 **Malta,** 23 ta' Marzu 1899.
20 Minuti ta' Harris, 28 ta' Marzu 1899.
21 **Debates,** 19 ta' April, nru. 5, kol. 207.
22 F. Mizzi u S. Cachia Zammit, **op. cit.,** a-g, para. 10, pp. 5-6.
23 **Ibid.,** para. 6-9.
24 **Ibid.,** para. 13, 15 p. 6.
25 **Ibid.,** para 15.
26 Chamberlain lil Grenfell, 20 ta' Lulju 1899; **Parliamentary Papers 1899** lix, nri. 18-19.
27 **Ibid.,** 30 ta' Ġunju 1899.
28 Grenfell lil Chamberlain, 8 ta' Ġunju 1899, **ibid.,** nru. 13.
29 **Malta,** "Assolutiżmu Kostituzzjonali", 31 ta' Lulju 1899; Grenfell lil Chamberlain; 5 ta' Awissu 1899, 158/329.
30 A. Cini: "Origine e Progresso della Lingua Italiana in Malta ossia La Lingua Nazionale dei Maltesi", Catania 1904.
31 Grenfell lil Chamberlain, 24 ta' Jannar 1902, nru. 129, 883/5/3919.
32 Garibaldi lil Lord Currie, 11 ta' Jannar 1901 dok. 158/339/4518.
33 Lord Currie lil Lansdowne, 8 ta' Novembru 1900, dok. 158/334/37329.
34 Grande lil Visconti-Venosta, 20 ta' Novembru 1900. Ara L. Villari: **"Rassegna di Politica Inetrnazionale",** Milan Novembru 1934, pp. 540-549.
35 J.L. Glanville: **Italy's Relations with England 1896-1905,** Baltimore 1934, p. 88.
36 Lord Currie lil Lansdowne, 12 ta' Diċembru 1900.
37 Lansdowne lil Lord Currie, 31 ta' Jannar 1902.
38 Wickham Steed: **Through Thirty Years,** Londra 1924.
39 J. Amery: **The Life of Joseph Chamberlain,** IV p. 177; Londra 1951.
40 Hansard, et serie 1902 C. 1173-1174.
41 **Malta,** 11 ta' Settembru 1902.
42 Grenfell lil Chamberlain, 12 ta' April 1901, 158/335.
43 **Debates,** 13 ta' Frar 1901, nru. 17, kol. 637-9.
44 Grenfell lil Chamberlain, 30 ta' Jannar 1899, 158/328.
45 **Debates,** 4 ta' Diċembru 1901, nru. 40, kol. 40.
46 **Ibid.**
47 **Ibid.,** kol. 47.

48 A. Mercieca, **op. cit.**, pp. 30-33.
49 Agli Studenti degli Atenei Italiani, ara Grenfell lil Chamberlain, 1 ta' Marzu 1902, 158/341.
50 Order-in-Council tas-26 ta' Settembru 1901, Med. 51, 883/5; Proklamazzjoni XIX ta' l-1901: Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' Ottubru 1901.
51 **Malta**, 8 ta' Ottubru 1901.
52 Grenfell lil Chamberlain, 14 ta' Ottubru 1901.
53 **Supra**. p. 25.
54 **Debates**, 12 ta' April 1902, nru. 47, kol. 374.
55 Grenfell lil Chamberlain, 18 ta' Frar, 29 ta' Marzu 1902, 883/5.
56 **Debates**, 30 ta' Marzu 1903, nru. 79, kol. 942-3.
57 Grenfell lil Chamberlain, 25 ta' April 1901, 158/344/15937.
58 La Question de Malte, **L'Italie** 28-29 ta' Mejju 1902.
59 Smyth lil Ripon, 1 ta' Lulju 1893; 158/304; Fremantle lil Chamberlain, 9 ta' Lulju 1895, 158/312.
60 Strickland lil Ommaney, 13 ta' Ottubru 1901, 158/338/36336.
61 B'Tifkira ta' Egħluq il-Mitt Sena tas-Soċjetà Filarmonika "Duke of Connoughts Own Band", Birkirkara; Valletta 1965 p. 19.
62 Methuen lil Bonar Law, Awissu 1916.
63 Kanonku F. Marengo, 13 ta' Marzu 1903.
64 Ara Chamberlain dwar Grenfell lil Chamberlain, 28 ta' April 1903.
65 **Debates**, 19 ta' Ġunju 1903, nru. 90, kol. 4057.
66 Parliamentary Papers 1903, kol. 5217.
67 Eż. ara **Debates**, 13 ta' Ġunju 1906, kol. 406.
68 Kelly lil Chamberlain, 15 ta' Settembru 1903.
Kelly lil Chamberlain, 8/9/1903; 15/9/1903; 3/11/1903; Clarke lil Lyttleton, 4/12/1903; 21//1/1904; 1/3/1904; 19/4/1904.
70 **Malta**, 29 ta' Awissu 1903.
71 **Malta**, 7 ta' Frar 1905.
72 **Public Opinion**, nru. 1187, 22 ta' Frar 1891, p. 3, kol. 2.
73 **Daily Malta Chronicle**, 5 ta' Mejju 1906.
74 Il Caso di MacNeil: **Malta**, 2 ta' Awissu 1906.
75 **Glasgow Herald**, 30 ta' Mejju 1906.
76 **Daily Record**, 21 ta' Mejju 1906.